# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 288

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

31 ta' Awwissu 2017

Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

**il-526 Sessjoni Plenarja tal-KESE fil-31 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 2017**

2017/C 288/01 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-intelliġenza artifiċjali — Il-konsegwenzi tal-intelliġenza artifiċjali fuq is-suq uniku (diġitali), il-produzzjoni, il-konsum, l-impjiegi u s-soċjetà" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . 1

2017/C 288/02 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Tfassil mill-ġdid possibbli tal-Politika Agrikola Komuni" (Opinjoni esploratorja) . . . 10

III *Atti preparatorji*

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

**il-526 Sessjoni Plenarja tal-KESE fil-31 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 2017**

2017/C 288/03 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-mexxejja li jmiss tal-Ewropa: l-Inizjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu" *(COM(2016) 733 final)* . . . 20

2017/C 288/04 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea" *(COM(2016) 799 final — 2016/0400 (COD))* . . . 29

MT

2017/C 288/05 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar: (a) "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, li tistabbilixxi l-proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti relatati ma' servizzi, u li temenda d-Direttiva 2006/123/KE u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern" *(COM(2016) 821 final — 2016/0398(COD))* — (b) "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet" *(COM(2016) 822 final — 2016/0404(COD))* — (c) "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-qafas legali u operattiv tal-e-Card Ewropea tas-servizzi introdotta bir-Regolament (ir-Regolament tal-ESC)" *(COM(2016) 823 final — 2016/0402(COD))* — (d) "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' e-Card Ewropea tas-servizzi u l-faċilitajiet amministrattivi relatati" *(COM(2016) 824 final — 2016/0403(COD))* . . . . . 43

2017/C 288/06 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-applikazzjoni temporanja ta' mekkaniżmu tar-reverse change ġeneralizzat b'rabta mal-provvista ta' prodotti u servizzi 'l fuq minn ċertu livell limitu" *(COM(2016) 811 final — 2016/0406(CNS))* . . . . . 52

2017/C 288/07 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol" *(COM(2017) 11 final — 2017/0004 (COD))* . . . . . 56

2017/C 288/08 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża" *(COM(2016) 950 final)* . . . . . 62

2017/C 288/09 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet pelaġiċi ż-żgħar fil-Baħar Adrijatiku u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet" *(COM(2017) 97 final — 2017/0043 (COD))* . . . 68

2017/C 288/10 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jitkomplew il-limitazzjonijiet attwali tal-kamp ta' applikazzjoni fl-attivitajiet tal-avjazzjoni u ssir il-preparazzjoni biex tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq mill-2021" *(COM(2017) 54 final — 2017/0017 (COD))* . . . . . 75

2017/C 288/11 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment: Aċċellerazzjoni tal-Innovazzjoni fil-qasam tal-Enerġija Nadifa" *(COM(2016) 763 final)* . . . . . 81

2017/C 288/12 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija Ewropea dwar is-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti u Kooperattivi: l-ewwel pass importanti lejn mobbiltà kooperattiva, konnessa u awtomatizzata" *(COM(2016) 766 final)* . . . . . 85

2017/C 288/13 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar: il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-suq intern għall-elettriku (riformulazzjoni)" *(COM(2016) 861 final — 2016-379-(COD))*, il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2005/89/KE" *(COM(2016) 862 final — 2016-377-(COD))*, il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (riformulazzjoni)" *(COM(2016) 863 final — 2016-378-(COD))* u l-"Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku (riformulazzjoni)" *(COM(2016) 864 final — 2016-380-(COD))* . . . . . 91

2017/C 288/14 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment — It-Tieni Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija" *(COM (2017) 53 final)* u dwar ir-"Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Rapport ta' Progress dwar l-Enerġija Rinnovabbli" *(COM(2017) 57 final)* . . . . . 100

2017/C 288/15 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi, mill-uffiċċji u mill-aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu tat-tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE" *(COM(2017) 8 final — 2017/0002 (COD))* . . . . . 107

2017/C 288/16 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/59/KE dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri u d-Direttiva 2006/126/KE dwar il-liċenzji tas-sewqan" *(COM(2017) 47 final — 2017/0015 (COD))* . . . . . 115

2017/C 288/17 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Lejn Strateġija tal-UE dwar ir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali" *(JOIN(2016) 29 final)* . . . . . 120

2017/C 288/18 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO)" *(COM(2017) 128 final — 2017/0056 COD)* . . . . . 129

2017/C 288/19 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiffissa r-rata ta' aġġustament prevista fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1306/2013 għall-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2017" *(COM(2017) 150 final — 2017/0068 COD)* 130

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## IL-526 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FIL-31 TA' MEJJU U L-1 TA' ĠUNJU 2017

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-intelliġenza artifiċjali — Il-konsegwenzi tal-intelliġenza artifiċjali fuq is-suq uniku (diġitali), il-produzzjoni, il-konsum, l-impjiegi u s-soċjetà"**

**(opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2017/C 288/01)

Relatur: **Catelijne MULLER**

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Assemblea tal-Plenarja | 22.9.2016 |
| Bażi legali | Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura<br>Opinjoni fuq inizjattiva proprja |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 4.5.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 31.5.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 159/3/14 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 L-intelliġenza artifiċjali (IA) attwalment qed tesperjenza numru ta' żviluppi importanti u qed tiġi applikata b'mod rapidu fis-soċjetà. Id-daqs tas-suq tal-IA huwa madwar USD 664 miljun u huwa mistenni li jiżdied għal USD 38,8 biljun fl-2025. Minħabba li l-IA jista' jkollha kemm impatt negattiv kif ukoll pożittiv fis-soċjetà, il-KESE impenja ruħu li jsegwi mill-qrib l-iżviluppi relatati mal-IA, mhux biss mil-lat tekniku, iżda wkoll, b'mod espliċitu, mil-lat etiku, ta' sigurtà u soċjetali.

1.2 Bħala rappreżentant tas-soċjetà ċivili Ewropea, il-KESE ser isawwar, jiċċentralizza u jippromovi d-**dibattitu pubbliku dwar** l-IA, billi jiġu involuti l-partijiet interessati rilevanti kollha: dawk li jfasslu l-politika, l-industrija, l-imsieħba soċjali, il-konsumaturi, l-NGOs, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u l-kura, l-esperti u l-akkademiċi minn diversi dixxiplini (inklużi l-IA, is-sigurtà, l-etika, l-ekonomija, ix-xjenza tax-xogħol, il-liġi, ix-xjenza tal-imġiba, il-psikoloġija u l-filosofija).

1.3 Għalkemm importanti, f'dan il-mument qed tiddomina d-diskussjoni dwar is-superintelliġenza u qiegħda taħbi d-dibattitu dwar l-impatt tal-użijiet attwali tal-IA. Għalhekk il-kompitu u l-għan ta' dan il-proċess ser ikunu, fost l-oħrajn, biex itejbu u jwessgħu l-għarfien dwar l-IA u b'hekk isir kontribut għal dibattittu infurmat u bbilanċjat ħieles mix-xenarji tal-agħar każijiet u r-relattiviżmu estrem. B'dan il-mod, il-KESE ser ikun impenjat jippromovi l-iżvilupp tal-IA għall-benefiċċju tal-umanità. Madankollu, kompitu u għan importanti ta' dan il-proċess huma wkoll li jiġu rikonoxxuti, identifikati u mmonitorjati żviluppi problematiċi fl-iżvilupp tal-IA u madwarha, sabiex jiġu indirizzati b'mod adegwat u fil-ħin. Dan għandu jwassal għal aktar involviment, fiduċja u appoġġ mis-soċjetà fir-rigward tal-iżvilupp u l-applikazzjoni sostenibbli ulterjuri tal-IA.

1.4 L-impatt tal-IA huwa transkonfinali u għalhekk għandhom jiġu stabbiliti oqfsa ta' politika sovranazzjonali. Il-KESE jirrakkomanda li l-UE tadotta **rwol globali u mexxej** fl-istabbiliment ta' oqfsa ta' politika globali u ċari għall-IA, f'konformità mal-valuri Ewropej u d-drittijiet fundamentali. Il-KESE jista', u għandu r-rieda, li jikkontribwixxi għal dan.

1.5 Il-KESE jidentifika attwalment **11-il qasam** fejn l-IA toffri sfidi soċjetali: l-etika; is-sigurtà; l-aċċessibbiltà; il-privatezza; it-trasparenza u r-responsabbiltà; ix-xogħol; l-edukazzjoni u l-ħiliet; l-(in)ugwaljanza u l-inklussività; il-liġi u r-regolamenti, il-governanza u d-demokrazija; il-gwerer u d-diplomazija; u s-superintelliġenza. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda dan li ġej.

1.6 Il-KESE jitlob approċċ ta' ***human-in-command*** għall-IA, inkluża l-prekondizzjoni li l-iżvilupp tal-IA jkun responsabbli, sigur u utli, fejn il-magni jibqgħu magni u l-persuni jżommu l-kontroll fuq dawn il-magni l-ħin kollu.

1.7 Il-KESE jitlob li jkun hemm **kodiċi ta' etika** għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-użu tal-IA sabiex matul il-proċess operattiv kollu tagħhom, is-sistemi tal-IA jibqgħu kompatibbli mal-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem, l-integrità, il-libertà, il-privatezza u d-diversità kulturali u tal-ġeneru, kif ukoll mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

1.8 Il-KESE jappella biex tiġi żviluppata **sistema ta' standardizzazzjoni** għall-verifika, il-validazzjoni u l-monitoraġġ tas-sistemi tal-IA abbażi ta' firxa wiesgħa ta' standards fil-qasam tas-sigurtà, it-trasparenza, il-komprensjoni, ir-responsabbiltà u l-valuri etiċi.

1.9 Il-KESE jitlob li jkun hemm **infrastruttura Ewropea tal-IA** li tikkonsisti f'ambjenti ta' sorsi miftuħa li jirrispettaw il-privatezza, ambjenti ta' testjar f'sitwazzjonijiet reali u settijiet ta' data ta' kwalità għolja għall-iżvilupp u t-taħriġ ta' sistemi tal-IA. Il-KESE jenfasizza l-vantaġġ (kompetittiv) li l-UE tista' tikseb fis-suq globali billi tiżviluppa u tippromovi "sistemi Ewropej tal-IA responsabbli", flimkien ma' ċertifikazzjoni u tikketti Ewropej tal-IA.

1.10 L-UE, il-gvernijiet nazzjonali u l-imsieħba soċjali għandhom jidentifikaw b'mod konġunt liema **setturi tas-suq tax-xogħol** ser jintlaqtu mill-IA, sa fejn u f'liema żmien, u għandhom ifittxu soluzzjonijiet sabiex jindirizzaw b'mod adegwat l-impatt fuq l-impjiegi, in-natura tax-xogħol, is-sistemi soċjali u l-(in)ugwaljanza. Imbagħad għandu jsir investiment fis-setturi tas-suq tax-xogħol fejn l-IA għandha impatt żgħir jew m'għandha l-ebda impatt.

1.11 Il-KESE jirrakkomanda li dawn il-partijiet interessati jaħdmu flimkien fuq is-**sistemi komplementari tal-IA u l-ħolqien konġunt tagħhom** fil-post tax-xogħol, bħal timijiet bejn il-bnedmin u l-magni, fejn l-IA tikkomplementa u ttejjeb il-prestazzjoni tal-bniedem. Il-partijiet interessati għandhom jinvestu wkoll f'**tagħlim formali u informali, edukazzjoni u taħriġ** għal kulħadd sabiex in-nies ikunu jistgħu jaħdmu bl-IA iżda wkoll biex jiġu żviluppati ħiliet li l-IA ma tistax jew m'għandhiex tikseb.

1.12 Diġà hemm bżonn ta' **evalwazzjoni konkreta tal-liġijiet u r-regolamenti tal-UE** fis-6 oqsma identifikati mill-iSTOA (Unità għall-valutazzjoni tal-għażliet xjentifiċi u teknoloġiċi) li fihom jista' jkun hemm bżonn li jiġu riveduti jew adattati. Il-KESE jista' u jixtieq jaqdi rwol attiv f'dan il-proċess ta' evalwazzjoni. Il-KESE huwa kontra li tiġi introdotta forma ta' personalità ġuridika għar-robots jew l-IA. L-effett ta' rimedju preventiv tal-liġi tar-responsabbiltà huwa għalhekk mitluf. Mill-iżvilupp u l-użu tal-IA joħroġ riskju ta' periklu morali u dan joħloq opportunitajiet għal abbuż.

1.13 L-iżvilupp ta' **applikazzjonijiet tal-IA li huma ta' benefiċċju għas-soċjetà**, jippromovu l-inklużjoni u jtejbu l-ħajja tan-nies għandu jiġi promoss u mħeġġeġ b'mod attiv, kemm b'mod pubbliku kif ukoll b'mod privat. Il-Kummissjoni Ewropea għandha, fi ħdan il-programmi tagħha, tiffinanzja r-riċerka dwar l-impatt soċjetali tal-IA kif ukoll tal-innovazzjonijiet tal-IA ffinanzjati mill-UE.

1.14 Il-KESE jappoġġja s-sejħa mill-Human Rights Watch u oħrajn għal **projbizzjoni fuq is-sistemi ta' armi awtonomi.** Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-konsultazzjoni dwar din il-kwistjoni mħabbra min-NU, iżda jqis li din għandha tkopri wkoll l-użu tal-IA fil-gwerra ċibernetika.

## 2. L-intelliġenza artifiċjali

2.1 M'hemm l-ebda definizzjoni unika, aċċettata u definita b'mod ċar ta' IA. L-IA hija terminu li jinkludi kollox għal numru kbir ta' (sotto)oqsma bħal: l-informatika konjittiva (algoritmi li jirraġunaw u jifhmu f'livell (aktar uman) ogħla), it-tagħlim mill-magni (algoritmi li jistgħu huma stess jitgħallmu l-kompiti), l-intelliġenza miżjuda (kooperazzjoni bejn il-bniedem u l-magna) u r-robotika tal-IA (l-IA mdaħħla fir-robots). L-għan ċentrali tar-riċerka u l-iżvilupp tal-IA huwa, madankollu, l-awtomatizzazzjoni tal-imġiba intelliġenti bħar-raġunament, il-ġbir ta' informazzjoni, l-ippjanar, it-tagħlim, il-komunikazzjoni, il-manipulazzjoni, is-sinjalar u saħansitra l-ħolqien, il-ħolm u l-perċezzjoni.

2.2 L-IA hija bejn wieħed u ieħor maqsuma f'IA stretta u f'IA ġenerali. L-IA stretta hija kapaċi twettaq kompiti speċifiċi. L-IA ġenerali hija kapaċi twettaq kwalunkwe kompitu intellettwali li jista' jitwettaq mill-bniedem.

2.3 Reċentement, fil-qasam tal-IA stretta sar progress sinifikanti, b'mod partikolari bil-progress fil-qawwa tal-ipproċessar tal-kompjuter, id-disponibbiltà ta' volumi kbar ta' data u l-iżvilupp tat-tagħlim bil-magni. It-tagħlim bil-magni jirreferi għal algoritmi li kapaċi jgħallmu lilhom infushom kompiti speċifiċi mingħajr ma jkollhom bżonn jiġu pprogrammati. Dan il-metodu huwa bbażat fuq l-ipproċessar ta' "data ta' taħriġ" abbażi ta' liema l-algoritmu jitgħallem jirrikonoxxi mudelli u jfassal regoli. It-tagħlim profond, tip ta' tagħlim bil-magni, juża strutturi (netwerks newroloġiċi) li huma liberament ibbażati fuq il-moħħ tal-bniedem u li jitgħallmu permezz tat-taħriġ u l-feedback. Ir-riżultat ta' dawn l-iżviluppi huwa li s-sistemi tal-IA (permezz tal-algoritmi) jistgħu jkunu kapaċi jgħallmu lilhom infushom, awtonomi u adattabbli.

2.4 Ir-riċerka u l-iżvilupp fl-IA ilhom għal xi żmien jiffokaw prinċipalment fuq ir-raġunament, l-akkwist tal-għarfien, l-ippjanar, il-komunikazzjoni u l-perċezzjoni (viżwali, awditiva u sensorjali). Dan wassal għal numru kbir ta' applikazzjonijiet tal-IA: assistenti virtwali, karozzi awtonomi, ġbir awtomatiku tal-aħbarijiet, rikonoxximent tad-diskors, softwer tat-traduzzjoni, softwer mill-kitba għad-diskors, kummerċ finanzjarju awtomatiku, skoperta elettronika legali, eċċ.

2.5 Il-KESE jinnota li reċentement kien hemm żieda esponenzjali fl-ammont ta' applikazzjonijiet u investiment fl-IA. Id-daqs tas-suq tal-IA bħalissa huwa madwar USD 664 miljun u huwa mistenni li jiżdied għal USD 38,8 biljun sal-2025.

## 3. Opportunitajiet u theddidiet tal-IA

3.1 Huwa virtwalment indisputabbli li l-IA jista' jkollha benefiċċji kbar għas-soċjetà: għandhom jitqiesu l-applikazzjonijiet fl-agrikoltura sostenibbli, trasport aktar sigur, sistema finanzjarja aktar sigura, proċessi ta' produzzjoni aktar favur l-ambjent, mediċina aħjar, xogħol aktar sigur, edukazzjoni aktar personalizzata, ġurisprudenza aħjar u soċjetà aktar sigura. Din tista' potenzjalment tikkontribwixxi wkoll sabiex jinqerdu l-mard u l-faqar. L-IA tista' wkoll tagħti kontribut ewlieni sabiex tissaħħaħ l-industrija u titjieb il-kompetittività tal-UE.

3.2 Bħal f'kull teknoloġija oħra li twassal għal tfixkil, l-IA wkoll iġġib magħha riskji u sfidi kumplessi ta' politika f'oqsma bħalma huma s-sikurezza u l-monitoraġġ, l-aspetti soċjoekonomiċi, l-etika u l-privatezza, l-affidabbiltà, eċċ.

3.3 Aħna qegħdin f'punt kruċjali biex niddeterminaw il-kundizzjonijiet (qafas) għall-iżvilupp u l-użu attwali u ulterjuri tal-IA. Dawn il-benefiċċji tal-IA jistgħu jkunu sostenibbli biss jekk l-isfidi li jduru magħha jiġu indirizzati b'mod adegwat. Għal dan il-għan għandhom isiru għażliet politiċi.

### a) ***Etika***

3.4 L-iżvilupp tal-IA jqajjem ħafna mistoqsijiet etiċi. Liema impatt għandha l-IA awtonoma (li tgħallem lilha nnifisha) fuq l-integrità personali, l-awtonomija, id-dinjità, l-indipendenza, l-ugwaljanza, is-sigurtà u l-libertà tal-għażla tagħna? Kif nistgħu niżguraw li n-normi, il-valuri u d-drittijiet tal-bniedem fundamentali tagħna jiġu rispettati u mħarsa?

3.5 Barra minn hekk, l-iżvilupp tal-IA attwalment qiegħed iseħħ f'ambjent omoġenju li primarjament huwa magħmul minn żgħażagħ irġiel bojod, bir-riżultat li d-disparitajiet kulturali u tal-ġeneru (kemm jekk intenzjonalment jew le) qegħdin jiġu inkorporati fl-IA, fost affarijiet oħra sabiex is-sistemi tal-IA jkunu jistgħu jitgħallmu mid-data tat-taħriġ. Din id-data għandha tkun preċiża u ta' kwalità tajba, diversa, eżawrjenti biżżejjed u imparzjali. Hemm tendenza ġenerali li wieħed jemmen li d-data hija, skont id-definizzjoni, oġġettiva, iżda dan huwa kunċett żbaljat. Id-data faċilment tiġi mmanipulata, tista' tkun preġudikata, tista' tirrifletti preġudizzji u preferenzi kulturali, tal-ġeneru u oħrajn u jista' jkun fiha l-iżbalji.

3.6 Is-sistemi tal-IA li qegħdin jiġu żviluppati issa mhux ser jinkludu valuri etiċi. Aħna l-bnedmin irridu nippreveduhom fis-sistemi tal-IA u fl-ambjenti li jintużaw fihom. L-iżvilupp, l-applikazzjoni u l-użu tas-sistemi tal-IA (kemm pubbliċi kif ukoll kummerċjali), għandhom isiru fil-limiti tan-normi, il-valuri, il-libertajiet u d-drittijiet tal-bniedem fundamentali tagħna. Il-KESE għalhekk jitlob li tiġi żviluppata u stabbilita kodiċi ta' etika globali u uniformi għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-użu tal-IA.

b) ***Sigurtà***

3.7 L-użu tal-IA fid-dinja fiżika bla dubju jagħti lok għal kwistjonijiet ta' sigurtà. Tista' ssir distinzjoni bejn is-sigurtà interna u dik esterna.

— *Is-sigurtà interna:* is-sistema tal-IA hija robusta biżżejjed biex (tkompli) tiffunzjona tajjeb? L-algoritmu huwa pprogrammat tajjeb? Tikkraxxja? Hija reżistenti għall-iħhekkjar? Hija effettiva? Hija affidabbli?

— *Is-sigurtà esterna:* is-sistema tal-IA hija sigura meta użata fis-soċjetà? Topera b'mod sigur, mhux biss f'sitwazzjonijiet normali, iżda wkoll f'sitwazzjonijiet mhux magħrufa, kritiċi jew imprevedibbli? X'inhu l-impatt tat-tagħlim awtonomu fuq is-sigurtà, inkluż jekk is-sistema tkompli titgħallem wara li tibda tintuża?

3.8 Il-KESE jemmen li s-sistemi tal-IA jistgħu jintużaw biss jekk jissodisfaw rekwiżiti speċifiċi għas-sigurtà interna u esterna. Dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu ddeterminati b'mod konġunt mill-ispeċjalisti tal-IA u tas-sigurtà, mill-intrapriżi u mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

c) ***It-trasparenza, il-komprensjoni, is-superviżjoni u r-responsabbiltà***

3.9 L-aċċettazzjoni kif ukoll l-iżvilupp u l-użu sostenibbli tal-IA huma marbutin mal-abbiltà li wieħed jifhem, jiċċekkja u jiċċertifika l-funzjoni, l-azzjonijiet u d-deċiżjonijiet tas-sistemi tal-IA, partikolarment wara.

3.10 L-azzjonijiet u d-deċiżjonijiet tas-sistemi tal-IA (permezz ta' algoritmi intelliġenti) huma involuti dejjem aktar f'ħajjet in-nies. Eżempji jinkludu l-użu tal-IA f'attivitajiet tal-pulizija permezz tal-informazzjoni, fil-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ipoteki jew fil-proċess biex tiġi awtorizzata assigurazzjoni. Il-komprensjoni, il-verifikabbiltà u r-responsabbiltà tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' sistema tal-IA huma kruċjali f'dan ir-rigward.

3.11 Attwalment, ħafna sistemi tal-IA huma wisq diffiċli biex l-utenti jifhmuhom. Dan japplika dejjem aktar ukoll għal dawk li joħolqu s-sistemi. B'mod partikolari, in-netwerks newroloġiċi huma ta' spiss "kaxxi suwed" fejn il-proċessi (tat-teħid ta' deċiżjonijiet) li qegħdin iseħħu m'għadhomx jistgħu jiġu mifhuma, u li għalihom ma jeżistux mekkaniżmi ta' spjegazzjoni.

3.12 Il-KESE jappella għal sistemi trasparenti, komprensibbli u verifikabbli tal-IA, li l-funzjonament tagħhom jista' jiġi spjegat anke wara. Barra minn hekk, għandu jiġi stabbilit liema proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet jistgħu jew ma jistgħux jiġu trasferiti għas-sistemi tal-IA u meta l-intervent mill-bniedem għandu jkun mixtieq jew meħtieġ.

d) ***Privatezza***

3.13 Il-privatezza tas-sistemi tal-IA hija kwistjoni ta' tħassib. Ħafna prodotti (tal-konsumaturi) diġà għandhom l-IA fihom: l-apparati domestiċi, il-ġugarelli tat-tfal, il-karozzi, it-trackers tas-saħħa u l-ismartphones. Dawn il-prodotti kollha jgħaddu data (ta' spiss personali) lill-pjattaformi bbażati fuq il-cloud tal-produtturi. Jekk il-privatezza tiġix imħarsa biżżejjed huwa punt ta' tħassib, partikolarment issa li l-kummerċ fid-data qiegħed jikber, u dan ifisser li d-data ġġenerata ma tibqax f'idejn il-produttur, iżda tinbiegħ lil partijiet terzi.

3.14 Billi tanalizza kwantitajiet kbar ta' data (ta' spiss) personali, l-IA hija wkoll kapaċi tinfluwenza l-għażliet tal-persuni f'ħafna oqsma (minn deċiżjonijiet kummerċjali għal elezzjonijiet u referenda). It-tfal huma grupp partikolarment vulnerabbli. Il-KESE huwa mħasseb dwar l-użijiet tal-IA li għandhom l-għan espliċitu li jinfluwenzaw l-imġiba u x-xewqat tat-tfal.

3.15 Hemm bżonn li jiġi evitat li l-użu tal-IA fir-rigward tad-data personali jillimita l-libertà attwali jew perċeputa tal-persuni. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-UE jipprovdi għal protezzjoni sinifikanti tal-privatezza għal informazzjoni personali miġbura diġitalment. Fid-dawl tal-iżvilupp tal-IA għandu jkun immonitorjat sew jekk id-dritt tal-persuni għall-kunsens informat u l-libertà tal-għażla huwiex raġonevolment żgurat fil-prattika meta tinħareġ id-data, iżda wkoll meta tiġi aċċessata, aġġustata u vverifikata.

e) ***In-normi, l-istandards u l-infrastruttura***

3.16 Għandhom jiġu żviluppati sistemi ġodda ta' standardizzazzjoni abbażi ta' firxa wiesgħa ta' standards sabiex jiġu vverifikati u vvalidati s-sistemi tal-IA bil-għan li jiġu evalwati u mmonitorjati s-sigurtà, it-trasparenza, il-komprensjoni, ir-responsabbiltà u r-responsabbiltà etika tas-sistemi tal-IA.

3.17 Il-KESE jappella li l-UE tiżviluppa infrastruttura tal-IA tagħha, li tikkonsisti f'ambjenti ta' sorsi miftuħa li jirrispettaw il-privatezza u settijiet ta' data ta' kwalità għolja għall-iżvilupp u t-taħriġ ta' sistemi tal-IA. L-UE tista' tikseb vantaġġ (kompetittiv) fis-suq globali billi tippromovi sistemi tal-IA Ewropej responsabbli. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jirrakkomanda li jiġi esplorat il-potenzjal taċ-ċertifikazzjoni u t-tikkettar tal-IA Ewropea.

f) ***L-impatt fuq ix-xogħol, l-impjiegi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sistemi soċjali***

3.18 Il-fehmiet huma diviżi dwar il-ħeffa u l-punt sa fejn dan għandu jseħħ, iżda huwa evidenti li l-IA ser ikollha impatt fuq il-livell ta' impjieg u n-natura u t-tip ta' bosta xogħlijiet, u għalhekk fuq is-sistemi soċjali.

3.19 Brynjolfsson u McAfee tal-MIT jirreferu għall-iżviluppi teknoloġiċi attwali (inkluża l-IA) bħala t-tieni era tal-magni. Madankollu hemm żewġ differenzi importanti: (i) il-magni "l-qodma" issostitwixxew b'mod predominanti l-muskoli, filwaqt li l-magni l-ġodda qegħdin jissostitwixxu l-poter tal-moħħ u l-ħiliet konjittivi, li jolqtu l-ħaddiema b'ħiliet baxxi ("blue collar") iżda wkoll lill-ħaddiema b'ħiliet medji u għoljin ("white collar") u (ii) l-IA hija teknoloġija bi skop ġenerali li virtwalment tolqot lis-setturi kollha b'mod simultanju.

3.20 L-IA jista' jkollha benefiċċji sinifikanti meta tintuża għal xogħol perikoluż, diffiċli, eżawrjenti, maħmuġ, mhux pjaċevoli, repetittiv jew tedjanti. Anke x-xogħol ta' rutina, l-ipproċessar tad-data u l-analiżi, jew xogħol fejn l-ippjanar jew it-tbassir jaqdu rwol ewlieni, xogħol li ta' spiss jitwettaq minn persuni b'ħiliet għolja, jista' dejjem aktar jitwettaq minn sistemi tal-IA.

3.21 Madankollu, il-maġġoranza tal-impjiegi jinkludu diversi attivitajiet. Il-probabbiltà li l-kompiti kollha ta' persuna jistgħu jitwettqu mill-IA jew li r-robots jieħdu posthom tidher baxxa. Madankollu, ħafna persuni ser jiffaċċjaw l-awtomazzjoni ta' partijiet mill-funzjonijiet tagħhom. Il-ħin li dan jillibera jista' jintuża għal kompiti oħra, sakemm l-awtoritajiet pubbliċi u l-imsieħba soċjali jagħmlu l-isforzi f'dan il-kuntest. F'dan ir-rigward, huwa meħtieġ li jitqies l-impatt li dawn l-iżviluppi jista' jkollhom fuq il-professjonisti u l-maniġers u li jiġi promoss l-involviment tagħhom, sabiex jibqgħu l-kapijiet tal-iżviluppi u mhux jisfaw vittma.

3.22 Barra minn hekk ser ikun hemm impjiegi ġodda. Minkejja dan, ħadd ma jista' jbassar dawn x'ser ikunu, kemm ser ikun hemm, u kemm dan ser iseħħ malajr. Kumpaniji bħal Google u Facebook kapaċi jiġġeneraw valur enormi b'numru relattivament żgħir ta' impjegati. Barra minn hekk, l-impjiegi ġodda mhux dejjem ikunu impjiegi ta' kwalità. It-tħassib huwa li bl-iżvilupp ulterjuri tal-IA ser jibqa' biss kompiti żgħar imħallsin baxx għal grupp dejjem jikber ta' ħaddiema flessibbli.

3.23 L-IA ser tolqot mhux biss il-kwantità ta' xogħol disponibbli, iżda wkoll in-natura tax-xogħol eżistenti. Is-sistemi tal-IA joffru dejjem aktar opportunitajiet biex isegwu u jimmonitorjaw il-ħaddiema, u dan iqajjem tħassib dwar l-awtonomija u l-privatezza. Ix-xogħol issa huwa spiss iddeterminat u distribwit minn algoritmi, mingħajr intervent mill-bniedem, li jinfluwenza n-natura tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Hemm ir-riskju wkoll li tonqos il-kwalità tal-impjiegi u li jintilfu ħiliet ewlenin minħabba l-użu tas-sistemi tal-IA.

3.24 Jibqa' l-fatt, madankollu, li t-teknoloġija mhux "tieħu l-kontroll". Il-gvernijiet u l-imsieħba soċjali għandhom il-possibilità li jiddeterminaw kif l-IA tiġi żviluppata u applikata aktar fl-impjieg u għandhom jaħtfu din il-possibbiltà b'idejhom it-tnejn. F'dan ir-rigward, huwa importanti li l-enfasi tkun mhux biss fuq x'inhi kapaċi tagħmel l-IA, iżda wkoll fuq x'inhuma kapaċi jagħmlu l-persuni (kreattività, empatija, kooperazzjoni) u x'irridu li l-persuni jkomplu jagħmlu, u jitfixxu l-opportunitajiet biex il-persuni u l-magni jkunu jistgħu jaħdmu flimkien aħjar (komplementarjetà).

3.25 L-intelliġenza miżjuda (komplementarjetà), fejn il-persuni u l-magni jaħdmu flimkien u jappoġġjaw lil xulxin, hija l-aktar użu interessanti tal-IA peress li dan jinvolvi persuna ma' magna, minflok persuna minflok magna. Madankollu, il-kokreazzjoni hija ta' importanza kbira: il-ħaddiema għandhom ikunu involuti fl-iżvilupp ta' dawn it-tipi ta' sistemi komplementari tal-IA sabiex ikun żgurat li dawn is-sistemi jistgħu jintużaw u li l-ħaddiem għandu biżżejjed awtonomija u kontroll (human-in-command), sodisfazzjon u pjaċir fix-xogħol.

g) ***Edukazzjoni u ħiliet***

3.26 Iż-żamma jew il-kisba ta' ħiliet diġitali huma meħtieġa biex in-nies jingħataw l-opportunità jadattaw għall-iżviluppi rapidi fil-qasam tal-IA. Il-Kummissjoni Ewropea hija impenjata bis-sħiħ fl-iżvilupp ta' ħiliet diġitali permezz tal-Koalizzjoni tagħha għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali. Madankollu, mhux kulħadd huwa kapaċi jew interessat fl-ipprogrammar jew li jsir programmatur. Għalhekk, il-politika u r-riżorsi finanzjarji ser ikollhom jiġu kkonċentrati fl-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet f'oqsma li mhumiex ser jiġu mhedda mis-sistemi tal-IA (pereżempju kompiti fejn hija importanti l-interazzjoni tal-bniedem, fejn in-nies u l-magni jikkooperaw, jew kompiti li nixtieqú li jitkomplewjitwettqu min-nies).

3.27 Meta tintuża l-komplementarjetà bejn in-nies u l-IA (intelliġenza miżjuda), ser tkun meħtieġa edukazzjoni – għal kulħadd u minn età bikrija – li tittratta u taħdem mas-sistemi tal-IA, sabiex jiġi żgurat li n-nies jistgħu jżommu l-awtonomija u l-kontroll fil-ħidma tagħhom (human-in-command). L-edukazzjoni fir-rigward b'mod partikolari tal-etika u l-privatezza hija importanti, peress li l-IA għandha impatt sinifikanti f'dawn l-oqsma.

h) ***L-aċċessibbiltà, l-(in)ugwaljanza soċjali, l-inklużività, id-distribuzzjoni***

3.28 Il-maġġoranza vasta tal-iżvilupp tal-IA u l-elementi kollha tagħha (pjattaformi ta' żvilupp, data, għarfien u għarfien espert) tinsab f'idejn il-ħames kumpaniji kbar tat-teknoloġija (Amazon, Facebook, Apple, Google u Microsoft). Għalkemm dawn il-kumpaniji huma favur l-iżvilupp miftuħ tal-IA u xi wħud minnhom iqiegħdu l-pjattaformi tagħhom ta' żvilupp tal-IA bħala sors miftuħ, dan ma jiggarantixxix l-aċċess totali tas-sistemi tal-IA. L-UE, dawk li jfasslu l-politika fil-livell internazzjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol importanti x'jaqdu biex jiżguraw li s-sistemi tal-IA jkunu aċċessibbli għal kulħadd, iżda wkoll li jkunu żviluppati f'ambjent miftuħ.

3.29 It-tibdil teknoloġiku li jiffavorixxi l-kapital, fejn l-innovazzjoni primarjament tipprovdi benefiċċji għas-sidien ta' din l-innovazzjoni, idgħajjef il-pożizzjoni tax-xogħol relattiva għal dik tal-kapital. It-tibdil teknoloġiku jista' jwassal ukoll għal inugwaljanzi (fl-introjtu) bejn in-nies (kemm lokalment u kif ukoll reġjonalment u globalment). L-IA tista' ssaħħaħ aktar dawn ix-xejriet.

3.30 Huwa importanti li dawn ix-xejriet jiġu mmonitorjati mill-qrib u indirizzati b'mod adegwat. Diġà kien hemm sejħiet għal taxxi fuq l-IA, dividend tal-IA jew sjieda kondiviża tas-sistemi tal-IA mill-ħaddiema u l-impjegaturi. Dejjem aktar qed jiżdied id-diskors dwar il-bżonn ta' introjtu bażiku mhux kondizzjonali.

3.31 F'Opinjoni preċedenti ([1]), il-KESE diġà identifika l-possibbiltà li d-dividend diġitali jiġi kondiviż b'mod ugwali bil-għan li jinkisbu effetti pożittivi ta' tkabbir. Il-KESE jagħti importanza lir-riċerka għal dawn is-soluzzjonijiet, madankollu għandu jinstab bilanċ xieraq bejn l-iżvilupp ta' IA li hija ta' benefiċċju għan-nies u l-effetti potenzjali restrittivi li jirriżultaw mis-soluzzjonijiet. Għandu jiġi evitat ukoll il-periklu morali, fejn ir-responsabbiltà għas-sistemi tal-IA tiġi trasferita lil entità li ma tistax effettivament tinżamm responsabbli.

([1]) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 161.

i) ***Liġijiet u regolamenti***

3.32 L-implikazzjonijiet tal-IA għal-liġijiet u r-regolamenti eżistenti huma kbar. F'Ġunju 2016, l-unità tal-Parlament Ewropew tal-valutazzjoni tal-għażliet xjentifiċi u teknoloġiċi xjentifiċi (STOA) tat sommarju tal-liġijiet u r-regolamenti Ewropej li ser jintlaqtu mill-iżviluppi fil-qasam tar-robotika, is-sistemi ċiberfiżiċi u l-IA. L-iSTOA stabbilixxiet 6 oqsma – it-trasport, is-sistemi b'użu doppju, il-libertajiet ċivili, is-sigurtà, is-saħħa, l-enerġija – fejn sa 39 regolament, direttiva, dikjarazzjoni u komunikazzjoni tal-UE kif ukoll il-Karta Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali jista' jkollhom bżonn jiġu riveduti jew emendati. Din l-evalwazzjoni għandha tiġi indirizzata b'mod urġenti u deċiżiv u l-KESE jista' u jrid jaqdi rwol attiv f'dan il-proċess.

3.33 Hemm ħafna diskussjoni dwar il-kwistjoni ta' min jista' jinżamm responsabbli meta sistema tal-IA tikkawża danni, speċjalment jekk is-sistema tal-IA titgħallem b'mod awtonomu u tkompli titgħallem wara li tibda tintuża. Il-Parlament Ewropew fassal rakkomandazzjonijiet għal liġi ċivili dwar ir-robotika, inkluża proposta sabiex tiġi investigata 'l hekk imsejħa personalità elettronika tar-robots, sabiex inkunu jistgħu jinstabu ċivilment responsabbli għal kwalunkwe dannu li jistgħu jikkawżaw. Il-KESE huwa kontra kull forma ta' status legali għar-robots jew għall-IA (/għas-sistemi tal-IA), peress li dan jinkludi riskju inaċċettabbli ta' periklu morali. Il-liġi tar-responsabbiltà hija bbażata fuq funzjoni preventiva u ta' korrezzjoni ta' mġiba, li tista' tgħib hekk kif il-produttur ma jibqax iġorr ir-riskju ta' responsabbiltà, peress li dan jiġi trasferit lejn ir-robot (jew is-sistema tal-IA). Barra minn hekk, hemm ir-riskju ta' użu ħażin u abbuż ta' forma legali bħal din. It-tqabbil mar-responabbiltà limitata ta' kumpaniji hija żbaljata, għaliex hawnhekk dejjem tkun persuna fiżika li tkun fl-aħħar mill-aħħar responsabbli. F'dan ir-rigward, għandu jiġi eżaminat sa liema punt il-liġijiet, ir-regolamenti u l-ġurisprudenza tal-UE u dawk nazzjonali fil-qasam tar-responsabbiltà (ta' prodott u ta' riskju) u ħtija proprja jipprovdu tweġiba adegwata għal din il-mistoqsija u jekk le, x'tip ta' soluzzjonijiet legali jisgħu jkunu offruti.

3.34 Approċċ korrett għal-liġijiet u r-regolamenti fil-kuntest tal-IA, barra minn hekk, jeħtieġ fehim tajjeb ta' x'tista' u x'ma tistax tagħmel l-IA u x'tista' tkun kapaċi tagħmel fuq perjodu ta' żmien qasir, medju u twil.

3.35 L-IA mhix limitata għall-fruntieri. Għalhekk huwa importanti li jitfittex il-bżonn għal regolamenti globali, peress li r-regolamenti reġjonali mhux ser ikunu biżżejjed u jista' jkollhom effetti mhux mixtieqa. Minħabba s-sistema ppruvata tagħha ta' standards ta' prodotti u ta' sigurtà, it-tendenza lejn il-protezzjoniżmu f'kontinenti oħra, il-livell għoli ta' għarfien fi ħdan l-Ewropa kollha, is-sistema tad-drittijiet fundamentali u l-valuri soċjali Ewropej kif ukoll id-djalogu soċjali, il-KESE jirrakkomanda li l-UE tieħu rwol ewlieni fil-ħolqien ta' oqfsa ta' politika globali u uniformi għall-IA u tippromovi dan il-proċess fil-livell globali.

j) ***Governanza u demokrazija***

3.36 L-applikazzjonijiet tal-IA jistgħu jgħinu jtejbu l-involviment tan-nies fil-politiki tal-gvern u teħid ta' deċiżjonijiet amministrattivi aktar trasparenti. Il-KESE jappella lill-UE u lill-gvernijiet nazzjonali biex jużaw l-IA għal dan l-iskop.

3.37 Il-KESE huwa mħasseb dwar l-użu mmirat tas-sistemi tal-IA (fil-forma ta' algoritmi intelliġenti) għall-ġbir tal-aħbarijiet fuq, pereżempju, il-midja soċjali, li donnha wasslet biex tiġi ffiltrata l-informazzjoni u biex is-soċjetà tkompli tinqasam (eż. "filter bubbles" u aħbarijiet mhux ġenwini fuq Twitter u Facebook waqt l-elezzjoni fl-Istati Uniti).

3.38 Il-KESE huwa mħasseb ukoll dwar is-sinjali li s-sistemi tal-IA ser jintużaw biex jinfluwenzaw l-imġiba (relatata mal-votazzjoni) tal-persuni. Il-preferenzi u l-imġiba tal-persuni ser ikunu mbassra u influwenzati permezz ta' algoritmi intelliġenti. Din hija theddida għad-demokrazija ġusta u miftuħa. Fl-era attwali tal-polarizzazzjoni u ż-żarmar ta' istituzzjonijiet internazzjonali, il-preċiżjoni u l-qawwa ta' teknoloġija ta' propaganda bħal din malajr jistgħu joħolqu aktar tfixkil fis-soċjetà. Din hija waħda mir-raġunijiet għalfejn huma meħtieġa standards għat-trasparenza u r-responsabbiltà ta' algoritmi (intelliġenti).

k) ***Gwerra***

3.39 Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Ċerti Armi Konvenzjonali ddeċidiet li fl-2017 tlaqqa' esperti sabiex jiġu diskussi l-implikazzjonijiet tal-armi awtonomi. Il-KESE jilqa' dan u jappoġġja s-sejħa mill-Human Rights Watch u oħrajn għal projbizzjoni fuq is-sistemi tal-armi awtonomi. Il-KESE huwa tal-fehma li projbizzjoni bħal din għandha tiġi analizzata u kkunsidrata bir-reqqa. Dan, madankollu, mhuwiex biżżejjed biex jiġu indirizzati b'mod adegwat il-possibbiltajiet tal-IA fi gwerer u sitwazzjonijiet ta' kunflitt. L-użu tal-IA fi gwerra ċibernetika għandu wkoll ikun analizzat f'din il-konsultazzjoni tan-NU.

3.40 Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat li l-IA ma taqax f'idejn persuni jew reġimi li għandhom l-għan li jużawha f'attivitajiet terroristiċi.

l) ***Superintelligenza***

3.41 Fl-aħħar nett tqum il-kwistjoni dwar il-possibbiltajiet u r-riskji assoċjati mal-iżvilupp tas-superintelliġenza. Skont Stephen Hawking, l-iżvilupp ta' IA ġenerali tista' tfisser it-tmiem tal-umanità. F'dak il-mument, l-IA ser tkompli tevolvi b'pass li l-persuni ma jkunux jistgħu jlaħħqu miegħu. B'riżultat ta' dan, hemm esperti li jagħżlu l-hekk imsejħa 'kill-switch' jew ir-'reset button' , li nistgħu nużaw biex niddiżattivaw jew nerġgħu nixgħelu sistema tal-IA li titlef il-kontroll jew li tkun superintelliġenti.

3.42 Il-KESE jitlob approċċ ta' human-in-command inkluża l-prekondizzjoni li l-iżvilupp u l-użu tal-IA jkunu responsabbli u siguri, fejn il-magni jibqgħu magni u l-persuni jkunu jistgħu jżommu l-kontroll fuq dawn il-magni l-ħin kollu. F'dan ir-rigward hija importanti d-diskussjoni dwar is-superintelliġenza, iżda qiegħda taħbi f'dan il-mument id-dibattitu dwar l-impatt tal-użijiet attwali tal-IA.

## 4. L-IA għall-ġid tal-bniedem

4.1 Il-partijiet kummerċjali kbar issa nedew diversi inizjattivi għall-iżvilupp miftuħ, sigur u soċjalment responsabbli tal-IA (pereż. OpenAI). Madankollu, dawk li jfasslu l-politika ma jistgħux iħallu dan f'idejn l-intrapriżi u għandhom rwol x'jaqdu f'dan il-kuntest. Hemm bżonn ta' miżuri mmirati u appoġġ għar-riċerka dwar l-isfidi soċjetali assoċjati mal-IA u għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IA siguri u b'saħħithom.

4.2 Il-programmi tal-UE, bħall-Orizzont 2020, huma ideali biex jindirizzaw din l-isfida. Il-KESE nnota li l-finanzjament, b'mod partikolari taħt il-pilastru "Sfidi Soċjetali" tal-Orizzont 2020 għadu lura meta mqabbel ma' dak taż-żewġ pilastri l-oħra "Xjenza Eċċellenti" u "Tmexxija Industrijali" u qiegħed jonqos. Il-KESE jappella sabiex ir-riċerka dwar l-isfidi soċjetali ġenerali kif ukoll dwar l-użu soċjetali tal-IA tkun prominenti fi ħdan il-pilastru "Sfidi Soċjetali".

4.3 Għandhom jiġu indirizzati wkoll l-effetti trasverali tal-IA. B'mod parallel mal-finanzjament għall-iżvilupp ta' innovazzjonijiet tal-IA li huma ta' tfixkil, għandu jkun hemm ukoll finanzjament għar-riċerka dwar l-impatt soċjetali ta' dawn l-innovazzjonijiet u kif għandhom jiġu indirizzati.

4.4 Ir-riċerka u l-iżvilupp tal-IA li hija ta' benefiċċju għall-umanità teħtieġ ukoll varjetà ta' data ta' taħriġ u ta' testjar ta' kwalità għolja u disponibbli b'mod miftuħ u ta' ambjenti ta' testjar f'sitwazzjonijiet reali. S'issa, l-infrastruttura tal-IA u ħafna data ta' kwalità kienu biss disponibbli minn u għal għadd limitat ta' operaturi privati u jeżistu ostakli sabiex l-IA tiġi ttestjata fl-ispazju pubbliku, u dan jipprevjeni milli l-IA tiġi użata f'oqsma oħra. L-iżvilupp ta' data disponibbli b'mod pubbliku u ta' kwalità għolja u infrastruttura Ewropea tal-IA huma kruċjali sabiex tinkiseb IA sigura, b'saħħitha u utli.

## 5. Monitoraġġ u azzjoni

5.1 L-impatt soċjetali wiesa' tal-IA għadu ma jistax jiġi vvalutat kompletament. Il-fatt li l-impatt ser ikun sinifikanti mhuwiex, madankollu, ikkontestat. L-iżviluppi fil-qasam tal-IA attwalment qegħdin iseħħu b'pass mgħaġġel, li jitlob monitoraġġ kritiku u globali, sabiex jiġu indirizzati b'mod adegwat u f'waqtu l-iżviluppi importanti u ta' tfixkil, kemm tekniċi kif ukoll soċjetali, fl-IA u madwarha ("game-changers").

5.2 Il-game-changers tekniċi jistgħu jinkludu qabżiet notevoli jew sinifkanti fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-IA, li jistgħu jkunu prekursuri sabiex tinkiseb IA ġenerali. Il-game-changers soċjali jistgħu jinkludu telf sinifikanti ta' impjiegi mingħajr impjiegi biex jissostitwixxuhom, sitwazzjonijiet riskjużi, nuqqasijiet fis-sistema, żviluppi internazzjonali mhux mistennija, eċċ.

5.3 Dawk li jfasslu l-politika, l-industrija, l-imsieħba soċjali, il-konsumaturi, l-NGOs, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u l-kura, l-esperti u l-akkademiċi minn diversi dixxiplini (inklużi l-IA (applikata), is-sigurtà, l-etika, l-ekonomija, ix-xjenza tax-xogħol, il-liġi, ix-xjenza tal-imġiba, il-psikoloġija u l-filosofija) għandhom jaħdmu flimkien biex jissorveljaw mill-qrib l-iżviluppi relatati mal-IA u tiġi identifikata lista ta' dan it-tibdil sinifikanti u tinżamm aġġornata, sabiex ikunu jistgħu jittieħdu l-miżuri adegwati fil-mument opportun, kemm jekk f'forma ta' politika, liġi jew regolamenti, awtoregolazzjoni u djalogu soċjali.

5.4 Il-KESE, bħala rappreżentant tas-soċjetà ċivili organizzata Ewropea, ser isawwar, jiċċentralizza u jippromovi dan id-dibattitu b'diversi partijiet interessati dwar l-IA fil-perjodu li ġej.

Brussell, il-31 ta' Mejju 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Tfassil mill-ġdid possibbli tal-Politika Agrikola Komuni"**

**(Opinjoni esploratorja)**

(2017/C 288/02)

Relatur: **John BRYAN**



| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni, 10.2.2017 |
| Bażi legali | Artikolu 302 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| | Opinjoni esploratorja |
| Deċiżjoni tal-Bureau | 21.2.2017 |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent |
| Adottata fis-sezzjoni | 17.5.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 1.6.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 229/4/5 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |



1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jemmen li l-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija politika essenzjali tal-UE, li għaċ-ċittadini Ewropej u għas-settur agrikolu għandha tipprovdi politika verament komuni, u li laħqet l-objettivi ewlenin tagħha stabbiliti fit-Trattat ta' Ruma. Filwaqt li t-talba għal Opinjoni esploratorja titkellem dwar tfassil mill-ġdid tal-PAK, il-KESE jagħmel enfasi fuq l-aġġornar tal-PAK fl-interess tal-partijiet interessati, permezz ta' approċċ kawt u organiku. It-tfassil mill-ġdid tal-PAK għandu jitqies b'mod pożittiv u l-baġit tal-PAK għandu jkun adatt biex jindirizza l-ħtiġijiet ġodda u dawk eżistenti, kemm fir-rigward tal-ekonomija agrikola kif ukoll kriterji soċjali u ambjentali.

1.2 PAK imfassla mill-ġdid għandha tissodisfa l-ħtiġijiet tal-isfidi ġodda li qed tiffaċċja l-Ewropa, inklużi l-impenji tal-UE skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti u l-impenji għat-tibdil fil-klima skont il-21 Konferenza tal-Partijiet (COP21), ftehimiet kummerċjali bilaterali u l-volatilità tas-suq.

1.3 Il-PAK għandha tappoġġja bil-qawwa l-Mudell Ewropew tal-Agrikoltura bl-azjendi agrikoli tradizzjonali mmexxija mill-familji, u l-kooperattivi u l-kumpaniji agrikoli, kif ukoll tindirizza l-inugwaljanza kbira fl-introjtu kemm bejn żoni rurali u urbani kif ukoll fi ħdan l-agrikoltura, bl-involviment ta' organizzazzjonijiet settorjali agrikola.

1.4 Peress li jipprovdi provvista sostenibbli ta' ikel sikur ta' kwalità għolja għal aktar minn 500 miljun ċittadin tal-UE, u esportazzjonijiet b'valur ta' EUR 131 biljun li jirrappreżentaw 7,5 % tal-esportazzjonijiet totali tal-UE, il-baġit tal-PAK li jammonta għal 38 % tal-baġit totali tal-UE għandu jilħaq bilanċ filwaqt li jipprovdi valur għall-flus. L-iffinanzjar futur għandu jkun suffiċjenti biex jindirizza d-domandi finanzjarji addizzjonali li jirriżultaw mill-Brexit, il-pressjoni fuq id-dħul tal-azjendi agrikoli u ż-żieda fid-domanda għall-beni pubbliċi.

1.5 Il-KESE jappoġġja ż-żamma tal-mudell ta' żewġ pilastri tal-PAK. Il-pagamenti diretti fil-Pilastru 1 għandhom jappoġġjaw id-dħul mill-biedja, il-miżuri għall-ġestjoni tas-swieq, u t-twassil tal-beni pubbliċi. Il-pagamenti għall-Iżvilupp Rurali fil-Pilastru 2 għandhom jiffokaw fuq programmi ekonomiċi, ambjentali u soċjali skont l-objettivi stabbiliti f'Cork 2.0 biex jappoġġjaw reġjuni u setturi vulnerabbli, u għandhom jiżguraw approċċ immirat għat-twassil ta' beni pubbliċi.

1.6 Il-kontribut siewi li l-agrikoltura tagħti lill-ambjent huwa sottovalutat. Il-bjar tal-karbonju fil-bwar, il-forestrija, it-torbieri u r-ringieli ta' sġajriet jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni, jiġu protetti u mtejba kemm taħt il-pagamenti tal-Pilastru 1 kif ukoll taħt dawk tal-Pilastru 2 tal-PAK.

1.7 Għandhom jiġu implimentati programmi mmirati u robusti li jiffokaw fuq bdiewa żgħażagħ, speċjalment in-nisa, u l-irtirar biex jindirizzaw il-kwistjoni importanti tat-tiġdid ġenerazzjonali. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu adottati programmi mmirati biex isaħħu r-rwol tan-nisa b'mod ġenerali fl-agrikoltura.

1.8 Is-semplifikazzjoni jeħtieġ li tkun parti ewlenija ta' PAK imfassla mill-ġdid bl-użu ta' teknoloġija moderna biex jiġi semplifikat u jitnaqqas il-piż burokratiku dejjem jikber li l-bdiewa jiffaċċjaw. Jeħtieġ li jsiru bidliet fil-proċess ta' awditjar/spezzjonijiet biex ikun jinkludi mudell ta' trasferiment (close out model), sistema tal-karta safra, rekwiżiti ta' kundizzjonalità mnaqqsa u tolleranzi akbar, ilkoll iffokati fuq semplifikazzjoni u twettiq aħjar tal-pagamenti.

1.9 PAK imfassla mill-ġdid jeħtieġ li żżomm il-prinċipju tal-preferenza komunitarja u tas-sovranità tal-ikel ibbilanċjat bejn it-territorji, b'ikel tal-UE għaċ-ċittadini tal-UE. Il-potenzjal għall-agrikoltura għandu jiġi enfasizzat fi kwalunkwe ftehim kummerċjali bilaterali jew multilaterali mingħajr ma jiġi sagrifikat is-settur sabiex jinkisbu benefiċċji f'oqsma oħrajn. L-importazzjonijiet kollha tal-ikel tal-UE – filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tal-konformità – għandhom jissodisfaw l-istandards kollha tal-UE fuq il-kundizzjonijiet sanitarji, fitosanitarji (SPS), tax-xogħol u ambjentali.

1.10 Il-pożizzjoni tal-bidwi fil-katina tal-ikel għandha tissaħħaħ. Ir-rakkomandazzjonijiet pożittivi mit-Task Force dwar is-Swieq tal-Agrikoltura tal-UE jeħtieġ li jiġu adottati u implimentati. Hija kruċjali aktar promozzjoni, u promozzjoni aktar b'saħħitha, orjentata lejn is-setturi u r-reġjuni, tal-kooperazzjoni bejn il-produtturi u l-kooperattivi u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi eżistenti, l-iżjed dawk żgħar. B'mod partikolari, trid issir enfasi speċifika fuq dawk is-setturi u r-reġjuni fejn il-kooperazzjoni hija baxxa.

1.11 Pilastru 1 kif ukoll Pilastru 2 b'saħħithom huma essenzjali għal PAK ġdida mfassla mill-ġdid bi Programmi tal-Iżvilupp Rurali flessibbli disponibbli fl-Istati Membri kollha inklużi żoni b'restrizzjonijiet naturali (ANC) u li jagħmlu enfasi fuq reġjuni u setturi vulnerabbli.

1.12 Il-livell ta' għajnuna diretta mħallsa lill-bdiewa fl-Istati Membri individwali tal-UE jeħtieġ li jiġi armonizzat aktar, sabiex jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-bdiewa fl-Istati Membri kollha u biex jiġi żgurat żvilupp bilanċjat taż-żoni rurali madwar l-UE.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1 L-agrikoltura hija integrata fl-UE aktar minn kwalunkwe settur ekonomiku ieħor. Hija l-uniku settur ewlieni b'politika komuni, iffinanzjat b'mod ċentrali mill-baġit tal-UE. Is-settur tal-biedja u agroalimentari huwa impjegatur importanti immens fl-ekonomija bi 11-il miljun bidwi, 22 miljun ħaddiem agrikolu u 22 miljun impjieg relatat ieħor fl-ipproċessar, il-bejgħ bl-imnut u s-servizzi tal-ikel ([1]). Ħafna mill-impjiegi jinsabu f'reġjuni rurali aktar foqra. Il-biedja tikkontribwixxi għal attività ekonomika f'kull Stat Membru u fir-reġjuni kollha. Matul l-aħħar 10 snin, il-valur tal-esportazzjonijiet agroalimenti u tax-xorb tal-UE kiber b'medja ta' 8 % fis-sena, u fl-2016 laħaq EUR 131 biljun ([2]).

2.2 Il-PAK hija politika tal-UE essenzjali li tipprovdi provvista sostenibbli ta' ikel sikur ta' kwalità għal 500 miljun ċittadin tal-UE bi prezzijiet affordabbli. Il-PAK għandha wkoll a) tiżgura wkoll livell raġonevoli ta' dħul għall-bdiewa tal-UE u b) twassal għal żvilupp soċjali, ambjentali u ekonomiku fiż-żoni rurali. Il-bdiewa u l-forestiera jiġġestixxu 'l fuq minn 82 % taż-żona tal-art tal-UE ([3]) u għaldaqstant jiffurmaw parti essenzjali minn ekonomija agrikola sostenibbli u li għandha tkun multifunzjonali.

([1]) European Commission EU agricultural spending focused on results, Settembru 2015.
([2]) European Commission Agri-food trade statistical fact sheet – Extra EU 28.
([3]) Eurostat. Land cover, land use and landscape 2016.

2.3 B'baġit ta' EUR 59 biljun, il-PAK tipprovdi appoġġ essenzjali lill-bdiewa u 'l-intrapriżi tagħhom permezz tal-pagamenti diretti, il-miżuri ta' appoġġ għas-suq u l-programmi ta' żvilupp rurali. Għandu jiġi nnotat li l-appoġġ tal-PAK huwa marbut mal-forniment tal-beni pubbliċi u l-issodisfar ta' standards Ewropej ogħla. Dawn il-pagamenti diretti tal-Pilastru 1 huma tabilħaqq marbutin mal-kundizzjonalità u mar-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (statutory management requirements – SMRs) dwar is-sikurezza alimentari, l-istandards tas-saħħa tal-annimali u l-pjanti u tat-trattament xieraq, u l-kontrolli ambjentali, u huma essenzjali biex jgħinu lill-bdiewa jistabbilizzaw id-dħul u jindirizzaw il-volatilità tas-suq. Bħalissa 30 % tal-pagamenti diretti huma marbuta mar-rekwiżiti tal-ekoloġizzazzjoni ffokati fuq il-kwalità tal-ħamrija, il-bijodiversità, u s-sekwestru tal-karbonju; madankollu għad hemm problemi ambjentali u soċjali li għad iridu jiġu solvuti. Il-miżuri għas-suq, filwaqt li tnaqqsu b'mod serju fl-aħħar riforma tal-PAK, għadhom importanti, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi tas-suq. Jinħtieġu miżuri ġodda biex tiġi indirizzata l-volatilità. Il-Programm tal-Iżvilupp Rurali kkofinanzjat jipprovdi t-tieni pilastru kruċjali għall-programmi ekonomiċi, ambjentali u soċjali li huma implimentati kemm f'livell tal-azjenda agrikola individwali kif ukoll f'żoni rurali.

2.4 Matul dawn l-aħħar sitt deċennji, minkejja n-nuqqasijiet tagħha, il-PAK ipprovdiet benefiċċji sinifikanti għaċ-ċittadini tal-UE, il-produtturi, il-konsumaturi, il-kontribwenti u s-soċjetà usa' tal-UE. Madankollu, f'xi oqsma qed niffaċċjaw problemi marbutin mal-bijodiversità, l-ambjent u l-pajsaġġi, u dawn jeħtieġ li jiġu indirizzati. Din uriet li hija adattabbli u flessibbli għad-domandi taż-żminijiet. L-istruttura unika tal-Pilastru 1 u tal-Pilastru 2 tal-PAK ippermettiet li l-politika tinbidel u tiffoka fuq miri differenti filwaqt li żżomm l-objettiv ġenerali tagħha li trawwem il-mudell Ewropew tal-agrikoltura u l-biedja mmexxija mill-familji.

2.5 Il-pagamenti ta' kumpens taħt il-PAK inbidlu b'mod drammatiku matul is-snin minn prinċipalment appoġġ għas-suq u għal-prezzijiet għal appoġġ diżakkoppjat b'element ambjentali sostanzjali. Pilastru 2 kien introdott biex jappoġġja reġjuni u setturi vulnerabbli. Il-Pilastru II jiżgura li l-iżvilupp rurali intelliġenti u sostenibbli jkun fil-qalba tal-politika agrikola tal-UE. L-agrikoltura irid ikollha politika tal-iżvilupp rurali integrata.

2.6 Il-biedja u l-agrikoltura taħt PAK imfassla mill-ġdid b'mod pożittiv, immodernizzata u ssemplifikata, għandhom rwol essenzjali x'jaqdu biex jintlaħqu l-miri Ewropej dwar is-sostenibbiltà, l-ambjent u n-natura, il-kompetittività, l-investiment, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi.

2.7 PAK imfassla mill-ġdid għandha żżomm l-aspetti pożittivi tal-politika attwali u tadotta miżuri ġodda biex tindirizza l-isfidi l-ġodda li jinkludu d-domanda tas-soċjetà għall-forniment tal-beni pubbliċi, l-impenji tal-UE skont l-SDGs tan-Nazzjonijiet Uniti, l-impenji għat-tibdil fil-klima skont il-COP21, ftehimiet kummerċjali bilaterali u l-volatilità tas-suq. PAK imfassla mill-ġdid għandha tilħaq ukoll bilanċ tajjeb bejn il-ħtiġijiet tal-konsumatur, il-kontribwenti u l-produtturi.

2.8 Taħt PAK imfassla mill-ġdid, l-UE għandha tkompli tappoġġja bil-qawwa l-mudell Ewropew tal-agrikoltura u n-negozji agrikoli sostenibbli mmexxija mill-familji, minflok bħal fil-każ tal-mudell industrijali ta' produzzjoni agrikola żviluppat f'żoni oħrajn bħall-Mercosur, l-Istati Uniti u l-Oċeanja. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju. Fir-rigward tas-sikurezza alimentari, il-bdiewa Ewropej joperaw taħt il-prinċipju tal-prekawzjoni, u b'hekk għandhom żvantaġġ kompetittiv fil-kummerċ dinji fi prodotti agrikoli bażiċi u prodotti alimentari meta mqabbla mal-bdiewa fl-Amerika ta' Fuq/t'Isfel, l-Oċeanja u żoni oħrajn, li jużaw sustanzi bħal ormoni u beta-agonisti, li huma kollha pprojbiti fl-UE.

2.9 Il-mudell Ewropew tal-agrikoltura huwa kuntratt soċjali bejn il-bdiewa u s-soċjetà tal-UE fejn il-bdiewa jipproduċu ikel ta' kwalità għolja u beni pubbliċi oħrajn b'mod sostenibbli, filwaqt li jiżguraw protezzjoni ambjentali u ġestjoni tal-pajsaġġ. Ta' dan, il-PAK għandha tipprovdi appoġġ għall-kontinwazzjoni tal-azjendi agrikoli tal-familji, il-kooperattivi u l-kumpaniji li għandhom mudelli agrikoli sostenibbli, u għaż-żoni rurali. Dan il-mudell ipprovda beni ta' valur enormi lis-soċjetà Ewropea bħala fornitur ta' ikel differenti, tajjeb għas-saħħa, sikur, affordabbli u ta' kwalità għolja, filwaqt li jikkontribwixxi għall-bilanċ territorjali, għaż-żamma taż-żoni rurali u jgħin biex jiġu protetti l-ambjent u l-pajsaġġ.

2.10 Barra minn hekk, l-UE jeħtieġ li taħdem aktar biex jiġi żgurat li l-PAK u l-benefiċċji assoċjati tagħha jinftiehmu kif xieraq u jkollhom l-appoġġ tal-bdiewa u ċ-ċittadini tal-UE.

## 3. **L-isfidi li qed jiffaċċjaw l-agrikoltura u l-PAK**

*Id-dħul tal-irziezet*

3.1 Il-PAK serviet lill-Ewropa u liċ-ċittadini tal-UE tajjeb matul dawn l-aħħar 60 sena, fejn ipprovdiet benefiċċji sostanzjali lis-settur agrikolu u valur tajjeb għall-flus lill-kontribwenti. Madankollu, f'ħafna pajjiżi tal-UE hija evidenti inugwaljanza dejjem tikber fid-dħul bejn iż-żoni rurali u ż-żoni urbani, kif ukoll fi ħdan is-settur agrikolu. Id-dħul tal-irziezet f'bosta mill-Istati Membri mhuwiex biżżejjed u huwa sostanzjalment aktar baxx mill-medja nazzjonali jew reġjonali. Il-prezzijiet agrikoli ma żdiedux f'konformità mal-inflazzjoni, u maż-żidiet fil-prezzijiet tal-fatturi produttivi bħall-fertilizzanti u l-enerġija. F'dawn l-aħħar snin, il-volatilità tal-prezzijiet ikkawżat problemi fid-dħul tal-irziezet agrikoli.

*Investiment fiż-żoni rurali*

3.2 Il-politika tal-iżvilupp rurali attwali bil-firxa wiesgħa ta' strumenti flessibbli tagħha wriet li hija essenzjali biex tappoġġja ż-żoni rurali u r-reġjuni b'żoni ta' restrizzjonijiet naturali. Il-Pjan ta' Żvilupp Rurali b'saħħtu stabbilit skont id-dikjarazzjoni ta' Cork 2.0 dwar *Ħajja Aħjar fiż-Żoni Rurali* għandu jkun prijorità ewlenija għall-PAK imfassla mill-ġdid. L-investiment fil-vijabbiltà u l-vitalità rurali kif ukoll it-titjib tal-ħolqien tal-impjiegi f'żoni ekonomikamnet vulnerabbli u remoti, kif ukoll l-appoġġ tad-diversifikazzjoni tal-agrikoltura huma sfidi ewlenin għal PAK imfassla mill-ġdid ([4]).

*Il-baġit*

3.3 Bħala perċentwal tal-baġit tal-UE, l-infiq tal-PAK naqas minn 65-75 % fit-tmeninijiet għal 38 % fil-preżent. Madankollu, l-agrikoltura hija mistennija li tagħti kontribut dejjem aktar sinifikanti biex jintlaħqu l-miri tal-UE fil-COP21 u fl-SDGs, minbarra li tipprovdi ikel ta' kwalità għolja bi prezz affordabbli. Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE jippreżenta sfida kbira għall-finanzjament futur tal-PAK.

*Is-sigurtà alimentari*

3.4 Bil-popolazzjoni dinjija mbassra li se tikber minn 7 biljuni għal 9,5 biljuni sal-2050, hemm ħtieġa urġenti biex fis-snin li ġejjin il-produzzjoni tal-ikel tad-dinja tiżdied b'mod sostanzjali. Wieħed mill-SDGs ewlenin stabbiliti min-Nazzjonijiet Uniti huwa li l-prevalenza tan-nuqqas ta' nutrizzjoni titnaqqas drastikament, bi studji mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) li jistmaw li bħalissa persuna waħda minn kull sebgħa b'mod globali mhijiex mitmugħa biżżejjed. Huwa ċar li l-produzzjoni globali tal-ikel se tkun teħtieġ li tikber b'mod sostenibbli sabiex tissodisfa din iż-żieda fid-domanda għall-ikel u tgħin biex jinqered il-ġuħ. L-UE u l-PAK imfassla mill-ġdid għandhom rwol kritiku x'jaqdu bħala forza dinjija responsabbli fil-produzzjoni tal-ikel. Il-politika tal-PAK għandha wkoll tkun responsabbli f'termini ta' esportazzjonijiet u tkompli tinkoraġġixxi lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp biex itejbu l-produzzjoni domestika.

*L-isfida ambjentali*

3.5 L-agrikoltura tal-UE u l-PAK huma ċentrali għall-impenji tal-UE għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u l-miri ambizzjużi tal-UE taħt il-ftehim globali dwar il-klima tal-COP21. Sa mill-1990, l-emissjonijiet tal-karbonju agrikoli tal-UE naqsu bi 23 %, u sa mill-1992, in-nitrati fix-xmajjar naqsu bi 17,7 % ([5]). Filwaqt li sar progress sinifikanti taħt il-PAK mil-lat tar-rendiment ambjentali, għad hemm aktar sfidi marbutin mat-tfassil mill-ġdid tal-PAK sabiex l-agrikoltura tkun tista' tagħti aktar riżultati u taqdi r-rwol kruċjali tagħha li tgħin lill-Ewropa tilħaq il-miristabbiliti mill-COP21 u l-SDGs.

*Servizzi tal-ekosistemi*

3.6 Is-settur agrikolu jipprovdi servizzi tal-ekosistema kruċjali, u jikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-ħabitats, il-preservazzjoni tal-bijodiversità, l-istandards tat-trattament xieraq tal-annimali u għall-estetika tal-pajsaġġ u l-protezzjoni tal-ħamrija u l-ilma. Għandu jiġi rikonoxxut ukoll li s-settur agrikolu għandu jikkontribwixxi aktar fir-rigward tal-bijodiversità, l-ambjent u l-pajsaġġ. Ammont sinifikanti ta' ikel tal-UE jiġi prodott bl-użu ta' ilma naturali, li kieku jinħela. Hemm ukoll proporzjon kbir tal-agrikoltura tal-UE ddedikat għall-bwar u l-forestrija u żoni ta' torbieri, li kollha kemm huma jipprovdu bjar tal-karbonju siewja. Dawn l-attributi kollha vitali tal-ekosistema tal-agrikoltura għandhom jiġu kkunsidrati u mħeġġa f'PAK imfassla mill-ġdid.

---

([4]) Opinjoni dwar "Mid-Dikjarazzjoni Cork 2.0 għal azzjonijiet konkreti", (għadha mhux ippubblikata fil-ĠU).
([5]) Il-Kummissarju Hogan, Working for Europe's Farmers 2016.

*Ikel li jipprovdi valur għall-flus*

3.7 Taħt il-PAK, iċ-ċittadini tal-UE jgawdu minn sigurtà alimentari qawwija u provvista abbundanti ta' ikel sikur ipprezzat b'mod affordabbli. Il-perċentwal tad-dħul li jintefaq miċ-ċittadini tal-UE fuq l-ikel naqas minn 50 % fil-perjodu ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija għal 10 % llum, minkejja ż-żieda sinifikanti fl-ispejjeż tal-produzzjoni. PAK imfassla mill-ġdid għandha tiżgura li l-konsumaturi jibqa' jkollhom aċċess għal ikel affordabbli, ta' kwalità għolja u sikur, u prodott b'konformità mal-istandards Ewropej attwali.

*Tiġdid ġenerazzjonali*

3.8 Minħabba li l-maġġoranza tal-bdiewa għandhom aktar minn 55 sena, hemm sfida kbira biex iż-żgħażagħ jinġibdu lejn l-agrikoltura, u s-settur qed isofri minn kwistjonijiet ta' tiġdid ġenerazzjonali. L-aċċess għall-finanzjament u għall-art, id-dħul baxx kif ukoll it-trasferiment tal-għarfien u l-aċċess għall-edukazzjoni huma problemi prattiċi reali għaż-żgħażagħ. Barra minn hekk, id-dħul baxx tal-irziezet ma jipprovdix tfaddil għall-irtirar. F'xi żoni l-abbandun tal-art qed jiżdied, fejn huma evidenti kemm konsegwenzi soċjali kif ukoll ambjentali, b'mod partikolari f'żoni remoti. Enfasi qawwija fuq it-tiġdid ġenerazzjonali, inklużi l-bdiewa żgħażagħ, il-bdiewa ġodda u l-ħaddiema kwalifikati fl-azjendi agrikoli, speċjalment dawk li diġà jaħdmu fl-azjenda, kif ukoll enfasi fuq l-iffaċilitar tal-irtirar, huma ingredjenti essenzjali f'PAK imfassla mill-ġdid.

*In-nisa fl-agrikoltura*

3.9 In-nisa għandhom rwol importanti ħafna fis-settur agrikolu: jagħmlu ħafna xogħol fl-azjendi agrikoli u jġorru sehem dejjem jikber mill-piż burokratiku. F'ħafna każijiet, in-nisa huma sottorappreżentati f'dak li jirrigwarda l-istatus tagħhom ta' sidien ta' azjendi agrikoli. Barra minn hekk, in-nisa jagħtu kontribut enormi għall-vijabbiltà tal-intrapriża agrikola permezz tal-introjtu li jdaħħlu barra mill-azjenda agrikola, permezz ta' xogħol bi ħlas jew bħala intraprendituri indipendenti. F'każijiet fejn iż-żewġ konjuġi jaħdmu full time fl-azjenda agrikola, dan il-kontribut għandu jiġi rifless u inċentivat fis-sjieda tal-azjenda agrikola.

*Il-migrazzjoni*

3.10 L-agrikoltura u s-settur agroalimentari jistgħu jaqdu rwol importanti fl-integrazzjoni tal-immigranti fid-dinja tax-xogħol kif ukoll billi jgħinu gruppi żvantaġġati permezz ta' programmi soċjali.

*Semplifikazzjoni*

3.11 L-immodernizzar u s-semplifikazzjoni tal-PAK huma essenzjali fit-tfassil mill-ġdid tal-politika għall-futur. Ir-riformi preċedenti identifikaw il-ħtieġa ta' semplifikazzjoni iżda r-realtà prattika hija li l-PAK saret ħafna iżjed ikkumplikata u burokratika fil-livell tar-razzett. Dan huwa b'mod partikolari l-każ f'termini tal-proċess ta' spezzjoni u awditjar, u f'termini tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà u ta' kundizzjonalità skont ir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni u l-Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba (GAEC).

*Il-kummerċ u l-globalizzazzjoni*

3.12 Il-KESE jirrikonoxxi l-benefiċċji sinifikanti u l-impjieg li jirriżultaw mill-kummerċ agrikolu u l-esportazzjonijiet. Madankollu, l-isfida li ġejja mill-globalizzazzjoni u minn ftehimiet kummerċjali tista' tagħmel ħsara serja lill-agrikoltura u tipperikola l-livell għoli ta' sikurezza alimentari u ta' standards ta' kwalità tal-UE. Huwa essenzjali li jinstab il-bilanċ tajjeb bejn il-ftuħ ta' swieq u opportunitajiet ġodda, u l-protezzjoni ta' setturi u oqsma sensittivi kif ukoll l-istandards tal-UE. Barra minn hekk, il-prinċipju tal-preferenza Komunitarja u s-sovranità tal-ikel jeħtieġ li jżomm bilanċ territorjali ([6]).

*Il-volatilità tal-prezzijiet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari*

3.13 Fil-katina tal-provvista tal-ikel hemm żbilanċ kbir tal-poter bejn il-bejjiegħa bl-imnut u l-proċessuri kbar u l-bidwi, li jirriżulta fi pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet spiss orħos mill-ispejjeż tal-produzzjoni. Il-pożizzjoni tal-bidwi fil-katina tal-ikel għandha tissaħħaħ permezz ta' kooperattivi ta' kummerċjalizzazzjoni li jiffunzjonaw tajjeb. Għandu jiġi stabbilit qafas

([6]) Opinjoni dwar "Ir-rwol tal-agrikoltura fin-negozjati kummerċjali bilaterali u reġjonali fid-dawl tal-laqgħa ministerjali tad-WTO f'Nairobi", ĠU C 173, 31.5.2017, p. 20.

legali Ewropew biex jindirizza l-prattiki kummerċjali inġusti tal-ikel u l-katini ta' bejgħ bl-imnut. Barra minn hekk, bit-tnaqqis tal-appoġġ għas-suq tal-UE u esponiment akbar għas-swieq dinjija u l-kriżi ġeopolitika bħalma hi l-projbizzjoni Russa, il-volatilità tal-prezzijiet u d-dħul saret sfida sinifikanti għall-bdiewa tal-UE. Ix-xogħol tat-Task Force dwar is-Swieq tal-Agrikoltura tal-UE f'dan il-qasam għandu jiġi mfaħħar u jitmexxa 'l quddiem. Għandhom jiġu indirizzati prattiki kummerċjali inġusti u bejgħ bi prezzijiet inqas mill-kost tal-produzzjoni (below cost selling).

*Żvilupp territorjali bbilanċjat*

3.14 Il-biedja, l-agrikoltura u l-forestrija huma fundamentali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali fiż-żoni rurali. Dawn għandhom ukoll rwol importanti f'intrapriżi u servizzi ekonomiċi oħrajn relatati maż-żoni rurali bħat-turiżmu, l-impjieg jew l-attivitajiet kulturali rurali. PAK imfassla mill-ġdid b'komponent b'saħħtu tal-Pilastru 2 hija essenzjali biex tindirizza l-isfidi tal-iżvilupp rurali li jiffaċċjaw iż-żoni rurali u biex il-biedja u l-attività agrikola jinżammu f'saħħithom f'kull reġjun tal-UE. L-objettiv għandu jkun li jinżamm l-għadd massimu ta' bdiewa.

## 4. **Proposti għal PAK aġġornata, immodernizzata u semplifikata**

4.1 PAK imfassla mill-ġdid, li tappoġġja b'mod qawwi l-mudell tal-UE tal-agrikoltura, għandha tibqa' tħaddan l-objettivi ewlenin stabbiliti fil-Politika Agrikola Komuni stabbilita fit-Trattat ta' Ruma fl-1957. Għandhom jiġu inkorporat miri ġodda li jinvolvu l-impenji skont l-SDGs u l-COP21. L-Artikolu 39 tat-TFUE jistabbilixxi l-objettivi speċifiċi tal-PAK sabiex:

1) Tiżdied il-produttività agrikola billi jiġi promoss il-progress tekniku u jiġi żgurat li jsir l-aħjar użu mill-fatturi tal-produzzjoni, b'mod partikolari x-xogħol;

2) Jiġi żgurat livell ta' għajxien ġust għall-bdiewa;

3) Jiġu stabilizzati s-swieq;

4) Tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-provvisti;

5) Jiġu żgurati prezzijiet raġonevoli għall-konsumaturi.

4.2 PAK imfassla mill-ġdid għandha tindirizza wkoll l-isfidi kritiċi tal-protezzjoni ambjentali, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-bijodiversità.

4.3 Dawn l-objettivi essenzjali jiġu ssodisfati bl-aħjar mod billi tinżamm l-istruttura attwali tal-mudell ta' żewġ pilastri tal-PAK, fejn il-Pilastru 1 tal-PAK huwa bbażat fuq pagamenti diretti għal bdiewa attivi bl-appoġġ ta' miżuri ta' ġestjoni tas-swieq, u l-Pilastru 2 tal-PAK huwa bbażat fuq miżuri ta' Żvilupp Rurali, u bl-adattament tal-politika biex jitqiesu t-talbiet ġodda dwar il-forniment tal-beni pubbliċi. Il-pagamenti diretti tal-Pilastru 1 huma essenzjali f'termini ta' appoġġ għad-dħul tal-irziezet u għajnuna b'rabta mal-volatilità, marbutin ma' miżuri ta' kundizzjonalità dwar is-sikurezza alimentari, l-istandards tas-saħħa tal-annimali u l-pjanti u tat-trattament xieraq, u l-kontrolli ambjentali. Il-miżuri tal-Pilastru 2 tal-PAK jipprovdu programmi ta' appoġġ ekonomiku, ambjentali u soċjali essenzjali u addizzjonali.

4.4 Il-baġit tal-PAK wara l-2020 għandu ikun suffiċjenti biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet finanzjarji addizzjonali li jirriżultaw mid-deċiżjoni tal-Brexit, il-pressjonijiet fuq id-dħul tal-irziezet u ż-żieda fid-domanda għall-beni pubbliċi.

4.5 Abbażi tal-mudell tal-pagament bażiku, huwa propost li l-pajjiżi li jkunu adottaw mudell għajr is-sistema ta' pagament bażiku fiss jenħtieġ li jitħallew iżommu dan il-mudell wara l-2020 peress li huwa adattat aħjar għaċ-ċirkostanzi f'dawn il-pajjiżi. Għal ċerti pajjiżi, il-mudell ta' pagament fiss ma jirriflettix id-differenzi fil-livell tal-investiment, l-attività tal-biedja u t-twassil tal-beni pubbliċi.

4.6 Il-livell ta' għajnuna diretta mħallsa lill-bdiewa fl-Istati Membri individwali tal-UE jeħtieġ li jiġi armonizzat aktar, sabiex jitqiesu d-differenzi fil-kondizzjonijiet u b'hekk jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-bdiewa fl-Istati Membri kollha u biex jiġi żgurat żvilupp bilanċjat taż-żoni rurali madwar l-UE.

4.7 Il-pagamenti diretti għandhom jingħataw biss lil bdiewa attivi li jipprovdu servizzi pubbliċi u beni pubbliċi.

4.8 Sabiex jiġu appoġġjati u protetti l-pagamenti diretti għall-bdiewa taħt Pilastru 1 b'saħħtu, fil-kuntest ta' PAK imfassla mill-ġdid, bidwi attiv irid jaħdem skont programm annwali jew pluriennali, li jiffoka fuq l-ambjent, it-tibdil fil-klima u l-bijodiversità, u li jista' jinkludi navigatur tal-karbonju u pjan ta' ġestjoni tan-nutrijenti. Dan il-programm annwali jew pluriennali jkun jinkludi l-forniment ta' beni pubbliċi li jistgħu jitkejlu u joffri iżjed flessibbiltà lill-bdiewa. Il-kejl għandu jibbaża fuq kriterji oġġettivi u standardizzati fil-livell tal-UE.

4.9 Il-pagamenti diretti tal-Pilastru 1 għandhom jiġu limitati għal livell ġust u raġonevoli għal bdiewa individwali (eż. ugwali għal paga komparabbli ta' ħaddiem kwalifikat). Għandhom ikunu possibbli aġġustamenti u għandhom jiġu kkunsidrati s-sħubijiet, il-kooperattivi, il-kumpaniji u l-għadd ta' impjegati li jeħtieġu assigurazzjoni.

4.10 Il-pagamenti diretti akkoppjati għandhom ikunu ffokati fuq setturi u reġjuni vulnerabbli. It-tnejn li huma għandhom jevitaw l-abbandun tal-art u jipproteġu l-bijodiversità, prinċipalment permezz taż-żamma tal-intrapriżi tal-bhejjem u tas-setturi li sejrin lura.

4.11 Fil-PAK attwali, 30 % tal-pagament fil-Pilastru 1 huma marbutin mal-ekoloġizzazzjoni u 70 % ma' 15-il Rekwiżit Statutorju ta' Ġestjoni u ħames Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba li jridu jiġu ssodisfati sabiex ikunu eliġibbli. Għal semplifikazzjoni vera tal-PAK, ikun preferibbli li jkun hemm rabta bejn il-pagament kollu tal-Pilastru 1 u l-forniment tal-beni pubbliċi. Biex jintlaħaq dan l-għan, huwa neċessarju li ssir evalwazzjoni adatta tal-ekoloġizzazzjoni u tar-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni sabiex jinżammu l-aktar miżuri effiċjenti u li jistgħu jitwettqu kif ukoll biex jiġu introdotti miri ġodda, bħat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li jiżdied is-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija.

4.12 Dawn il-programmi ta' kundizzjonalità li jinvolvu Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni jkunu jinvolvu riżultati li jistgħu jitkejlu relatati mal-protezzjoni ambjentali, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-bijodiversità abbażi tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità rilevanti attwalment.

4.13 PAK imfassla mill-ġdid jenħtieġ li tħaddan il-kunċett ta' Biedja Intelliġenti (Smart Farming), li jipprovdi d-dividend doppju li jtejjeb il-qligħ mill-azjendi agrikoli filwaqt li jiġu pprovduti benefiċċji ambjentali. Dan ikun jinvolvi l-użu tat-trasferiment tal-għarfien u t-teknoloġija biex tingħata għajnuna lill-biedja ta' preċiżjoni bl-għan li jitnaqqsu l-inputs tal-ilma, l-enerġija, il-fertilizzanti industrijali u inputs oħrajn bħall-pestiċidi, speċjalment il-fungiċidi u l-insettiċidi.

4.14 Il-miżuri għas-suq inkluż l-intervent u l-għajnuna għall-ħżin privat jenħtieġ li jinżammu. Huwa essenzjali li l-livelli tal-iskattar għal dan l-appoġġ jiġu stabbiliti f'livelli realistiċi sabiex il-produtturi jingħataq appoġġ tad-dħul sinifikanti meta jkun meħtieġ.

4.15 L-aktar protezzjoni effettiva kontra l-volatilità tad-dħul huma l-pagamenti diretti sikuri u adegwati kif ukoll l-istrumenti għall-ġestjoni tas-swieq tal-Pilastru 1. Madankollu, fi żminijiet ta' volatilità estrema tal-prezzijiet, huma meħtieġa u jenħtieġ li jiġu kkunsidrati għodod oħrajn, inklużi skemi bl-għan li jnaqqsu l-produzzjoni. L-alternattiva li jintużaw fondi tal-Pilastru 2 għal miżuri bħal skemi volontarji ta' assigurazzjoni jenħtieġ li tiġi ffaċilitata.

4.16 Għal dawn l-aħħar 140 sena, il-kooperattivi tal-produtturi wrew b'mod ċar li huma aktar reżiljenti għat-turbolenzi fis-swieq agrikoli u jgħinu jevitaw ir-rilokazzjoni tal-produzzjoni tal-ikel. Għalhekk, hija kruċjali aktar promozzjoni, u promozzjoni aktar b'saħħitha – orjentata lejn is-setturi u r-reġjuni – tal-kooperazzjoni bejn il-produtturi u l-kooperattivi u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi eżistenti, l-iżjed dawk żgħar. B'mod partikolari, trid issir enfasi speċifika fuq dawk is-setturi u r-reġjuni fejn il-kooperazzjoni hija baxxa.

4.17 L-elementi ewlenin identifikati fit-Task Force dwar is-Swieq tal-Agrikoltura tal-UE dwar titjib tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista, aktar trasparenza, rapportar tal-prezzijiet obbligatorju, miżuri ta' mmaniġġjar tar-riskji, indirizzar ta' prattiki kummerċjali inġusti u kwistjonijiet oħrajn kollha għandhom jiġu avvanzati. Ir-regolamenti f'dawn l-oqsma għandhom jiġi adotatti u inkorporati b'mod sħiħ f'PAK imfassla mill-ġdid. Huwa propost li jiġi adottat regolament aktar b'saħħtu biex jipprojbixxi prattiki kummerċjali inġusti, jipprojbixxi l-bejgħ bi prezzijiet orħos mill-kost tal-produzzjoni, u jintroduċi rapportar tal-prezzijiet obbligatorju li jkopri l-livelli tal-produttur, tal-proċessur u tal-bejgħ bl-imnut. Barra minn hekk, il-pożizzjoni tal-bdiewa għandha tissaħħaħ billi jiġi appoġġjat it-twaqqif ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi b'saħħithom.

4.18 Iż-żamma ta' suq uniku tal-UE effettiv u li jiffunzjona kif suppost għandha tkun fil-qalba ta' PAK imfassla mill-ġdid. Ix-xejriet reċenti ta' rinazzjonalizzazzjoni mifruxin mas-suq uniku huma l-kawża ta' tħassib kbir u jirriżultaw f'diverġenza akbar tal-prezzijiet u s-swieq. Huwa essenzjali wkoll li jiġu introdotti regoli, fejn dawn ma jeżistux, rigward it-tikkettar mandatorju dwar l-oriġini ta' prodotti agrikoli u prodotti alimentari, ħaġa li hija neċessarja sabiex jiġu evitati l-frodi u biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati, u b'hekk dawn ir-regoli ma jipperikolawx jew ifixklu l-moviment liberu tal-beni fis-suq uniku tal-UE.

4.19 Il-Brexit hija theddida maġġuri għall-UE u se jkollha impatt sinifikanti fuq il-PAK u s-suq uniku. Kwalunkwe tnaqqis baġitarju tal-PAK minħabba l-Brexit għandu jiġi kkumpensat b'mod sħiħ mill-Istati Membri. Barra minn hekk, huwa essenzjali li jinżamm il-kummerċ bla tariffi għall-prodotti tal-agrikoltura u l-ikel bejn l-UE u r-Renju Unit u jinżammu l-istandards ekwivalenti għas-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, u l-ambjent kif ukoll l-applikazzjoni ta' Tariffa Esterna Komuni għal importazzjonijiet kemm lejn l-UE kif ukoll ir-Renju Unit.

4.20 Objettiv fundamentali tal-PAK għandu jkun Preferenza Komunitarja, bl-ikel tal-UE għaċ-ċittadini tal-UE. Prinċipju ewlieni ta' din il-politika għandu jkun iż-żamma u l-protezzjoni tal-istandards tal-UE dwar it-traċċabbiltà, is-sikurezza alimentari, il-kontrolli tas-saħħa tal-annimali u l-pjanti u l-protezzjoni ambjentali, kif ukoll protezzjoni sħiħa għal Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti (IĠP). Fi kwalunkwe negozjar dwar il-politiki kummerċjali, għall-konsumaturi tal-UE huwa essenzjali li l-UE tirrikjedi li l-ikel kollu importat jissodisfa dawn l-istess standards. Barra minn hekk, fi kwalunkwe negozjar kummerċjali futur huwa essenzjali li l-UE żżomm protezzjoni tat-tariffi b'saħħitha u adatta għal setturi sensittivi u oqsma vulnerabbli.

4.21 It-tiġdid ġenerazzjonali għandu jkun karatteristika ewlenija ta' PAK ġdida mfassla mill-ġdid. Huwa propost li jenħtieġ li tkompli ż-żieda eżistenti fil-pagamenti tal-Pilastru 1 tal-PAK għal bdiewa żgħażagħ taħt l-40 sena. Huwa propost li r-regola ta' ħames snin tiġi eżaminata mill-ġdid biex jitneħħew l-inflessibbiltajiet li jċaħħdu lill-bdiewa żgħażagħ milli jkollhom aċċess għal livelli ta' pagament ogħla. Barra minn hekk, huwa propost li jenħtieġ li jkunu applikabbli rati ta' pagament ogħla għal bdiewa żgħażagħ taħt il-miżuri ġenerali tal-iskema tal-pjan ta' żvilupp rurali. Il-livelli ta' pagament għal programmi ta' għotjiet strutturali għal bdiewa żgħażagħ jenħtieġ li jiżdiedu għal 70 %. Dan l-appoġġ għandu jkun disponibbli wkoll għall-bdiewa żgħażagħ u l-professjonisti żgħażagħ fi sħubijiet, kooperattivi u kumpaniji. Riżerva nazzjonali effettiva biex il-bdiewa żgħażagħ u bdiewa ġodda jkollhom aċċess għal appoġġ fuq bażi kontinwa hija importanti ħafna. L-alternattiva li jiġi implimentat programm ta' rtirar effettiv taħt il-Pilastru 2 jenħtieġ li tkun disponibbli. L-Istati Membri għandu jkollhom il-flessibbiltà li jintroduċu miżuri addizzjonali għall-bdiewa żgħażagħ, speċjalment in-nisa. Huwa essenzjali li ssir enfasi qawwija fuq l-edukazzjoni u t-titjib tal-ħiliet. Biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tan-nisa fl-agrikoltura, jenħtieġ li għan-nisa jkunu disponibbli inċentivi simili għal dawk disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ, sabiex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-art, il-kreditu, it-taħriġ u l-istatus.

4.22 Semplifikazzjoni pożittiva taħt il-kundizzjonalità/GAEC (kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba) u SMRs jistgħu jiġu introdotti għall-bdiewa permezz ta' tranżizzjoni mill-approċċ ta' spezzjoni/awditjar għall-adozzjoni ta' użu akbar tat-teknoloġija. Is-sistema jenħtieġ li tiġi adattata b'lista ta' kontroll li tinvolvi punti pożittivi u negattivi għall-konformità. L-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti kritiċi ewlenin u jiksbu livell limitu ta' punti jiġu approvati għall-ħlas mingħajr l-ebda penali. Dan ikun estensjoni tal-approċċ il-ġdid tal-karta s-safra li diġà ġie introdott. In-numru ta' SMRs ta' kundizzjonalità jenħtieġ li jitnaqqas bit-tneħħija ta' xi miżuri ta' SMR li m'għadhomx adatti jew rilevanti. Eżempju tajjeb ta' dan ikun li titneħħa l-ħtieġa li tiġi vverifikata l-identifikazzjoni tal-annimali fl-irziezet u li l-verifiki jitwettqu bl-użu ta' teknoloġija fil-punti tal-bejgħ bħall-biċċeriji, il-punti ta' raggruppament u s-swieq tal-bhejjem.

4.23 Ir-reġim ta' spezzjoni taħt ir-rekwiżiti ta' kundizzjonalità jenħtieġ li jipprovdi wkoll id-dritt għal rettifika f'approċċ ta' konklużjoni (close out approach) f'perjodu ta' żmien stipulat, mingħajr penali. Jenħtieġ li japplika approċċ aktar proporzjonat u aktar ġust rigward il-penali u t-tolleranzi. Is-semplifikazzjoni m'għandhiex twassal għal tnaqqis fl-ambizzjonijiet, speċjalment fil-protezzjoni ambjentali (ekoloġizzazzjoni) jew fl-iskema ta' pagament uniku (SPS).

4.24 L-ispezzjonijiet jenħtieġ li ma jipposponux il-pagamenti u jenħtieġ li tapplika politika ta' applikazzjoni ta' kwalunkwe penali fis-sena ta' wara għall-eliġibbiltà u l-SMRs tal-kundizzjonalità kollha.

4.25 Pilastru 2 b'saħħtu, imtejjeb u aktar effettiv, li jissodisfa r-rekwiżiti ekonomiċi, ambjentali u soċjali tar-reġjuni, huwa ta' importanza kritika għal PAK ġdida mfassla mill-ġdid li tiffoka fuq il-vijabbiltà, il-vitalità u l-ħolqien tal-impjiegi fiż-żoni rurali. Dan jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-objettivi stabbiliti f'Cork 2.0. Barra minn hekk, huwa importanti li l-Istati Membri jikkofinanzjaw il-miżuri kollha tal-pjan ta' żvilupp rurali, inklużi pagamenti għal żoni b'restrizzjonijiet naturali (ANC).

4.26 B'aktar sfidi biex jiġu ssodisfati l-impenji tal-Ewropa stabbiliti fil-miri tal-SDGs tan-NU u tal-COP21, hemm lok għal estensjoni, iffokar u pagamenti għal aktar miżuri ambjentali taħt il-Pilastru 2 tal-PAK. Biex dan ikun jista' jsir, filwaqt li tiġi rispettata l-allokazzjoni baġitarja attwali taħt il-Pilastru 2, huwa importanti li d-distribuzzjoni futura tal-baġit bejn l-Istati Membri tkun tirrifletti din l-ambizzjoni.

4.27 Aktar miżuri u pagamenti ambjentali, tat-tibdil fil-klima u tal-bijodiversità tal-Pilastru 2 tal-PAK jistgħu jiġu mmirati lejn il-forniment ta' servizzi tal-ekosistema mtejba minn bdiewa li jagħmlu enfasi fuq dan li ġej:

1. Il-pagamenti għall-ġestjoni mtejba ta' bjar tal-karbonju fil-ħamrija li tkopri l-bwar, il-forestrija u t-torbiera.
2. Ġestjoni mtejba ta' bwar permanenti biex jittejbu l-bjar tal-karbonju.
3. Pagamenti biex ċertu raba' li jinħadem jiġi kkonvertit fi bwar.
4. Għażla ta' programmi ta' serħan tal-art u ta' ħdim minimu tar-raba'.
5. Għażla biex jitnaqqsu r-rati tal-irjus fuq il-bwar, filwaqt li tinżamm rata tal-irjus minima.
6. Pagament għall-ħolqien ta' ħabitats u kurituri naturali.
7. Marġini ta' lqugħ (buffer margin) madwar il-korpi tal-ilma.
8. Ġestjoni ta' gandotti u ringieli ta' sġajriet.
9. Navigazzjoni tal-karbonju.
10. Pagament biex jinżammu t-torbieri.
11. Protezzjoni tal-estetika tal-pajsaġġ u ta' siti arkeoloġiċi.
12. Pagament għal miżuri ta' trattament xieraq tal-annimali.
13. Pagamenti akbar f'żoni tan-Natura u għal ħsara minn fawna selvaġġa.
14. Miżuri biex titnaqqas id-deżertifikazzjoni f'żoni nexfin.
15. Agroekoloġija u produzzjoni organika.
16. Pagamenti biex jiżdied il-kontenut ta' materja organika fil-ħamrija, titrażżan l-erożjoni tal-ħamrija u tiġi ffaċilitata ż-żamma tal-ilma fil-pajsaġġ.

4.28 Il-pagamenti taħt l-iskema għal żoni b'restrizzjonijiet naturali (ANC) huma kruċjali għall-bdiewa fir-reġjuni ifqar u aktar iżolati tal-UE.

4.29 Il-provvediment ta' finanzjament bi prezz baxx huwa essenzjali biex jiġi stimulat it-tkabbir fis-settur agrikolu, u b'mod speċjali biex jiġu assistiti bdiewa żgħażagħ li huma kruċjali għat-tiġdid ġenerazzjonali.

4.30 PAK imfassla mill-ġdid għandha tkun komplementari għal politika komprensiva dwar l-ikel, u tlaqqa' flimkien l-agrikoltura sostenibbli, l-iżvilupp territorjali bbilanċjat, dieti tajbin għas-saħħa, l-impjiegi u l-kummerċ. Ma tistax issir enfasi żejda fuq l-importanza ta' dieta tajba għas-saħħa għall-konsumaturi u fuq il-benefiċċji assoċjati għas-soċjetà f'termini ta' kwalità tal-ħajja, għajxien ta' ħajja f'saħħitha, ġlieda kontra l-obeżità u spejjeż tas-saħħa mnaqqsa. Hemm bżonn aktar riżorsi u programmi biex dan il-messaġġ jiġi kkomunikat lill-konsumaturi flimkien ma' programmi biex tinqered il-ħela tal-ikel u jiġi mħeġġeġ ir-riċiklaġġ.

4.31 Biex tinkiseb il-mira tal-UE li l-użu tal-enerġija rinnovabbli jiżdied għal mill-inqas 27 % sal-2030, jenħtieġ li jiġu adottati miżuri biex tiġi żgurata l-istabbiltà u ċ-ċertezza legali. Għandhom jiġu adottati pagamenti mmirati biex jappoġġjaw kemm l-investiment fl-enerġija solari, tal-bijomassa u eolika kif ukoll programmi ta' effiċjenza fl-enerġija u ta' ffrankar tal-enerġija.

4.32 Biex tinżamm il-kompetittività, huwa importanti ħafna li s-settur agrikolu jkollu l-aktar riċerka u innovazzjoni riċenti u li dawn ikunu disponibbli fil-livell tar-razzett. It-trasferiment effettiv tal-għarfien, l-edukazzjoni, u l-programmi u servizzi konsultattivi u ta' estensjoni għall-azjendi agrikoli għandhom ikunu disponibbli u appoġġjati.

4.33 Fid-dawl taż-żieda fl-użu tat-teknoloġija fl-agrikoltura u b'mod partikolari għall-biedja intelliġenti u għas-semplifikazzjoni, il-kopertura tal-broadband hija kruċjali għaż-żoni rurali kollha.

4.34 Fl-ekonomija l-ġdida tal-biedja intelliġenti, b'użu akbar tat-teknoloġija, il-protezzjoni tad-data individwali u tal-kunfidenzjalità tal-bdiewa hija importanti ħafna. Barra minn hekk, huwa essenzjali li l-bdiewa jżommu sjieda sħiħa tad-data individwali kollha miżmuma fir-rigward tan-negozju tagħhom.

4.35 L-ekonomija ċirkolari jista' jkollha rwol ewlieni fit-tnaqqis tal-iskart fis-setturi kollha. Il-mudelli tradizzjonali tal-biedja huma x-xempju ta' ekonomiji mingħajr skart, effiċjenti fir-riżorsi u ċirkolari. L-agrikoltura għandha rwol pożittiv x'taqdi fis-settur tal-użu mill-ġdid u tar-riċiklaġġ, inkluża l-ġestjoni ekonomika tal-ħamrija, l-ilma u l-arja.

4.36 Jeħtieġ perjodu raġonevoli ta' tranżizzjoni mill-2020 għall-introduzzjoni ta' PAK imfassla mill-ġdid, partikolarment biex jitqiesu kwistjonijiet baġitarji b'rabta mal-Brexit u deċiżjonijiet politiċi oħrajn ([7]).

Brussell, l-1 ta' Ġunju 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

---

([7]) Opinjoni dwar "Fatturi li jinfluwenzaw lill-PAK wara l-2020", ĠU C 75, 10.3.2017, p. 21,

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## IL-526 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FIL-31 TA' MEJJU U L-1 TA' ĠUNJU 2017

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-mexxejja li jmiss tal-Ewropa: l-Inizjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu"**

*(COM(2016) 733 final)*

(2017/C 288/03)

Relatur: **Erik SVENSSON**

Korelatur: **Ariane RODERT**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 27.1.2017 |
| Bażi ġuridika | L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 4.5.2017 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 31.5.2017 |
| Sessjoni tal-plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 194/0/0 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jilqa' l-inizjattiva favur in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu tal-Kummissjoni Ewropea (KE) u l-azzjonijiet proposti li għandhom l-għan li jneħħu l-ostakoli ewlenin, imma jenfasizza li mhux l-intrapriżi b'rata għolja ta' tkabbir kollha huma intrapriżi b'teknoloġija avvanzata u li tinħtieġ azzjoni fis-setturi kollha.

1.2 Il-KESE huwa tal-opinjoni li tnedija mill-ġdid aġġornata tal-iSmall Business Act li tiġbor l-inizjattivi kollha f'aġenda unika tkun aktar rilevanti u ttejjeb il-viżibbiltà u l-konsistenza.

1.3 Il-KESE jitlob approċċ ta' politika koordinat għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu li jqis id-diversità tal-mudelli tal-intrapriża, u jilqa' l-azzjonijiet speċifiċi għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali. Madankollu, kwalunkwe inizjattiva għandha tistinka favur it-titjib ġenerali tal-klima intraprenditorjali, tippermetti t-teħid ta' riskji u l-esperimentazzjoni bħala parti mill-proċess ta' innovazzjoni.

1.4 Il-piżijiet amministrattivi u l-burokrazija għadhom ostakolu ewlieni għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu. Il-KESE għalhekk iħeġġeġ lill-KE timplimenta bis-sħiħ u tinfurza l-inizjattivi meħuda f'dan il-qasam.

1.5 Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-involviment strutturali tal-imsieħba soċjali kif ukoll l-importanza tal-infurzar tal-konformità mar-regoli tal-UE dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-liġijiet tax-xogħol u l-ftehimiet kollettivi.

1.6 Il-KESE jilqa' l-azzjonijiet proposti dwar l-innovazzjoni imma jitlob li jiġu ssemplifikati r-regoli u l-kundizzjonijiet fid-dawl tar-riżorsi limitati tal-SMEs u tal-mikrokumpaniji.

1.7 It-tisħiħ tas-sħubijiet u l-bini ta' komunitajiet ta' riżorsi huma fattur ta' suċċess ewlieni. Il-KE jenħtieġ li tippromovi n-netwerking, inkluż il-formazzjoni ta' intermedjarji, faċilitaturi, aċċelleraturi u ta' inkubaturi tan-negozju.

1.8 Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tat-tkabbir tan-negozji l-ġodda u tan-negozji li qed jespandu, huwa essenzjali li jiġi żviluppat finanzjament imfassal apposta b'aċċess għal soluzzjonijiet ta' kapital ta' ekwità u obbligazzjonijiet, jiġi żgurat aċċess għall-kuntratti tal-akkwist u jittejjeb l-ambjent fiskali. Il-KESE esplora azzjonijiet xierqa fl-opinjonijiet tiegħu.

1.9 L-iżvilupp tal-ħiliet huwa kruċjali, u din hija r-raġuni għaliex il-fokus irid jitqiegħed fuq programmi ta' intraprenditorija edukattiva fil-livelli kollha u fi stadju bikri tas-sistema edukattiva. Barra minn hekk, il-mentoraġġ, it-taħriġ fuq il-post tax-xogħol u l-programmi ta' tagħlim mhux formali u nonformali jridu jitħeġġu u jiġu promossi.

1.10 Tinħtieġ azzjoni biex jonqos il-livell għoli attwali ta' averżjoni għar-riskju fl-UE billi jiġi rivedut il-prinċipju tat-tieni opportunità u jiġi provdut appoġġ għall-iżvilupp bħal-litteriżmu/edukazzjoni finanzjarja.

1.11 Il-KESE jitlob lill-KE tlaqqa' l-inizjattivi kollha attwali u ġodda biex tappoġġja lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali billi toħroġ komunikazzjoni bi Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Soċjali. Dan jikkonforma mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill "Il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa" (7 ta' Diċembru 2015).

## 2. **Kuntest**

2.1 Il-Komunikazzjoni dwar *Il-mexxejja li jmiss tal-Ewropa: l-inizjattiva favur in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu* tiddikjara:

— Id-ditti b'rati għolja ta' tkabbir joħolqu ħafna aktar impjiegi ġodda minn ditti oħrajn ([1]). In-negozji l-ġodda li jespandu f'ditti akbar jiffurmaw sehem kbir ta' dawn in-negozji. Iżidu l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-UE, u jsaħħu l-ekonomija. Dawn in-"negozji li qed jespandu" jistgħu jipprovdu wkoll benefiċċji soċjali, inkluża l-possibbiltà ta' arranġamenti ta' xogħol aktar flessibbli u moderni. Fl-Istrateġija tas-Suq Uniku tagħha, il-Kummissjoni ħabbret li se tfares lejn kif tista' tagħmel is-Suq Uniku aktar effiċjenti għan-negozji l-ġodda u għan-negozji li qed jespandu.

— Skont ir-riżultati ta' konsultazzjoni pubblika ([2]) li għamlet il-Kummissjoni aktar kmieni fl-2016:

  — negozji ġodda li jkunu qegħdin jippruvaw jespandu għadhom qed jiffaċċjaw wisq ostakoli regolatorji u amministrattivi b'mod partikolari dawk f'sitwazzjoni transfruntiera;

  — kemm għan-negozji l-ġodda kif ukoll għan-negozji li qed jespandu jeżistu ftit wisq opportunitajiet biex wieħed isib u jaħdem ma' msieħba potenzjali fil-finanzi, fin-negozju u ma' awtoritajiet lokali;

  — l-aċċess għall-finanzi huwa wieħed mill-akbar ostakoli għat-tkabbir.

2.2 Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tipproponi numru ta' azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex jitnaqqsu u/jew jiġu eliminati dawn l-ostakoli.

2.2.1 Inneħħu l-ostakoli:

— Portal Diġitali Uniku li jipprovdi aċċess onlajn faċli għall-informazzjoni,

---

([1]) Skont Henrekson u Johansson, 2010, 4 % tad-ditti jiġġeneraw 70 % tal-impjiegi l-ġodda. Ara wkoll: http://www.kauffman.org/blogs/policy-dialogue/2015/august/deconstructing-job-creation-from-startups

([2]) http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/newsroom/cf/itemdetail.cfm?item_id=8723&lang=mt

— tinħoloq Żona Unika tal-VAT,

— tiġi stabbilita l-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva (BKKTK),

— reġim għat-"tieni opportunità" u qafas ta' ristrutturar fl-Istati Membri,

— aċċess aħjar għall-akkwist pubbliku.

2.2.2 Ngħinu fil-kuntatt mal-imsieħba adattati:

— il-kuntatt ma' universitajiet, ċentri ta' riċerka, investituri u msieħba,

— l-aċċess għal opportunitajiet, ir-reklutaġġ ta' impjegati bil-ħiliet xierqa, tisħiħ tal-opportunitajiet ta' innovazzjoni — b'mod speċjali negozji ġodda soċjali.

2.2.3 Aċċess għall-finanzjament:

— Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (flimkien mal-Unjoni tas-Swieq Kapitali).

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1 Din l-Opinjoni hija tweġiba għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (KE) dwar *Il-mexxejja li jmiss tal-Ewropa: l-inizjattiva favur in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu*, li tipproponi miżuri biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-intrapriżi b'rata għolja ta' tkabbir. Madankollu, il-KESE għażel li jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-opinjoni u jirrifletti dwar dawn l-azzjonijiet mill-perspettiva tal-forom kollha ta' negozji ġodda, inklużi n-negozji l-ġodda u dawk li qed jespandu potenzjali.

3.2 Il-KESE jilqa' din l-inizjattiva u l-isforz biex jiġu eliminati l-ostakli ewlenin. Il-KESE jixtieq jenfasizza x-xogħol estensiv li sar fl-opinjonijiet preċedenti tiegħu bil-għan li jinħoloq ambjent ta' abilitazzjoni għal forom diversi ta' intrapriża fl-UE ([3]), u s-sejħa preċedenti tiegħu għal aktar azzjoni fuq l-aġenda intraprenditorjali ([4]).

3.3 Billi l-Inizjattiva favur in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu hija żvilupp u estensjoni tal-iSmall Business Act, il-KESE huwa tal-opinjoni li jkun aktar effiċjenti li titqies tnedija mill-ġdid aġġornata tal-iSmall Business Act pjuttost milli jkomplu jitnedew miżuri separati. Il-KESE jilqa' u jappoġġja dan u inizjattivi oħra bil-għan li jiġu appoġġjati n-negozji l-ġodda u dawk li qed jespandu, iżda huwa diffiċli li tinkiseb ħarsa ġenerali tal-aġenda sħiħa mingħajr ma jinġabru l-inizjattivi differenti f'aġenda tal-politika konġunta u komprensiva.

3.4 Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal pakkett ta' politika ġenerali effettiv, li jqis id-diversità tal-intrapriżi u għaldaqstant jappoġġja l-għan tal-KE li tippromovi approċċ koordinat fil-politiki tal-UE.

3.5 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni tal-KE għal opinjoni li qed ifassal il-KESE, li tinkludi numru ta' rakkomandazzjonijiet rilevanti ferm għan-negozji l-ġodda u għan-negozji li qed jespandu:

— netwerk uniku ta' one-stop shops għall-SMEs kollha tal-UE,

— il-prinċipji "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" u "ta' darba biss" isiru legalment vinkolanti,

— rispons aktar adattat għall-varjetà ta' SMEs.

3.6 Fl-Opinjoni ta' Diċembru 2016 ([5]), il-KESE jinkoraġġixxi lill-KE tippromovi l-kumpaniji b'rati għolja ta' tkabbir billi:

— timmonitorja u tikseb sinerġiji bejn politiki innovattivi mwettqa minn DĠ differenti;

— issaħħaħ ir-raggruppamenti u l-ekosistemi li fihom jinħolqu negozji ġodda innovattivi;

---

([3]) ĠU C 318, 23.12.2009, p. 22.
([4]) ĠU C 271, 19.9.2013, p. 61.
([5]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 6

— tinkoraġġixxi aġenda akkademika li tiffoka fuq l-impjiegi għall-futur.

3.7 B'mod partikolari huwa importanti li jiġi rikonoxxut il-potenzjal kbir fil-mikrokumpaniji eżistenti, li ħafna minnhom huma negozji tal-familja, kif ukoll l-opportunitajiet ta' żvilupp fl-isfera tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali. Barra minn hekk, il-KESE jħeġġeġ lill-KE tikkunsidra l-fatt li mhux l-intrapriżi b'rata għolja ta' tkabbir kollha huma fis-settur ta' teknoloġija avvanzata, u li s-setturi bħal dak tas-servizzi, l-industrija tal-moda u l-kummerċ elettroniku kif ukoll setturi innovattivi oħra jirrikjedu enfasi u appoġġ ukoll.

3.8 Il-KESE jħeġġeġ ukoll lill-KE tiżgura li kwalunkwe inizjattiva tqis ukoll il-fenomeni kummerċjali ġodda emerġenti, bħall-ekonomija kollaborattiva ([6]). Dawn kollha jikkondividu ostakoli simili u addizzjonali meta jibdew u jespandu fis-suq uniku.

3.9 Il-KESE jilqa' l-azzjoni tal-introduzzjoni ta' Portal Diġitali Uniku biex jitjieb l-aċċess għall-informazzjoni, imma huwa tal-opinjoni li din l-għodda se jkollha impatt limitat fuq it-tnaqqis tar-regoli u r-regolamenti onerużi. Il-KESE jissuġġerixxi wkoll li jenħtieġ li jiġi inkluż portal tal-internet dwar ir-riċerka u l-iżvilupp f'dan il-Portal Diġitali Uniku. Il-kooperazzjoni strutturali mal-organizzazzjonijiet intermedjarji hija mezz effettiv ħafna ta' kif tittejjeb l-informazzjoni għan-negozji l-ġodda.

3.10 Il-KE tindirizza xi wħud mill-aktar ostakoli urġenti, b'mod speċjali fl-oqsma ta' piżijiet regolatorji, tat-taxxa u amministrattivi. Il-KESE jixtieq jenfasizza li l-SMEs, inklużi l-mikrokumpaniji, l-intrapriżi tal-familja jew tal-ekonomija soċjali, spiss ikollhom ftit jew xejn kompetenza interna biex jimmaniġġjaw ir-regolamenti u l-piżijiet amministrattivi ferm kumplessi u burokratiċi, li hija r-raġuni għaliex is-semplifikazzjoni hija fundamentali.

3.11 Il-KESE jappoġġja l-evalwazzjonijiet bejn il-pari proposti biex jiġu kondiviżi l-prattiki tajba u jiġu identifikati d-differenzi bejn l-Istati Membri, bil-għan li jiġu armonizzati aħjar l-inizjattivi. Biex ikunu effettivi, is-sejbiet tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari jridu jkunu trasparenti u mqassma fost il-partijiet ikkonċernati.

3.12 Il-KESE jappoġġja wkoll id-deċiżjoni tal-KE li tespandi s-servizz konsultattiv tan-Netwerk Enterprise Europe (EEN) b'konsulenti ddedikati għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, li jagħtu pariri dwar regoli nazzjonali u Ewropej, opportunitajiet ta' finanzjament, sħubijiet u aċċess għall-akkwist pubbliku transfruntier. F'dal-każ ukoll il-KESE jixtieq jenfasizza l-importanza u l-benefiċċji ta' kooperazzjoni aktar strutturali mal-korpi intermedjarji u l-organizzazzjonijiet involuti, anke fi ħdan l-ekonomija soċjali.

3.13 Il-KESE jappoġġja l-intenzjonijiet tal-KE li tinkludi n-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu fi ftehimiet kummerċjali internazzjonali, billi numru dejjem jikber ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu jridu jilħqu suq globali malajr (spiss f'segment limitat ħafna).

3.14 Il-KESE jirrikonoxxi u jappoġġja l-impenn tal-KE, espress f'din l-inizjattiva, li tinforza l-konformità mar-regoli tal-UE dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-liġijiet tax-xogħol u l-ftehimiet kollettivi u li timmira għal impjiegi ta' kwalità għolja.

3.15 Il-KESE jixtieq jirreaġixxi għall-frażi li ġejja fil-Komunikazzjoni tal-KE: "inkluża l-possibbiltà ta' arranġamenti ta' xogħol aktar flessibbli u moderni". Din l-istqarrija tista' twassal għal nuqqas ta' ftehim u abbuż potenzjali.

3.16 L-involviment strutturali tal-imsieħba soċjali huwa kruċjali u għandu jitħeġġeġ sabiex tiġi garantita kompetizzjoni ġusta fost l-intrapriżi u jiġi evitat ir-riskju tad-dumping soċjali, kif enfasizza l-KESE f'diversi Opinjonijiet ([7]).

3.17 Il-KESE jixtieq jindirizza l-proċess attwali dwar l-imblukkar ġeografiku ([8]). Dan jista' jkun ostakolu ġdid kbir għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu li m'għandhom l-ebda kapaċità biex jidħlu f'bosta pajjiżi b'lingwi differenti fl-istess ħin. Huwa kruċjali li tiġi kkomunikata d-differenza bejn bejgħ attiv u passiv! L-aderenza għal-leġislazzjoni nazzjonali hija meħtieġa biss għall-pajjiżi li huma mmirati b'mod attiv.

([6]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 33.
([7]) ĠU C 161, 6.6.2013, p. 14; ĠU C 303, 19.8.2016, p. 54; ĠU C 13, 15.1.2016, p. 2.
([8]) COM (2016) 289 final.

3.18 Il-KESE jappoġġja l-proposta li jittejjeb l-aċċess tal-SMEs, b'mod speċjali tan-negozji li qed jespandu, għall-programmi tal-Orizzont 2020. Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u r-Radar ta' Innovazzjoni jistgħu jkunu strumenti effettivi, sakemm ma jkunux oneruži wisq, u tabilħaqq jistgħu jilħqu l-miri maħsuba tal-SMEs. Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda li dawn l-inizjattivi jagħtu attenzjoni speċifika lill-innovazzjoni soċjali, li spiss tixpruna mudelli kummerċjali ġodda.

3.19 Il-KESE jilqa' wkoll l-indikazzjoni speċifika ta' azzjoni biex tinbeda u titkabbar l-ekonomija soċjali u l-intrapriża soċjali, qasam li fih il-KESE għandu ħila esperta speċifika u li ħareġ opinjonijiet dwaru ([9]).

3.20 Il-KESE jinnota b'sodisfazzjon li l-KE tirrikonoxxi li l-SMEs għandhom diffikultajiet kbar biex jiddefendu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tagħhom. L-ispiża hija estremament għolja għal kumpanija żgħira, u l-ispejjeż tal-infurzar huma għoljin ukoll, li jfisser li kważi l-ebda negozju ġdid jew negozju li qed jespandi ma jiflaħ iħallasha. Il-KESE jitlob lill-KE ssib soluzzjoni vijabbli biex tindirizza dan.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

### 4.1 ***Imsieħba, raggruppamenti u ekosistemi***

4.1.1 Klima intraprenditorjali pożittiva ġenerali hija fundamentali għat-tkabbir u l-innovazzjoni. Il-KESE iqis li din l-inizjattiva tal-KE tista' tirnexxi biss jekk tipprova tikseb titjib ġenerali tal-klima intraprenditorjali, tippermett t-teħid tar-riskji u l-esperimentazzjoni bħala parti mill-proċess ta' innovazzjoni.

4.1.2 Il-KESE jaqbel mal-KE li huwa importanti ħafna li n-negozji l-ġodda u b'mod speċjali n-negozji li qed jespandu jagħmlu kuntatt mal-imsieħba adattati. Peress li s-suq Ewropew ġeneralment huwa aktar tradizzjonali f'termini ta' teħid ta' riskji, kif ukoll primarjament nazzjonali, jeħtieġ li l-isforzi jiġu diviżi f'żewġ direzzjonijiet:

1) L-UE u l-Istati Membri, f'kooperazzjoni permanenti ma' organizzazzjonijiet u korpi intermedjarji, jista' jkollhom rwol importanti biex jiffaċilitaw ir-raggruppamenti mal-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka, eċċ.

2) Biex jinstabu l-investituri u l-imsieħba kummerċjali, is-suq biss jista' jkollu rwol, mingħajr ma jiġu sottovalutati l-programmi Ewropej jew ir-rwol tal-BEI/FEI. Madankollu, dawn il-programmi għandhom jissaħħu u jiġu kkoordinati aħjar.

4.1.3 Il-KESE jappoġġja l-pjan tal-KE li tirrinfurza l-inizjattiva attwali Start-up Europe u tikkoordina x-xogħol tal-UE biex tgħaqqad ir-raggruppamenti u l-ekosistemi madwar l-Ewropa.

4.1.4 Il-KESE jappoġġja l-fatt li l-KE tenfasizza l-ħolqien ta' komunitajiet ma' sħubijiet u ekosistemi mfassla apposta bħala fatturi ewlenin għas-suċċess ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu. F'dan il-kuntest, il-KESE jilqa' l-fatt li l-KE tagħti attenzjoni speċifika lill-intrapriża tal-ekonomija soċjali, tirrikonoxxi l-karatteristiċi speċifiċi tagħha u l-kontribuzzjonijiet għas-soċjetajiet Ewropej. Il-KESE għalhekk għal darb'oħra ([10]) jħeġġeġ lill-KE biex tlaqqa' l-inizjattivi kollha attwali u ġodda fi Pjan ta' Azzjoni koerenti tal-UE għall-Ekonomija Soċjali, bil-għan li tittejjeb il-viżibbiltà u l-interkonnessjoni bejn id-diversi inizjattivi.

### 4.2 ***Opportunitajiet ta' akkwist***

4.2.1 Il-KESE jappoġġja bil-qawwi l-intenzjoni tal-KE li ttejjeb l-opportunitajiet ta' akkwist għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu. Minbarra l-azzjonijiet proposti, il-KESE jistieden lill-KE timmonitorja mill-qrib it-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-akkwist fil-livell tal-Istati Membri. Dan huwa fattur importanti biex jiżgura li l-Istati Membri jieħdu vantaġġ sħiħ mid-dispożizzjonijiet disponibbli għat-titjib tal-opportunitajiet ta' akkwist għall-SMEs, inkluż l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali. Il-KESE jirreferi għall-opinjoni preċedenti tiegħu dwar l-akkwist ([11]).

---

([9]) http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.social-entrepreneurship-make-it-happen.

([10]) Il-Kontribut tal-KESE għall-Programm ta' Ħidma tal-KE 2017, http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.publications.40059

([11]) ĠU C 191, 29.6.2012, p. 84

4.2.2 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Komunikazzjoni tagħti attenzjoni speċifika lill-akkwist tal-innovazzjoni u lis-Sħubija għall-Innovazzjoni. Madankollu, dan jirrikjedi sett simplifikat ta' regolamenti. L-akkwist tal-innovazzjoni, kif deskritt fid-direttiva, jidher li huwa adattat aktar għal kumpaniji kbar. Il-parteċipazzjoni fis-sħubiji għall-innovazzjoni tirrikjedi l-identifikazzjoni ta' unità separata, li tipprevjeni lin-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu milli jkunu eliġibbli, għaliex in-negozji l-ġodda normalment ma jkollhomx dipartiment iddedikat speċifikament.

4.2.3 Il-KESE jixtieq jenfasizza li l-introduzzjoni tal-għodda tal-KE (awtodikjarazzjoni bl-użu tad-Dokument Ewropew Uniku għall-Akkwist (ESPD)) immirata biex tgħin lill-SMEs jieħdu sehem fl-akkwist pubbliku, f'ħafna każijiet kellha r-riżultat oppost u hija perċepita bħala ostakolu għall-parteċipazzjoni fl-akkwist. In-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu jitħabtu biex jiġbru l-informazzjoni u l-formoli kollha meħtieġa. Huwa għalhekk li jinħtieġ l-appoġġ u jenħtieġ li jiġi promoss mill-organizzazzjonijiet intermedjarji (organizzazzjonijiet tal-SMEs u organizzazzjonijiet relatati oħra).

4.3 ***Ħiliet***

4.3.1 Il-KESE jaqbel li l-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa, bil-fokus doppju tagħha fuq il-kwalità u l-ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol, tindirizza xi wħud mill-aktar sfidi importanti. Madankollu, dan ikun ta' suċċess biss jekk l-inizjattivi jilħqu l-aktar gruppi fil-mira importanti, li jeħtieġ l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u s-segwitu biex tiġi żgurata l-effikaċja.

4.3.2 Il-KESE jenfasizza li l-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa, u b'mod partikolari l-Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali li jmiss, hija estremament importanti u tista' tkun pedament għall-ġejjieni.

4.3.3 jiżviluppaw risposti għall-bżonnijiet soċjali ġodda jew li ma jiġux ikkunsidrati biżżejjed Huma l-pijunieri fil-qasam tal-innovazzjoni soċjali. Għalhekk, minbarra l-inizjattivi tal-ħiliet diġitali, l-intraprendituri tal-ekonomija soċjali (u oħrajn) qed jesprimu l-ħtieġa għal azzjoni f'oqsma ta' ħiliet oħra, bħall-iżvilupp tan-negozju u l-prontezza tal-investiment. Dawn il-ħiliet huma daqstant importanti għas-suċċess ta' negozju ġdid.

4.3.4 Il-KESE jħeġġeġ lill-KE tinkoraġġixxi u tgħin lill-Istati Membri jistabbilixxu skemi edukattivi għall-intraprendituri iżda wkoll biex tiffaċilita l-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri u l-partijiet interessati. Huwa rrakkomandat li tali programmi jiġu adottati minn kmieni fis-sistema edukattiva peress li dan wera li jkollu effett akbar.

4.3.5 Barra minn hekk, l-inkubaturi tan-negozju u s-servizzi ta' one-stop shop (bħall-iżvilupp, il-mentoraġġ u l-appoġġ finanzjarju) spiss huma kruċjali fl-istadji bikrija u ta' tkabbir. Il-KE jenħtieġ li tippromovi u tikkondividi l-aħjar prattiki f'dan il-qasam.

4.4 ***Tassazzjoni***

4.4.1 Il-KESE jikkondividi t-tħassib tal-KE li t-tassazzjoni tista' tikkostitwixxi ostakolu konsiderevoli għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu. Il-punti ewlenin li għandhom jiġu indirizzati huma l-ispejjeż għoljin tal-konformità, partikolarment dawk ikkawżati minn diversi skemi ta' tassazzjoni nazzjonali.

4.4.2 Il-KESE jitlob lill-KE tikkunsidra l-possibbiltà li ma jitqiegħed l-ebda limitu f'termini ta' daqs jew żmien fuq ir-riport tat-telf li jiġġarrab meta intrapriża tkun għadha kif bdiet topera jew tkun qed tespandi.

4.4.3 Il-KESE jilqa' wkoll il-possibbiltà li l-SMEs ikunu jistgħu jagħżlu li jkunu parti mis-sistema tal-Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva, kif deskritta fil-Komunikazzjoni tal-KE.

4.4.4 Barra minn hekk, it-tassazzjoni tal-konsum fis-sistema tal-VAT hija kumplessa ħafna għall-SMEs. Barra minn hekk, hemm piż żejjed fuq in-negozji l-ġodda biex jidentifikaw ir-rata tal-VAT applikabbli għal kull oġġett jew servizz partikolari fl-Istati Membri, li jirriżulta fi spejjeż għoljin, li finalment jiskoraġġixxu l-kummerċ transfruntier. Il-KESE għalhekk jappoġġja l-intenzjoni tal-KE li toħloq Żona Unika tal-VAT u l-pakkett ta' semplifikazzjoni tal-VAT għall-SMEs, inkluż in-negozji l-ġodda, li tindirizza ostakolu serju għall-mikrokumpaniji.

4.4.5 It-tassazzjoni fuq id-dħul mill-investiment fil-livell individwali f'ħafna Stati Membri jiskoraġġixxi wkoll l-investiment f'negozji ġodda u negozji li qed jespandu, b'mod partikolari jekk alternattivi tal-investiment oħra jiffaċċjaw piż tat-taxxa aktar baxx jew l-ebda tassazzjoni. It-tassazzjoni ta' opzjonijiet fuq l-ishma tista' f'dan ir-rigward teħtieġ attenzjoni speċjali. Il-KESE għalhekk jappoġġja l-monitoraġġ kontinwu mill-KE tal-iskemi/inizjattivi tat-taxxa tal-Istati Membri għal investimenti f'negozji ġodda/li qed jespandu.

4.4.6 L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn spazju fiskali li jippermettilhom jilħqu l-potenzjal ekonomiku sħiħ tagħhom filwaqt li jitqiesu l-għanijiet soċjali u ambjentali tagħhom, u filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji tal-kompetizzjoni ħielsa. Dan jista' jinkiseb permezz ta' diversi miżuri:

— l-immappjar tad-diversi inċentivi fiskali eżistenti assoċjati mal-finanzjament tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, bil-għan li jixxerrdu l-aħjar prattiki;

— it-trawwim tal-innovazzjoni soċjali permezz ta':

  — krediti ta' taxxa għal għotjiet jew investimenti bi gwadann iżjed baxx f'innovazzjonijiet soċjali li jissodisfaw il-prijoritajiet soċjetali;

  — it-tnedija ta' krediti ta' taxxa rimborżabbli f'riċerka u żvilupp għall-intrapriżi mingħajr skop ta' qligħ għall-ħolqien ta' innovazzjonijiet li jibbenefikaw lis-soċjetà u għat-titjib tal-produttività fis-servizzi għall-individwi u dawk ibbażati fil-viċinat.

4.5 ***Aċċess għall-finanzjament***

4.5.1 In-ngozji l-ġodda u dawk li qed jespandu jiddependu fuq l-aċċess għall-kapital ta' ekwità u l-obbligazzjonijiet. Il-KESE nnota f'opinjonijiet preċedenti ([12]) li l-aċċess għall-kapital ta' riskju huwa konsiderevolment aktar baxx fl-UE milli fl-Istati Uniti tal-Amerika, bir-raġuni prinċipali tkun li l-industrija tal-kapital ta' riskju tal-UE hija frammentata ħafna (ikkonċentrata f'ċerti Stati Membri). Il-KESE jirrikonoxxi li l-KE tindirizza din il-kwistjoni billi toħloq il-Fond ta' Kapital ta' Riskju pan-Ewropew, u jitlob lill-KE tieħu nota tal-proposti tal-KESE ([13]) u ssegwi mill-qrib l-adozzjoni u l-effetti tiegħu.

4.5.2 Fl-istess opinjoni aħna indikajna l-involviment insuffiċjenti tal-investituri privati, u rrakkomandajna inċentivi għas-sħubijiet pubbliċi-privati, fejn jistgħu jitqiesu l-fondi asimmetriċi (dawn diġà jeżistu fil-Finlandja, fir-Renju Unit, fil-Greċja u fin-Netherlands). Il-KESE issa jilqa' soluzzjoni simili li tippermetti lill-fondi ta' investiment bi sjieda privata li jibbenefikaw minn garanziji pubbliċi ta' investimenti f'negozji ġodda u negozji li qed jespandu.

4.5.3 Il-KESE jilqa' wkoll il-proposta li jiżdied il-baġit għall-FEIS u għall-COSME biex jipprovdu finanzjament addizzjonali għal politika effettiva għan-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu, billi titqies id-diversità tagħhom.

4.5.4 Madankollu, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-maġġoranza tan-negozji l-ġodda huma ffinanzjati minn self bankarju marbut ma' garanziji personali u familjari. Filwaqt li s-self mill-bank huwa realtà, jinħtieġ ukoll aċċess għall-ekwità bħala għodda finanzjarja iżda dan mhuwiex żviluppat biżżejjed fl-Ewropa minħabba reġimi tat-taxxa punittivi, nuqqas ta' kultura ta' ekwità, litteriżmu finanzjarju dgħajjef u skemi ta' insolvenza frammentati.

4.5.5 Il-KESE jinkoraġġixxi lill-Istati Membri tal-UE, bl-appoġġ tal-KE, jippromovu u jfittxu forom legali alternattivi ta' kif isir in-negozju, pereżempju l-Kumpanija Ssimplifikata b'Ishma Konġunti b'potenzjal ta' innovazzjoni għoli għat-tkabbir, tipiku ta' negozji ġodda (Franza u s-Slovakkja).

4.5.6 Il-KESE jinkoraġġixxi wkoll lill-Istati Membri, bl-appoġġ tal-KE, jissimplifikaw u jarmonizzaw il-liġijiet dwar il-falliment, inkluża l-implimentazzjoni tal-"prinċipju tat-tieni opportunità" propost fl-Opinjoni tal-KESE dwar l-insolvenza kummerċjali ([14]).

([12]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 6
([13]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 48.
([14]) ĠU C 209, 30.6.2017, p. 21.

4.5.7 Fil-proċedura u fil-leġislazzjoni dwar l-insolvenza, l-isfida hija biex jiġu vvalutati kif xieraq l-assi ta' negozji ġodda li qed ifallu. F'ħafna każijiet, l-assi prinċipali huma l-għarfien aktar milli l-assi fissi, kif kien indika qabel il-KESE ([15]).

4.5.8 F'opinjonijiet preċedenti l-KESE esplora bis-sħiħ l-ekosistema finanzjarja ([16]) meħtieġa għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali. L-istess bħan-negozji l-ġodda l-oħra, hemm il-ħtieġa li jiġu pprovduti soluzzjonijiet ta' kapital imħallat b'element ta' garanzija, kif ukoll strumenti innovattivi għall-finanzjament tat-tieni stadju u edukazzjoni finanzjarja li tinkludi l-prontezza tal-investiment. Karatteristika partikolari tal-investimenti u tal-finanzjament tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali hija li r-redditu fuq l-investiment jinkludi wkoll l-impatt soċjali. Il-KE jenħtieġ li tappoġġja lill-Istati Membri f'impriżi f'din id-direzzjoni.

## 5. **Konsiderazzjonijiet speċifiċi għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u għal forom emerġenti ġodda ta' intrapriża**

5.1 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Komunikazzjoni b'mod partikolari tenfasizza azzjoni speċifika għas-settur tal-intrapriża tal-ekonomija soċjali, kif ukoll tesplora aktar miżuri għall-mudelli kummerċjali emerġenti.

5.2 F'dan il-kuntest huwa kruċjali li nsemmu r-rabta bejn l-innovazzjoni soċjali u l-bidu tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u ta' mudelli kummerċjali ġodda, li l-KESE esplora qabel ([17]). Huwa ċentrali li nifhmu li l-innovazzjoni soċjali tibni fuq proċess ta' innovazzjoni differenti bbażat fuq kriterji u prinċipji speċifiċi. Kwalunkwe azzjoni li tappoġġja lin-negozji l-ġodda tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u mudelli kummerċjali ġodda trid għalhekk tirrikonoxxi l-valuri sottostanti ewlenin bħall-kejl tal-impatti soċjali u ambjentali, l-aspetti komuni tal-valur u tas-sors miftuħ li huma marbuta mal-innovazzjoni soċjali ([18]). Hekk hekk biss li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u dawn il-forom emerġenti ġodda ta' intrapriża soċjali jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ mill-miżuri ta' appoġġ, ikunu sostenibbli u jespandu b'suċċess.

5.3 Huwa importanti wkoll li nifhmu kif u jekk l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u dawn il-forom ġodda ta' intrapriża jespandux (huma jistgħu minflok jagħżlu li jikkondividu idea tajba aktar milli jespandu huma stess). Kif enfasizzat mill-KESE qabel, il-fattur fundamentali huwa li tiġi integrata bis-sħiħ il-loġika ta' dawn il-mudelli ta' intrapriża diversi fi kwalunkwe inizjattiva favur in-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu u li l-istrumenti ta' appoġġ jitfasslu apposta kif xieraq. Il-mekkaniżmi ta' appoġġ spiss huma bbażati fuq il-mudell ta' kumpanija tradizzjonali, li llum huwa n-norma, aktar milli fuq dawn il-mudelli tal-ekonomija soċjali jew mudelli ekonomiċi emerġenti alternattivi jew ġodda.

## 6. **Aktar ħtiġijiet identifikati**

6.1 Il-KESE enfasizza kontinwament il-ħtieġa li jiżdiedu l-viżibbiltà, ir-rikonoxximent u l-promozzjoni ta' forom ta' intrapriża diversi. Dan jinkludi l-ġbir aħjar ta' statistika u riċerka fid-diversi mudelli kummerċjali u l-loġika speċifika tagħhom li jeżistu fl-UE llum.

6.2 Bażi ta' data ta' prattiki tajba rigward miżuri li jippromovu n-negozji l-ġodda u n-negozji li qed jespandu fid-diversità kollha tagħhom tista' tkun utli ħafna. Il-KE tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tiffaċilita dan l-iskambju tal-aqwa prattiki mill-Istati Membri.

6.3 Il-valuri, il- prinċipji u r-raġunijiet għalfejn jeżistu l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jenħtieġ li jiġu promossi, għaliex jistgħu jkunu ta' ispirazzjoni għall-intraprendituri. L-esperjenzi u l-metodi mis-settur tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali jistgħu faċilment jiġu ttrasferiti għal mudelli oħra ta' intrapriżi, bħall-prinċipji tas-sħubija u l-affiljazzjoni bbażati fuq il-kokreazzjoni bejn setturi u partijiet ikkonċernati, ftehimiet tal-liċenzja, il-bini ta' kapaċità, piggybacking li jippermetti l-ingranaġġ tal-iskala ta' kumpaniji oħra, is-sors miftuħ għad-diffużjoni rapida ta' soluzzjonijiet, netwerks intelliġenti li jibnu fuq valur komuni u kollettiv u l-istabbiliment ta' standards ġodda bħall-movimenti mmirati lejn tibdil fil-politika. Eżempju ta' dan tal-aħħar huwa li l-innovazzjoni soċjali normalment twassal għal innovazzjoni fil-politika soċjali. Bl-istess mod, l-intrapriżi konvenzjonali jistgħu jispiraw lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, pereżempju fil-kummerċjalizzazzjoni, fil-bejgħ u fil-ġestjoni tan-negozju, biex għal darb'oħra jintwera l-valur tal-iskambju tal-aħjar prattika.

([15]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 6
([16]) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 152.
([17]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 28.
([18]) Indiċi tal-Innovazzjoni Soċjali żviluppat minn Europe Tomorrow u ĠU C 458, 19.12.2014, p. 14.

6.4 Il-KESE jinsab f'pożizzjoni tajba — billi jirrappreżenta lis-soċjetà ċivili Ewropea — biex b'mod attiv jieħu sehem fil-promozzjoni u fit-tisħiħ tal-iżvilupp intraprenditorjali fl-UE għall-benefiċċju tal-impjiegi, il-protezzjoni soċjali u t-tkabbir. Aħna għalhekk noffru l-kapaċità u l-kapaċitajiet tagħna lill-Kummissjoni għal aktar inizjattivi għall-SMEs, inklużi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.

Brussell, il-31 ta' Mejju 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea"**

*(COM(2016) 799 final — 2016/0400 (COD))*

(2017/C 288/04)

Relatur: **Jorge PEGADO LIZ**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Parlament Ewropew, 13.3.2017 |
| | Kunsill Ewropew, 13.3.2017 |
| Bażi ġuridika | L-Artikoli 43(2), 91, 100(2), 114, 153(2)(b), 168(4)(b), 172, u 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. |
| Kompetenza | Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni speċjalizzata | 4.5.2017 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 1.6.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 156/0/1 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma segwietx l-opinjonijiet preċedenti tiegħu u li kellha terġa' tibda n-negozjati għall-adattament ta' għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju (PRS) mal-Artikoli 290 u 291 TFUE.

1.2 Il-KESE jfakkar li fl-opinjonijiet preċedenti tiegħu huwa ddefinixxa l-aktar direzzjoni adatta li fil-fehma tiegħu tippreserva l-valuri fundamentali involuti f'dan l-eżerċizzju, f'termini ta' ċertezza tad-dritt, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-eżerċitar effettiv, bilanċjat u demokratiku tas-setgħat tal-istituzzjonijiet.

1.3 Fil-fehma tiegħu, jenħtieġ li dawn il-prinċipji jiggwidaw l-eżerċizzju l-ġdid ta' allinjament tal-atti legali li għadhom jaqgħu taħt il-PRS mas-sistema l-ġdida tal-atti delegati u tal-atti ta' implimentazzjoni previsti fl-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE.

1.4 Mingħajr ħsara għal analiżi aktar speċifika waqt ir-reviżjoni ta' kull att soġġett għall-opinjoni tiegħu, il-KESE jiddikjara b'mod sintetiku l-osservazzjonijiet li huwa jqis xierqa fuq kull waħda mill-proposti leġislattivi mħabbra fil-proposta.

## 2. **Il-proposta tal-Kummissjoni**

2.1 Fil-proposta tagħha, il-Kummissjoni tinnota li numru sinifikanti ta' atti leġislattivi bażiċi soġġetti għar-regoli tad-Deċiżjoni 2006/512/KE tal-Kunsill ("Deċiżjoni dwar il-Proċedura ta' Kumitat") għad iridu jiġu adattati għall-Artikoli 290 u 291 TFUE skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ("Regolament dwar il-Proċedura ta' Kumitat").

2.2 Hija kienet intrabtet li tadattahom sal-2013 u għaldaqstant ipproponiet tliet allinjamenti orizzontali fl-2013, imsejħa "Omnibus I, II u III".

2.3 Wara diskussjoni twila mal-PE u numru ta' emendi għal dawn il-proposti, il-Kunsill irrifjuta li jappoġġja dan l-allinjament awtomatiku u kollettiv tal-atti kollha msejħa "PRS" ma' atti delegati, minħabba li ma kienx garantit li l-esperti tal-Istati Membri kienu se jkunu sistematikament ikkonsultati fil-fażi preparatorja tal-atti delegati. Minħabba l-problemi istituzzjonali li nħolqu, il-Kummissjoni rtirat il-proposti tagħha.

2.4 Wara r-reviżjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (FII) u l-adozzjoni tal-Ftehim Komuni dwar l-Atti Delegati annessi fih, il-Kummissjoni ppreżentat proposta ġdida li twieġeb għall-oġġezzjonijiet tal-Kunsill. Din tikkunsidra l-bidliet introdotti mill-Ftehim Interistituzzjonali l-ġdid fir-rigward tal-konsultazzjoni tal-esperti tal-Istati Membri fit-tħejjija tal-atti delegati u l-konsultazzjoni sinkronizzata mal-PE.

2.5 Il-proposta hija maqsuma fi 13-il kapitolu tal-anness fejn il-168 att huma rreġistrati f'ordni kronoloġika u kklassifikati mill-Kummissjoni f'erba' tabelli:

Tabella 1 — l-atti li għalihom huwa propost allinjament mad-dispożizzjonijiet dwar l-atti ta' implimentazzjoni għal ċerti awtorizzazzjonijiet;

Tabella 2 — l-atti li għalihom hija prevista t-tneħħija ta' ċerti awtorizzazzjonijiet;

Tabella 3 — proposti adottati mill-Kummissjoni;

Tabella 4 — atti li għalihom hemm ippjanati proposti.

## 3. **Sfond — opinjonijiet u rapporti tal-KESE**

3.1 F'Lulju 2013, il-KESE adotta rapport ta' informazzjoni dettaljat ħafna li l-għan tiegħu kien li "jenfasizza r-realtajiet tal-proċedura ta' delega leġislattiva li ddaħħlet mit-Trattat ta' Lisbona".

3.2 Fih innota li "in-natura legali preċiża tal-atti ddelegati għadha mhux definita b'mod ċar; il-kunċett ta' miżuri 'mhux essenzjali' huwa interpretat mill-Qorti f'diversi modi skont l-oqsma kkonċernati; u l-flessibbiltà li għandha l-Kummissjoni tidher pjuttost estensiva peress li huwa f'idejn il-Kummissjoni li tipproponi l-kamp ta' applikazzjoni u t-tul ta' żmien tad-delegi".

3.2.1 Huwa semma "għadd ta' kwistjonijiet[…] dwar it-trasparenza tas-sistema ta' konsultazzjoni minn qabel li toriġina f'dokument li mhuwiex legalment vinkolanti, bl-isem ta' Common Understanding on practical arrangements for the use of delegated acts tal-4 ta' April 2011".

3.2.2 Barra minn hekk huwa nnota li "l-implimentazzjoni tal-Artikolu 290 tat-TFUE hija prevista f'Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2009, att li mhuwiex legalment vinkolanti, filwaqt li r-regoli dwar l-eżerċitar tal-poteri tal-implimentazzjoni jinbtu minn regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011, att legali ta' applikazzjoni ġenerali, ilkoll elementi li huma obbligatorji u ta' applikazzjoni diretta".

3.2.3 Huwa kkonkluda li "għad hemm id-dubji dwar is-sempliċità tal-proċedura, jekk il-pubbliku Ewropew huwiex verament jifhem x'hemm involut, l-użu 'korrett' ta' din il-proċedura u l-effikaċja tal-mekkaniżmi ta' kontroll". Għalhekk, il-KESE ppropona li jfassal opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar is-suġġett sabiex ikun jista' jieħu pożizzjoni dwar l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet miksuba b'mod oġġettiv f'dan ir-rapport għal titjib possibbli tal-proċedura leġislattiva tal-UE.

3.3 F'Lulju u f'Settembru 2013, il-KESE rċieva żewġ proposti għal regolamenti "li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikolu 290 tat-TFUE" (COM(2013) 451 final) u "li jadatta għadd ta' atti legali fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-TFUE" (COM (2013) 452 final), imbagħad, fit-18 ta' Novembru u fl-10 ta' Diċembru, reġa' rċieva proposta oħra għal regolament "li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE" (COM(2013) 751 final). Dawn ir-regolamenti kienu msejħa Omnibus I, II u III.

3.3.1 Fl-opinjonijiet tiegħu tas-16 ta' Ottubru u tat-2 ta' Jannar, huwa enfasizza b'mod partikolari li, għalkemm meħtieġ, dan l-"allinjament kollettiv" ta' aktar minn 165 strument legali (regolamenti, direttivi u deċiżjonijiet) li jaqgħu taħt 12-il qasam differenti kien iqajjem għadd ta' mistoqsijiet ġuridiċi u prattiċi.

3.3.2 Għalhekk, "ċerti elementi tal-proċedura ta' delega għadhom mhumiex ċari […] l-idea ta' 'elementi mhux essenzjali' għad trid tiġi definita. Għad trid issir ukoll valutazzjoni preċiża tat-tħaddim tal-mekkaniżmu".

3.3.3 Barra minn hekk, huwa nnota li "uħud mill-proposti għal regolament għandhom għażliet li ma jqisux il-qafas stabbilit mill-atti leġiżlattivi bażiċi u jaslu biex jipprevedu li d-delega titwettaq matul perjodu indeterminat jew li jistabbilixxu skadenzi qosra ħafna għall-iskrutinju mill-Parlament u l-Kunsill".

3.3.4 Wara analiżi sistematika tal-proposti kollha, il-KESE rrakkomanda lill-Kummissjoni "li tadatta l-eżerċizzju tagħha ta' 'allinjament kollettiv' billi tqis iktar l-ispeċifiċitajiet ta' ċerti atti leġiżlattivi bażiċi" u "lill-Kunsill u lill-Parlament li jkunu viġilanti kemm jista' jkun u li jevalwaw bir-reqqa l-atti kollha inklużi f'dan l-eżerċizzju ta' 'allinjament'".

3.3.5 Jekk l-eżerċizzju għandu jissokta skont kif propost mill-Kummissjoni, il-KESE enfasizza l-importanza:

— ta' parteċipazzjoni sħiħa tal-PE f'dan il-proċess;

— ta' razzjonalizzazzjoni u simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' kumitat;

— ta' aktar informazzjoni, kemm dwar it-termini tad-delega lill-kumitati kif ukoll dwar il-miżuri rilevanti, tul il-fażijiet kollha tal-proċedura;

— ta' aċċess sħiħ għall-informazzjoni liċ-ċittadini u lis-soċjetà ċivili.

3.3.6 Fl-aħħar nett, il-Kumitat talab li jitqies l-impatt tal-qafas regolatorju l-ġdid, bil-preżentazzjoni lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kumitat stess ta' rapport perjodiku dwar l-effikaċja, it-trasparenza u t-tixrid tal-informazzjoni.

3.4 Sadanittant, il-Kummissjoni kienet ippubblikat proposta ta' ftehim interistituzzjonali vinkolanti, ibbażata fuq l-Artikolu 295 tat-TFUE, li kien parti mill-qafas tal-pakkett "Tfassil Aħjar tal-Liġijiet" li jittratta atti delegati f'żewġ annessi speċifiċi.

3.4.1 Fl-opinjoni tiegħu ta' Lulju 2015, il-KESE: "jinsab sodisfatt […] bl-isforzi tal-Kummissjoni għal bilanċ ġust bejn il-valuri fundamentali li huma r-rispett għan-'norma ġuridika', il-parteċipazzjoni demokratika, it-trasparenza, il-prossimità taċ-ċittadini u d-dritt għal informazzjoni wiesgħa dwar il-proċeduri leġislattivi, min-naħa l-waħda, u s-simplifikazzjoni leġislattiva, regolamentazzjoni aktar flessibbli, adattata aħjar għall-interessi involuti, u fejn l-aġġornament u r-reviżjoni huma ffaċilitati, min-naħa l-oħra".

3.4.2 Il-KESE laqa' wkoll il-fatt li "l-Kummissjoni timpenja ruħha li tiġbor l-għarfien espert kollu meħtieġ qabel l-adozzjoni ta' atti delegati […], inkluż permezz tal-konsultazzjoni mal-esperti mill-Istati Membri u permezz ta' konsultazzjonijiet pubbliċi u li hi tipproponi l-istess metodu konsultattiv għall-atti ta' implimentazzjoni".

3.4.3 Madankollu, il-KESE beża' li dawn il-konsultazzjonijiet kollha jtawlu b'mod eċċessiv u mingħajr bżonn il-ħin biex jitħejjew l-atti.

3.4.4 Huwa ma kienx jaqbel kompletament mal-approċċ ta' każ b'każ li jiddistingwi kwistjonijiet li jridu jkunu s-suġġett ta' atti delegati jew atti ta' implimentazzjoni, minħabba li l-kriterji użati kienu ambigwi u setgħu jagħtu lok għal diversi interpretazzjonijiet.

3.4.5 Il-KESE kien partikolarment kontra:

a) in-nuqqas ta' informazzjoni minn qabel dwar l-esperti tal-Istati Membri u l-kompetenzi tekniċi tagħhom;

b) in-nuqqas ta' perjodu adatt għall-konsultazzjoni tal-esperti, tal-partijiet interessati, tal-PE u tal-Kunsill, għajr f'każ ta' emerġenza;

c) il-karattru fakultattiv tal-konsultazzjoni u tat-trażmissjoni tal-iskeda tal-laqgħat lill-PE u lill-partijiet interessati;

d) l-inkonsistenza tal-informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti delegati, li għandha tkun sistematika, awtomatika, aġġornata u online;

e) il-prinċipju tal-perjodu ta' żmien indeterminat tad-delega: il-KESE talab perjodu speċifiku, li possibbilment jista' jiġġedded għal perjodu identiku, ħlief f'każijiet eċċezzjonali debitament iġġustifikati.

3.4.6 Il-KESE xtaq li l-linji gwida jistipulaw biċ-ċar li d-delegi jkunu delimitati fit-totalità tagħhom, jiġifieri:

a) objettivi identifikati;

b) kontenut speċifiku;

c) kamp ta' applikazzjoni ċar;

d) perjodu strett u fiss.

3.4.7 Huwa sostna li "l-abbozzar tal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE jista' jittejjeb, u li fil-każ ta' reviżjoni tat-trattati, iridu jiġu mtejba. L-applikazzjoni tagħhom trid issir b'mod aħjar sabiex jiġi evitat li d-deċiżjonijiet dwar l-għażla tal-istrument legali jkunu aktar politiċi milli tekniċi".

3.5 Peress li ma kienx hemm qbil bejn il-Parlament u l-Kunsill dwar il-proċedura ta' allinjament kollettiv, il-Kummissjoni kellha tirtira l-proposti tagħha u tissottometti din il-proposta.

## 4. **Kummenti ġenerali**

4.1 Minħabba l-opinjonijiet preċedenti tiegħu, il-KESE jistaqsi jekk dewmien ta' aktar minn erba' snin f'qasam daqstant sensittiv huwiex iġġustifikat.

4.2 Fil-fatt, il-KESE kien stabbilixxa b'mod ċar il-linji gwida ġenerali li ġejjin:

a) l-użu ta' atti delegati jrid ikun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola;

b) f'każ ta' dubju dwar il-karattru essenzjali tal-elementi inkwistjoni, jew ta' żona "griża", il-Kummissjoni għandha toqgħod lura milli tipproponi atti delegati u għandha tilleġisla fl-att leġislattiv innifsu;

c) f'każ ta' dubju dwar in-natura tal-miżura li għandha tittieħed, il-Kummissjoni trid tadotta preferibbilment atti ta' implimentazzjoni aktar milli atti delegati.

4.3 Ma qabilx mal-Kummissjoni wkoll fuq il-punti mfakkra fil-paragrafu 3.3.5 aktar 'il fuq.

4.4 Uħud minn dawn l-aspetti negattivi ġew korretti f'din il-proposta. Madankollu għad fadal ċerti punti ta' nuqqas ta' qbil:

a) il-Kummissjoni għadha tinsisti fuq il-perjodu ta' żmien indeterminat tal-atti delegati. Il-KESE jsostni li l-perjodu ta' żmien tad-delega fil-prinċipju dejjem għandu jkun definit, bil-possibbiltà li jiġġedded, ħlief f'każijiet eċċezzjonali debitament iġġustifikati;

b) il-KESE għadu qed jibża' li l-Parlament u l-Kunsill mhumiex se jkollhom il-possibbiltà reali li jeżerċitaw kontroll effettiv f'waqtu tal-kontenut tal-atti delegati;

c) huwa għad għandu d-dubji tiegħu dwar id-distinzjoni eżatta tal-atti ta' implimentazzjoni u tal-atti delegati, l-aktar f'dak li jirrigwarda l-"miżuri essenzjali u mhux essenzjali" relatati mad-drittijiet fundamentali;

d) fl-aħħar nett, huwa jafferma mill-ġdid li riformulazzjoni tal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE tista' tneħħi darba għal dejjem kwalunkwe ambigwità li qed tikkawża l-problemi attwali.

## 5. **Kummenti speċifiċi**

L-analiżi dettaljata ta' kull waħda mill-168 proposta annessi tippermettilna nqajmu dawn id-dubji:

*Tabella 1*

**L-atti li għalihom huwa propost allinjament mad-dispożizzjonijiet dwar l-atti ta' implimentazzjoni għal ċerti awtorizzazzjonijiet**

| Numru fl-Anness | Titolu tal-Att [1] | Il-kummenti tal-KESE |
|---|---|---|
| 2 | Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 | L-Artikolu 12(a) jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br><br><u>Kummentarju</u>: fl-2013, kemm il-Kunsill kif ukoll il-Parlament Ewropew kienu favur perjodu fiss ta' ħames snin b'tiġdid awtomatiku wara rapport mill-Kummissjoni li għandu jiġi ppreżentat qabel l-iskadenza tad-delega. Hawnhekk, il-Kummissjoni tqis li l-awtorizzazzjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat hija ġustifikata minħabba l-fatt li l-leġislatur għandu l-possibbiltà li jirrevoka awtorizzazzjoni fil-każijiet kollha u f'kull ħin (ara p. 8 tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2016) 799 final). |
| 6 | Id-Deċiżjoni Nru 626/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2008 | Id-deċiżjoni tirrigwarda l-kompetenzi ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni.<br><br><u>Kumment</u>: il-Kummissjoni tassumi, rigward l-għażla bejn awtorizzazzjoni ta' atti delegati jew ta' atti ta' implimentazzjoni, li l-valutazzjoni tal-2013 (il-proposti Omnibus) għadha valida peress li la n-negozjati rigward dawn il-proposti, la l-ġurisprudenza dwar is-suġġett, u lanqas ir-riżultat tal-FII ma ppermettew li jkunu definiti kriterji ġodda li kienu jeħtieġu valutazzjoni komprensiva mill-ġdid (ara p. 5 tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2016) 799 final). |
| 53 | Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 | L-Artikolu 17(3) il-ġdid, ma jipprovdix il-perjodu tal-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni li tadotta atti delegati.<br><br>L-Artikolu 48a l-ġdid jispeċifika li l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 17(3) u fl-Artikolu 48 għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament Omnibus.<br><br><u>Kumment</u>:<br><br>1. Ara l-kaxxa 2 tat-tabella.<br><br>2. L-Artikolu 17(3) il-ġdid, jipprovdi li l-<u>proċeduri ta' rikors</u> kontra d-deċiżjonijiet meħuda wara l-valutazzjoni tal-korpi kompetenti EMAS se jkunu adottati permezz ta' awtorizzazzjoni. Jidher li hawnhekk dan jirrigwarda d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali previst fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Madankollu, il-Kummissjoni ma jistax ikollha s-setgħa li tadotta dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali jew l-eżerċizzju tagħhom permezz ta' delega. |

| Numru fl-Anness | Titolu tal-Att ([1]) | Il-kummenti tal-KESE |
|---|---|---|
| 58 | Ir-Regolament (KE) Nru 530/1999 tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 | L-Artikolu 10(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br><br>Kumment: ara l-kaxxa 2 tat-tabella. |
| 59 | Ir-Regolament (KE) Nru 2150/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2002 | L-Artikolu 5(b) il-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari. |
| 60 | Ir-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 | L-Artikolu 3(1)(a) l-ġdid, jipprovdi li kull Stat Membru għandu jiġbor l-informazzjoni statistika. L-Artikolu 5 il-ġdid dwar l-eżattezza tal-istatistika jipprovdi li l-ġbir tal-informazzjoni għandu jkun imsejjes fuq "prospetti kompletati". Fl-aħħar nett, l-Artikolu 10(a) dwar l-eżerċizzju tad-delega jipprovdi li din għandha tiġi eżerċitata għal perjodu ta' żmien indeterminat minn data li trid tiġi stabbilita sussegwentement.<br><br>Kumment: il-KESE jinnota li l-kunċett ta' "prospetti kompletati" jista' japplika għal data personali kif definita fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u jenfasizza li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE ddeċiediet li din ma tistax tkun soġġetta għal proċedura ta' delega (ara l-Kawża C-355/10, Il-Parlament vs il-Kunsill, u l-Opinjoni tal-KESE ĠU C 67/104, 6.3.2014). |
| 61 | Ir-Regolament (KE) Nru 450/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 | L-Artikolu 11(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br><br>Kumment: ara l-kaxxa 2 tat-tabella. |
| 64 | Ir-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 | L-Artikolu 13(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br><br>Kumment: ara l-kaxxa 2 tat-tabella. |
| 67 | Ir-Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 | L-Artikolu 9(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br><br>Kumment: ara l-kaxxa 2 tat-tabella. |
| 69 | Ir-Regolament (KE) Nru 1445/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 | L-Artikolu 10(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br><br>Kumment: ara l-kaxxa 2 tat-tabella. |

| Numru fl-Anness | Titolu tal-Att (1) | Il-kummenti tal-KESE |
|---|---|---|
| 70 | Ir-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 | L-Artikolu 15(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br>L-Artikolu 8(a) l-ġdid jipprevedi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari. |
| 73 | Ir-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 | L-Artikolu 6(a) l-ġdid jipprevedi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari. |
| 74 | Ir-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 | L-Artikolu 8(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br>Kumment:<br>1. Ara l-kaxxa 2 tat-tabella.<br>2. Il-KESE jinnota li l-Artikolu 7 il-ġdid jipprovdi li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati […] għat-twettiq ta' sensiela ta' studji ta' fattibbiltà […] li jsiru mill-Istati Membri li jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jipprovdu d-data.<br>Huwa jistaqsi jekk in-natura tad-data dwar is-saħħa tal-bniedem (p. 157/158 tal-Anness) tikkonċernax is-saħħa tal-applikanti għal impjieg, f'liema każ tkun data personali li ma tistax tkun inkluża fil-proċedura ta' delega (ara l-Kawża C-355/10 iċċitata aktar 'il fuq). |
| 89 | Id-Deċiżjoni Nru 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | L-Artikolu 21(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br>Kumment: ara l-kaxxa 2 tat-tabella. |
| 99 | Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 | L-Artikolu 31(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br>Kumment: ara l-kaxxa 2 tat-tabella. |
| 104 | Direttiva tal-Kunsill 97/70/KE tal-11 ta' Diċembru 1997. | L-Artikolu 8(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br>Kumment: ara l-kaxxa 2 tat-tabella. |

| Numru fl-Anness | Titolu tal-Att [1] | Il-kummenti tal-KESE |
|---|---|---|
| 114 | Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 | L-Artikolu 10(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br><br>Kumment: ara l-kaxxa 2 tat-tabella. |
| 143 | Direttiva 2002/46/KE tal-10 ta' Ġunju 2002 | L-Artikolu 12(a) jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br><br>Kumment:<br><br>1. Ara l-kaxxa 2 tat-tabella.<br><br>2. Il-KESE jinnota li d-Direttiva 2002/46/KE tarmonizza r-regoli dwar is-supplimenti tal-ikel sabiex tipproteġi lill-konsumaturi minn riskji potenzjali għas-saħħa u biex jiġi żgurat li l-informazzjoni li tidher fuq dawn il-prodotti ma tqarraqx bihom. Għaldaqstant tikkonċerna l-applikazzjoni tal-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Għaldaqstant il-kontroll li jsir mill-esperti tal-Istati Membri u l-Parlament Ewropew irid ikun massimu. |
| 144 | Id-Direttiva 2002/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 | L-Artikolu 27(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br><br>Kumment:<br><br>1. Ara l-kaxxa 2 tat-tabella.<br><br>2. Il-KESE jinnota li d-Direttiva tikkonċerna l-istandards tal-kwalità u tas-sigurtà għall-ġbir […] tad-demm u tal-komponenti tad-demm tal-bniedem għal skopijiet terapewtiċi. Għalhekk hija tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tas-saħħa previst fl-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Għaldaqstant il-kontroll li jsir mill-esperti tal-Istati Membri u l-Parlament Ewropew irid ikun massimu. |
| 147 | Ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 | L-Artikolu 34 il-ġdid jipprevedi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br><br>Kumment:<br><br>1. Ara l-kaxxa 2 tat-tabella.<br><br>2. Il-KESE jinnota li r-regolament jipprovdi li "għandu jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ħajja u s-saħħa umana fl-attwazzjoni tal-politika Komunitarja". Għaldaqstant jikkonċerna l-applikazzjoni tal-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali dwar il-protezzjoni tas-saħħa. Għaldaqstant il-kontroll li jsir mill-esperti tal-Istati Membri u l-Parlament Ewropew irid ikun massimu. |

| Numru fl-Anness | Titolu tal-Att ([1]) | Il-kummenti tal-KESE |
|---|---|---|
| 151 | Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 | L-Artikolu 13(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br>Kumment:<br>1. Ara l-kaxxa 2 tat-tabella.<br>2. Il-KESE jinnota li r-regolament għandu l-għan "li jiżgura d-detezzjoni u l-kontroll tas-Salmonella f'kull stadju, b'mod partikolari waqt il-produzzjoni primarja (f'dan il-kuntest, it-tnissil u t-trobbija tat-tjur u bhejjem oħrajn) u fl-għalf tal-annimali, biex tonqos il-prevalenza tagħha u r-riskju għas-saħħa pubblika". Għaldaqstant jikkonċerna l-applikazzjoni tal-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Għaldaqstant il-kontroll li jsir mill-esperti tal-Istati Membri u l-Parlament Ewropew irid ikun massimu. |
| 152 | Id-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 | L-Artikolu 28(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br>Kumment:<br>1. Ara l-kaxxa 2 tat-tabella.<br>2. Il-KESE jinnota li d-Direttiva tirrigwarda l-protezzjoni tas-saħħa li tidher fl-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u li tiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex tissupplimenta l-imsemmija Direttiva b'rekwiżiti ta' traċċabbiltà. Il-KESE jidhirlu li din id-delega hija estensiva wisq u li tista' tirrigwarda elementi essenzjali. Għaldaqstant tidher li tikser il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (ara l-Kawża C-355/10 iċċitata aktar 'il fuq). |
| 158 | Ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 | L-Artikolu 24(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br>Kumment:<br>1. Ara l-kaxxa 2 tat-tabella.<br>2. Il-KESE jinnota li r-regolament jikkonċerna l-applikazzjoni tal-Artikoli 35 u 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u li d-delega tinkludi "[l-]miżuri li jistabbilixxu l-ikel jew kategoriji ta' ikel li għalihom l-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa għandhom ikunu ristretti jew ipprojbiti". Il-KESE jqis li l-kliem użat jista' jinkludi miżuri essenzjali li ma jistgħux ikunu ddelegati taħt l-Artikolu 290 tat-TFUE. |

| Numru fl-Anness | Titolu tal-Att [1] | Il-kummenti tal-KESE |
|---|---|---|
| 159 | Ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 | L-Artikolu 13(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br>Kumment:<br>1. Ara l-kaxxa 2 tat-tabella.<br>2. Il-KESE jinnota li r-regolament jikkonċerna l-applikazzjoni tal-Artikoli 35 u 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u għandu l-għan li jtejjeb il-protezzjoni tal-konsumatur billi jistabbilixxi regoli addizzjonali ta' tikkettar.<br>3. F'dan ir-rigward, il-kontroll tal-esperti tal-Istati Membri u tal-Parlament Ewropew fuq l-emenda tal-Annessi I u II tal-imsemmi regolament jenħtieġ li jkun massimu. |
| 165 | Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 | L-Artikolu 24(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br>Kumment:<br>1. Ara l-kaxxa 2 tat-tabella.<br>2. Il-KESE jinnota li r-regolament jikkonċerna l-applikazzjoni tal-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u li d-delega tinkludi s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta regoli dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' preżenza kkonfermata ta' sustanza pprojbita jew mhux awtorizzata. Din id-delega hija estensiva wisq u tista' tirrigwarda elementi essenzjali. Għaldaqstant tidher li tikser il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (ara l-Kawża C-355/10 iċċitata aktar 'il fuq). |
| 166 | Ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 | L-Artikolu 27(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br>Kumment: ara l-kaxxa 2 tat-tabella. |
| 167 | Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 | L-Artikolu 51(a) l-ġdid jipprovdi li l-perjodu ta' setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati mogħti lill-Kummissjoni huwa perjodu ta' żmien indeterminat li jibda minn data partikolari.<br>Kumment: ara l-kaxxa 2 tat-tabella. |

[1] Għal dawn l-atti, fl-2013 kien diġà ġie propost l-allinjament ta' xi dispożizzjonijiet mad-dispożizzjonijiet dwar l-atti ta' implimentazzjoni.

*Tabella 2*

**L-atti li għalihom hija prevista t-tneħħija ta' ċerti awtorizzazzjonijiet;**

| Numru fl-Anness | Titolu tal-Att [1] | Il-kummenti tal-KESE |
|---|---|---|
| 2 | Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 | Artikolu 12(a) OK. Kontra perjodu ta' żmien indeterminat. |

| Numru fl-Anness | Titolu tal-Att [1] | Il-kummenti tal-KESE |
|---|---|---|
| 7 | Ir-Regolament (KE) Nru 1257/96 tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 1996 | OK. |
| 36 | Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 | Artikolu 11(a) OK. Kontra perjodu ta' żmien indeterminat. |
| 54 | Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 | OK. Kontra perjodu ta' żmien indeterminat. |
| 57 | Ir-Regolament (KE) Nru 1165/98 tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 | LE. Id-delega hija wiesgħa wisq u tirrigwarda aspetti essenzjali. |
| 66 | Ir-Regolament (KE) Nru 458/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' April 2007 | OK. Kontra perjodu ta' żmien indeterminat. |
| 92 | Id-Direttiva 2009/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 | OK. Kontra perjodu ta' żmien indeterminat. |
| 133 | Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 | LE. Id-definizzjoni tal-ksur u tat-telf ta' reputazzjoni tajba taqa' taħt id-drittijiet tal-personalità. |
| 168 | Id-Deċiżjoni Nru 70/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 | OK. |

[1] Fil-każ ta' dawn l-atti, fl-2013 kienet diġà ġiet proposta t-tneħħija ta' xi dispożizzjonijiet.

*Tabella 3*

**Proposti adottati mill-Kummissjoni**

| Qasam | Strument | Referenza tal-Proposta | Il-kummenti tal-KESE |
|---|---|---|---|
| CLIMA | Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 | COM(2015) 337 | L-Artikolu 23 il-ġdid Wisq delegazzjonijiet f'suġġetti sensittivi u essenzjali, jenħtieġ li jkun rivedut. Kontra l-perjodu ta' żmien indeterminat. |
| CNECT | Id-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 | COM(2016) 590 | L-Artikolu 109 il-ġdid b'referenza għall-Artikoli 40, 60, 73, 102 u 108. Wisq delegazzjonijiet f'suġġetti sensittivi u essenzjali anki fl-Annessi, jenħtieġ li jkun rivedut. Skemi għal perjodi ta' żmien differenti (l-Artikolu 73(7), u l-Artikolu 109). |

| Qasam | Strument | Referenza tal-Proposta | Il-kummenti tal-KESE |
|---|---|---|---|
| CNECT | Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 | COM(2016) 590 | L-Artikolu 109 il-ġdid b'referenza għall-Artikoli 40, 60, 73, 102 u 108. Wisq delegazzjonijiet f'suġġetti sensittivi u essenzjali anki fl-Annessi. Skemi għal perjodi ta' żmien differenti (l-Artikolu 73(7), u l-Artikolu 109). |
| CNECT | Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 | COM(2016) 590 | L-Artikolu 109 il-ġdid b'referenza għall-Artikoli 40, 60, 73, 102 u 108. Wisq delegazzjonijiet f'suġġetti sensittivi u essenzjali anki fl-Annessi, jenħtieġ li jkun rivedut. Skemi għal perjodi ta' żmien differenti (l-Artikolu 73(7), u l-Artikolu 109). |
| ENER | Id-Direttiva 2008/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 | COM(2015) 496 | L-Artikolu 10. OK għad-delega. Kontra l-perjodu ta' żmien indeterminat. |
| GROW | Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 | COM(2014) 28 final | Il-Kummissjoni tixtieq tuża atti delegati (xi għaxra), skont l-Artikolu 290 tat-TFUE, li jfisser limitazzjoni tal-kontenut attwali tar-Regolament.<br>Ċerti punti tal-proposta li għalihom huwa previst l-użu ta' atti delegati jirrigwardaw l-emissjonijiet tal-vetturi u l-limiti korrispondenti. Preċiżament minħabba l-importanza tagħhom, dawn il-kwistjonijiet dejjem ġew deċiżi mill-koleġislaturi.<br>Il-KESE qajjem diversi drabi fl-opinjonijiet tiegħu l-kwistjoni ta' użu eċċessiv ta' atti delegati. Huwa għandu dubji dwar it-trasparenza tas-sistema, l-użu tajjeb tal-proċeduri u l-effikaċja tal-mekkaniżmi ta' kontroll. |
| GROW | Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 | COM(2016) 31 final | L-Artikolu 88. Wisq atti delegati fuq punti essenzjali. Kontra l-perjodu ta' żmien indeterminat. |
| GROW | Id-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1997 | COM(2014) 581 final | L-Artikolu 55. OK għad-delegi u l-perjodu ta' ħames snin. |

| Qasam | Strument | Referenza tal-Proposta | Il-kummenti tal-KESE |
|---|---|---|---|
| GROW | Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 | COM(2014) 28 final | L-Artikolu 15(a) l-ġdid. Il-Kummissjoni tixtieq tuża atti delegati (xi għaxra), skont l-Artikolu 290 tat-TFUE, li jfisser limitazzjoni tal-kontenut attwali tar-Regolament.<br>Ċerti punti tal-proposta li għalihom huwa previst l-użu ta' atti delegati jirrigwardaw l-emissjonijiet tal-vetturi u l-limiti korrispondenti. Preċiżament minħabba l-importanza tagħhom, dawn il-kwistjonijiet dejjem ġew deċiżi mill-koleġislaturi.<br>Il-KESE qajjem diversi drabi fl-opinjonijiet tiegħu l-kwistjoni ta' użu eċċessiv ta' atti delegati. Huwa għandu dubji dwar it-trasparenza tas-sistema, l-użu tajjeb tal-proċeduri u l-effikaċja tal-mekkaniżmi ta' kontroll. |
| ENV | Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 | COM(2015) 595 | L-Artikolu 38(a) l-ġdid. OK għad-delegi. Kontra l-perjodu ta' żmien indeterminat. |
| ENV | Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999. | COM(2015) 594 | Le għad-delega. L-Artikolu 16 il-ġdid huwa vag wisq. Kontra l-perjodu ta' żmien indeterminat. |
| ENV | Id-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 | COM(2015) 593 | OK. |
| ENV | Ir-Regolament (KE) Nru 338/97 tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 1996 | COM(2012) 403 | OK għall-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati (l-Artikoli 19 u 20). Kontra l-perjodu ta' żmien indeterminat. |
| ESTAT | Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 | Tħassir propost minn COM(2016)551 | OK għat-tħassir. |
| MOVE | Id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 | COM(2013) 622 | LE għad-delegi. Kunċett vag wisq ta' progress tekniku u xjentifiku. Kontra l-perjodu ta' żmien indeterminat. |
| MOVE | Id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Marzu 2002 | COM(2011) 828 | L-Artikolu 12. OK għad-delegi. Kontra l-perjodu ta' żmien indeterminat. |
| MOVE | Direttiva tal-Kunsill 96/50/KE tat-23 ta' Lulju 1996. | COM(2016) 82 final | OK għad-delegi (l-Artikolu 29). Kontra l-perjodu ta' żmien indeterminat. |

| Qasam | Strument | Referenza tal-Proposta | Il-kummenti tal-KESE |
|---|---|---|---|
| MOVE | Direttiva tal-Kunsill 91/672/KE tas-16 ta' Diċembru 1991 | COM(2016) 82 final | OK għad-delegi (l-Artikolu 29). Kontra l-perjodu ta' żmien indeterminat. |
| MOVE | Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 | COM(2016) 369 | OK għad-delegi u għall-perjodu ta' żmien indeterminat b'mod eċċezzjonali. |
| MOVE | Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE tad-29 ta' April 1999 | COM(2016) 371 | L-Artikolu 13. OK għad-delegi u għall-perjodu ta' żmien indeterminat b'mod eċċezzjonali. |
| MOVE | Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE tat-18 ta' Ġunju 1998 | COM(2016) 370 | L-Artikolu 12(a). OK għad-delegi u għall-perjodu ta' żmien indeterminat b'mod eċċezzjonali. |
| SANTE | Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 | COM(2014) 557 | OK għad-delegi (l-Artikolu 87(a)). Kontra l-perjodu ta' żmien indeterminat. |

*Tabella 4*

**Atti li għalihom hemm ippjanati proposti**

| Qasam | Strument | Il-kummenti tal-KESE |
|---|---|---|
| AGRI | Ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 | Ebda kumment għal dawn l-atti kollha peress li t-test mhuwiex disponibbli. |
| CLIMA | Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 | |
| ENER | Ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 | |
| ENER | Ir-Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 | |
| ENER | Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 | |
| ENV | Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 | |
| ENV | Direttiva tal-Kunsill 86/278/KE tat-12 ta' Ġunju 1986 | |
| ESTAT | Ir-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 | |
| ESTAT | Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 | |

Brussell, l-1 ta' Ġunju 2017.

*President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar:**

**(a) "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, li tistabbilixxi l-proċedura ta' notifika għal skemi ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti relatati ma' servizzi, u li temenda d-Direttiva 2006/123/KE u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern"**

*(COM(2016) 821 final — 2016/0398(COD))*

**(b) "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet"**

*(COM(2016) 822 final — 2016/0404(COD))*

**(c) "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-qafas legali u operattiv tal-e-Card Ewropea tas-servizzi introdotta bir-Regolament (ir-Regolament tal-ESC)"**

*(COM(2016) 823 final — 2016/0402(COD))*

**(d) "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' e-Card Ewropea tas-servizzi u l-faċilitajiet amministrattivi relatati"**

*(COM(2016) 824 final — 2016/0403(COD))*

(2017/C 288/05)

Relatur: **Arno METZLER**

Korelatur: **Stefano PALMIERI**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | a) Kunsill, 30.1.2017<br>Parlament Ewropew, 19.1.2017<br>b) Kunsill, 10.2.2017<br>Parlament Ewropew, 1.2.2017<br>c) Parlament Ewropew, 1.2.2017<br>Kummissjoni Ewropea, 31.5.2017<br>d) Kunsill, 20.2.2017<br>Parlament Ewropew, 1.2.2017 |
| Bażi ġuridika | a) Artikoli 53(1), 62 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.<br>b) Artikoli 46, 53(1) u 62 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.<br>c) L-Artikoli 53(1) u l-Artikolu 62 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea<br>d) L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 4.5.2017 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 31.5.2017 |
| Sessjoni tal-plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 152/3/7 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE japprezza u jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex tisfrutta l-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku fir-rigward tas-settur tas-servizzi. Madankollu, il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li — fis-sitwazzjoni politika attwali f'ħafna Stati Membri — kull tip ta' "intervent" tal-UE relatat mal-mandat strett tal-kompetenzi tal-Istati Membri jista' jwassal għal kontroversji politiċi. Għalhekk anke f'każijiet fejn ikun legalment possibbli li jiġu applikati miżuri ta' infurzar tal-konformità aktar stretti, dan jista' ma jkunx sensittiv fil-kriżi politika serja. Il-KESE għaldaqstant jirrakkomanda li jiġi segwit approċċ pożittiv li jinforza l-aħjar prattiki u konsultazzjoni minflok miżuri ta' infurzar kull fejn possibbli.

1.2 Il-KESE jikkondividi bis-sħiħ l-għan tal-Kummissjoni li jitrawwem djalogu bejn l-UE u l-Istati Membri fi stadju bikri fi kwalunkwe proċess leġiżlattiv sabiex tiġi evitata l-adozzjoni ta' atti legali fuq livell nazzjonali li jfixklu l-proċess ta' integrazzjoni Ewropea. Il-KESE jirrakkomanda t-twessigħ ta' dan id-djalogu u biex ma ssirx enfasi fuq il-konformità mad-Direttiva dwar is-Servizzi biss iżda anke mad-dritt primarju tal-Unjoni, u b'mod partikolari mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali sabiex ikun garantit bilanċ ġust bejn id-drittijiet tal-ħaddiema u l-protezzjoni tal-konsumaturi minn naħa u l-libertajiet ekonomiċi min-naħa l-oħra. Jenħtieġ li tiġi speċifikata l-kompożizzjoni tal-korp responsabbli għall-kontroll tal-konformità u jeħtieġ li dan jiġi kompost b'mod li jiżgura l-konformità sħiħa mal-liġijiet u l-prinċipji msemmija hawn fuq.

1.2.1 Il-KESE jissuġġerixxi li jintgħażel approċċ pożittiv u li jiġi stabbilit il-prinċipju li r-riżultat pożittiv biss ta' proċedura ta' konsultazzjoni għandu effett fil-forma tal-għotja ta' "garanzija ta' konformità" għall-abbozz tal-miżura. Għal każijiet mingħajr evalwazzjoni tal-konformità pożittiva, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni m'għandhiex tkun vinkolanti u għandhom jiġu applikati l-proċeduri ta' wara l-adozzjoni diġà disponibbli.

1.3 Il-KESE jilqa' l-introduzzjoni ta' test tal-proporzjonalità dettaljat u bir-reqqa disponibbli lill-Istati Membri u bbażat fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-KESE jemmen li dan il-kunċett jista' jtejjeb il-proċeduri nazzjonali ta' proporzjonalità. Il-KESE jenfasizza li l-kontroll tal-proporzjonalità jirrikjedi kooperazzjoni msaħħa tal-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet professjonali tal-Istati Membri.

1.3.1 Il-KESE jemmen li obbligu li jintuża t-test ġdid qabel kwalunkwe regolamentazzjoni professjonali mhuwiex l-aħjar approċċ għall-infurzar ta' applikazzjoni effettiva u involuta ta' tali test. Għalhekk jirrakkomanda li jiġi introdott it-test biss bħala offerta ta' servizzi għar-regolaturi nazzjonali.

1.4 Il-KESE jilqa' l-isforz li tiġi promossa l-mobilità tal-fornituri ta' servizzi u jemmen li r-riċerka u l-issodisfar ta' rekwiżiti nazzjonali għall-forniment ta' servizzi fi Stat Membru ieħor jistgħu xorta waħda jkunu diffiċli għall-fornituri ta' servizzi. Madankollu, l-approċċ li tgħaddi r-responsabilità ewlenija għall-proċedura f'idejn l-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' domiċilju huwa f'kunflitt mal-prinċipju stabbilit fl-Istat Membru ospitanti fejn l-attivitajiet tal-intrapriżi u l-ħaddiema huma regolati mil-liġi tal-pajjiż li fih ikunu mwettqa.

1.4.1 Il-KESE jenfasizza li huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini ma jiġi introdott fl-ebda forma. Huwa għalhekk jenfasizza li l-e-card tas-servizzi tintroduċi diversi elementi abbażi ta' dan il-prinċipju billi tippermetti lill-fornituri ta' servizzi jittrattaw esklużivament mal-Istat Membru tad-domiċilju bħala intermedjarju u jirrikjedu lill-Istati Membri ospitanti jaċċettaw id-deċiżjonijiet tal-Istat Membru tad-domiċilju dwar l-awtentiċità tad-dokumenti, u għaldaqstant jillimitaw il-mekkaniżmi ta' kontroll u b'hekk jarmonizzaw l-iskambju tad-data abbażi tal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini.

1.4.2 Il-KESE jenfasizza li għandu jkun garantit li l-Istati Membri ospitanti jibqgħu responsabbli bis-sħiħ biex jiddeċiedu liema proċeduri għandhom jiġu segwiti sabiex jiġi rreġistrat l-istabbiliment sekondarju, inklużi aspetti ta' rikonoxximent professjonali. Il-proċedura kompletament elettronika kkombinata ma' possibbiltajiet limitati għall-Istati Membri ospitanti biex jivverifikaw l-informazzjoni pprovduta lill-Istat Membru tad-domiċilju permezz tal-e-card tas-servizzi tagħmilha aktar faċli biex jiġu stabbiliti kumpaniji tal-isem (letterbox companies) għal raġunijiet ta' evażjoni tat-taxxa u dumping soċjali.

1.4.3 Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni li tinsab fl-e-card tas-servizzi hija dejjem aġġornata u biex jiġi evitat il-ħolqien ta' ċimiterju ta' data, il-KESE jirrakkomanda li jiġi kkunsidrat mill-ġdid il-prinċipju ta' darba biss u jiġu introdotti limiti ta' żmien fuq il-validità ta' e-card tas-servizzi.

1.4.4 Il-KESE jirrakkomanda wkoll li jitneħħew il-proċeduri ta' revoka restrittivi, u b'mod partikolari l-ħtieġa għal deċiżjoni finali mill-qrati, sabiex kull Stat Membru jkun jista' jwettaq kontroll effettiv fuq l-attivitajiet ekonomiċi mwettqa fit-territorju tiegħu.

1.4.5 Il-proposta tistabbilixxi skadenzi stretti biex tiġi ċċekkjata l-validità tal-informazzjoni pprovduta minn applikant għal e-card tas-servizzi. Din għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid sabiex l-awtoritajiet ikollhom biżżejjed żmien sabiex jipproċessaw l-applikazzjonijiet.

1.4.6 Il-proposta leġiżlattiva għandha ssemmi l-ħtieġa li jiġu introdotti sanzjonijiet dissważivi u effettivi, kemm għall-Istat Membru u kif ukoll għall-kumpanija applikanti, għall-abbuż tal-e-card tas-servizzi Ewropea.

1.4.7 Il-KESE jirrakkomanda li jiġi ddikjarat b'mod aktar ċar li d-Direttiva dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali għandha preferenza għal kwalunkwe aspett ta' rikonoxximent professjonali fir-rigward tal-e-card il-ġdida. Għandu jiġi ċċarat b'mod espliċitu li ma tistax tinħareġ e-card tas-servizzi għal professjonisti li jipprattikaw professjoni li hija regolata fl-Istat Membru tal-oriġini u/jew l-istat membru ospitanti, irrispettivament minn jekk il-professjoni hijiex ipprattikata f'forma ta' xogħol indipendenti (self-employed) jew ta' kumpanija.

1.4.8 Sabiex jiġi evitat l-abbuż tal-e-card minn persuni b'impjieg indipendenti fittizju, il-KESE jemmen li l-e-card m'għandhiex tinħareġ għal persuni fiżiċi li ma għandhomx grupp organizzat ta' persuni u ta'assi li jippermettu l-eżerċizzju ta' attività ekonomika.

1.4.9 Il-KESE jixtieq iqajjem dubji dwar jekk is-sistema eżistenti tal-IMI fil-forma attwali tagħha li hija bbażata fuq mistoqsijiet/formoli b'diversi lingwi standardizzati u skambju ta' data manwali fuq talba tal-Istati Membri u tiddependi fuq kooperazzjoni ottimali bejn l-Istati Membri hijiex aġġornata bi żviluppi attwali fil-kondiviżjoni elettronika tad-data. Għalhekk, il-KESE jemmen li trid tiġi vvalutata s-sistema tal-IMI bil-ħsieb li tkun garantita l-aħjar prestazzjoni possibbli, il-kompatibbiltà u l-komplementarjetà ma' skemi ta' skambju tad-data tal-imsieħba soċjali u/jew nazzjonali eżistenti inklużi inizjattivi settorjali bħall-Karti tal-identità soċjali.

1.4.10 Il-proposta tintroduċi sistema Ewropea armonizzata ta' notifika minn qabel għal ħaddiema stazzjonati abbażi ta' inklużjoni fakultattiva volontarja mill-Istati Membri li twitti t-triq għal espansjoni obbligatorja f'punt aktar tard, li la hija mixtieqa u lanqas kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/67/UE ([1]). Għalhekk il-KESE jissuġġerixxi li tiġi kkunsidrata mill-ġdid l-implimentazzjoni ta' din is-sistema.

1.4.11 Abbażi tat-tħassib imqajjem u l-fatt li r-rekwiżiti ta' garanzija msemmija jistgħu ma jinkisbux permezz tal-użu tas-sistema ta' skambju ta' data kif inhi bħalissa, il-KESE jemmen li l-applikazzjoni tal-e-card fil-forma attwali tista' twassal għal effetti negattivi deskritti f'din l-opinjoni li jistgħu ma jkunux proporzjonati u jkunu akbar minn kwalunkwe benefiċċju. Għalhekk il-KESE jissuġġerixxi li tiġi kkonsultata aktar fid-dettall il-konfigurazzjoni ta' din is-sistema ma' partijiet interessati involuti u tiġi aġġustata sabiex tiġi garantita l-kooperazzjoni effettiva bejn l-Istati Membri qabel ma jitkomplu l-proċeduri. Il-KESE jista' jintalab jibda djalogu bl-għan li tinstab soluzzjoni alternattiva għall-e-card tas-servizzi sabiex jinkludi sistemi ta' reġistrazzjoni u kwalifikazzjoni diġà eżistenti b'mod aktar effettiv.

1.5 Il-KESE jixtieq jenfasizza li d-differenzi bejn il-kunċetti regolatorji ma jindikawx fihom infushom ħtieġa għal riforma. Jilqa' l-indikatur il-ġdid ta' restrizzjoni mfassal mill-Kummissjoni Ewropea peress li jippermetti standard ogħla ta' analiżi mill-PMR tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Madankollu, jenħtieġ li jkun iċċarat b'mod espliċitu, li l-indikatur ta' restrizzjoni huwa newtrali mingħajr kwalunkwe dikjarazzjoni tal-valur jew il-ġustifikazzjoni tar-regolamenti.

1.6 Il-KESE jinnota li l-Pakkett dwar is-Servizzi ma joffrix approċċ għal servizzi elettroniċi, iżda jemmen li dan huwa qasam ġdid u emerġenti tan-negozju li jeħtieġ attenzjoni speċjali. Peress li l-potenzjal għall-mobbiltà huwa ferm għoli f'dan is-settur, il-verifika tal-kwalifiki u t-twettiq tar-rekwiżiti legali u r-rekwiżiti minimi ta' kwalità huwa partikolarment diffiċli biex jiġu stmati għall-konsumaturi u jistgħu jeħtieġu l-użu ta' għodod speċjali. Inizjattiva li tiffoka fuq is-Suq Intern għal servizzi elettroniċi għalhekk tkun milqugħa tajjeb. Huma meħtieġa elementi ġodda biex fuqhom tinbena fiduċja personali mingħajr ma wieħed ikun jaf lill-fornitur tas-servizz personalment.

([1]) ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11.

1.7 Fir-rigward tal-problema ta' fiduċja reċiproka li huwa aspett importanti tad-diskussjoni dwar il-Pakkett tas-Servizzi u l-e-card tas-servizzi b'mod partikolari, il-KESE jissuġġerixxi li jiġu evalwati s-sistemi eżistenti għar-reġistrazzjoni ta' professjonisti u negozji u l-akkreditazzjoni relatata u l-mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità. Peress li s-Suq Intern għas-servizzi għadu jqajjem tħassib konsiderevoli fi ħdan l-Istati Membri, il-KESE jilqa' inizjattiva biex tinġabar aktar informazzjoni dwar l-impatti taż-żieda fl-attivitajiet transkonfinali. Din l-inizjattiva tkun tikkunsidra l-effetti ekonomiċi, iżda tkun tiffoka primarjament fuq kwistjonijiet oħra bħalma huma l-impjieg, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tal-konsumatur. Jekk il-problemi jkunu identifikati b'mod oġġettiv, dawn jistgħu jiġu indirizzati sabiex tiżdied il-fiduċja tal-Istati Membri fuq medda twila ta' żmien. Mingħajr fiduċja reċiproka suffiċjenti, is-Suq Intern għas-servizzi qatt mhu ser jiġi implimentat b'mod effettiv.

## 2. **Ħarsa ġenerali lejn il-miżuri proposti**

2.1 Is-servizzi jirrappreżentaw żewġ terzi tal-ekonomija tal-UE u jammontaw għal 90 % tal-impjiegi ġodda li nħolqu. Pakkett ta' miżuri li jiffoka fuq kif jista' jsir aktar faċli għall-kumpaniji u l-professjonisti biex jipprovdu servizzi lil bażi ta' konsumaturi potenzjali ta' 500 miljun persuna fl-UE għandu jagħti spinta lis-settur tas-servizzi sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tiegħu.

### 2.2 *Proċedura ta' notifika għall-iskemi ta' awtorizzazzjoni u rekwiżiti relatati mas-servizzi*

2.2.1 Rekwiżiti aktar stretti għall-proċedura ta' notifika għal miżuri relatati mad-Direttiva dwar is-Servizzi għandhom jipprevjenu lill-Istati Membri milli jadottaw skemi ta' awtorizzazzjoni nazzjonali jew rekwiżiti relatati mas-servizzi diskriminatorji, mhux ġustifikati u sproporzjonati.

Il-proċedura twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura ta' notifika skont id-Direttiva dwar is-Servizzi u tiddefinixxih b'mod aktar ċar. Din tistabbilixxi perjodu ta' konsultazzjoni li jipprevedi djalogu bejn l-Istat Membru tan-notifika, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri l-oħra dwar il-konformità ta' abbozz ta' miżura nazzjonali mad-Direttiva dwar is-Servizzi.

### 2.3 *Test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet*

2.3.1 Ħafna drabi l-Istati Membri jkollhom raġunijiet tajba għar-regolamentazzjoni professjonali, ibbażati fuq il-ħtieġa li jiġu protetti objettivi essenzjali ta' interess pubbliku. Huwa l-kompitu tal-Istat Membru li jivvaluta fuq bażi ta' każ b'każ jekk huwiex meħtieġ li jitqiegħdu restrizzjonijiet fuq l-aċċess għal u t-twettiq ta' attivitajiet professjonali.

2.3.2 Biex jiġi evitat impatt negattiv fuq il-forniment ta' servizzi u l-mobilità ta' professjonisti kkawżat minn valutazzjoni ta' proporzjonalità mhux uniformi tar-regolamentazzjoni tal-professjonijiet madwar l-UE, jiġi introdott test tal-proporzjonalità, li se jintuża mill-Istati Membri qabel l-adozzjoni jew l-emenda ta' regolamenti nazzjonali dwar il-professjonijiet.

2.3.3 Id-Direttiva tistabbilixxi l-kriterji ewlenin li għandhom jiġu kkunsidrati għall-valutazzjoni, bħal pereżempju n-natura tar-riskji, il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet riżervati, ir-rabta bejn il-kwalifiki u l-attivitajiet, l-impatt ekonomiku ta' miżura, eċċ.

2.3.4 It-Trattati jispeċifikaw li r-regolamentazzjoni għandha tkun proporzjonata; madankollu, lil hinn minn din l-għażla dwar jekk għandhiex tiġi regolata professjoni u kif għandha tiġi regolata tibqa' l-kompetenza tal-Istati Membri.

### 2.4 *E-card Ewropea tas-servizzi*

2.4.1 L-e-card hija proċedura kompletament elettronika u ġdida għal persuni impjegati għal rashom u l-kumpaniji f'għadd ta' oqsma bħas-settur tas-servizzi tal-kostruzzjoni, tat-tindif u tan-negozju. Għandha tissostitwixxi formalitajiet amministrattivi f'lingwi differenti, minħabba li l-fornitur ta' servizzi jsegwi proċedura fil-lingwa tal-pajjiż tad-domiċilju u mal-amministrazzjoni tal-pajjiż tad-domiċilju.

2.4.2 Il-proċedura tal-e-card għandha tiddependi fuq kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti, implimentata permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) eżistenti. M'għandhiex tibdel is-sustanza tar-regoli applikabbli dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema skont id-Direttivi 96/71/KE ([2]) u 2014/67/UE ([3]).

2.4.3 L-e-card Ewropea tas-servizzi hija simili għall-Karta Professjonali Ewropea (KPE). Iżda, filwaqt li l-KPE tiffaċilita l-forniment ta' servizzi permezz tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali għal persuni fiżiċi bħala ħaddiema jew fornituri ta' servizzi impjegati għal rashom, l-e-card tindirizza firxa ħafna aktar wiesgħa ta' rekwiżiti.

([2]) ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1.
([3]) ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11.

2.5 *Rakkomandazzjonijiet għal riforma għar-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali*

2.5.1 Billi r-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali hija prerogattiva tal-Istati Membri, jeżistu ħafna mudelli regolatorji differenti. Irrispettivament mill-mudell applikabbli f'kull pajjiż jew reġjun, l-għan tal-komunikazzjoni huwa li l-Istati Membri jiġu megħjuna bit-tneħħija ta' restrizzjonijiet sostantivi mhux ġustifikati u speċifiċi, u li jinħoloq għarfien regolatorju "virtuż" min-naħa tal-Istati Membri.

2.5.2 Ir-rakkomandazzjonijiet tar-riforma jindirizzaw firxa wiesgħa ta' rekwiżiti u jipprovdu analiżi dettaljata tar-regolamenti li japplikaw għal periti, inġiniera ċivili, kontabilisti, avukati, aġenti tal-privattivi, aġenti tal-proprjetà immobbli u gwidi turistiċi. Mhux kollha jitqiesu bħala ksur tad-dritt tal-Unjoni mill-Kummissjoni Ewropea.

2.5.3 Il-Kummissjoni Ewropea fasslet indikatur ġdid dwar ir-restrizzjoni tar-regolamentazzjoni okkupazzjonali sabiex tiġi appoġġjata analiżi kwalitattiva tal-ostakoli. Dan ikopri l-aspetti ta' approċċ regolatorju, ir-rekwiżiti ta' kwalifika, il-kundizzjonijiet oħra tad-dħul u r-rekwiżiti ta' eżerċizzju.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1 Il-KESE japprezza u jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex tisfrutta l-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku fir-rigward tas-settur tas-servizzi. Il-miżuri relatati ma' xulxin tal-pakkett dwar is-servizzi bla dubju jipprovdu approċċ solidu lejn dan l-għan. Madankollu, il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li — fil-kriżi politika serja f'ħafna Stati Membri — kull tip ta' "intervent" tal-UE relatat mal-mandat strett tal-kompetenzi tal-Istati Membri jista' jwassal għal kontroversji politiċi. Is-setgħat leġiżlattivi — li jistgħu jidhru li huma affettwati mill-proċedura ta' notifika l-ġdida u t-test tal-proporzjonalità obbligatorju — u sistemi tradizzjonali li ilhom stabbiliti ta' regolamentazzjoni professjonali nazzjonali huma ħafna drabi meqjusa bħala pedamenti tas-sistemi nazzjonali u għalhekk iridu jiġu trattati bħala kwistjonijiet sensittivi. Anke fejn ikun legalment possibbli li jiġu applikati miżuri ta' infurzar tal-konformità aktar stretti, dan jista' ma jkunx sensittiv fis-sitwazzjoni attwali. Approċċ pożittiv li jinforza l-aħjar prattika jew li jsegwi approċċ ta' konsulenza jista' jkun aktar effettiv.

3.1.1 Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li tingħata l-attenzjoni dovuta għall-kwalità u s-sikurezza tas-servizzi mogħtija fl-Unjoni Ewropea.

3.1.2 Barra minn hekk, il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni għas-sensittività partikolari marbuta mal-oqsma bħas-saħħa u l-protezzjoni tal-pazjent. Jekk l-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni tista' tkun komplementari għal dik tal-Istati Membri, ir-responsabbiltà sħiħa tagħhom għandha tkun rispettata, kif ukoll il-possibbiltà li jdaħħlu fis-seħħ miżuri iktar stretti għall-protezzjoni tal-pazjenti, kif previst fl-Artikoli 168 tat-TFUE.

3.2 Billi huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-partijiet interessati prinċipali josservaw ir-regolamenti l-ġodda tal-professjoni tagħhom, sabiex ikun assigurat li r-regolamentazzjoni hija soda u effettiva, il-KESE jipproponi li jiġu kkonsultati l-partijiet interessati bħalma huma l-organizzazzjonijiet professjonali, l-imsieħba soċjali, il-protezzjoni tal-konsumatur, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili dwar l-applikazzjoni prattika tal-miżuri ppjanati.

3.3 Irridu nkunu konxji li l-introduzzjoni ta' obbligi u miżuri ta' infurzar ġodda f'dan il-kuntest tista' tagħti l-impressjoni li l-Istati Membri ġeneralment jidhru bħala mhux kapaċi biżżejjed li jifhmu r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar is-Servizzi u d-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali, filwaqt li fil-fatt l-għodda leġiżlattivi bħat-testijiet tal-proporzjonalità huma rekwiżiti bażiċi ta' kwalunkwe proċedura leġiżlattiva nazzjonali fil-maġġoranza vasta tal-Istati Membri.

3.4 Bosta dispożizzjonijiet fil-Pakkett tas-Servizzi jirriskjaw li jwasslu għal nuqqas ta' ċarezza fid-distinzjoni bejn il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-libertà tal-istabbiliment. Il-KESE għaldaqstant jenfasizza l-importanza li tinżamm din id-distinzjoni — definita b'mod ċar kemm mid-Direttiva dwar is-Servizzi kif ukoll mid-Direttiva dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali, kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja — fil-valutazzjoni tar-riżultati ta' test tal-proporzjonalità applikat għal regolamentazzjonijiet nazzjonali ġodda ta' professjonijiet u meta ssir l-implimentazzjoni tar-regolament u d-direttiva dwar l-e-card Ewropea tas-servizzi. Għalhekk, bl-għan li tiġi garantita l-kompetizzjoni ġusta bejn l-impriżi, għandhom ikunu pprojbiti l-miżuri diskriminatorji u l-kundizzjonijiet tax-xogħol stabbiliti minn liġijiet u ftehimiet kollettivi fil-pajjiż ospitanti kif ukoll id-drittijiet tal-konsumatur u r-regoli tas-saħħa u s-sigurtà għandhom jiġu rispettati.

3.5 Il-KESE jinnota li t-tkabbir tas-settur tas-servizzi m'għandux jinkludi dumping soċjali u frodi ([4]). Għalhekk, il-KESE jenfasizza n-nuqqas ta' salvagwardji suffiċjenti biex iżommu d-drittijiet tal-ħaddiema u l-ħarsien tal-konsumatur f'livell għoli fl-Istati Membri kollha u r-riskju li jkun introdott il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini li jkun jikser ir-regoli fundamentali skont liema l-attivitajiet tal-intrapriżi u tal-ħaddiema huma regolati mil-liġi tal-pajjiż fejn dawn jitwettqu.

([4]) ĠU C 125, 21.4.2017, p. 1

3.6 Il-KESE jaqbel mal-fehma tal-partijiet ikkonċernati fis-setturi fil-mira mill-proposta għal e-card Ewropea tas-servizzi u jistaqsi dwar il-valur miżjud tal-inizjattiva leġiżlattiva u l-utilità tagħha.

3.7 Sfortunatament, il-pakkett tas-suq intern propost ma jindirizzax il-kwistjonijiet reali li jħabbtu wiċċhom magħhom uħud mis-setturi fil-mira mill-proposti. Il-KESE jqis li huwa importanti li jitnaqqas il-potenzjal għal frodi u l-abbuż tas-suq intern minn ditti ta' reputazzjoni ħażina sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi u l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u d-diversi partijiet interessati.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

### 4.1 *Proċedura ta' notifika għall-iskemi ta' awtorizzazzjoni u rekwiżiti relatati mas-servizzi*

4.1.1 Il-KESE jikkondividi bis-sħiħ l-għan tal-Kummissjoni li jitrawwem djalogu bejnha u l-Istati Membri fi stadju bikri fil-proċess leġiżlattiv sabiex tiġi evitata l-adozzjoni ta' standards li jfixklu s-Suq Uniku. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll it-twessigħ ta' dan id-djalogu u biex ma ssirx enfasi fuq il-konformità mad-Direttiva dwar is-Servizzi biss iżda anke mad-dritt primarju tal-Unjoni, u b'mod partikolari mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea peress li dan ikun jiggarantixxi l-bilanċ ġust bejn id-drittijiet tal-ħaddiema u l-protezzjoni tal-konsumaturi minn naħa u l-libertajiet ekonomiċi min-naħa l-oħra. Jenħtieġ li tiġi ċċarata l-kompożizzjoni tal-korp responsabbli għall-kontroll tal-konformità u jeħtieġ li dan jiġi kompost b'mod li jiżgura l-konformità sħiħa mal-liġijiet u l-prinċipji msemmija hawn fuq u kif ukoll ir-rappreżentanza u l-indipendenza tagħha.

4.1.2 Madankollu, il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li jidher li l-impatt dirett tal-proposta fuq il-proċeduri leġiżlattivi nazzjonali huwa konsiderevoli.

4.1.3 Il-proposta twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura ta' notifika regolata mid-Direttiva dwar is-Servizzi u hija wkoll pjuttost kumplessa. Flimkien ma' perjodu sospensiv, din tfixkel għaldaqstant il-kapaċità tal-leġiżlaturi nazzjonali li jwettqu riformi f'perjodu ta' żmien qasir, anke f'każijiet ta' emendi leġiżlattivi żgħar.

4.1.4 Miżuri ta' infurzar bħall-perjodu sospensiv, il-mekkaniżmu ta' twissija u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrikjedi lill-Istat Membru li jieqaf milli jadotta l-abbozz ta' miżura jnaqqsu b'mod konsiderevoli r-ritmu tal-proċessi leġiżlattivi nazzjonali u jsiru restrizzjonijiet konsiderevoli fuq il-libertà tal-leġiżlatur nazzjonali. Sabiex tiġi garantita proċedura leġiżlattiva demokratika, huwa meħtieġ li tiġi preservata bis-sħiħ is-setgħa leġiżlattiva tal-Parlamenti nazzjonali. Il-KESE jesprimi dubji kbar dwar jekk ikunx proporzjonat — jew sensittiv — li wieħed jinterferixxi fi proċeduri leġiżlattivi nazzjonali billi jiġu introdotti miżuri ta' infurzar aktar stretti anke fi kwistjonijiet koperti mill-prinċipju ta' sussidjarjetà meta jkunu disponibbli proċeduri ta' wara l-adozzjoni perfettament adegwati.

4.1.5 Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet negattivi marbuta mal-konformità tal-abbozz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali ma jkunux vinkolanti. Il-KESE jissuġġerixxi li r-riżultat pożittiv biss ta' proċedura ta' konsultazzjoni jkollu effett fil-forma tal-għotja ta' "garanzija ta' konformità" għall-abbozz ta' miżura. Dan l-approċċ pożittiv iġib benefiċċji konsiderevoli għall-Istati Membri u jservi ta' motivazzjoni biex dawn jinvolvu ruħhom bis-sħiħ fil-proċedura ta' konsultazzjoni prevista u biex jaċċettaw l-isforzi relatati. Għal każijiet mingħajr evalwazzjoni tal-konformità pożittiva, għandhom jiġu applikati l-proċeduri ta' wara l-adozzjoni diġà disponibbli.

4.1.6 Il-KESE jenfasizza li, kif stabbilit mid-Direttiva dwar is-Servizzi, il-proċedura ta' notifika mhix ser taffettwa d-dritt li wieħed jinnegozja, jikkonkludi u jinforza ftehimiet kollettivi.

### 4.2 *Test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet*

4.2.1 Il-KESE jilqa' l-introduzzjoni ta' test tal-proporzjonalità dettaljat u bir-reqqa disponibbli għall-Istati Membri u bbażat fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Huwa jemmen li dan il-kunċett jista' jtejjeb il-proċeduri nazzjonali ta' proporzjonalità.

4.2.2 Il-KESE jenfasizza li l-kontroll tal-proporzjonalità li jiffoka fuq rekwiżiti professjonali ser jeħtieġ kooperazzjoni mill-qrib tal-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet professjonali b'kompetenzi għall-assigurazzjoni tal-kwalità tal-professjoni regolata inkwistjoni. Dan għandu jipprevedi wkoll id-dritt tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet għall-ħarsien tal-konsumatur għandhom jiġu kkonsultati sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mad-drittijiet tal-ħaddiema u tal-konsumaturi. L-istrutturi ta' dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jibqgħu strettament f'idejn l-Istati Membri.

4.2.3 Madankollu, il-KESE jiddubita jekk direttiva li timplimenta obbligu li jintuża t-test qabel kwalunkwe regolamentazzjoni professjonali ġdida hijiex l-aħjar mod kif jiġi infurzat dan it-test. Għal din ir-raġuni, huwa jippreferi l-introduzzjoni ta' linji gwida li jippermettu lill-Istati Membri jadattaw it-test biex jaqbel bl-aħjar mod mas-sistemi leġiżlattivi tagħhom.

4.2.4 Ħafna mill-kriterji ta' proporzjonalità proposti li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati huma pjuttost wiesgħa u miftuħa, u jippermettu diversi risposti skont l-approċċ tal-ittestjar magħżul, il-persuni/korpi li jwettqu t-testijiet eċċ. Bħala tali, jistgħu jintużaw bħala linji gwida ta' appoġġ, iżda fuq livell aktar baxx, bħala proċedura obbligatorja b'impatt konsiderevoli fuq il-proċess leġiżlattiv kollu. Barra minn hekk, sabiex tiġi evitata l-impressjoni li l-kriterji msemmija jitqiesu b'mod ġenerali bħala ostakoli, jenħtieġ li jiġi garantit li l-lista hija newtrali mingħajr kwalunkwe dikjarazzjoni tal-valur jew il-ġustifikazzjoni tar-regolamenti. Fi kwalunkwe każ, kull fejn possibbli, il-kriterji jenħtieġ li jkunu kemm jista' jkun konkreti u oġġettivi sabiex jiffunzjonaw bħala punti ta' riferiment.

4.2.5 It-testijiet tal-proporzjonalità huma diġà rekwiżiti bażiċi fi kwalunkwe proċedura leġiżlattiva nazzjonali fil-maġġoranza vasta tal-Istati Membri. L-armonizzazzjoni ta' kriterji ta' proporzjonalità tkun tinterferixxi fil-kompetenzi leġiżlattivi nazzjonali u tista' twassal għall-ħolqien ta' obbligi sproporzjonati f'xi Stati Membri u aktar distorsjonijiet fis-suq.

4.2.6 Id-Direttiva tindirizza biss regolamentazzjoni *ex ante* (bħall-protezzjoni tat-titoli, ir-reġistrazzjoni obbligatorja, ir-rekwiżiti ta' kwalifika, eċċ), għalkemm regolamentazzjoni *ex post* (bħal skemi ta' ċertifikazzjoni professjonali, regolamenti lokali jew permessi tal-bini) tista' timponi restrizzjonijiet sinifikanti fir-rigward tal-forniment ta' servizzi. Għal din ir-raġuni, it-tqabbil oġġettiv ta' sistemi regolatorji jidher diffiċli.

4.2.7 L-obbligu li jiġu pprovduti rapporti ta' proporzjonalità abbażi tas-sistema tat-test pjuttost kumplessa — u anke parzjalment xjentifika — jista' jnaqqas b'mod konsiderevoli r-ritmu ta' kwalunkwe riforma fir-rigward tar-regolamentazzjoni professjonali jew saħansitra jfixkilha.

4.2.8 Għalkemm il-Kummissjoni Ewropea tenfasizza li l-għażla fir-rigward ta' jekk u kif jiġu rregolati l-professjonijiet tibqa' f'idejn l-Istati Membri, din il-libertà hija teoretika ħafna. Jekk it-test obbligatorju jkun negattiv, xorta waħda bilkemm ikun possibbli li l-leġiżlatur jargumenta l-konformità mad-Direttiva dwar is-Servizzi. Barra minn hekk, il-proposta trid tidher f'konnessjoni ma' dik għal proċedura ta' notifika ġdida skont id-Direttiva dwar is-Servizzi minħabba li fejn ikunu kkonċernati r-regolamenti professjonali, il-miżuri jaqgħu spiss fil-kamp ta' applikazzjoni taż-żewġ direttivi. Il-marġni ta' flessibbiltà tal-leġiżlatur huwa prattikament żero, ladarba l-obbligu tan-notifika jirrikjedi wkoll l-għoti ta' informazzjoni li turi l-konformità mad-Direttiva dwar is-Servizzi, li jkun ifisser, għal miżuri duplikati bħal dawn, ir-riżultati tat-test tal-proporzjonalità.

4.2.8.1 Il-KESE għalhekk jiddubita li l-impatti negattivi tal-implimentazzjoni ta' obbligu li jiġi armonizzat test tal-proporzjonalità f'termini tar-restrizzjoni tal-leġiżlatur nazzjonali — b'mod speċjali fil-qafas tal-proċedura ta' notifika aktar stretta — jistgħu jiġu ġġustifikati mill-benefiċċji tagħha. Huwa jemmen li linji gwida mhux obbligatorji jew offerta ta' konsultazzjoni jistgħu jwasslu għal effetti simili mingħajr l-impatti negattivi.

4.3 *E-card Ewropea tas-servizzi*

4.3.1 Il-KESE jilqa' l-isforz li tiġi promossa l-mobilità tal-fornituri ta' servizzi u jemmen li r-riċerka u l-issodisfar ta' rekwiżiti nazzjonali għall-forniment ta' servizzi fi Stat Membru ieħor jistgħu xorta waħda jkunu diffiċli għall-fornituri ta' servizzi.

4.3.2 Madankollu, l-approċċ tat-trasferiment tar-responsabbiltà ewlenija għall-proċedura lill-awtoritajiet tal-Istat Membri tad-domiċilju huwa f'kunflitt mal-prinċipju stabbilit tal-Istat Membru ospitanti. L-e-card tas-servizzi ma għandhiex tipprevjeni jew tipperikola l-kontrolli li l-Istat Membru ospitanti jrid iwettaq fuq l-attivitajiet ekonomiċi li jsiru fuq it-territorju tiegħu. Għalhekk, l-e-card tas-servizzi proposta ma għandhiex tinkludi elementi tal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini. Madankollu, il-KESE jesprimi l-appoġġ tiegħu għal inizjattivi biex tiżdied il-fiduċja bejn l-Istati Membri, fost affarijiet oħra permezz ta' involviment ċar f'sistemi ta' kontroll u ta' skambju ta' data adegwati u korretti.

4.3.3 Hemm raġuni biex wieħed jemmen li xi karatteristiċi tal-e-card tas-servizzi bħal pereżempju l-prinċipju "ta' darba biss" għas-sottomissjoni ta' informazzjoni, il-perjodu ta' validità indefinit tagħha, l-obbligu għall-Istati Membri biex jużaw l-informazzjoni li tinsab fl-e-card tas-servizzi mingħajr il-possibbiltà li tintalab prova tal-validità tal-informazzjoni pprovduta fi stadju aktar tard, u kif ukoll peress li proċeduri għal revoka restrittivi li jistgħu jirrikjedu deċiżjoni finali mill-qrati jistgħu jipperikolaw b'mod sinifikanti l-kontroll tal-konformità mal-liġijiet nazzjonali u l-infurzar tad-drittijiet tal-ħaddiema u d-drittijiet tal-konsumaturi.

4.3.4 Il-KESE jenfasizza wkoll l-importanza li jiġi żgurat li l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) ma jbiddilx is-sustanza tar-regoli applikabbli dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema skont id-Direttiva 2014/67/UE u li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema, li attwalment qed tiġi eżaminata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, tiddikjara b'mod ċar il-prinċipju ta' "paga ugwali għal xogħol ugwali fl-istess post", b'rispett għall-kondizzjonijiet tax-xogħol stabbiliti minn liġijiet u ftehimiet kollettivi fl-Istat Membru ospitanti, is-saħħa u s-sigurtà u l-ħarsien ambjentali u tal-konsumatur.

4.3.5 Mhuwiex ċar xi jkun l-impatt tal-proposta għal e-card Ewropea tas-servizzi fuq il-karti tal-identità soċjali settorjali eżistenti li huma inizjati mill-awtoritajiet nazzjonali jew mill-imsieħba soċjali, u kif kieku jinteraġixxu mal-miżura mal-estensjoni proposta tas-sistema tal-IMI. Barra minn hekk, hemm evidenza, inkluż Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li tissuġġerixxi li s-sistema attwali tal-IMI għandha xi nuqqasijiet li jeħtieġu li jiġu indirizzati, pereżempju minħabba l-volum ta' xogħol assoċjat u n-nuqqas ta' ċarezza tat-tweġibiet għat-talbiet ([5]). Il-KESE għalhekk jemmen li s-sistema tal-IMI teħtieġ evalwazzjoni mill-ġdid u attwalment mhijiex lesta tiggarantixxi kooperazzjoni ottimali bejn l-Istati Membri. It-titjib għas-sistema tal-IMI għandu jsir bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati kontrolli aħjar fil-pajjiż fejn tiġi eżerċitata l-attività ekonomika u l-komplementarjetà ma' sistemi eżistenti, u filwaqt li jitqiesu l-possibbiltajiet ta' kondiviżjoni ta' data fil-ħin reali (aċċess dirett għad-data banks) flimkien mal-iskambju manwali ta' data li attwalment huwa possibbli taħt is-sistema tal-IMI.

4.3.6 Il-KESE huwa kkonċernat li l-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini jista' jiġi introdott b'mod indirett. L-e-card tas-servizzi tintroduċi diversi elementi abbażi ta' dan il-prinċipju billi tippermetti lill-forrnituri ta' servizzi jittrattaw esklużivament mal-Istat Membru tad-domiċilju bħala intermedjarju u jirrikjedu lill-Istati Membri ospitanti jaċċettaw id-deċiżjonijiet tal-Istat Membru tad-domiċilju dwar l-validità tad-dokumenti u l-veraċità tal-kontenut tagħhom, u għaldaqstant jillimitaw il-mekkaniżmi ta' kontroll u b'hekk jarmonizzaw l-iskambju tad-data abbażi tal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini.

4.3.7 Il-fatt li, kif inhu propost, awtorità ta' koordinazzjoni trid tiċċekkja r-rekwiżiti nazzjonali fl-iqsar żmien possibbli jidher partikolarment problematiku. Dawn il-limiti ta' żmien għandhom jerġgħu jiġu kkunsidrati peress li l-awtorità kompetenti responsabbli mill-e-card tas-servizzi għandha tikkoordina kull każ mal-awtoritajiet kompetenti relevanti l-oħra fir-rigward tal-aspetti differenti tar-rekwiżiti legali. Jenħtieġ li jiġi ddikjarat ukoll, b'mod aktar ċar, li d-Direttiva dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali għandha preċedenza għal kwalunkwe aspett ta' rikonoxximent professjonali fir-rigward tal-e-card il-ġdida.

4.3.8 Il-proċedura kompletament elettronika kkombinata ma' possibbiltajiet limitati għall-Istati Membri ospitanti biex jivverifikaw l-informazzjoni pprovduta lill-Istat Membru tad-domiċilju permezz tal-e-card tas-servizzi tagħmilha aktar faċli biex jiġu stabbiliti kumpaniji tal-isem (letterbox companies) għal skopijiet ta' evażjoni tat-taxxa u dumping soċjali. Il-KESE għalhekk jemmen li l-proċedura teħtieġ aktar aġġustamenti sabiex jiġi garantit li dawn l-iżviluppi jistgħu jiġu evitati.

4.3.8.1 Barra minn hekk, il-proposta ma tiċċarax liema elementi għandhom jiġu vvalutati mill-Istat ta' domiċilju biex jiġi ddikjarat li fornitur ta' servizz huwa stabbilit legalment fl-Istat. B'mod partikolari, ma hemm l-ebda referenza għall-elementi fattwali elenkati fid-Direttiva 2014/67/UE sabiex ikun determinat jekk impriża twettaqx ġenwinament attivitajiet sostanzjali fl-Istat Membru.

4.3.9 Il-verifika tal-identitajiet u l-eżami dettaljat tad-dokumenti oriġinali huma kruċjali biex jiġi evitat id-dħul ta' impriżi b'reputazzjoni ħażina u kriminali (diskussjoni simili bblukkat id-Direttiva dwar l-SUP ([6])). Għalhekk, l-Istat Membru ospitanti għandu jkun kompletament responsabbli mill-proċedura għall-ħruġ ta' e-card Ewropea tas-servizzi.

4.3.9.1 L-Istati Membri ospitanti għandhom ikunu responsabbli biex jiddeċiedu liema proċeduri jridu jiġu segwiti sabiex jiġu rreġistrati stabbilimenti sekondarji, inklużi aspetti ta' rikonoxximent professjonali. Li jiġu involuti l-Istati Membri tad-domiċilju bħala intermedjarji fi proċedura biex tiġi stabbilita fergħa ser iżid piż amministrattiv addizzjonali fuq l-awtoritajiet tal-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti u jista' jevita kontrolli dettaljati fil-pajjiż fejn abbużi, pereżempju tad-drittijiet tal-ħaddiema u tal-konsumaturi, jitfaċċaw.

4.3.10 Għalkemm ir-regolament propost jiddikjara li s-sistemi ta' notifika minn qabel għal ħaddiema stazzjonati huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, il-proposta tintroduċi sistema Ewropea, armonizzata ta' notifika minn qabel għal ħaddiema stazzjonati bbażata fuq inklużjoni fakultattiva volontarja mill-Istati Membri. Dan iwitti t-triq għal espansjoni obbligatorja f'punt aktar tard, li la hija mixtieqa u lanqas kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/67/UE. Matul id-diskussjonijiet politiċi dwar id-Direttiva dwar l-Infurzar 2014/67/UE kien miftiehem b'mod ċar li l-Istat Membru ospitanti kien l-awtorità nazzjonali kompetenti biex jistabbilixxi għodod ta' infurzar (l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/67/UE).

4.3.11 Il-proċeduri biex tiġi kkanċellata l-e-card tas-servizzi jistgħu jirrikjedu li tidħol fis-seħħ deċiżjoni finali tal-qorti u l-forrnituri tas-servizzi jiġu pprovduti b'diversi mekkaniżmi biex sadanittant ikomplu bis-servizzi tagħhom. Dan jevita kontrolli *ex post* effettivi mill-Istat Membru ospitanti, li jxekklu l-infurzar tad-drittijiet tal-ħaddiema u l-leġiżlazzjoni eżistenti. Barra minn hekk, il-proposti leġiżlattivi ma jinkludu l-ebda penali dissważiva, kemm għall-Istat Membru kif ukoll għall-kumpanija applikanti, għall-abbuż tal-e-card Ewropea tas-servizzi.

([5]) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, rapport speċjali tal-2016, Il-Kummissjoni żgurat l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva dwar is-Servizzi?, p. 25.
([6]) COM(2014) 212 final u ĠU C 458, 19.12.2014, p. 19.

4.3.12 Ir-regolament jagħti dritt lill-persuni fiżiċi japplikaw għal e-card tas-servizzi. F'xi setturi, jeżisti riskju sinifikanti li jkun hemm abbuż mill-kard, u għaldaqstant jiġi faċilitat l-impjieg indipendenti fittizju.

4.3.13 Peress li jekk persuna tikkwalifikax bħala impjegata għal rasha jew impjegata jiddependi mill-mod li bih titwettaq l-attività, l-awtorità emittenti tal-Istat Membru tad-domiċilju ma tistax toħroġ e-card li tiddikjara li persuna topera bħala li taħdem għal rasha skont ir-regoli tal-Istat Membru ospitanti.

4.3.14 F'uħud mill-każijiet, il-kanċellazzjoni tal-e-card tas-servizzi għal dawk impjegati għal rashom tirrikjedi deċiżjoni finali minn qorti. Din tipprevjeni kanċellazzjoni rapida f'każijiet ta' abbuż u tista' tippermetti lill-persuni b'impjieg indipendenti fittizju jkomplu l-attivitajiet tagħhom sakemm tittieħed deċiżjoni finali mill-qorti. Dan joħloq lakuna ewlenija li twaqqaf l-isforzi biex jiġi miġġieled xogħol mhux iddikjarat bħall-Pjattaforma Ewropea li tindirizza x-Xogħol mhux Iddikjarat.

4.3.15 Il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-livell tal-UE proċedura simili biex jinħarġu l-formoli tad-Dokument Portabbli A1 marbuta mal-istazzjonar tal-ħaddiema diġà indikat ostakoli potenzjali involuti meta jkun hemm dipendenza esklużiva fuq l-Istat Membru tad-domiċilju biex tiġi validata d-data dwar il-fornituri tas-servizzi minn barra l-pajjiż, speċjalment fil-każ ta' impjieg indipendenti falz. Hawnhekk, il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjieg ta' ħaddiema tissuġġerixxi li: "Il-preċiżjoni tal-informazzjoni inkluża fid-dokumenti PD A1 ma tistax tiġi garantita minħabba fin-nuqqas ta' kontrolli formali mill-awtoritajiet fil-pajjiżi li jibgħatu, fost affarijiet oħra." ([7])

4.3.16 Il-proposta tintroduċi għodda armonizzata għall-għoti ta' informazzjoni dwar il-kopertura tal-assigurazzjoni. Madankollu, ladarba din ser tkun marbuta mal-e-card tas-servizzi, l-informazzjoni trid tiġi pprovduta darba biss, u dan jagħmel l-ispezzjonijiet u l-kontrolli fl-Istat Membri ospitanti potenzjalment anqas effettivi.

4.3.16.1 Barra minn hekk, l-assiguraturi jkunu mġiegħla jikkalkolaw primjums abbażi tar-rekord fl-Istat Membru tad-domiċilju, u dan ikun jinterferixxi mad-dritt u r-responsabbiltà tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni biex jevalwaw ir-riskji.

4.3.17 Il-Kummissjoni tirriżerva firxa wiesgħa ta' setgħat ta' implimentazzjoni li jfasslu l-kontenut u l-parametri tekniċi tal-e-card tas-servizzi. Madankollu, l-armonizzazzjoni f'dan il-qasam tista' tillimita l-kapaċità tal-Istati Membri biex iwettqu kontrolli effiċjenti ta' fornituri tas-servizzi li jiġu minn barra l-pajjiż fuq id-drittijiet tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema.

4.4 *Rakkomandazzjonijiet għal riforma għar-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali*

4.4.1 Il-KESE jixtieq jenfasizza li d-differenzi bejn kunċetti regolatorji ma jindikawx fihom infushom ħtieġa għal riforma. Ħafna regolamenti huma bbażati fuq it-tradizzjonijiet u l-esperjenza. Dawn huma importanti għall-protezzjoni tal-konsumatur u jridu jiġu ppreservati. Il-prinċipju ta' "ekwivalenza" huwa bbażat fuq il-fatt li jeżistu dawn is-sistemi differenti. Il-KESE jqis il-fatt li s-sistemi professjonali nazzjonali huma bbażati fuq tradizzjonijiet fit-tul. Il-proġett ta' riċerka juri riżultati pjuttost differenti fir-rigward tal-benefiċċji ta' miżuri ta' deregolamentazzjoni.

4.4.2 Il-KESE jilqa' l-indikatur il-ġdid ta' restrizzjoni billi jippermetti standard ogħla ta' analiżi mill-PMR tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD). Għad hemm xi dettalji li jkun tajjeb li jiġu kkunsidrati mill-ġdid (eż. l-elenkar tal-Iżvilupp Professjonali Kontinwu bħala restrizzjoni negattiva jidher li mhuwiex xieraq). Il-KESE jixtieq jenfasizza li sabiex tiġi pprovduta opinjoni mhux diskriminatorja tas-sistemi regolatorji differenti jkun meħtieġ li tiġi inkluża mhux biss regolamentazzjoni *ex ante* (eż. protezzjoni tat-titoli, rekwiżiti ta' kwalifika) iżda anke regolamentazzjoni *ex post* (eż. rekwiżiti fil-kodiċi tal-bini u l-ippjanar tal-permessi). Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun iċċarat b'mod espliċitu, li l-indikatur ta' restrizzjoni huwa newtrali mingħajr kwalunkwe dikjarazzjoni tal-valur jew il-ġustifikazzjoni tar-regolamenti.

Brussell, il-31 ta' Mejju 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

([7]) SWD (2016) 52 p. 8.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-applikazzjoni temporanja ta' mekkaniżmu tar-reverse change ġeneralizzat b'rabta mal-provvista ta' prodotti u servizzi 'l fuq minn ċertu livell limitu"**

*(COM(2016) 811 final — 2016/0406(CNS))*

(2017/C 288/06)

Relatur: **Giuseppe GUERINI**


| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kunsill Ewropew, 25.1.2017 |
| Bażi ġuridika | Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa |
| Data tad-deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja | 13.12.2016 |
| Sezzjoni responsabbli | Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Adottata fis-sezzjoni | 6.4.2017 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 31.5.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 142/1/1 |


1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE għandu opinjoni favorevoli dwar l-azzjonijiet li l-Unjoni Ewropea għandha fis-seħħ sabiex tegħleb kwalunkwe forma ta' frodi fiskali u jsostni li l-mekkaniżmu tar-reverse charge għall-ġbir tal-VAT jista' jkun għodda utli kontra l-frodi karusell u l-evażjoni tal-VAT.

1.2 Madankollu, l-użu ta' mekkaniżmu ta' reverse charge, li għandu l-karattru ta' deroga mill-prinċipji kkonsolidati dwar il-VAT, ma jistax jitħalla jkun ta' dannu għas-suq intern u jrid ikun temporanju u vvalutat b'mod adegwat mill-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-impatt negattiv possibbli fuq is-suq intern. Il-KESE huwa mħasseb dwar ir-riskju ta' frammentazzjoni possibbli tas-sistema tal-VAT li jirriżulta mill-miżuri proposti, filwaqt li jitqiesu wkoll il-passi previsti fl-ewwel fażi tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-VAT, li bħalissa huwa mistenni li japplika biss għal ċerti provvisti ta' prodotti u mhux għas-servizzi ([1]).

1.3 B'mod partikolari, ikun xieraq li jiġi vvalutat jekk il-benefiċċji introdotti fil-ġlieda kontra l-frodi ma jintilfux minħabba l-effetti negattivi possibbli fuq l-omoġeneità tas-suq uniku. Minħabba f'hekk jenħtieġ li l-Kummissjoni tissorvelja kontinwament l-operat tal-GRCM (Generalised Reverse Charge Mechanism – Mekkaniżmu Ġeneralizzat ta' Reverse Charge), billi żżomm is-setgħa li tintervjeni fl-eventwalità ta' żviluppi negattivi.

1.4 Il-KESE jirrakkomanda li tingħata l-akbar attenzjoni lill-prinċipju tal-proporzjonalità, peress li l-ispiża tal-konformità għall-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' reverse charge imposta fuq l-intrapriżi żgħar u medji tista' tkun għolja kemm f'termini ta' spejjeż ta' konformità, kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-flussi tal-flus, bir-riskju ta' problemi ta' likwidità kkawżati mill-GRCM li jkunu ta' piż l-aktar fuq l-SMEs.

1.5 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għal studji ([2]) li wrew li l-mekkaniżmi ta' reverse charge u ħlas maqsum (split payment) għandhom, fejn huma implimentati s'issa, ħafna drabi kkawżaw problemi ta' likwidità għal intrapriżi li huma konformi mat-taxxa. Fi kliem ieħor, il-ġlieda kontra l-frodi fiskali mwettqa minn numru żgħir ta' intrapriżi diżonesti kkawżat problemi operattivi sinifikanti għall-operaturi ekonomiċi li jimxu mar-regolamenti tat-taxxa, li joħolqu impjiegi u valur fis-suq intern.

([1]) ĠU C 389, 21.10.2016, p. 43, punt 1.3.
([2]) Ara l-istudju tal-assoċjazzjoni Taljana tas-sengħa: CNA, Reverse Charge e Split Payment: in Fumo la Liquidità delle Imprese, 2015.

1.6 Il-KESE jenfasizza li s-soluzzjonijiet adottati biex tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT ma għandhomx jimponu piżijiet eċċessivi u sproporzjonati fuq negozji konformi mat-taxxa, b'mod partikolari l-SMEs. Fil-fatt, kif issemma qabel mill-KESE fir-rigward tal-pjan ta' Azzjoni dwar il-VAT, intrapriżi *bona fide* għandhom ikunu protetti u m'għandhom jiġu imposti l-ebda miżuri eċċessivi fuqhom ([3]).

1.7 Il-KESE jinnota li d-dimensjoni nazzjonali tal-ġlieda kontra l-frodi fiskali tirrikjedi wkoll li kull Stat Membru jkun kompletament responsabbli għat-tfaddim tas-sistema fiskali tiegħu u li jkollu l-oneru li jħejji strumenti ta' infurzar kontra l-frodi tal-VAT li ma jagħmlux ħsara jew jaffettwaw il-funzjonament tas-sistemi fiskali ta' Stati Membri oħrajn.

1.8 B'mod ġenerali, il-KESE jemmen li l-miżuri proposti ma għandhomx jaffettwaw b'mod negattiv l-għanijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-VAT, lanqas ma għandhom itellfu jew jittardjaw it-twettiq f'waqtu u komplut tiegħu. Il-Kumitat jemmen li issa huwa ż-żmien li jittieħed pass kwalitattiv ("quantum leap") 'il quddiem f'dan il-qasam, sabiex jiġi appoġġjat is-suq uniku u jsir kontribut għall-impjieg, it-tkabbir, l-investiment u l-kompetittività. Barra minn hekk, fil-fehma tal-Kumitat, huwa importanti li jiġu implimentati l-partijiet kollha tal-Pjan ta' Azzjoni bħala xi ħaġa sħiħa indiviżibbli ([4]).

1.9 Biex il-proposta tal-Kummissjoni taħdem sew u biex fil-futur titnaqqas il-ħtieġa għal aktar derogi fir-rigward ta' prinċipji u regoli konsolidati dwar il-funzjonament tas-sistema tal-VAT fl-UE, ikun utli li l-Istati Membri li jitolbu l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ġeneralizzat tar-reverse charge jimponu obbligi konkreti u speċifiċi ta' fatturazzjoni elettronika biex jiżguraw it-traċċabilità sħiħa tal-ħlasijiet.

## 2. **Il-proposta tal-Kummissjoni**

2.1 Fil-komunikazzjoni tas-7 ta' April 2016, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud ("VAT"). Wara din il-komunikazzjoni, matul l-2017, se ssegwi proposta leġislattiva għar-riforma u l-modernizzazzjoni tal-istruttura attwali tar-regoli Ewropej dwar il-VAT.

2.2 Kemm il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni kif ukoll il-proposta leġislattiva futura skedata għall-2017 huma maħsuba *inter alia* biex inaqqsu d-diskrepanza tal-VAT – id-differenza bejn dak li suppost jiddaħħal f'termini ta' dħul mill-VAT u dak li effettivament jitħallas – permezz tal-limitazzjoni tal-frodi mwettqa fil-qasam tal-VAT.

2.3 Sakemm titlesta r-riforma tas-sistema Ewropea tal-VAT u fuq talba ta' xi gvernijiet nazzjonali, il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-ħtieġa urġenti li tippermetti temporanjament lil xi Stati Membri jimplimentaw mekkaniżmi ġeneralizzati ta' reverse charge ("GRCM").

2.4 It-tħejjija ta' GRCM kienet irregolata mill-Kummissjoni Ewropea bil-proposta tad-Direttiva trattata f'din l-opinjoni (2016/0406 – CNS), li tipproponi li temenda d-Direttiva attwali 2006/112/KE.

2.5 Peress li l-GRCM jidderoga minn wieħed mill-prinċipji tar-regolamenti Ewropej fir-rigward tal-VAT – dak tal-pagament frazzjonat – il-Kummissjoni ddeċidiet li tippermetti l-applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu mill-Istati Membri b'kundizzjonijiet speċifiċi.

2.6 Speċifikament: a) l-Istat Membru għandu jkollu dispkrepanza tal-VAT li teċċedi dispkrepanza tal-VAT medja tal-UE b'5 punti perċentwali; b) il-frodi karusell għandha tirrappreżenta aktar minn 25 % tad-dispkrepanza tal-VAT tal-Istat Membru; c) għandu jiġi stabbilit li miżuri oħra ta' kontroll mhumiex biżżejjed biex tiġi miġġielda l-frodi fit-territorju tal-Istat Membru.

2.7 Sabiex jiġi evitat li l-applikazzjoni ġeneralizzata tal-mekkaniżmu ta' reverse charge toħloq problemi f'termini ta' frammentazzjoni tas-suq intern, kif diġà enfasizzat minn xi Stati Membri, il-Kummissjoni pprevediet il-possibbiltà li tirrevedi l-applikazzjoni tal-mekkaniżmi f'każ li jinstab li għandhom impatt negattiv fuq is-suq intern f'kuntrast mal-għanijiet ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1 L-evażjoni tal-VAT hija epidemija Ewropea li huwa xieraq u utli li titwaqqaf. L-aktar forma ta' frodi tal-VAT insidjuża hija l-hekk imsejħa "frodi karusell", li l-mekkaniżmu tar-reverse charge fil-ġestjoni tal-VAT jimmira li jfixkel.

([3]) ĠU C 389, 21.10.2016, p. 43, punt 1.9.
([4]) ĠU C 389, 21.10.2016, p. 43, punti 1.1 u 1.2.

3.2 Huwa għalhekk li l-KESE huwa favur l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi adatti għall-ġlieda kontra l-frodi fiskali, iżda jinnota li kwalunkwe deroga mill-unità tas-sistema Ewropea tal-VAT trid tkun dejjem temporanja, proporzjonata u vvalutata sew minħabba l-effetti negattivi possibbli fuq is-suq intern. Dan l-aktar f'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-Artikolu 113 tat-Trattat, stabbilit bħala l-bażi tal-proposta leġislattiva tal-Kummissjoni, jipprovdi l-possibbiltà ta' intervent fi kwistjonijiet fiskali permezz ta' miżuri ta' armonizzazzjoni li jiżguraw il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u n-nuqqas ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni.

3.3 B'mod ġenerali, il-miżuri proposti m'għandhomx jaffettwaw ħażin l-għanijiet stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-VAT, lanqas ma għandhom itellfu jew jittardjaw it-twettiq f'waqtu u komplut tiegħu. Issa huwa ż-żmien li jittieħed pass kwalitattiv ("quantum leap") 'il quddiem, sabiex jiġi appoġġjat is-suq uniku u jsir kontribut għall-impjieg, it-tkabbir, l-investiment u l-kompetittività.

3.4 Barra minn hekk, huwa importanti li jsir sforz biex jiġu implimentati l-partijiet kollha tal-Pjan ta' Azzjoni bħala xi ħaġa sħiħa indiviżibbli, billi dan jippermetti li l-akbar sehem ta' frodi tal-VAT jiġi indirizzat b'mod komprensiv.

3.5 Il-prinċipju tal-proporzjonalità msemmi fil-proposta tal-Kummissjoni jrid għalhekk jiġi rrispettat filwaqt li jitqiesu kif xieraq, fost id-diversi interessi pubbliċi li jridu jiġu rrikonċiljati, anki l-interess ġenerali li ma tkunx imminata l-armonizzazzjoni tas-sistemi nazzjonali tal-VAT f'perspettiva ta' konsolidazzjoni sħiħa tas-suq intern.

3.6 Minħabba dan, huwa xieraq li wieħed jagħraf li l-politika ta' infurzar tal-liġi kontra l-evażjoni, anki tat-taxxi armonizzati, tibqa' prinċipalment f'idejn l-Istati Membri u li l-amministrazzjonijiet finanzjarji fil-biċċa l-kbira tagħhom għandhom karattru domestiku. Fl-istess waqt, anki l-għarfien statistiku dwar il-fenomenu tal-frodi, bħad-drawwiet u l-forom ta' evażjoni u ta' infurzar jidhru li huma marbuta mal-loġika nazzjonali.

3.7 Minn dan il-lat, strument li jidderoga mill-istandards tal-UE ddettat għall-iskop ta' infurzar tal-liġi kontra l-evażjoni u attivat mill-Istat Membru, huwa konsistenti mal-prevalenza tar-responsabbiltà u tas-sjieda tal-funzjonijiet ta' infurzar tal-liġi min-naħa tal-gvernijiet nazzjonali. F'dan il-kuntest il-proposta tal-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju ta' sussidjarjetà, peress li tippermetti lill-Istati jintervjenu fuq livell nazzjonali biex jiġġieldu kontra l-fenomeni illegali fl-oqsma tat-tassazzjoni.

3.8 Il-KESE jinnota madankollu li d-dimensjoni nazzjonali tal-ġlieda kontra l-frodi fiskali tirrikjedi wkoll li kull Stat Membru jkun kompletament responsabbli għat-tħaddim tas-sistema fiskali tiegħu u li jkollu l-oneru li jħejji strumenti ta' infurzar kontra l-frodi tal-VAT li ma jagħmlux ħsara jew jaffettwaw il-funzjonament tas-sistemi fiskali ta' Stati Membri oħrajn.

3.9 Id-deroga prevista mill-proposta tal-Kummissjoni permezz tal-mekkaniżmu tar-reverse charge mhijiex ġeneralizzata, iżda hija soġġetta għal kundizzjonijiet speċifiċi. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li din id-deroga tiġi applikata taħt kondizzjonijiet speċifiċi, iżda din tibqa' kompletament volontarja.

3.10 L-Istat Membri li jitolbu deroga permezz tal-mekkaniżmu tar-reverse charge jeħtieġ li jkollhom diskrepanza tal-VAT ogħla b' 5 punti perċentwali mill-medja Ewropea. Meta wieħed iqis li l-medja Ewropea tad-diskrepanza tal-VAT hija ta' 14 %, il-qbiż b'5 punti perċentwali jidher biżżejjed biex wieħed jemmen li hemm raġunijiet sostanzjali rilevanti biex jiġu adottati miżuri straordinarji biex tonqos id-diskrepanza tal-VAT ([5]).

3.11 Bl-istess mod, ir-rekwiżit propost mill-Kummissjoni b'referenza għall-frodi karusell bħala l-kawża tad-diskrepanza tal-VAT (25 %) jidher li huwa appoġġjat b'evidenza preliminari xierqa meta mqabbel mal-medja Ewropea tad-diskrepanza tal-VAT (24 %) ([6]).

3.12 Huwa aċċettabbli wkoll il-klawżola ġenerali li l-Istat jeħtieġ li jkollu diffikultajiet amministrattivi biex jiġġieled il-frodi tal-VAT, peress li din il-kundizzjoni turi li l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ġeneralizzat ta' reverse charge hija l-aktar miżura effettiva u proporzjonata biex jintlaħaq l-għan ta' tnaqqis tad-diskrepanza tal-VAT, b'konformità mal-interess pubbliku kemm tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri.

3.13 Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi li l-mekkaniżmu tar-reverse charge ikun applikabbli għat-tranżazzjonijiet ta' valur ogħla minn EUR 10 000. Aħna nqisu din ir-regola *de minimis* bħala aċċettabbli, minħabba l-interessi varji u ta' spiss kompletament opposti li jridu jiġu kkunsidrati flimkien fil-ġlieda kontra l-evażjoni fiskali, l-armonizzazzjoni tas-sistemi tat-taxxa u s-semplifikar tal-piż amministrattiv relatat ma' dazji fiskali.

---

([5]) SWD(2016) 457 final, p.18.
([6]) SWD(2016) 457 final, p.15.

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 L-analiżi tal-impatt regolatorju li saret mill-Kummissjoni turi li l-adozzjoni ta' GRCM mhux bilfors issolvi kull frodi possibbli u li, fil-fatt, jistgħu jinħolqu forom ta' frodi ġodda jew fi Stati Membri differenti minn dawk li l-aktar huma milquta fil-preżent. Għaldaqstant jenħtieġ li l-Kummissjoni tissorvelja kontinwament it-tħaddim tal-GRCM, billi żżomm is-setgħa li tintervjeni fl-eventwalità ta' żviluppi negattivi fl-operat tas-suq uniku Ewropew.

4.2 Biex il-proposta leġislattiva diskussa f'din l-opinjoni taħdem sew, u biex fil-futur tonqos il-ħtieġa ta' aktar derogi fir-rigward ta' prinċipji u regoli konsolidati dwar il-funzjonament tas-sistema tal-VAT fl-UE, ikun utli li l-Istati Membri li jitolbu l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ġeneralizzat tar-reverse charge jimponu fuq il-persuni taxxabbli obbligi speċifiċi ta' fatturazzjoni elettronika biex jiżguraw it-traċċabbiltà sħiħa tal-ħlasijiet.

4.3 Fuq dan il-punt niġbdu l-attenzjoni b'mod partikolari fuq il-possibbiltà li jitnaqqsu jew jiġu eliminati l-mekkaniżmi ta' reverse charge u split payment f'każ li l-fatturazzjoni elettronika għaċ-ċertifikazzjoni tal-kumpensi għall-bejgħ tintuża b'mod korrett u wiesa'. Jekk dan it-tip ta' fatturazzjoni jintuża kif xieraq ikun possibbli li wieħed jivverifika fil-ħin reali jekk il-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud huwiex korrett, u b'hekk jiġi evitat impatt finanzjarju negattiv fuq negozji konformi mat-taxxa.

4.4 Il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, bla dubju hija objettiv li għandu jintlaħaq b'determinazzjoni u permezz tal-provvediment ta' miżuri leġislattivi xierqa min-naħa tal-Istati Membri. Madankollu jenħtieġ li jkun innutat li l-provvediment ta' mekkaniżmi ta' reverse charge fir-rapporti B2B bejn il-privati u ta' mekkaniżmi ta' split payment fir-rapporti bejn intrapriżi u awtoritajiet pubbliċi jista' jippenalizza b'mod sinifikanti lil negozji konformi mat-taxxa.

4.5 L-ewwel nett, kif jirriżulta anki mill-analiżi tal-impatt regolatorju proposta mill-Kummissjoni, l-ispiża tal-konformità rigward l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' reverse charge imposta fuq l-intrapriżi ż-żgħar u medji se tkun għolja ħafna fir-rigward tat-tranżazzjonijiet domestiċi u saħansitra ogħla fir-rigward tat-tranżazzjonijiet transkonfinali. Skont l-evalwazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni, il-mekkaniżmu tar-reverse charge jimplika żieda ta' 43 % fl-ispejjeż ta' konformità għan-negozji ([7]). Għalkemm reverse charge ġeneralizzata hija mistennija li tiġġenera inqas spejjeż ta' konformità minn reverse charge li tkun limitata għal ċertu settur, dan xorta juri li l-ispejjeż ta' konformità se jiżdiedu b'mod drammatiku.

4.6 It-tieni nett, studji ([8]) wrew li l-mekkaniżmi ta' reverse charge u ħlas maqsum (split payment) għandhom, fejn huma implimentati s'issa, ħafna drabi kkawżaw problemi ta' likwidità għal negozji li huma konformi mat-taxxa.

4.7 Fi kliem ieħor, il-ġlieda kontra l-frodi fiskali mwettqa minn numru żgħir ta' intrapriżi diżonesti kkawżat problemi operattivi sinifikanti għall-operaturi ekonomiċi li jimxu mar-regolamenti tat-taxxa, li joħolqu impjiegi u valur fis-suq intern.

4.8 Għalhekk, il-KESE jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fuq il-ħtieġa li l-prinċipju tal-proporzjonalità jkun rispettat fil-proposta tal-Kummissjoni u fis-sistemi legali nazzjonali individwali mhux biss fis-sens li l-miżura adottata trid tkun proporzjonata mal-interess tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT mingħajr ma ssir ħsara lis-suq intern. Fl-istess ħin, skont l-istess prinċipju, is-soluzzjonijiet adottati għandhom jittrattaw attivitajiet illegali mingħajr ma jimponu piżijiet eċċessivi u sproporzjonati fuq intrapriżi onesti, b'mod partikolari l-SMEs.

4.9 Dawn il-kunsiderazzjonijiet iżidu r-raġunijiet li jappoġġjaw in-natura tranżitorja tal-mekkaniżmu ġeneralizzat tar-reverse charge. Inkella se nassistu għal piż burokratiku intollerabbli l-aktar fuq l-SMEs u għal distorsjoni kontemporanja tad-dinamika tas-suq uniku Ewropew, peress li hemm riskju serju ta' operazzjonijiet ta' fluss tal-flus divrenzjati għall-kumpaniji li jinsabu f'diversi Stati Membri.

Brussell, il-31 ta' Mejju 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

([7]) COM(2016) 811 final, punt 43.
([8]) ĠU C 389, 21.10.2016, p. 43, punt 1.9.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol"**

*(COM(2017) 11 final — 2017/0004 (COD))*

(2017/C 288/07)

Relatur: **Marjolijn BULK**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Il-Parlament Ewropew, 19.1.2017 |
| | Kunsill, 16.2.2017 |
| Bażi Ġuridika | L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja | 24.1.2017 |
| Sezzjoni kompetenti | Ix-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza |
| Adottata fis-sezzjoni | 3.5.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 31.5.2017 |
| Sessjoni tal-plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 149/0/3 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jilqa' l-ftuħ tal-proċess biex tiġi riveduta d-Direttiva dwar il-karċinoġeni u lest jikkontribwixxi għal dan id-dibattitu importanti.

1.2 Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt ta' estensjoni possibbli tal-kamp ta' applikazzjoni biex id-Direttiva dwar il-Karċinoġeni u l-Mutaġeni (CMD) tapplika għal sustanzi li huma tossiċi għar-riproduzzjoni.

1.3 Il-Kumitat jirrakkomanda bil-qawwa li r-reviżjonijiet tas-CMD u tal-emendi ppjanati għall-2018 jagħtu aktar attenzjoni lill-esponimenti għal sustanzi karċinoġeniċi fuq ix-xogħol li jaffettwaw lin-nisa.

1.4 Il-KESE jqis li huwa importanti għall-Kummissjoni li ttejjeb metodoloġija komuni għall-adozzjoni ta' valur ta' limitu vinkolanti għal esponiment okkupazzjonali (BOELs) fis-CMD, b'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali, l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra.

1.5 Il-BOELs għandhom jiġu definiti abbażi ta' evidenza xjentifika u statistika, b'kont meħud ta' fatturi differenti bħall-fattibbiltà u l-possibbiltajiet għal kejl ta' livelli ta' espożizzjoni. Fin-Netherlands u l-Ġermanja jintuża approċċ ibbażat fuq ir-riskju u dan jgħin biex jiddefinixxi BOELs billi jqis il-livell ta' riskju bħala l-fattur determinanti primarju ta' kompromess soċjali.

1.6 Il-KESE jqis li jeħtieġ li jiġu stabbiliti programmi biex jipproponu sorveljanza tas-saħħa tul il-ħajja għall-persuni kollha li ġew esposti għal karċinoġeni fuq il-post tax-xogħol fil-qafas tas-sistemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali jew is-sistemi tas-saħħa pubblika.

1.7 Il-KESE jenfasizza li biex tittejjeb il-protezzjoni tal-ħaddiema kontra l-karċinoġeni, il-mutaġeni u s-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni fuq il-post tax-xogħol, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispettorati tax-xogħol ikollhom biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom.

1.8 Il-KESE jappoġġja l-pożizzjoni komuni tal-imsieħba soċjali tal-Ewropa u jirrakkomanda l-adozzjoni ta' BOEL għall-formaldeid.

1.9 Il-KESE jirrakkomanda li hi u tistabbilixxi definizzjoni legali tal-egżost mill-magni diżil il-Kummissjoni tikkunsidra s-sejbiet tal-Kumitat Xjentifiku għal-Limiti tal-Espożizzjoni għal Sustanzi Kimiċi fuq ix-Xogħol rigward l-egżost mill-magni diżil.

## 2. **Sfond tal-proposta**

2.1 Il-kanċer huwa l-kawża ewlenija ta' mortalità minħabba l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Huwa stmat li fl-2013 madwar 1,314 miljun persuna mietu bil-kanċer fl-UE. Aktar minn 100 000 mewta fl-UE irriżultat minn kanċer okkupazzjonali. Fl-UE, il-kanċer huwa l-ewwel kawża ta' mwiet marbuta max-xogħol. Madwar għoxrin miljun ħaddiem tal-UE huma esposti għall-karċinoġeni fuq il-post tax-xogħol. Studju ppubblikat fl-2015 mill-Istitut Nazzjonali Olandiż għas-Saħħa Pubblika u l-Ambjent ([1]) jistma li l-ispiża annwali ta' dawn il-kanċers okkupazzjonali hija ta' EUR 334 biljun.

2.2 Il-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema tindirizza l-kanċer okkupazzjonali f'għadd ta' Direttivi. L-obbligi ġenerali tad-Direttiva qafas ([2]) tal-1989 japplikaw għar-riskji kollha u jiddefinixxu miżuri ġenerali li għandhom jiġu implimentati fuq il-post tax-xogħol. Id-Direttiva dwar l-aġenti kimiċi ([3]) tapplika għas-sustanzi kimiċi perikolużi kollha. Id-Direttiva dwar l-Asbestos ([4]) tqis xi ħtiġijiet speċifiċi għall-prevenzjoni tal-mard relatat mal-asbestos. L-aktar parti speċifika importanti tal-leġislazzjoni hija d-Direttiva dwar il-karċinoġeni adottata fl-1990.

2.3 Is-CMD tistabbilixxi rekwiżiti minimi ġenerali. L-impjegaturi għandhom jidentifikaw u jevalwaw ir-riskji u għandhom jevitaw l-espożizzjoni fejn ikun hemm ir-riskji. Meta jkun teknikament possibbli, hija meħtieġa s-sostituzzjoni bi proċess jew aġent kimiku mhux perikolużi jew inqas perikolużi. Meta s-sostituzzjoni ma tkunx teknikament possibbli, il-karċinoġeni kimiċi jridu, sa fejn ikun teknikament possibbli, jiġu mmanifatturati u użati f'sistema magħluqa biex tiġi evitata l-espożizzjoni. Fejn dan ma jkunx teknikament possibbli, l-esponiment tal-ħaddiema jrid jitnaqqas għal livell baxx kemm jista' jkun teknikament possibbli.

2.4 Flimkien ma' dawn ir-rekwiżiti minimi ġenerali, is-CMD tistabbilixxi valuri ta' limitu ta' esponiment okkupazzjonali (OELs) għal karċinoġeni u mutaġeni partikolari bħala parti integrali tal-mekkaniżmu għall-protezzjoni tal-ħaddiema. Il-BOELs konkreti għal aġenti kimiċi speċifiċi huma previsti fl-Anness III tas-CMD. Bħalissa, dan l-anness iddefinixxa BOELs għal tliet sustanzi biss jew espożizzjonijiet iġġenerati minn proċess. Dawn il-BOELs ikopru biss perċentwal żgħir tal-ħaddiema esposti għal CMRs.

2.5 Fl-2016, il-Kummissjoni Ewropea ħabbret li s-CMD se tiġi riveduta fi tliet fażijiet. Din adottat proposta inizjali f'Mejju ta' dik is-sena li issa qed tiġi diskussa fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill tal-Ministri. It-tieni proposta ġiet adottata f'Jannar 2017 u t-tielet waħda hija skedata għall-2018.

2.6 Ir-reviżjoni tas-CMD hija proċess kontinwu. L-ewwel proposta rrevediet żewġ BOELs eżistenti u adottat ħdax-il BOEL ġdid. Fir-rapport Ulvskog tiegħu ([5]), il-Parlament Ewropew appoġġja l-proċess ta' reviżjoni tas-CMD u talab, fost affarijiet oħra, li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħha biex tinkludi sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni, l-introduzzjoni ta' valuri ta' limitu ta' espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol aktar stretti għal sitt sustanzi u l-iffissar ta' valur limitu tranżizzjonali sabiex l-impjegaturi jingħataw żmien addizzjonali għall-implimentazzjoni. Il-Parlament Ewropew enfasizza wkoll il-punt li r-reviżjonijiet tal-2017 u l-2018 tal-Anness III tad-Direttiva 2004/37/KE jenħtieġ li jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal, sustanzi, taħlitiet u proċessi bħall-egżost mill-magni diżil, il-formaldeid, il-kadmju u l-komposti tiegħu, il-berillju u l-komposti tiegħu, il-komposti tan-nikil, l-arseniku u l-komposti tiegħu u l-akrilonitril. Maġġoranza kbira ħafna tal-gruppi politiċi appoġġjaw il-kompromess propost mill-Parlament Ewropew.

([1]) L-Istitut Nazzjonali Olandiż għas-Saħħa Pubblika u l-Ambjent (RIVM), "*Work related cancer in the European Union" Size, impact and options for further prevention" (Kanċer relatat max-xogħol fl-Unjoni Ewropea. Id-daqs, l-impatt u l-għażliet għal aktar prevenzjoni), 2015.*

([2]) Miżuri li jtejbu s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

([3]) Protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol, Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11).

([4]) Protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol, Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 330, 16.12.2009, p. 28).

([5]) Rapport Ulvskog

2.7 L-għan prinċipali tat-tieni proposta huwa li jiġu adottati ħames BOELs ġodda. Għalkemm it-taħlitiet kumplessi PAH (idrokarbur aromatiku poliċikliċi) u ż-żjut tal-magna użati jidhru fl-anness li jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, l-ebda valur ta' limitu ma ġie stabbilit għal dawn iż-żewġ karċinoġeni. Abbażi tal-analiżi tagħha stess, il-Kummissjoni ddeċidiet li, f'dan l-istadju, ma tittieħed l-ebda azzjoni fuq ħames karċinoġeni ([6]).

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1 Il-kamp ta' appikazzjoni tas-CMD attwalment huwa limitat għall-karċinoġeni u l-mutaġeni; għandha tiġi kkunsidrata estensjoni possibbli għal sustanzi li huma tossiċi għar-riproduzzjoni. Skont l-EU-OSHA: "L-effetti tal-esponiment okkupazzjonali fuq is-sistema riproduttiva tal-irġiel u n-nisa jistgħu jikkostitwixxu bidla fil-livelli ormonali, tnaqqis fil-libido u l-potenza, mard mestrwali, menopawża prematura, menarche ttardjat, disfunzjoni ovarja, ħsara fil-kwalità tas-semen u tnaqqis fil-fertilità tal-irġiel u n-nisa. L-esponimenti tossiċi jistgħu jikkawżaw ħsara diretta fiċ-ċelloli tal-isperma u tal-bajd li jkunu qegħdin jiżviluppaw. L-espożizzjoni tal-omm waqt it-tqala tista' tfixkel l-iżvilupp fetali (…). L-esponimenti tossiċi jistgħu jikkawżaw bosta effetti b'firxa wiesgħa, pereżempju mewt tal-fetu, dewmien fit-tkabbir tal-utru, twelid qabel iż-żmien, difett fit-twelid, mewt wara t-twelid, disturbi fl-iżvilupp konjittiv, u bidliet fis-sensittività immunoloġika jew kanċer fit-tfulija. L-esponiment tal-omm għal sustanzi kimiċi fuq il-post tax-xogħol jista' jikkawża wkoll kontaminazzjoni fil-ħalib tas-sider tagħha. Xi sustanzi kimiċi b'attività ormonali, l-hekk imsejħa interferenti endokrinali, jistgħu jibdlu l-funzjoni tas-sistema endokrinali u konsegwentement jikkawżaw effetti riproduttivi avversi, pereżempju kwalità ħażina tas-semen u ħsara fit-tessuti riproduttivi tal-irġiel u xi kundizzjonijiet mediċi ġinekoloġiċi fin-nisa."

3.1.1 Skont ir-REACH u skont diversi partijiet speċifiċi tal-leġislazzjoni (dwar prodotti kożmetiċi, bijoċidi u pestiċidi), il-karċinoġeni, il-mutaġeni u s-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni huma trattati fi grupp kumplessiv ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna. Dawn jaqsmu xi karatteristiċi komuni, inklużi l-impatt akut tagħhom fuq is-saħħa, id-diffikultà tal-perċezzjoni tar-riskju (peress li l-konsegwenzi tal-esponiment ħafna drabi jidhru wara perjodu twil ta' latenza), id-diffikultà tal-ġestjoni tar-riskju u l-problemi marbuta ma' "effetti cocktail", jiġifieri esponiment għal żewġ sustanzi jew proċessi differenti jew aktar. Il-leġislazzjoni nazzjonali f'diversi Stati Membri adottat tali approċċ bl-appoġġ tal-imsieħba soċjali fil-livell nazzjonali. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt ta' estensjoni possibbli tal-kamp ta' applikazzjoni biex id-Direttiva dwar il-Karċinoġeni u l-Mutaġeni (CMD) tapplika għal sustanzi li huma tossiċi għar-riproduzzjoni.

3.2 Jenħtieġ li l-istrateġija tal-UE kontra l-kanċer relatat max-xogħol tagħti aktar attenzjoni lin-nisa.

3.2.1 Il-mudell tal-esponiment u l-mudell tal-pożizzjonijiet tal-kanċer jistgħu jvarjaw bejn l-irġiel u n-nisa. Il-kanċer tas-sider, pereżempju, huwa marda rari ħafna għall-irġiel, filwaqt li huwa l-aktar kanċer komuni għan-nisa. Firxa ta' esponimenti okkupazzjonali tista' tikkontribwixxi għall-kanċer tas-sider.

3.2.2 Il-Kumitat iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni sabiex tqis b'mod aktar sistematiku l-esponimenti karċinoġeniċi okkupazzjonali li jaffettwaw lin-nisa fir-reviżjoni tad-Direttiva u fl-emendi ppjanati għall-2018. Ħafna tipi ta' xogħlijiet li fihom in-nisa huma kkonċentrati (is-saħħa, it-tindif, il-kura tax-xagħar u l-bqija) jinvolvu esponimenti għal sustanzi karċinoġeniċi li huma injorati. Jeħtieġ li jiġu definiti kriterji għall-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni ta' sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali li jikkontribwixxu għal xi tipi ta' kanċer. Għandha tissaħħaħ il-prevenzjoni fl-użu ta' prodotti ċitostatiċi (jiġifieri kemoterapewtiċi) għall-professjonijiet tas-saħħa. Għalkemm ir-radjazzjonijiet jonizzanti ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-opinjoni, il-KESE jħeġġeġ bil-qawwa l-ħtieġa li jissaħħu direttivi oħra u b'mod partikolari d-Direttiva 2013/59/Euratom.

3.3 Hemm qbil qawwi fost il-partijiet ikkonċernati dwar ir-rwol u l-importanza tal-BOELs. Il-BOELs huma importanti għax jgħinu fit-tnaqqis tar-riskju, anki meta ma jkun hemm l-ebda livell sikur ta' espożizzjoni. Dawn iridu jiġu stabbiliti f'livell adegwat, billi jitqiesu l-evidenza xjentifika u l-aspetti ta' fattibbiltà.

3.3.1 Madankollu, ma hemm l-ebda metodoloġija uniformi fl-UE għad-derivazzjoni tal-BOELs. Bħalissa, il-Kummissjoni topera fuq bażi ta' "każ b'każ". It-trasparenza u l-konsistenza jistgħu fil-biċċa l-kbira jitjiebu. Xi BOELs huma tajbin, filwaqt li oħrajn ma jipprovdux biżżejjed protezzjoni. Il-KESE jqis li fejn ikunu kkonċernati s-saħħa u l-ħajjiet tal-bnedmin, l-ambizzjonijiet iridu jkunu ta' livell għoli.

([6]) Il-berillju u l-komposti tal-berillju inorganiku, l-eżaklorobenżen (HCB), l-egżost mill-magni diżil (DEE), it-trab u d-dħaħen mill-proċess tal-gomma (RPDF) u 4,4'-Metilen-bis-(2 chloraniline) (MOCA).

3.3.2 Fattur ieħor huwa li l-Istati Membri għandhom approċċi differenti. Xi wħud minnhom għandhom BOELs definiti għal aktar minn mitt CMR differenti, oħrajn għal inqas minn għaxra. Il-livell ta' dawk il-BOELs jista' jvarja minn pajjiż għal ieħor. Dan joħloq diffikultajiet għall-kumpaniji li joperaw f'pajjiżi differenti bi standards varjabbli u f'xi każijiet dan jista' jirriżulta f'kompetizzjoni inġusta.

3.3.3 Għalhekk, il-KESE jqis li huwa importanti li l-Kummissjoni tiddefinixxi metodoloġija għall-adozzjoni ta' BOELs fis-CMD. Jenħtieġ li tali proċess jinvolvi konsultazzjoni wiesgħa mal-imsieħba soċjali, l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħrajn, inklużi l-NGOs. L-esperjenza nazzjonali tgħin biex jiġu definiti prattiki tajbin. Għall-KESE, jenħtieġ li żewġ elementi jitqiesu b'mod partikolari:

3.3.3.1 L-ewwel nett, il-konsistenza tal-BOELs, sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-ħaddiema esposti għal ċerti sustanzi jistgħu jkunu f'riskju ħafna ogħla ta' kanċer minn ħaddiema esposti għal sustanzi oħra. Fil-Ġermanja u fin-Netherlands, hemm appoġġ mill-imsieħba soċjali għal approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Dan jgħin biex jiġu definiti BOELs billi jitqies il-livell ta' riskju bħala l-fattur determinanti primarju ta' kompromess soċjali;

3.3.3.2 It-tieni, il-BOELs iridu jiġi definiti fuq bażi ta' evidenza xjentifika. Dawn iridu jqisu fatturi differenti, bħall-fattibbiltà u l-possibbiltajiet għall-kejl tal-livelli ta' esponiment. Sabiex l-impjegaturi jiġu megħjuna jagħtu prijorità lill-miżuri ta' prevenzjoni tagħhom, jenħtieġ li dawn jirreferu b'mod espliċitu għal-livell ta' riskju assoċjat mal-livell ta' espożizzjoni.

3.4 Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, hemm perjodu twil ta' latenza bejn l-espożizzjoni u l-kanċer. Il-KESE jqis li huwa neċessarju, għalhekk, li jipproteġi lill-ħaddiema esposti jew ħaddiema li huma fir-riskju ta' espożizzjoni billi tiġi offruta sorveljanza tas-saħħa tul il-ħajja stabbilita fil-qafas tas-sistemi nazzjonali tas-saħħa jew tas-sigurtà soċjali għal ħaddiema esposti kollha.

3.5 Il-KESE jirrakkomanda li għandhom jiġu ffukati aktar sforzi fuq il-qasam ta' studji xjentifiċi u statistiċi. Il-kanċer okkupazzjonali jista' jkun ikkaġunat ukoll minn: stress, fatturi organizzattivi tax-xogħol pereżempju x-xogħol bix-xift. Għandhom jingħataw aktar attenzjoni u fondi lir-riċerka tal-konsegwenzi u s-sinerġija potenzjali ta' espożizzjoni kkombinata ma' fatturi differenti bħall-aġenti kimiċi u bijoloġiċi jew fiżiċi, il-kimiċi u l-organizzazzjoni tax-xogħol, eċċ.

3.6 Il-KESE jenfasizza li wieħed mill-kompiti ewlenin fil-qasam tal-protezzjoni tal-ħaddiema mill-karċinoġeni, il-mutaġeni jew is-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni fuq il-post tax-xoħol huwa li jissaħħaħ il-kontroll fuq l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tas-CMD. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-ispettorati tax-xogħol ikollhom biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani biex iwettqu dmirijiethom, filwaqt li jgħinu lill-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, jikkonformaw ma' dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda. Għandhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, li żviluppat għodod differenti li jistgħu jtejbu l-kwalità ta' prevenzjoni fuq il-post tax-xogħol. Wieħed minn dawn l-istrumenti huwa Valutazzjoni tar-Riskju Interattiva Onlajn (OIRA), pjattaforma web li tippermetti l-ħolqien ta' għodod ta' valutazzjoni tar-riskji settorjali fi kwalunkwe lingwa b'mod faċli u standardizzat.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 It-tieni proposta tas-CMD tintroduċi BOELs għal ħames sustanzi karċinoġeniċi addizzjonali.

4.1.1 L-Epikloroidrina (ECH) huwa karċinoġenu mingħajr valur ta' limitu. L-għadd ta' ħaddiema esposti fl-UE huwa ta' 43 813. Il-Kummissjoni tipproponi BOEL ta' 1,9 mg/$m^3$. Ħmistax-il Stat Membru se jkollhom bżonn jintroduċu (7) jew jaġġornaw (8) l-OEL tagħhom biex inaqqsuh għal 1,9 mg/$m^3$. Madwar 69 % tal-ħaddiema esposti huma stmati li jaħdmu f'dawk il-ħmistax-il Stat Membru u konsegwentement jibbenefikaw mit-titjib fil-protezzjoni legali bħala riżultat tal-introduzzjoni ta' dan il-BOEL. Il-KESE jqis li l-BOEL propost jikkontribwixxi għal tnaqqis fil-piż tal-kanċer relatat max-xogħol.

4.1.2 Id-dibromur tal-etilen (EDB) huwa karċinoġenu ġenotossiku mingħajr limitu. Huwa stmat li inqas minn 8 000 ħaddiem tal-UE huma potenzjalment esposti għal 1,2-dibromoetanu. Il-Kummissjoni tipproponi BOEL ta' 0,8 mg/$m^3$ (0,1 ppm). Għoxrin Stat Membru se jkollhom bżonn jintroduċu (11) jew jaġġornaw (9) l-OEL tagħhom biex inaqqsuh għal 0,8 mg/$m^3$. Huwa stmat li 81 % tal-ħaddiema esposti jaħdmu f'dawk l-għoxrin Stat Membru u konsegwentement jibbenefikaw mit-titjib fil-protezzjoni legali bħala riżultat tal-introduzzjoni ta' dan il-BOEL. L-ispejjeż addizzjonali għall-kumpaniji (fosthom l-intrapriżi mikro u żgħar) huma mistennija li jkunu baxxi ħafna. Il-KESE jqis li l-BOEL propost jikkontribwixxi għal tnaqqis fil-piż tal-kanċer relatat max-xogħol.

4.1.3 Id-diklorur tal-etilen (EDC) huwa kklassifikat bħala karċinoġenu 1B skont is-CLP. Inqas minn 3 000 ħaddiem huma potenzjalment esposti fl-Ewropa ([7]). Il-Kummissjoni tipproponi BOEL ta' 8,2 mg/m$^3$ ta' 2 ppm. Tlieta u għoxrin Stat Membru se jkollhom bżonn jintroduċu (5) jew jaġġornaw (18) l-OEL tagħhom biex inaqqsuh għal 2 ppm, għalhekk huwa mistenni li proporzjon kbir tal-ħaddiema esposti jista' jibbenefika mit-titjib fil-protezzjoni legali. Il-KESE jqis li l-BOEL propost jikkontribwixxi għal tnaqqis fil-piż tal-kanċer relatat max-xogħol.

4.1.4 4,4'-methylenedianiline (MDA) huwa karċinoġenu ġenotossiku. Huwa stmat li madwar 70-140 persuna huma esposti għal MDA fl-arja fl-industrija tal-kimika. In-numru ta' persuni affettwati mill-espożizzjoni tal-ġilda huwa konsiderevolment ogħla u mistenni li jvarja bejn 390 000 u 3,9 miljun ħaddiem ([8]). Il-Kummissjoni tipproponi BOEL ta' 0,08 mg/m$^3$. Tlieta u għoxrin Stat Membru se jkollhom bżonn jintroduċu (12) jew jaġġornaw (11) l-OEL tagħhom biex inaqqsuh għal 0,08 mg/m$^3$. Il-KESE jqis li l-BOEL propost jikkontribwixxi għal tnaqqis fil-piż tal-kanċer relatat max-xogħol.

4.1.5 It-*trikloroetilen (TCE)* huwa kklassifikat bħala karċinoġenu tal-grupp 2A mill-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer (minn hawn 'il quddiem IARC) u bħala karċinoġenu tal-Kategorija IB fl-UE skont is-CLP. Huwa stmat li madwar 74 000 ħaddiem fl-UE huma potenzjalment esposti għat-TCE. Il-Kummissjoni tipproponi l-kombinazzjoni ta' BOEL ta' 54,7 mg/m$^3$ ta' 10 ppm u limitu ta' esponiment għal żmien qasir (minn hawn 'il quddiem: STEL) ta' 164,1 mg/m$^3$ ta' 30 ppm. Mit-tnejn u għoxrin Stat Membru li diġà għandhom fis-seħħ BOEL nazzjonali għat-TCE, sittax minnhom adottaw ukoll STEL. Sbatax-il Stat Membru se jkollhom jintroduċu (6) jew jaġġornaw (11) il-BOEL tagħhom biex inaqqsuh għal 54,7 mg/m$^3$ (10 ppm). Kważi 74 % tal-ħaddiema esposti huma stmati li jaħdmu f'dawk is-sbatax-il Stat Membru u konsegwentement jibbenefikaw mit-titjib fil-protezzjoni legali minħabba l-introduzzjoni tal-OEL. Il-KESE jinnota li BOEL aktar baxx għat-trichloroethylene ġie implimentat f'għadd ta' Stati Membri u huwa appoġġjat minn organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u trade unions. Jenħtieġ li jiġi previst BOEL aktar baxx fil-livell tal-UE, sabiex jitnaqqas il-piż tal-kanċer relatat max-xogħol.

4.2 Għalkemm it-taħlitiet kumplessi tal-*idrokarbur aromatiku poliċikliku* (PAH) u ż-żjut tal-magna użati jidhru fl-Anness li jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, l-ebda valur limitu ma ġie stabbilit għal dawn iż-żewġ karċinoġeni.

4.2.1 It-taħlitiet *kumplessi tal-idrokarbur aromatiku poliċikliku* (PAH) bil-benżo[a]piren bħala indikatur. Il-PAHs huma kategorija wiesgħa ta' komposti organiċi. Il-KESE jqis li l-miżura proposta tikkontribwixxi għal tnaqqis fil-piż tal-kanċer relatat max-xogħol.

4.2.2 *Żjut minerali bħal żjut tal-magna użati*. L-esponiment għal żjut minerali bħal żjut tal-magna użati jista' jikkawża kanċer tal-ġilda. Huwa stmat li n-numru ta' ħaddiema esposti huwa miljun, il-maġġoranza tagħhom huma impjegati fil-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi bil-mutur. Il-KESE jqis li l-miżura proposta tikkontribwixxi għal tnaqqis fil-piż tal-kanċer relatat max-xogħol.

## 5. **Aktar sustanzi jew proċessi li għandhom jiżdiedu**

5.1 *Formaldeid (FA)*. Il-Kummissjoni ma pproponietx BOEL għal formaldeid (FA). Fl-2009, l-IARC ikkonkludiet li kien hemm biżżejjed evidenza fil-bnedmin ta' assoċjazzjoni kawżali tal-formaldeid mal-lewkimja majelojde. L-informazzjoni disponibbli għall-FA hija adegwata biex jiġi derivat OEL ibbażat fuq is-saħħa, medja ppeżata b'ħin ta' 8 sigħat (TWA) u STEL. Abbażi tad-data disponibbli, is-SCOEL jikseb valur ta' limitu ta' esponiment okkupazzjonali ta' 0,3 ppm (8 sigħat TWA) bi STEL ta' 0,6 ppm. Wara dan, il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ACSHW) iddeċieda wkoll li jirrakkomanda dan il-valur ta' limitu lill-Kummissjoni. Fl-2016, l-imsieħba soċjali Ewropej talbu lill-Kummissjoni tinkludi l-valuri proposti mis-SCOEL ibbażati fuq is-saħħa bħala BOEL għal din is-sustanza kimika ([9]). Il-KESE jappoġġja din il-pożizzjoni komuni u jqis li jenħtieġ li jiġi adottat BOEL.

---

([7]) Data tal-2009.
([8]) L-Istitut tal-Mediċina (IOM, li fl-2016 ingħata l-isem ta' HDM), Proġett ta' riċeka P937/9 dwar 4,4'-Methylenedianiline, Mejju 2011.
([9]) L-EPF, l-ETUC, l-EAMA, l-ETRMA, il-Formacare, u l-EPRA jitolbu li jiġi inkluż il-Formaldeid fl-Anness III tad-Direttiva dwar il-Karċinoġeni u l-Mutaġeni 2004/37/KE, 15 ta' Lulju 2016.

5.2 *Egżost mill-magni diżil (DEE).* Fl-2012, l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer (IARC) ikkategorizzat l-emissjonijiet kollha tal-egżost mill-magni diżil bħala karċinoġeni Klassi 1 (karċinoġeni umani ppruvati). Skont il-Kummissjoni, aktar minn tliet miljun ħaddiem fl-Unjoni Ewropea huma esposti għal emissjonijiet tal-egżost mill-magni diżil fuq il-post tax-xogħol. In-numru totali tal-ħaddiema esposti għal dawn id-dħaħen, tal-inqas matul parti mill-karriera tax-xogħol tagħhom, ammonta għal tnax-il miljun fl-2010, u potenzjalment jiżdied għal għoxrin miljun sal-2060. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni tiddikjara li n-nuqqas ta' leġislazzjoni li tipprojbixxi l-espożizzjoni għall-egżost mill-magni diżil fuq il-post tax-xogħol se jirriżulta f'230 000 mewta fl-UE bejn l-2010 u l-2069.

5.2.1 Il-Kummissjoni targumenta li r-raġuni ewlenija għall-esklużjoni tad-DEE mill-Anness I u l-Anness III tas-CMD hija minħabba li huwa diffiċli biex tinstab definizzjoni legali sabiex issir distinzjoni bejn magni ġodda u magni qodma. Fil-fehma tal-KESE, l-għan tas-CMD mhuwiex li tiddefinixxi standards tekniċi għall-magni, iżda li tistabbilixxi definizzjoni legali tad-DEE bħala proċess karċinoġeniku skont l-evidenza xjentifika u l-valutazzjoni tal-IARC. Fuq il-post tax-xogħol, il-ħaddiema jistgħu jkunu esposti għall-egżost mill-magni diżil minn diversi magni li jikkonformaw mal-istandards differenti ta' espożizzjoni. Fatturi oħrajn għandhom rwol importanti fil-karatterizzazzjoni tal-esponiment: it-temperaturi ta' kombustjoni u l-manutenzjoni u t-tindif tal-magni. Jista' jiġi definit BOEL billi titqies il-konċentrazzjoni tal-arja tal-karbonju elementali. Il-KESE jqis li jenħtieġ li titqies is-sejba li jmiss mill-SCOEL: "Għalkemm id-data tossikoloġika tappoġġja limitu (possibbilment ta' 0,02 mg DEP/m$^3$ jew inqas, li jikkorrispondi għal 0,015 mg EC/m$^3$), id-data epidemjoloġika, diġà tissuġġerixxi riskji tal-kanċer sinifikanti f'dawn il-livelli ta' esponiment jew f'oħrajn aktar baxxi minn dawn. Għalhekk, limitu ta' esponiment okkupazzjonali li jipproteġi b'mod adegwat lill-ħaddiema, ma jistax jiġi stabbilit abbażi tad-data u l-analiżi disponibbli attwalment. Madankollu, kemm id-data tossikoloġika kif ukoll dik epidemjoloġika tal-bniedem huma miġbura u evalwati ulterjorment" ([10]).

Brussell, il-31 ta' Mejju 2017.

*President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

---

([10]) Opinjoni SCOEL n°403, 2016.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża"**

*(COM(2016) 950 final)*

(2017/C 288/08)

Relatur: **Christian MOOS**

Korelatur: **Jan PIE**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | 27.1.2017 |
| Bażi ġuridika | L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Kummissjoni kompetenti | Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI) |
| Adottata fis-CCMI | 7.4.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 31.5.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 104/1/7 |

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE huwa favur il-ħolqien ta' Unjoni Ewropea tad-Difiża (EDU) u jappoġġja l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża, inkluż l-istabbiliment ta' Fond Ewropew għad-Difiża komuni.

1.2 Il-KESE jappella għal progress kwalitattiv sinifikanti fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tad-difiża, peress li s-suq u l-industrija tad-difiża tal-UE huma frammentati żżejjed u dan iwassal għal allokazzjoni ineffiċjenti tar-riżorsi, duplikazzjoni fil-mandati, nuqqas ta' interoperabilità u distakki teknoloġiċi.

1.3 Il-KESE jappoġġja l-għan ta' awtonomija strateġika f'oqsma ta' teknoloġija u kapaċità industrijali kritiċi identifikati. In-NATO tibqa' l-bażi tad-difiża kollettiva Ewropea.

1.4 L-UE għandha tkompli bid-diplomazija prinċipalment preventiva u multilaterali tagħha. Madankollu, il-kapaċitajiet militari huma element importanti għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE dwar il-Politika Barranija u ta' Sigurtà.

1.5 Il-KESE jiddikjara li kundizzjoni essenzjali għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet għad-difiża komuni huwa li jissaħħu il-bażijiet industrijali u teknoloġiċi ta' difiża Ewropea inkluż forza tax-xogħol b'ħiliet għoljin.

1.6 Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ li tingħata attenzjoni speċjali lill-SMEs inkluż fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp għal skopijiet ta' difiża.

1.7 Il-fondi tal-UE jistgħu jrawmu l-innovazzjoni fl-oqsma teknoloġiċi fejn distinzjoni ċara bejn il-finijiet militari u mhux militari saret diffiċli jekk mhux impossibbli.

1.8 Madankollu, il-KESE jirrifjuta l-ftuħ ta' fondi eżistenti, li jservu bħala objettivi ekonomiċi jew soċjali, għal skopijiet tad-difiża fis-sens strett tal-kelma. L-għanijiet tar-Regolament dwar il-FEIS, il-Fondi SIE u l-programm COSME kif ukoll l-investimenti tal-BEI iservu għal finijiet mhux militari.

1.9 Il-KESE jirrifjuta dispożizzjoni speċjali għal riżorsi baġitarji nazzjonali allokati għad-difiża skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Dan tal-aħħar għandu jiġi kkunsidrat fil-kuntest tal-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) u mhux f'settur wieħed biss. In-nefqa għad-difiża m'għandhiex tiddestabbilizza l-finanzi pubbliċi.

1.10 Il-KESE jappoġġja l-ħolqien ta' Fond għad-Difiża b'kanali separati għar-riċerka u l-kapaċitajiet. Madankollu, il-baġit tal-UE għandu jiżdied, peress li l-kanal għar-riċerka dwar id-difiża ma jistax jiġi ffinanzjat għad-detriment ta' riċerka f'setturi oħra. Il-KESE huwa favur li l-kanal tal-kapaċità jkun iffinanzjat biss mill-kontribuzzjonijiet nazzjonali. L-akkwist ta' prodotti tad-difiża mill-Istati Membri ma jistax jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-UE.

1.11 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien ta' kumitat ta' koordinazzjoni. Id-deċiżjonijiet finali f'dan il-kumitat għandhom ikunu riżervati għar-rappreżentanti politiċi ċivili.

1.12 Il-KESE jappoġġja s-sejħa tal-Kummissjoni għall-applikazzjoni sħiħa tad-Direttivi ([1]) dwar l-akkwist pubbliku u t-trasferimenti intra-UE tal-prodotti għad-difiża. Jeħtieġ li jsir ħafna aktar biex jiġi żgurat b'mod partikolari l-aqwa użu tad-Direttiva dwar it-trasfermenti.

1.13 Il-KESE jappoġġja l-iżvilupp ta' standards komuni kemm għall-armi kif ukoll għall-prodotti b'użu doppju, filwaqt li jevita d-duplikazzjoni tal-istandards eżistenti, b'mod partikolari l-istandards tan-NATO.

1.14 L-esportazzjonijiet tal-armi għandhom ikunu limitati għall-alleati u l-imsieħba strateġiċi u jeħtieġu skrutinju demokratiku tajjeb.

## 2. **Kummenti ġenerali**

2.1 L-Ewropa qed taffaċċja sensiela ta' kunflitti fil-viċinat tagħha, bħalma huma l-gwerra ċivili fis-Sirja, b'konsegwenzi diretti li jinkludu ċ-ċaqliq tal-popolazzjoni globali tal-2015/2016. Bl-annessjoni tal-Krimea mir-Russja u l-involviment tagħha fil-kunflitt armat fil-Lvant tal-Ukrajna, l-integrità territorjali ta' stat indipendenti u, b'hekk, id-dritt internazzjonali inkisru. L-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani jibqgħu reġjuni instabbli u huma f'riskju ta' falliment tal-istat. Fl-istess ħin, l-Ewropa u l-Lvant Nofsani m'għadhomx jidhru li huma parti ewlenija mill-politika tas-sigurtà tal-Istati Uniti. L-Ewropa qed tiffaċċja riskju dejjem jikber li ssib lilha nfisha fil-periferija tal-affarijiet dinjija u titqies bħala piż mill-imsieħba trans-Atlantiċi tagħha.

2.2 Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi ġeostrateġiċi u l-iżviluppi fis-sigurtà, l-Ewropa għandha ssaħħaħ il-kapaċitajiet ta' sigurtà u difiża tagħha. Huwa essenzjali li jkun hemm stampa ċara tal-għanijiet strateġiċi komuni tal-Unjoni li għadha nieqsa u teħtieġ li tiġi żviluppata b'mod urġenti. Dan huwa prerekwiżit biex jiġu identifikati l-kapaċitajiet nazzjonali u konġunti meħtieġa li jeħtieġ li jiġu ssostanzjati permezz ta' bazi teknoloġika, industrijali u għad-difiża Ewropea sostenibbli.

2.3 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għat-talbiet ([2]) li diġà għamel fl-Opinjonijiet CCMI/116 (2013) u CCMI/100 (2012). L-istrateġija Globali tal-UE ([3]) u l-Pjan ta' Implimentazzjoni dwar is-Sigurtà u d-Difiża ([4]) jipprovdu wkoll approċċi importanti għal dan l-għan. Fil-fehma tal-KESE, huwa urġenti li dawn jiġu implimentati b'mod konsistenti f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-UE u tan-NATO ta' Lulju 2016 kif ukoll il-prinċipju ta' sigurtà kollettiva tan-Nazzjonijiet Uniti.

2.4 Il-KESE jqis l-ottimizzazzjoni tal-prevenzjoni ċivili u tal-kapaċitajiet Ewropej fil-qasam tad-difiża bħala kwistjoni ta' urġenza sabiex ikunu garantiti l-libertà u l-paċi fl-Ewropa, tinxtered l-istabbiltà fil-viċinat tal-Ewropa li tirrifletti l-valuri fundamentali tal-UE bħalma huma d-drittijiet tal-bniedem, u biex ikunu appoġġati b'suċċess il-miżuri globali għaż-żamma tal-paċi tan-NU.

2.5 Għaldaqstant, il-KESE jitlob li l-kwalità ta' kooperazzjoni tad-difiża Ewropea tingħata spinta. Huwa favur il-ħolqien ta' Unjoni Ewropea tad-Difiża (EDU), fil-qafas tal-"kooperazzjoni strutturata permanenti" tal-UE, il-mekkaniżmu previst għal dan l-għan skont l-Artikoli 42.6 u 46 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża, inkluż l-istabbiliment ta' Fond Ewropew għad-Difiża komuni, bħala pass importanti.

([1]) Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1); id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà u li temenda id-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76).

([2]) Ara wkoll l-Opinjonijiet tal-KESE dwar *L-industrija tad-difiża: aspetti industrijali, innovattivi u soċjali* , (ĠU C 299, 4.10.2012, p. 17) u dwar *Strateġija biex jissaħħaħ is-settur tad-difiża Ewropew,* (ĠU C 67, 6.3.2014, p. 125).

([3]) Opinjoni tal-KESE dwar L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 264, 20.7.2016, p. 1).

([4]) Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar is-sigurtà u d-difiża (14149/16), 14 ta' Novembru 2016.

2.6 Il-KESE jaqbel mal-kritika tal-Kummissjoni dwar il-frammentazzjoni żejda tas-suq li twassal għal allokazzjoni ineffiċjenti tar-riżorsi, duplikazzjoni fil-mandati, nuqqas ta' interoperabilità u distakki teknoloġiċi.

2.7 Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE huma taħt pressjoni biex jikkonsolidaw il-baġits tagħhom, li jfisser li l-użu ineffiċjenti tal-fondi pubbliċi ma jistax jiġi ġustifikat aktar. Il-KESE għalhekk jitlob l-implimentazzjoni riżoluta ta' approċċi kollaborattivi. Fil-fehma tal-KESE, aktar kooperazzjoni fl-oqsma ta' prijorità msemmija mill-Kummissjoni huwa biss l-ewwel pass.

2.8 Il-KESE jappoġġja l-għan ta' awtonomija strateġika fl-identifikazzjoni ta' kapaċitajiet industrijali kritiċi. In-NATO tibqa' l-bażi tal-politika Ewropea ta' sigurtà u ta' difiża komuni kif imtenni fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-UE u tan-NATO. F'dan ir-rigward, huwa importanti li l-membri kolha tan-NATO jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom.

2.9 Il-KESE jiddikjara li mhux l-elementi kollha tal-Pjan ta' Azzjoni huma ġodda iżda jilqa' t-twaqqif ta' Fond għad-Difiża. Madankollu, dan jiddependi ħafna fuq ir-rieda politika ta' kontribuzzjoni ta' iktar flus mill-baġits nazzjonali. Il-KESE huwa kritiku dwar in-nuqqas ta' rieda ta' xi Stati Membri biex tittieħed azzjoni. Barra minn hekk, jeħtieġ li l-Kummissjoni ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tiżviluppa pjan direzzjonali għal sistema komprensiva ta' sigurtà tal-provvista fl-UE kollha u tiżgura l-implimentazzjoni xierqa taż-żewġ Direttivi dwar id-Difiża.

2.10 Il-Pjan Direzzjonali ta' Bratislava ([5]) jmur fid-direzzjoni t-tajba; madankollu, fil-qasam tad-difiża dan jerġa jirrepeti pjani qodma. B'mod partikolari, il-pjan direzzjonali huwa nieqes minn konsistenza strateġika u huwa ffukat wisq fuq l-isfida attwali tal-kriżi tal-migrazzjoni u l-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-UE. Filwaqt li ċ-ċaqliq ta' popolazzjoni fuq skala kbira huma tabilħaqq marbutin mal-isfidi għas-sigurtà, ladarba jiżviluppaw dawn ma jistgħux jiġu solvuti b'mezzi militari.

2.11 Kundizzjoni essenzjali għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet komuni huwa t-twaqqif u l-iżvilupp tas-suq intern għad-difiża. Il-KESE huwa tal-fehma li mhuwiex possibbli li tissaħħaħ il-bażi industrijali Ewropea mingħajr ma tkun indirizzata wkoll il-kwistjoni tal-ħiliet. L-industriji tad-difiża l-ħin kollu jaħdmu b'pass teknoloġiku avvanzat u għaldaqstant jeħtieġu forza tax-xogħol b'ħiliet għoljin. L-inizjattiva tal-KE dwar il-ħiliet li tissemma fil-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża tindirizza din il-problema u għalhekk milqugħa tajjeb ħafna.

2.12 Aktar investiment u kooperazzjoni f'dan is-settur industrijali jgħinu wkoll biex jiġu ssalvagwardjati l-impjiegi u jinħolqu l-impjiegi. Il-ġlieda kontra l-qgħad fl-Ewropa m'għandhiex tkun il-mutur ewlieni għal deċiżjonijiet ta' investiment fil-qasam tad-difiża. Il-qgħad għandu jitnaqqas b'mezzi oħra u mhux bl-armamenti. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' difiża Ewropea għandu jkun iggwidat esklużivament minn kunsiderazzjonijiet strateġiċi u valutazzjoni profonda ta' dak li hu meħtieġ biex nipproteġu lill-Ewropa u biex tiġi żgurata l-kapaċità ta' alleanza tagħha. Dan m'għandux jipperikola l-finanzi pubbliċi. B'mod partikolari, l-UE għandha tkompli bid-diplomazija prinċipalment preventiva u multilaterali tagħha. Madankollu, il-kapaċitajiet militari huma essenzjali biex jiġu implimentati l-prijoritajiet ta' sigurtà u difiża fl-Istrateġija Globali tal-UE.

2.13 Il-KESE jaqbel mal-idea li r-riċerka fil-qasam tad-difiża jista' jkollha wkoll impatt pożittiv fuq l-iżvilupp ta' teknoloġiji ċivili u viċi versa.

2.14 Id -distinzjoni stretta bejn militari u mhux militari hija dejjem aktar imċajpra f'termini ta' attakki ċibernetiċi u wkoll meta wieħed iħares lejn is-sigurtà interna u esterna li saret aktar u aktar interkonnessa.

2.15 Il-KESE jenfasizza li r-riċerka pereżempju fit-teknoloġiji taċ-ċibersigurtà jista' jkollha skopijiet kemm ċivili kif ukoll ta' difiża u jkun hemm iktar eżempji. Għalhekk, huwa ovvju li dawn l-innovazzjoni u l-iżvilupp jistgħu u għandhom jiġu ffinanzjati wkoll minn programmi Ewropej eżistenti bħalma huwa Orizzont 2020. Madankollu, ir-riċerka fid-difiża fis-sens strett tal-kelma li hija intiża bħala tali għandha tiġi kkunsidrata separatament.

2.16 Il-KESE jappoġġja l-ħolqien ta' industrija tad-difiża aktar integrata u suq ta' difiża komuni fl-Ewropa. Dan l-għan m'għandux jiġi limitat għall-pajjiżi ta' produzzjoni ewlenin. Fl-implimentazzjoni ta' riċerka ta' difiża u ta' proġetti ta' difiża, għandhom jintużaw kif xieraq il-kapaċitajiet eżistenti ta' kemm jista' jkun Stati Membri interessati sabiex iħeġġu l-impenn għal kawża komuni.

([5]) Il-programm ta' ħidma mressqa mill-Kunsill Ewropew, il-Presidenza tal-Kunsill u l-President tal-Kummissjoni fil-laqgħa tal-Grupp ta' 27 Kap ta' Stat u ta' Gvern fis-16 ta' Settembru 2016, http://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2016/09/16-bratislava-declaration-and-roadmap.

2.17 Il-KESE jirrifjuta l-ftuħ ta' fondi eżistenti, li jservu objettivi ekonomiċi jew soċjali, għall-finijiet tad-difiża u dwar kif jiġi trattat l-infiq għad-difiża taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-KESE jappoġġja l-ħolqien ta' Fond Ewropew għad-Difiża li jkun ristrett għar-riċerka għad-difiża u l-iżvilupp u l-akkwist ta' kapaċitajiet militari. Fl-istess ħin, għandu jkun separat b'mod ċar mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) u ma jinkludix eċċezzjonijiet bħal "miżuri ta' darba", kif imsemmi fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

2.18 Fir-rigward tal-aspetti kollha ta' unjoni tad-difiża futuri, il-KESE jappella għall-involviment sħiħ tal-Parlament Ewropew u djalogu kontinwu bejn politiċi, militari u ċivili. Bħala entità konsultattiva tal-UE u rappreżentant tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropej ewlenin kollha, il-KESE għandu jaġixxi bħala imsieħeb ewlieni fil-qasam tal-politika ta' difiża.

## 3. **Kummenti speċifiċi**

### 3.1 *Il-ħolqien ta' Fond Ewropew għad-Difiża*

3.1.1 Il-KESE jappoġġja l-ħolqien ta' Fond għad-Difiża b'kanal għar-riċerkja u ieħor għall-kapaċità, li jkun operattiv bis-sħiħ mill-2020 'il quddiem.

3.1.2 Il-KESE jappoġġja sorsi ta' finanzjament separati għaż-żewġ "kanali". Madankollu, ir-riċerka dwar id-difiża ma tistax tiġi ffinanzjata għad-detriment ta' riċerka f'setturi oħra. Il-KESE huwa favur li l-kanal tal-kapaċità jkun iffinanzjat biss mill-kontribuzzjonijiet nazzjonali. Sakemm l-Unjoni ma jkollhiex introjtu varjabbli tagħha stess, l-akkwist tal-kapaċitajiet militari tal-forzi armati jibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri. Il-baġit tal-UE għalhekk m'għandux jintuża biex ikopri akkwist taħt it-taqsima ta' kapaċità tal-Fond tad-Difiża ppjanat.

3.1.3 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-kumitat ta' koordinazzjoni ppjanat. Madankollu, it-teħid tad-deċiżjoni ta' dan il-kumitat għandu jinkludi biss rappreżentanti politiċi. Rappreżentanti militari, industrijali u tas-soċjetà ċivili jkunu jistgħu jipparteċipaw biss f'kapaċità konsultattiva. Il-Parlament Ewropew ukoll għandu jkollu post u vuċi f'dan il-kumitat.

3.1.4 Ir-rwol tal-Kummissjoni fil-kofinanzjament ta' proġetti ta' riċerka għandha tkun limitata għal kanal għar-riċerka u għandha tipprovdi wkoll għal programm speċjali, separat b'mod ċar għar-riċerka tad-difiża tal-UE wara l-2020 għal dan l-għan ([6]). Il-KESE jappoġġja l-idea li l-eżekuzzjoni tal-programm tkun assenjatalill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA).

3.1.5 Il-KESE jappoġġja l-akkwist prekummerċjali għal kuntratti ta' akkwist kooperattiv, sabiex jitnaqqsu riskji għoljin ta' investiment assoċjati mal-industrija għan-negozji kkonċernati.

3.1.6 Sinerġiji possibbli bejn ir-riċerka ċivili u tad-difiża għandhom jiġu sfruttati, iżda li l-appoġġ għal attivitajiet ta' riċerka ċivili permezz ta' fondi tal-UE (Orizzont 2020) m'għandhomx ikunu mmirati lejn skopijiet militari għad-detriment ta' setturi oħra.

3.1.7 Il-KESE jappoġġja l-ġbir flimkien ta' fondi nazzjonali għall-akkwist ta' kapaċitajiet ta' difiża ġodda. Jidher dubjuż li l-mira konġunta annwali ta' EUR 5 biljun għall-kapaċità se tkun suffiċjenti. Il-Kumitat jemmen li jkun utli li jitwettqu studji ta' tħejjija biex jeżaminaw dan l-ammont ta' referenza, kif previst fil-Pjan ta' Azzjoni. Fil-fehma tal-KESE, l-ammont annwali ta' finanzjament komuni għandu jkun immirat lejn il-kisba tal-għanijiet li jinħolqu sinerġiji akbar, tittaffa l-pressjoni baġitarja u l-akkwist u l-iżgurar b'suċċess ta' kapaċitajiet ta' difiża.

3.1.8 Il-KESE jappoġġja t-tfassil tal-kanal għall-kapaċità deskritt mill-Kummissjoni, jiġifieri struttura ewlenija għall-qafas, kif ukoll ir-regoli dwar il-finanzjament komuni u t-tieni livell li jinkludi proġetti speċifiċi ta' Stati Membri li jikkooperaw. Il-proġetti individwali għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar f'termini ta' kwalità u ta' kwantità u biex ikunu finanzjarjament indipendenti minn xulxin.

3.1.9 L-iżvilupp ta' struttura tal-kapital permanenti għall-kanal għall-kapaċità hija appoġġjata. Ir-responsabbiltà għandha tkun tal-Istati Membri bħala azzjonisti. Il-KESE jirrifjuta dispożizzjoni speċjali għal riżorsi baġitarji nazzjonali allokati għal dan l-iskop skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

([6]) Rapport tal-Parlament Ewropew dwar l-Unjoni Ewropea għad-Difiża (2016/2052(INI)).

3.1.10 Il-KESE jenfasizza li f'konformità mal-Artikolu 41 tat-TUE, il-baġit tal-UE ma jistax jintuża biex jiffinanzja operazzjonijiet militari. Barra minn hekk minn it-tluq minn dan il-prinċipju jmur kontra l-karattru speċifiku tal-politika tas-sigurtà u d-difiża ta' ċerti Stati Membri (Artikolu 42(1) TUE).

3.2 *Stimolu tal-investiment fil-katini tal-provvista fil-qasam tad-difiża*

3.2.1 Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ li tingħata attenzjoni speċjali lill-SMEs inkluż fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp għal skopijiet ta' difiża. Il-FEIS, il-Fondi ESI u l-programm COSME m'għandhomx ikunu prijoritizzati għall-infiq fuq l-armi. Madankollu, l–għanijiet tar-Regolament dwar il-FEIS, il-Fondi SIE u l-programm COSME kif ukoll l-investimenti tal-BEI iservu għal finijiet mhux militari. Barra minn hekk, l-użu ta' dawn il-fondi għal skopijiet militari jirrappreżenta riskju akbar ta' duplikazzjoni u frammentazzjoni fis-suq tad-difiża.

3.2.2 Billi l-UE teħtieġ bażi soda u sostenibbli, tad-difiża, industrijali u teknoloġika, l-isfida hija li jinstab bilanċ bejn li l-UE tkun lesta tiffinanzja din il-bażi mingħajr dipendenza mhux mixtieqa fuq l-esportazzjoni. L-esportazzjonijiet tal-armi għandhom ikunu limitati għal imsieħba strateġiċi u alleati, u ma għandhomx ikunu motivati minn kunsiderazzjonijet ekonomiċi oħra li potenzjalment jikkontribwixxu għal kunflitti f'partijiet oħra tad-dinja. Bħalissa hemm ukoll tħassib serju fir-rigward ta' xi alleati. Għalhekk, l-esportazzjonijiet tal-armi jeħtieġu skrutinju demokratiku mill-qrib.

3.2.3 Il-promozzjoni ta' raggruppamenti reġjonali ta' eċċellenza hija appoġġjata. Dan għandu jsir ukoll permezz tal-kanal għar-riċerka u l-programm speċjali tal-UE li għad irid jinħoloq.

3.3 *L-espansjoni tas-suq intern għal prodotti ta' difiża*

3.3.1 Il-KESE jitlob għal politika industrijali Ewropea mfassla tajjeb għas-settur tad-difiża, bil-karatteristiċi speċifiċi tiegħu tal-ħtiġijiet tal-gvern u l-fondi pubbliċi. Għaldaqstant jappoġġja s-sejħa tal-Kummissjoni għall-applikazzjoni sħiħa tad-Direttivi ([7]) dwar l-akkwist pubbliku u t-trasferimenti intra-UE tal-prodotti għad-difiża.

3.3.2 Skont l-Artikolu 346 TFUE, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw il-kuntratti ta' difiża u sigurtà mir-regoli jekk ikun neċessarju għall-ħarsien tal-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħhom. Biż-żewġ Direttivi 2009/81/KE u 2009/43/KE, issa huwa possibbli li titnaqqas din l-eżenzjoni għal minimu strett. Il-KESE jaqbel mal-opinjoni kritika tal-fatt li porzjon sinifikanti ħafna ta' akkwist ta' prodotti militari għadu mhux imwettaq skont ir-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE, u jagħraf il-potenzjal ta' ffrankar hawnhekk, li jista' jiġi investit b'mod aktar effiċjenti taħt il-Fond għad-Difiża.

3.3.3 Il-KESE jappoġġja proċess ta' awtorizzazzjoni semplifikat permezz ta' awtorizzazzjonijiet ġenerali għat-trasferiment ta' oġġetti militari fi ħdan is-suq uniku. Għalhekk, jilqa' b'sodisfazzjon il-gwida ta' interpretazzjoni u rakkomandazzjonijiet li tħabbret. Madankollu, jeħtieġ li jsir ħafna aktar biex jiġi żgurat b'mod partikolari l-aqwa użu tad-Direttiva dwar it-trasfermenti tad-difiża.

3.3.4 Il-KESE jilqa' wkoll studji dwar is-sigurtà tal-provvista ta' materja prima fil-qafas tal-Istrateġija tal-Materja Prima, kif ukoll dwar is-sostituzzjoni ta' materja prima kritika. Fl-istess ħin, huwa jiddeplora li l-Kummissjoni Ewropea abbandunat il-mandat tagħha ta' Diċembru 2013 biex jiġi żviluppat pjan direzzjonali għal sistema komprensiva ta' sigurtà tal-provvista fl-UE kollha, li jista' wkoll jixpruna l-implimentazzjoni ambizzjuża politikament motivata tad-Direttiva dwar it-Trasferimenti.

3.3.5 Il-KESE jaqbel mal-fehma li suq uniku li jiffunzjona tajjeb fejn jidħlu prodotti ta' difiża għandu jkun għan ewlieni tal-pjan ta' azzjoni. Unjoni ta' difiża hija inkonċepibbli mingħajr l-aċċess għas-suq transfruntier u katini tal-provvista miftuħa. B'mod partikolari, l-SMEs, li huma responsabbli għal innovazzjonijiet kbar fis-settur, għandu jkollu aċċess għal sejħiet għal offerti.

3.3.6 Il-KESE jappoġġja l-iżvilupp ta' standards komuni kemm għall-armi u l-produzzjoni ta' interoperabilità kompleta kif ukoll għall-prodotti b'użu doppju, filwaqt li jevita d-duplikazzjoni tal-istandards eżistenti, b'mod partikolari l-istandards tan-NATO. Pjan direzzjonali korrispondenti hija diġà previsti għall-2014 ([8]).

([7]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.
([8]) Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, tal-19/20 ta' Diċembru 2013 (EUCO 217/13).

3.3.7 Il-KESE jappoġġja l-iżvilupp ta' servizzi tal-komunikazzjonijiet bis-satellita affidabbli, sikura u kosteffikaċi għall-UE u għall-awtoritajiet nazzjonali, flimkien ma' investiment fl-ivvjaġġar fl-ispazju.

3.3.8 Il-KESE huwa konxju li ma ġietx iċċarata r-relazzjoni bejn l-użu ċivili u militari tas-sistema Copernicus, u wkoll dwar il-fatt li l-militar huwa msieħeb ewlieni tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), kemm bħala utent kif ukoll kożviluppatur. Hawnhekk jistgħu jiżviluppaw sinerġiji utli. L-użu tas-sistema Copernicus madankollu għandu jiġi evalwat b'mod kollettiv mill-perspettiva politika, xjentifika u militari. L-użu militari m'għandux iqiegħed piż fuq il-politika spazjali tal-UE jew jaffettwa l-użu ċivili tas-sistema.

3.3.9 Il-KESE jappoġġja bil-qawwa t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ċibernetika, kif ukoll il-kooperazzjoni ċivili/militari abbażi tal-istrateġija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà ([9]).

3.3.10 Il-KESE jappoġġja li jiġu promossi approċċi komuni għas-sigurtà marittima fl-oqsma ċivili u militari, kif ukoll l-ottimizzazzjoni tal-kapaċitajiet ta' sorveljanza marittima interoperabbli.

Brussell, il-31 ta' Mejju 2017.

*President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

([9]) Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, Lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-istrateġija ta' Ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea: Ċiberspazju Miftuħ, Sikur u Sigur JOIN (2013) 1 final; Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar l-Istrateġija ta' Ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea: Ċiberspazju Miftuħ, Sikur u Sigur (11357/13).

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet pelaġiċi ż-żgħar fil-Baħar Adrijatiku u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet"**

*(COM(2017) 97 final — 2017/0043 (COD))*

(2017/C 288/09)

Relatur: **Emilio FATOVIC**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Parlament Ewropew, 1.3.2017 |
| | Kunsill, 4.4.2017 |
| Bażi ġuridika | Artikoli 43(2), 114(1) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Deċiżjoni tal-Assemblea tal-Plenarja | 24.1.2017 |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent |
| Adottata fis-sezzjoni | 17.5.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 31.5.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 187/0/2 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jaqbel mal-bżonn enfasizzat mill-GFCM-FAO ([1]) ta' intervent biex jiġu protetti l-istokkijiet pelaġiċi ż-żgħar li qed ibatu minħabba l-isfruttar eċċessiv, u jaqbel mal-għan ġenerali li tiġi implimentata sistema ta' sajd sostenibbli malajr kemm jista' jkun u li jintlaħaq Rendiment Massimu Sostenibbli ([2]) f'konformità mal-Politika Komuni tas-Sajd ([3]) (PKS).

1.2 Il-Kumitat jappoġġja l-għażla tal-Kummissjoni li tagħmel użu mill-istrument leġislattiv tar-Regolament biex jiġi stabbilit pjan pluriennali għall-protezzjoni tal-istokkijiet pelaġiċi ż-żgħar bl-għan li jkun hemm uniformità fir-regoli eżistenti u biex jissaħħu l-proċessi ta' governanza.

1.3 Il-KESE, filwaqt li jikkondividi l-għanijiet tal-protezzjoni ambjentali u tal-bijodiversità, iqis li l-proposta tal-Kummissjoni tirriżulta li hija inkompleta u kontradittorja f'għadd ta' aspetti. Dawn il-problemi huma l-konsegwenza naturali ta' għadd ta' kontradizzjonijiet tal-PKS li diġà huma enfasizzati mill-Kumitat fl-Opinjonijiet preċedenti tiegħu ([4]). B'mod partikolari, il-KESE jesprimi tħassib serju dwar il-possibbiltà li l-Proposta inkwistjoni, jekk ma tiġix integrata u mmodifikata mill-ġdid kif imiss, ikun hemm riskju li ma jintlaħqux l-għanijiet ambjentali kif ukoll li ssir ħsara serja għall-intrapriżi u għall-ħaddiema fis-settur ([5]).

([1]) Il-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran.

([2]) Ir-Rendiment Massimu Sostenibbli (*Maximum, Sustainable Yield* — MSY) jindika l-kwantità massima ta' ħut li jista' jinqabad f'perjodu ta' żmien indefinit mingħajr ma ssir xi ħsara lill-istokk. Dan il-prinċipju jirrappreżenta wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-PKS.

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

([4]) Opinjoni tal-KESE dwar *l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura* (ĠU C 181, 21.6.2012, p. 183).

([5]) Opinjoni tal-KESE dwar *l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura* (ĠU C 181, 21.6.2012, p. 183) il-punt 1.17: "Il-KESE jilmenta dwar il-fatt li d-dimensjoni soċjali, ikkunsidrata fil-fażijiet kollha tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (produzzjoni, proċessar u kummerċjalizzazzjoni), mhijiex preżenti fil-proposta b'miżuri konkreti għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, u jemmen li għandha tiġi inkoraġġuta l-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali fil-livell adegwat".

1.4 Il-Kumitat iqis li l-mudell ta' ġestjoni propost mill-Kummissjoni, abbażi tal-issettjar tal-opportunitajiet annwali tas-sajd min-naħa tal-Kunsill, mhuwiex adattat għall-karatteristiċi bijoloġiċi tal-pelaġiċi ż-żgħar fl-Adrijatiku u għall-għadd ta' speċifiċitajiet tal-ħut ([6]) li huma preżenti hawnhekk, għat-tekniki tas-sajd, għat-tipoloġiji ta' inġenji u ekwipaġġi (sajd artiġjanali fuq skala żgħira) ([7]) kif ukoll għan-numru u għad-daqs tal-portijiet. Rigward dak li kollu ntqal, il-Kumitat iqis li l-proposta tal-MEDAC (Kunsill Konsultattiv tal-Baħar Mediterran) ([8]) relatata mat-tisħiħ tal-miżuri tal-isforz tas-sajd skont approċċ "bis-sistema tad-dawl tat-traffiku" (traffic light approach) hija aktar adatta fil-mertu u fil-metodu, peress li hija riżultat ta' kondiviżjoni wiesgħa min-naħa tas-soċjetà ċivili organizzata kollha.

1.5 Il-KESE jinsab sorpriż li l-Proposta tal-Kummissjoni mhijiex ibbażata fuq valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt ekonomiku u soċjali ([9]). Dan in-nuqqas huwa aggravat mill-fatt li s-settur tas-sajd fil-Mediterran kollu ilu fi kriżi għal aktar minn għoxrin sena ([10]) u regoli ġodda stretti u mhux meqjusin tajjeb jirriskjaw li jwasslu għat-tmiem definittiv tas-settur. Barra minn hekk, il-KESE jinnota li m'hemm l-ebda miżura ta' sostenn finanzjarju u/jew konverżjoni tal-intrapriżi u l-ħaddiema fid-dawl tal-Proposta li jitnaqqsu l-qabdiet tas-sardin u l-inċova minkejja li dawn jirrappreżentaw riżorsa fundamentali għall-ekonomija tal-komunitajiet lokali żgħar (insulari ħafna) u għall-industrija relatata ([11]).

1.6 Għalhekk, il-Kumitat jitlob li jkun hemm involviment immedjat mid-DĠ Impjiegi u t-tnedija tal-proċessi ta' djalogu soċjali settorjali permezz tal-konsultazzjoni tal-Kumitat tad-Djalogu Soċjali għas-Sajd Marittimu (EUSSDC) sabiex jiġu identifikati l-miżuri l-aktar adatti biex jagħmlu tajjeb għall-impatti ekonomiċi u soċjali. F'dan ir-rigward, il-KESE jqis li l-FEMS (Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd) huwa l-istrument finanzjarju l-aktar adatt biex jappoġġja lill-intrapriżi u 'l-ħaddiema fit-tranżizzjoni lejn sajd sostenibbli. Għaldaqstant il-Kumitat iqis li l-konverżjoni tal-intrapriżi fis-sajd relatat mat-turiżmu (Ekonomija Blu ([12])) jew fl-akkwakultura ([13]) tista' ċertament tirrappreżenta alternattiva valida, iżda dan bl-ebda mod ma jista' jissostitwixxi l-prinċipju li s-sajd tradizzjonali, b'mod partikolari minħabba l-karatteristiċi bijoloġiċi tal-ħut (pereżempju l-bżonn ta' spazju tagħhom), la jista' jerġa' jiġi mmodifikat fid-daqs u lanqas ma jista' jiġi eliminat.

1.7 Minħabba l-effetti negattivi rilevanti fuq l-ambjent, l-ekonomija u l-impjiegi li għandha l-miżura, il-Kumitat iqis li l-pjan ta' ġestjoni tas-sajd il-ġdid ma jistax jiġi stabbilit b'atti delegati, u jitlob li dan jiġi dikjarat minnufih mill-Kummissjoni b'mod ċar u trasparenti fl-interess tal-partijiet kollha kkonċernati ([14]).

---

([6]) Opinjoni tal-KESE dwar *l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura* (ĠU C 181, 21.6.2012, p. 183) il-punt 1.6: "Il-KESE jappoġġja l-proposta li jiġu stabbiliti pjani multiannwali bil-għan li, fejn possibbli, l-istokkijiet kollha tal-ħut jiġu rkuprati u jinżammu 'l fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Minkejja li huwa ta' min ifaħħru, dan il-għan diffiċli jiġi applikat fil-każ tas-sajd imħallat, u għaldaqstant il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi soluzzjonijiet prattiċi biex jissolvew il-problemi li jistgħu jinqalgħu f'dan it-tip ta' sajd."

([7]) Opinjoni tal-KESE dwar *l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura* (ĠU C 181, 21.6.2012, p. 183) il-punt 1.19: "Il-KESE jemmen li definizzjoni tas-sajd fuq skala żgħira bbażata fuq il-kriterju tat-tul tal-bastiment biss hija simplistika wisq u tassimila parti enormi mill-flotta fuq skala żgħira mas-sajd industrijali."

([8]) Il-MEDAC huwa l-korp konsultattiv li jgħaqqad flimkien lill-organizzazzjonijiet Ewropej u nazzjonali tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw is-settur li jaħdem fiż-żona tal-Mediterran. Ir-rwol tal-MEDAC huwa dak li jipprovdi opinjonijiet dwar il-ġestjoni tas-sajd u dwar l-aspetti soċjoekonomiċi marbutin mal-konservazzjoni tas-sajd fil-Mediterran u li huma indirizzati lill-Istati Membri u lilll-istituzzjonijiet Ewropej, biex permezz ta' dan jitwettqu l-għanijiet tal-PKS filwaqt li jiġu offruti soluzzjonijiet tekniċi u suġġerimenti fuq talba tal-Istati Membri.

([9]) Opinjoni tal-KESE dwar *ir-Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (Green Paper)* (ĠU C 18, 19.1.2011, p. 53), il-punt 3.1.2.2: "It-titjib kontinwu tar-riżorsi tas-sajd u l-istabbilizzazzjoni tagħhom f'livelli sostenibbli għandhom jimxu id f'id ma' studji tal-impatt soċjoekonomiku li jippromovu miżuri ta' appoġġ finanzjarju għas-settur, immirati b'mod partikolari għall-ħarsien tal-impjiegi, sabiex l-intrapriżi jinvestu fl-innovazzjoni u l-iżvilupp kif ukoll għat-taħriġ professjonali. Fil-fatt jeħtieġ li jiġi garantit dħul deċenti għas-sajjieda matul il-perjodu ta' rkupru tal-istokkijiet".

([10]) Skont l-STECF (Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd) (2016), fil-perjodu bejn l-2008 u l-2014 fil-Mediterran intilfu aktar minn 10 000 impjieg, bi tnaqqis ta' 14 % fl-inġenji u ta' 8 % fin-numru ta' impjegati. Jekk imbagħad jitqies fid-dettall "is-sajd fuq skala żgħira" (inġenji iżgħar minn 12-il metru), li jirrappreżenta aktar minn 50 % tas-settur, kien hemm tnaqqis ta' 16 % fl-inġenji filwaqt li l-impjegati naqsu bi 13 %. Barra dan jeħtieġ jiġi kkunsidrat li, fil-pajjiżi involuti direttament, il-pjan jista' jħalli impatt devastanti jekk ma jitqiesx b'mod adatt. Prova ta' dan hija l-Kroazja fejn il-pelaġiċi ż-żgħar jirrappreżentaw id-90 % tal-qabdiet. Barra minn hekk, fl-Italja fil-perjodu bejn l-2004 u l-2015, il-kapaċità tal-flotta tas-sajd naqset bi 17 % f'termini ta' għadd ta' bastimenti, u ntilfu aktar minn 20 % tal-impjiegi.

([11]) Opinjoni tal-KESE dwar *l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura* (ĠU C 181, 21.6.2012, p. 183) il-punt 3.3.6: "Barra minn hekk, il-Kumitat iqis li l-applikazzjoni tal-miżuri biex l-istokkijiet tal-ħut jiġu rkuprati u jinżammu 'l fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli sal-2015 ser taffettwa l-kapaċità tas-sajd tal-flotot tal-Istati Membri(…). Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tipprevedi miżuri ta' aġġustament billi toffri alternattivi soċjoprofessjonali għas-settur tas-sajd li jevitaw it-telf attwali tal-impjiegi minħabba l-istat ħażin tal-istokkijiet tal-ħut".

([12]) Opinjoni tal-KESE dwar *l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun Adrijatiku u Jonju* (ĠU C 458, 19.12.2014, p. 27), il-punti 3.3; 3.4; 3.5.

([13]) Opinjoni tal-KESE dwar *it-tneħħija tal-ostakli għall-akkwakultura sostenibbli fl-Ewropa* (ĠU C 34, 2.2.2017, p. 73).
Opinjoni tal-KESE dwar *l-innovazzjoni u l-ekonomija blu* (ĠU C 12, 15.1.2015, p. 93), il-punt 1.7.

([14]) Opinjoni tal-KESE dwar *atti delegati* (ĠU C 13, 15.1.2016, p. 145), il-punt 1.8.

1.8 Il-Kumitat itenni li kull miżura ta' ħarsien tal-ambjent x'aktarx li tirriżulta inutli jekk ma jiġu indirizzati minn qabel il-problemi ta' kompetizzjoni inġusta u tas-sajd illegali, filwaqt li jiġu rinforzati l-kontrolli, jissaħħu l-penali, u tiġi imposta sistema ta' traċċabbiltà integrali "mill-baħar sal-mejda ([15])" b'kontrolli eżawrjenti tas-sanità kemm fil-fruntiera kif ukoll fil-pajjiż ta' oriġini. B'mod partikolari, il-Kumitat iqis fundamentali li titnieda mill-ġdid il-kollaborazzjoni fost il-pajjiżi kollha li jinsabu fil-Baħar Mediterran, abbażi tal-programm u tal-għanijiet stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Ministerjali li ġiet iffirmata f'Malta fit-30 ta' Marzu 2017 ([16]).

1.9 Il-Kumitat iqis li l-għan tal-MSY għandu jintlaħaq f'perjodi taż-żmien raġonevoli. Id-data ta' skadenza tal-31 ta' Diċembru 2020 ma tidhirx prattikabbli. Din il-Proposta hija bbażata fuq l-għarfien tat-tul ta' żmien naturali għar-ripopolament tal-istokkijiet pelaġiċi ż-żgħar kif ukoll fuq l-aġġustament tal-awtoritajiet ta' kontroll, tal-intrapriżi u tal-ħaddiema għar-regoli l-ġodda (speċjalment f'każ li dawn ikunu tbiddlu b'mod drastiku bit-tranżizzjoni mill-isforz għall-kwoti). B'żieda ma' dan, il-KESE jqis li l-użu possibbli ta' klawsoli ta' salvagwardja mhuwiex alternattiva valida minħabba l-impatt eċċessiv li jkollhom f'termini soċjali u ekonomiċi.

1.10 Il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi aħjar l-aspetti operattivi tar-reġjonalizzazzjoni filwaqt li torbot mill-bidu l-għanijiet tas-sostenibbiltà tar-riżorsi tas-sajd mal-livelli effettivi tal-ispiża mġarrba mill-intrapriżi sabiex b'hekk tiġi żgurata s-sopravivenza.

1.11 Fl-interess tal-konsumaturi Ewropej, il-KESE jitlob mill-ġdid li titwettaq kemm jista' jkun malajr valutazzjoni dettaljata tal-impatt fuq l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-ispeċijiet li huma soġġetti għall-ħarsien, kemm rigward il-ħut destinat għall-bejgħ dirett kif ukoll dwar dak maħsub għall-ipproċessar. Barra minn hekk, il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni tidentifika sistemi ta' ċertifikazzjoni tal-kwalità ta' "sajd sostenibbli", sabiex jiżdied l-għarfien tal-konsumaturi u jinħoloq valur miżjud għall-intrapriżi ([17]).

## 2. **Introduzzjoni**

2.1 Il-Baħar Adrijatiku ([18]) huwa sottoreġjun tal-Mediterran li fih isir ħafna sajd, u fejn il-pelaġiċi tal-ispeċijiet iż-żgħar ([19]), primarjament l-inċova u s-sardin ([20]), huma fost dawk li joffru l-aktar qligħ. Skont id-data riċenti tal-GFCM-FAO ([21]) u tal-STECF ([22]), l-istokkijiet tal-inċova u tas-sardin qed ibatu minħabba l-isfruttar eċċessiv u għandhom bżonn ta' protezzjoni akbar.

2.2 Il-maġġoranza ta' dawn il-qabdiet isiru minn sajjieda Taljani u Kroati fil-parti tat-Tramuntana tal-Baħar Adrijatiku. Is-Slovenja tipparteċipa f'din l-attività b'mod residwu (anqas minn 1 %) l-istess bħall-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina u l-Montenegro li jirrappreżentaw kwota ta' qabdiet żgħar simili (madwar 1 %) ([23]).

2.3 Il-qafas ta' ġestjoni eżistenti huwa bbażat fuq il-limitazzjoni tal-isforz tas-sajd ([24]), flimkien ma' diversi miżuri addizzjonali bħal, pereżempju, il-projbizzjonijiet ġeotemporali tas-sajd u d-daqsijiet minimi għall-ħatt l-art. Madankollu, dawn il-miżuri ma ġewx implimentati b'mod ikkoordinat, kontinwu u uniformi mill-Istati Membri (b'mod partikolari l-perjodi ta' għeluq bijoloġiku tas-sajd ([25])), u dan wassal għal konfużjoni fost l-operaturi u t-tfixkil fir-ripopolament tal-istokkijiet.

---

([15]) Opinjoni tal-KESE dwar *l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura* (ĠU C 181, 21.6.2012, p. 183) il-punt 1.21.

([16]) IP/17/770, Il-Kummissjoni Ewropea tiżgura impenn ta' għaxar snin biex jiġu salvati l-istokkijiet tal-ħut fil-Mediterran.

([17]) Opinjoni tal-KESE dwar *l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura* (ĠU C 181, 21.6.2012, p. 183) il-punt 4.5.

([18]) Il-Baħar Adrijatiku jikkorrispondi għas-Subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM.

([19]) Dawn huma speċijiet ta' daqs żgħir li jgħumu qrib il-wiċċ (eżempju, kavall, aringa, sawrell, stokkafixx, minfaħ, inċova, arġentina, sardin, laċċa kaħla…).

([20]) Fil-Kroazja, is-sajd ta' pelaġiċi żgħar jikkorrispondi għal 90 % tat-total ta' qabdiet.

([21]) Il-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran ġiet stabbilita fl-1949 fi ħdan l-FAO. Kompitu fundamentali tal-GFCM huwa l-promozzjoni tal-iżvilupp, tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni tajba tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar.

([22]) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd ġie stabbilit fl-1993 u huwa korp konsultattiv li jirrapporta direttament lill-Kummissjoni Ewropea. Huma magħmul minn grupp ta' esperti li huma msejħa biex jagħtu opinjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tas-sajd.

([23]) GFCM, The State of Mediterranean and Black Sea Fisheries, (L-Istat tal-Mediterran u s-Sajd fil-Baħar l-Iswed) 2016, p. 25.

([24]) Il-ġestjoni tal-isforz tas-sajd tgħaqqad ir-restrizzjonijiet dwar il-kapaċità tal-flotta mat-tul ta' żmien li din tal-aħħar tista' tqatta' fil-baħar.

([25]) L-għeluq bijoloġiku huwa perjodu ta' żmien li fih is-sajd f'xi żoni partikolari huwa pprojbit. Dan huwa strument li ilu fis-seħħ għal 30 sena fl-UE u huwa maħsub biex iħares il-patrimonju tal-ħut fl-ibħra, filwaqt li jippromovi r-riproduzzjoni naturali tal-ispeċijiet li jinqabdu l-aktar. Il-fatt li s-sajd jitwaqqaf għal numru partikolari ta' ġranet konsekuttivi, fil-fatt ifisser li jingħata ż-żmien lill-ħut biex itemmu ċ-ċiklu riproduttiv tagħhom mingħajr periklu, u b'hekk jiġu ssalvagwardati l-istokkijiet tal-ħut.

2.4 Il-MEDAC, f'konformità mal-mandat tiegħu, fassal opinjoni dwar il-pelaġiċi ż-żgħar fl-Adrijatiku li jiġbor fih proposti ta' ħidma li huma riżultat tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha li damet sentejn (intraprendituri, ħaddiema, kooperattivi, ambjentalisti, konsumaturi) li ġiet ippubblikata fil-11 ta' Marzu 2016 li għadda ([26]).

## 3. **Sommarju tal-proposta tal-Kummissjoni**

3.1 Il-Kummissjoni Ewropea, sabiex tipproteġi l-istokkijiet tal-pelaġiċi ż-żgħar tal-Baħar Adrijatiku, b'mod partikolari l-inċova u s-sardin, fasslet Regolament li għandu l-għan li jistabbilixxi pjan pluriennali li jindirizza din l-emerġenza ambjentali. L-għan finali huwa li sal-2020 jintlaħaq ir-Rendiment Massimu Sostenibbli ([27]) (MSY) kif previst mill-Politika Komuni tas-Sajd (PKS). Fit-totalità tiegħu, il-pjan pluriennali jenħtieġ li jiġi evalwat kull ħames snin.

3.2 Il-proposta għal Regolament, b'nuqqas ta' kontinwità mal-miżuri kollha ta' ġestjoni li s'issa ġew applikati fiż-żona, tistabbilixxi sistema unika ta' governanza, filwaqt li tillimita d-derogi nazzjonali (b'mod partikolari l-perjodi ta' għeluq bijoloġiku u l-modalitajiet ta' kontroll) u, b'mod partikolari tipprevedi li s-sistema ta' ġestjoni tibbaża fuq il-limitazzjoni tal-qabdiet ([28]) (TAC) u mhux aktar fuq it-tnaqqis tal-isforz tas-sajd.

3.3 Din il-proposta, li hija msejsa fuq il-mudell u fuq il-kontenut tal-pjan pluriennali għal ċerti stokkijiet tal-ħut fil-Baħar Baltiku ([29]), hija bbażata fuq l-opinjoni tal-STECF u fl-istess ħin, hija f'kuntrast ċar ma' dik issuġġerita mill-MEDAC li hija bbażata fuq rimodulazzjoni aktar stretta tal-isforz tas-sajd (sistema tad-dawl tat-traffiku – traffic light approach ([30])).

3.4 B'mod partikolari, il-Kummissjoni tipproponi l-istabbiliment ta' valuri ta' referenza għall-konservazzjoni, li jiġu kkalkulati f'tunnellati ta' bijomassa tal-istokk riproduttur, u firxa ta' valuri tal-mortalità mis-sajd. Meta l-opinjonijiet xjentifiċi jindikaw li stokk huwa taħt il-valur ta' referenza, il-qabdiet ikollhom jitnaqqsu. Fir-rigward tal-implimentazzjoni effettiva tas-sistema l-ġdida ta' ġestjoni, il-Kummissjoni tħalli kollox għall-atti delegati.

3.5 Il-proposta tipprevedi kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri, sabiex jiġu adottati miżuri speċifiċi ta' konservazzjoni. Permezz tar-"reġjonalizzazzjoni" jistgħu jiġu mmodifikati wkoll miżuri tekniċi partikolari (eż: id-daqs tal-malji tax-xbieki u l-karatteristiċi tat-tagħmir).

3.6 Barra minn hekk, il-Proposta tipprovdi li l-awtoritajiet kompetenti jkunu kapaċi jidentifikaw, jillokalizzaw u jikkontrollaw b'mod sistematiku l-attivitajiet u l-qabdiet tal-bastimenti kollha tal-istess daqs jew ta' dawk li jaqbżu t-tmien metri, permezz ta' strumentazzjoni diġitali adatta (eż. ġurnal ta' abbord elettroniku). Barra minn hekk, il-portijiet kollha jkollhom jiġu mgħammra bi strumenti diġitali li jivverifikaw il-qabdiet ta' kull inġenju ladarba jinħattu. Għal dan il-għan kull dgħajsa għandha tħabbar il-wasla tagħha fil-port lill-awtoritajiet kompetenti mill-inqas erba' sigħat qabel.

## 4. **Kummenti ġenerali**

4.1 Il-KESE, filwaqt li jieħu nota tal-istudji xjentifiċi ppubblikati f'dan il-qasam, jaqbel dwar il-bżonn ta' intervent biex jiġu protetti l-istokkijiet tal-pelaġiċi ż-żgħar tal-Adrijatiku li bħalissa qed isofru.

4.2 Barra minn hekk, il-Kumitat jikkondividi l-bżonn li jintuża regolament bħala strument leġislattiv biex tissaħħaħ il-governanza u biex ir-regoli jkunu uniċi u vinkolanti għall-pajjiżi u l-partijiet ikkonċernati involuti kollha, sabiex jingħelbu l-problemi ta' impatt ambjentali tas-sajd li jirriżultaw l-aktar minn applikazzjoni inkonsistenti u mhux koordinata tal-miżuri ta' ġestjoni attwali.

4.3 Il-KESE, f'konformità mal-PKS u mal-opinjonijiet preċedenti tiegħu, iqis li hija prijorità li jintlaħaq il-livell ta' Rendiment Massimu Sostenibbli (MSY) sabiex jiġu protetti b'mod konġunt ir-rekwiżiti ambjentali, tal-ikel, ekonomiċi u dawk produttivi ([31]).

---

([26]) MEDAC, Medac advice on LTMP for small pelagics in GSA 17 (Northern Adriatic) [Parir tal-Medac dwar l-LTMP għall-pelaġiċi ż-żgħar f'GSA 17 (It-Tramuntana tal-Adrijatiku)], Prot. 94/2016, Marzu 2016.

([27]) Ir-Rendiment Massimu Sostenibbli (MSY) jindika l-kwantità massima ta' ħut li jista' jinqabad f'perjodu ta' żmien indefinit mingħajr ma ssir xi ħsara lill-istokkijiet.

([28]) Il-qabdiet totali permissibbli (TAC) huma limiti għas-sajd ta' stokkijiet tal-ħut partikolari, li jiġu kkalkulati f'tunnellati. Il-Kummissjoni tistabbilixxi dawn il-limiti billi tibbaża fuq l-opinjonijiet xjentifiċi dwar l-istat tal-istokkijiet ipprovduti minn korpi konsultattivi bħall-ICES u l-STECF.

([29]) Fost dawn il-bakkaljaw, l-aringa, il-laċċa kaħla u s-salamun.

([30]) MEDAC, Medac advice on LTMP for small pelagics in GSA 17 (Northern Adriatic) [Parir tal-Medac dwar l-LTMP għall-pelaġiċi ż-żgħar f'GSA 17 (It-Tramuntana tal-Adrijatiku)], Prot. 94/2016, Marzu 2016, pp. 7-8.

([31]) Opinjoni tal-KESE dwar *l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura* (ĠU C 181, 21.6.2012, p. 183).

4.4 Madankollu, il-KESE jqis li l-Proposta tal-Kummissjoni tidher li mhix kompleta u hija kontradittorja f'ħafna aspetti ewlenin, u jibża' li dawn in-nuqqasijiet jistgħu kemm jipperikolaw l-ilħuq tal-għanijiet ta' sostenibbiltà ambjentali kif ukoll jagħmlu ħafna ħsara lill-ħaddiema, 'l-intrapriżi u 'l-komunitajiet lokali.

## 5. **Kummenti**

### 5.1 *Bżonn ta' valutazzjoni adatta tal-impatt ekonomiku u soċjali u ta' miżuri li jikkumpensaw l-effetti tal-pjan pluriennali fuq l-intrapriżi u l-impjiegi*

5.1.1 B'kuntrast għax-xewqat tal-GFCM-FAO u tal-MEDAC, il-Proposta hija nieqsa minn valutazzjoni ddettaljata tal-impatt soċjoekonomiku ([32]). Dan l-aspett għandu rwol ewlieni peress li s-settur tas-sajd fil-Mediterran ilu għal bosta snin fi kriżi serja ([33]) u peress li riforma mhux meqjusa sew jista' jkollha effetti ħżiena fuq l-intrapriżi u l-ħaddiema.

5.1.2 Huwa nnutat ukoll li l-Kummissjoni approvat il-Proposta tagħha mingħajr ma stenniet ir-riżultati tal-grupp ta' ħidma tal-GFCM-FAO, stabbilit mill-paragrafu 14 tar-Rakkomandazzjoni 40/2016/3 u li għandu l-kompitu li jivvaluta l-impatt ta' għadd ta' miżuri li jinkludu kemm il-limiti ta' qabda kif ukoll l-iskema tal-isforz għall-ġestjoni sostenibbli tas-sajd ta' pelaġiċi żgħar fl-Adrijatiku.

5.1.3 Madankollu, il-KESE jqis li l-miżuri proposti ma jistgħux ikunu "bla spejjeż" fid-dawl ta' tnaqqis ta' 30 % fil-qabdiet, tnaqqis ta' 25 % fid-dħul għall-intrapriżi u t-telf ta' 10 % fl-impjiegi. Minbarra l-problema metodoloġika msemmija hawn fuq dwar il-ġbir tad-data, il-Kummissjoni ma tistabbilixxi ebda miżura biex jitnaqqsu l-effetti tar-Regolament, u b'hekk titfa' l-ispiża ekonomika u soċjali tal-pjan pluriennali esklużivament fuq l-Istati Membri.

5.1.4 Il-KESE jinnota li l-Kummissjoni ma vvalutatx bis-sħiħ l-impatt fuq l-industrija, fuq il-komunitajiet lokali tradizzjonalment attivi fis-sajd (ħafna minnhom insulari), fuq iż-żieda probabbli tal-prezzijiet u fuq il-kwalità dubjuża u s-sostenibbiltà tal-prodotti ċertament importati minn pajjiżi terzi (fuq kollox l-Afrika ta' Fuq) biex tiġi kkumpensata d-domanda interna.

5.1.5 Ir-Regolament ma jipprevedi ebda mekkaniżmu ta' appoġġ finanzjarju għall-intrapriżi jew għall-konverżjoni tagħhom (eż. akkwakultura), kif ukoll mhija prevista l-ebda miżura ta' sussidji għall-pagi, attività ta' taħriġ u/jew kollokament mill-ġdid għall-ħaddiema (sajjieda jew ħaddiema tal-industrija) li se jitilfu xogħolhom.

### 5.2 *Speċifiċitajiet bijoloġiċi tal-Adrijatiku*

5.2.1 Il-KESE jqis li l-mudell tal-pjan pluriennali li rnexxa għal ċerti stokkijiet ta' ħut fil-Baħar Baltiku mhuwiex adattat għall-Adrijatiku. Kif jidher mill-GFCM-FAO, il-Baltiku huwa baħar monospeċifiku, li fih huwa faċli li jsir sajd dirett għaliex hawnhekk jgħixu ftit tipi ta' ħut, u għalhekk huwa aktar sempliċi li jiġu stabbiliti limiti għall-qabdiet. Madankollu l-Adrijatiku, bħall-Mediterran kollu, huwa baħar multispeċifiku li fih hixu ħafna speċitajiet ta' ħut fl-istess żona ([34]). L-uniku preċedent fil-Mediterran ta' limitu għall-qabdiet huwa dak tat-tonn, proposta appoġġjata mill-KESE ([35]), għaliex kienet tintervjeni fuq speċi li l-karatteristiċi (l-ewwel nett id-daqs) u t-tekniki ta' sajd tagħha jagħmluha differenti ħafna mill-pelaġiċi ż-żgħar.

5.2.2 Madankollu, il-KESE jinnota li tradizzjonalment is-sajd fl-Adrijatiku jsir skont modalitajiet differenti ħafna meta mqabbla ma' dawk tal-Baltiku. L-intrapriżi tal-Adrijatiku huma azjendi tal-familja u jużaw bastimenti żgħar (8 sa 12-il metru). Is-sidien ta' spiss huma sajjieda huma wkoll, u n-numru medju ta' ekwipaġġ huwa ta' madwar 3 persuni. Għalhekk, il-ħut jinħatt f'ħafna portijiet żgħar, iżda ilu għal ħafna mijiet ta' snin jirrappreżenta fattur ekonomiku importanti għall-komunitajiet (ta' spiss iżolati) involuti.

---

([32]) SWD(2017) 63 final.

([33]) Ministero delle Politiche Agricole e Forestali Italiano, Piano Nazionale Pesca [Ministeru Taljan tal-Politika Agrikola u Forestali, Pjan Nazzjonali għas-Sajd 2017-2019]. Fil-perjodu bejn l-2004 u l-2015, il-kapaċità tal-flotta tas-sajd Taljana naqset bi 17 % f'termini ta' għadd ta' bastimenti, b'26 % f'termini ta' tunnellaġġ u b'21 % f'termini ta' saħħa tal-magna (kW). It-tnaqqis fil-kapaċità tas-sajd kien partikolarment konsiderevoli bejn l-2010 u l-2012, minn naħa minħabba l-kriżi ekonomika u min-naħa l-oħra minħabba t-tluq f'daqqa ta' għadd ta' bastimenti li kien inċentivat mill-miżura relatata mal-waqfien permanenti tal-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

([34]) GFCM, The State of Mediterranean and Black Sea Fisheries [L-Istat tal-Mediterran u s-Sajd fil-Baħar l-Iswed], 2016, p. 26.

([35]) Opinjoni tal-KESE dwar *pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran* (GU C 24, 28.1.2012, p. 116), il-punt 1.1: "Il-KESE jappoġġja l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea u jirrikonoxxi l-isforz li qed jagħmlu kemm l-Istati Membri kif ukoll is-sajjieda biex iwettqu l-pjan ambizzjuż għall-irkupru tat-tonn tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT). Dan il-pjan qed iħalli l-frott, iżda l-implimentazzjoni tiegħu qed toħloq konsegwenzi soċjoekonomiċi kbar li għandhom jiġu kkunsidrati".

5.3 *Sistema ta' ġestjoni u atti delegati*

5.3.1 Is-sistema ġdida ta' ġestjoni bbażata fuq il-qabdiet ma tibbaża fuq l-ebda approfondiment ċar u speċifiku fil-Proposta, u tinvolvi biss qafas leġislattiv li se jiġi kkompletat aktar tard permezz ta' atti delegati. Peress li din hija tema delikata ħafna minħabba l-komponenti marbuta mal-ambjent, l-ekonomija u l-impjiegi involuti, dan ikun jirrappreżenta limitazzjoni kbira għall-intrapriżi biex jippjanaw l-attività tas-sajd tagħhom li ħajjithom tiddependi fuqha.

5.4 *Il-bżonn ta' perjodi taż-żmien proporzjonali għall-għan tar-Rendiment Massimu Sostenibbli (MSY)*

5.4.1 Ir-Regolament fis-seħħ għall-Baħar Baltiku, li ġie approvat fl-2016, ta perjodu ta' ħames snin (sal-2020) lill-intrapriżi iżda anke lill-istokkijiet tal-ħut biex jilħqu livelli ta' sajd sostenibbli. Din id-data taħbat mad-data ta' skadenza tal-PKS. Minflok, għall-Adrijatiku, il-Kummissjoni tipprevedi impożizzjoni ta' pjan direzzjonali aktar strett ta' anqas minn sentejn (2019-2020), bl-għan waħdieni li tiġi rispettata l-iskadenza mill-PKS, mingħajr ma jiġu kkunsidrati ż-żminijiet bijoloġiċi naturali ta' riproduzzjoni tal-pelaġiċi ż-żgħar (li jvarjaw minħabba ħafna fatturi), flimkien maż-żminijiet meħtieġa għall-intrapriżi u għall-awtoritajiet lokali biex jadattaw ruħhom għal miżuri ta' ġestjoni aktar restrittivi u kompletament differenti minn dawk implimentati fl-aħħar 30 sena, bir-riskju konkret li ma jintlaħaqx l-għan ambjentali stabbilit minn qabel u bir-riskju li jinqered settur (kif ukoll l-industrija tiegħu) li minnu jiddependu mijiet ta' komunitajiet tal-kosta.

5.5 *Kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi terzi u sajd illegali*

5.5.1 Is-settur tas-sajd tal-Mediterran, inkluż l-Adrijatiku, ilu għal aktar minn għoxrin sena fi kriżi serja u dan minħabba bosta raġunijiet, fosthom il-kompetizzjoni inġusta li tirriżulta minn pajjiżi terzi (b'mod partikolari mill-Afrika ta' Fuq fejn jinqabad ħut u jinbiegħ mingħajr kontroll) u s-sajd illegali (li ta' spiss jaħbi anke sitwazzjonijiet ta' xogħol illegali). Sal-lum, il-maġġoranza tal-intrapriżi legali jinsabu fil-limitu tas-sopravivenza tagħhom ([36]) u huma r-relazzjonijiet personali jew familjari li jorbtu s-sid u l-ekwipaġġ imnaqqas li evitaw il-kollass totali tas-settur.

5.5.2 Għaldaqstant, il-KESE jqis li l-bidla minn sistema bbażata fuq l-isforz għal waħda bbażata fuq il-qabdiet (bi tnaqqis ta' 30 %), mingħajr miżuri adatti biex jiġu miġġielda l-prattiki inġusti jew illegali, se jikkawżaw b'mod esklużiv l-għeluq minnufih ta' numru kbir ħafna ta' azjendi li jaħdmu legalment u t-telf ta' impjiegi u mhux bilfors se jiġu solvuti l-problemi ambjentali.

5.6 *Ir-reġjonalizzazzjoni*

5.6.1 Il-Proposta ma tistabbilixxix fid-dettall il-modalitajiet ta' "teħid". Din il-lakuna tista' tiġġenera problema serja ta' kompetizzjoni fost l-Istati minħabba l-eżistenza ta' spejjeż differenti għall-intrapriżi bejn pajjiż u ieħor, u dawn huma marbutin ma' diversi fatturi, fosthom: remunerazzjoni, kontribuzzjonijiet soċjali u assigurazzjonijiet, swieq.

5.6.2 B'mod partikolari, il-KESE jinnota li jekk ir-reġjonalizzazzjoni tiġi definita biss f'termini ta' protezzjoni tar-riżorsa tal-ħut, l-UE ssib ruħha f'pożizzjoni fejn ikollha timmaniġġja kunflitti ġodda u kbar fejn il-qligħ tas-soċjetà jkun ivarja skont l-ispiża tal-azjenda minflok il-prodott tas-sajd.

5.7 *Tagħmir teknoloġiku u kontrolli*

5.7.1 Il-KESE jaqbel mal-bżonn li l-kontrolli jsiru aktar effiċjenti bl-użu tat-teknoloġiji diġitali, madankollu jisħaq li, b'differenza mill-Baltiku, il-kosti tal-Adrijatiku huma kkaratterizzati minn ħafna portijiet żgħar (FAO-ADRIAMED tirreġistra 238 port li jintużaw għas-sajd fl-Italja, is-Slovenja u l-Kroazja ([37])) u ħafna inġenji żgħar. Għal din ir-raġuni l-awtoritajiet kompetenti u l-intrapriżi(li huma diġà fi kriżi) se jkollhom bżonn ta' żmien u riżorsi biex jadattaw ruħhom għall-pjan leġislattiv il-ġdid.

5.7.2 Barra minn hekk, b'differenza minn dak preżunt mill-Kummissjoni, il-KESE jqis li l-għażla bejn il-portijiet biex jinħatt il-ħut (bl-esklużjoni ta' dawk iżgħar) tkun tirrappreżenta ħsara kbira għall-komunitajiet lokali. B'żieda ma' dan, għall-Kumitat l-impatt ekonomiku ta' din il-miżura fuq l-inġenji ta' daqs iżgħar jeħtieġ jiġi eleaborat aktar, peress li skont ir-Regolament dan jeħtieġ japplika għal dgħajjes li huma 8 metri jew akbar.

([36]) Il-qligħ medju għal kull sajjied huwa ta' EUR 18-20 elf fis-sena, filwaqt li fil-Baltiku u fil-Baħar tat-Tramuntana l-qligħ huwa ta' bejn is-EUR 60-80 elf fis-sena.

([37]) B'mod partikolari, għal kull pajjiż huwa rreġistrat in-numru ta' portijiet li ġejjin: il-Kroazja 147; l-Italja 89; is-Slovenja 3 (www.faoadriamed.org).

5.8 *Ċertifikazzjoni tal-kwalità*

5.8.1 Il-proposta ma tipprovdix mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni tal-kwalità/tikkettar biex tappoġġja s-settur produttiv affettwat mir-riforma. Dan l-element jiġi apprezzat ħafna mill-konsumaturi li jfittxu dejjem prodotti tajbin għas-saħħa, ta' kwalità u li huma sostenibbli. Barra minn hekk, dawn il-miżuri jkunu effettivi fil-ġlieda kontra prattiki illegali u kompetizzjoni inġusta.

5.9 *Varjazzjoni tal-prezzijiet*

5.9.1 Il-proposta tal-Kummissjoni ma tqisx b'mod adatt l-adozzjoni ta' miżuri sabiex tiġi miġġielda ż-żieda naturali fil-prezzijiet tal-pelaġiċi ż-żgħar minħabba t-tnaqqis fil-qabdiet li, barra minn hekk, se twassal biex dawn jinxtraw minn pajjiżi terzi, li huma nieqsa minn kontrolli u garanziji adatti, b'mod partikolari ta' natura ambjentali.

5.10 *L-involviment tas-soċjetà ċivili organizzata*

5.10.1 Il-KESE huwa sorpriż li l-opinjoni pprovduta mill-MEDAC bħala riżultat tas-sintesi tal-partijiet kollha kkonċernati (intraprendituri, ħaddiema, kooperattivi, ambjentalisti, konsumaturi) li ġiet ippubblikata fil-11 ta' Marzu 2016 li għadda ([38]) u li hija riżultat ta' ħidma li damet għaddejja għal aktar minn sentejn, ma ġietx ikkunsidrata sew, tant li l-Proposta tal-Kummissjoni tidher totalment differenti u f'ċerti aspetti kontradittorja.

Brussell, il-31 ta' Mejju 2017.

*President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

---

([38]) MEDAC, Medac advice on LTMP for small pelagics in GSA 17 (Northern Adriatic) [Parir tal-MEDAC dwar l-LTMP għall-pelaġiċi ż-żgħar f'GSA 17 (It-Tramuntana tal-Adrijatiku)], Prot. 94/2016, Marzu 2016.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jitkomplew il-limitazzjonijiet attwali tal-kamp ta' applikazzjoni fl-attivitajiet tal-avjazzjoni u ssir il-preparazzjoni biex tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq mill-2021"**

*(COM(2017) 54 final — 2017/0017 (COD))*

(2017/C 288/10)

Relatur: **Thomas KROPP**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Il-Kunsill, 21/02/2017 |
| | Il-Parlament, 13/02/2017 |
| Bażi legali | L-Artikoli 192(1) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Deċiżjoni tal-Bureau | 21/02/2017 |
| Sezzjoni responsabbli | L-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent |
| Adottata fis-sezzjoni | 17/05/2017 |
| Adottata fil-plenarja | 31/05/2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 192/0/2 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Għalkemm l-emendi proposti mill-Kummissjoni se jkollhom l-effett li jżommu qafas regolatorju speċifiku biss għal linji tal-ajru li joperaw titjiriet fi ħdan iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) wara l-2017, l-emendi ssuġġeriti jwittu t-triq għall-appoġġ u l-implimentazzjoni sostnuta mill-UE tal-iskema globali bla tfixkil ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA) ([1]) mill-2020.

1.2 Il-Kumitat jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni (il-Proposta) b'xi riżervi. Jekk tiġi adottata, l-ambizzjonijiet ambjentali tal-Iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet (EU ETS) ikunu inqas mill-ambitu sħiħ tal-EU ETS, u skema bħal din tista' b'xi mod tagħmel ħsara lill-miri tal-klima domestiċi kif ukoll l-impenji internazzjonali tal-UE; iżda fl-istess waqt, l-UE tista' turi b'mod kredibbli l-appoġġ tagħha għall-miżura globali sabiex l-impatt ta' tnaqqis globali jkun jista' jiġi segwit.

1.3 It-tkabbir tal-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS attwali għall-avjazzjoni sabiex tkopri t-titjiriet kollha li jkunu deħlin u ħerġin minn u lejn iż-ŻEE joħloq ir-riskju ta' tilwimiet kummerċjali internazzjonali dwar il-validità tal-applikazzjoni unilaterali ekstraterritorjali tal-għanijiet tal-UE, u dewmien tal-proċess ta' lħuq ta' kunsens sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi ta' skema li dwarha jkun hemm ftehim multilaterali.

1.4 L-azzjoni tal-UE hija meħtieġa sabiex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq uniku fl-avjazzjoni meta timplimenta l-miżura globali bbażata fuq is-suq fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li jkun żgurat li l-integrità ambjentali ta' CORSIA huwa għoli kemm jista' jkun abbażi tal-esperjenza tal-ETS. Id-dibattitu politiku dwar il-funzjonalità ta' triq 'il quddiem separata u speċifika għall-UE jrid iqis l-iżvilupp ta' CORSIA u jekk eventwalment tilħaq l-objettivi tagħha.

([1]) Il-plenarja ta' matul id-39 Assemblea tal-ICAO irrakkomandat l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni finali li tintroduċi l-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali.

1.5 Hemm il-ħtieġa ta' urġenza fil-proċess leġislattiv. L-adozzjoni tal-Proposti hija meħtieġa qabel tmiem l-2017 sabiex il-miżuri preparatorji għall-implimentazzjoni ta' CORSIA jkunu jistgħu jittieħdu sa mill-bidu tal-2018. Ir-regolamenti speċifiċi għall-UE għandhom jitqiesu u jiġu emendati biss biex jiġu promossi miżuri globali bbażati fuq is-suq. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex iżommu l-momentum għall-implimentazzjoni f'waqtha ta' CORSIA b'mod uniformi u mingħajr distorsjoni.

1.6 Il-Kumitat jappoġġja l-approċċ ibbilanċjat kif propost mill-Kummissjoni, li jżomm l-ingranaġġ li l-Kummissjoni bniet mal-EU ETS, iżda jindirizza kwistjoni globali madwar id-dinja, u b'hekk inaqqas ir-riskju kontinwu ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet ta' karbonju u l-iżvantaġġi kompetittivi għall-Ewropa. Il-Kummissjoni hija mitluba tinforma lill-konsumatur li l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali huma kwistjoni globali. Jekk tiġi trattata b'mod adatt mill-Istati Membri kollha tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO), CORSIA se twassal għal tkabbir newtrali mil-lat tal-karbonju li jissepara t-tkabbir fit-traffiku miż-żieda fl-emissjonijiet, irrispettivament minn fejn isir l-ivvjaġġar bl-ajru.

1.7 Il-Kumitat iddeċieda li jorganizza konferenza tal-KESE bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati rilevanti kollha biex jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehma tas-soċjetà ċivili organizzata dwar il-konsegwenzi politiċi, soċjali, ekonomiċi u ambjentali ta' din l-inizjattiva regolatorja.

## 2. **Sfond**

2.1 L-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (EU ETS) ġiet introdotta fl-2005; ħolqot limiti massimi għall-emissjonijiet ta' setturi industrijali fi ħdan iż-ŻEE. Il-limitu massimu jikkonsisti fi kwoti li, fit-totalità tagħhom, huma daqs l-ammont ta' tunnellati ta' $CO_2$ li jista' jiġi emess taħt dak il-limitu. Il-limitu massimu ġenerali jitnaqqas kull sena b'1,74 %, u b'hekk jibbenefikaw l-industriji li għandhom bżonn inqas kwoti u jobbliga lill-industriji li jniġġsu biex jixtru aktar kwoti. L-iskema teħtieġ li l-gvernijiet jistabbilixxu kif il-miri prevalenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet jistgħu jinkisbu, b'tali mod li t-totalità tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ tal-UE titnaqqas.

2.2 Fl-2008, l-UE qablet li tinkludi l-avjazzjoni bħala settur fl-ETS tagħha mill-2012. Għall-ewwel darba, settur kellu l-kompitu li jaderixxi mal-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, bil-kontra tal-Istati Membri. L-emissjonijiet tal-avjazzjoni kienu proviżorjament limitati taħt il-livell medju bejn l-2004 u l-2006. Il-limitu massimu fuq permessi fis-settur tal-avjazzjoni kien separat mil-limitu massimu fuq l-emissjonijiet globali tal-EU ETS. Skont l-ETS għall-avjazzjoni, mill-2012, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru ġew obbligati jissottomettu kwoti ta' emissjonijiet għal kull tunnellata ta' $CO_2$ emess għal titjiriet lejn jew minn ajruport fi ħdan iż-ŻEE. Sabiex ilaħħqu maż-żieda fit-traffiku, u għalhekk il-ħtieġa għal tkabbir fis-settur tal-avjazzjoni, il-linji tal-ajru ngħataw id-dritt li jixtru provvisti addizzjonali ta' kwoti mill-irkanti fejn setturi oħrajn ippermettu li jkun hemm permessi disponibbli. Il-limitu massimu għal kwoti tal-avjazzjoni tnaqqas minn 97 % ta' emissjonijiet storiċi (bejn 2004-2006) fl-2012 għal 95 % ta' dik il-bażi fil-fażi mill-2013-2020. Matul dan iż-żmien, 82 % tal-kwoti ġew allokati bla ħlas lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru u 15 % inbiegħu bl-irkant.

2.3 L-inklużjoni tal-avjazzjoni fi skema ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet kienet is-suġġett ta' diskussjonijiet kontroversjali ħafna. Id-diffikultajiet huma inerenti fin-natura stess tal-avjazzjoni bħala industrija internazzjonali ta' servizz, l-emittenti ta' $CO_2$ li huma mobbli, u b'hekk għal gvern nazzjonali l-funzjoni tal-allokazzjoni ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ fi spazju tal-ajru partikolari hija diffiċli. Madankollu, fil-livell internazzjonali ħadd ma jista' jmeri diversi kwistjonijiet:

2.3.1 L-Avjazzjoni hija responsabbli għal mill-inqas 2 % tal-emissjonijiet globali, u l-avjazzjoni internazzjonali tirrappreżenta 1,3 %.

2.3.2 L-ebda settur m'għandu jiġi eżentat mit-tnaqqis tal-effetti tat-tibdil fil-klima, u b'hekk is-settur marittimu u tal-avjazzjoni għandhom jiġu inklużi fi skemi globali għat-tnaqqis tal-impatt ta' $CO_2$ fuq it-tibdil fil-klima.

2.3.3 Mal-milja taż-żmien, ħareġ kunsens li l-iżvantaġġi ta' taxxi fuq l-emissjonijiet ta' $CO_2$ kienu jipprevalu fuq il-vantaġġi ta' miżuri bbażati fuq is-suq. It-taxxi huma mħallsa fit-totalità tagħhom sa mill-bidu tal-ewwel ġurnata, filwaqt li skemi bħall-ETS jipprevedu kwoti mingħajr ħlas bil-quddiem bħala inċentiv favur effiċjenza massima u – permezz tan-negozjar ta' kwoti mhux użati – sabiex spiża tinbidel f'sors ta' dħul. Barra minn hekk, it-taxxi huma min-natura tagħhom mhux immexxija minn objettivi, iżda jitħallsu fit-teżor tal-gvernijiet nazzjonali, filwaqt li l-mekkaniżmi bbażati fuq is-suq jistgħu jkunu marbuta ma' miżuri li jikkumpensaw direttament bħala kumpens għall-emissjonijiet.

2.4 It-tilwima ewlenija dwar l-inklużjoni tal-avjazzjoni fl-EU ETS iċċentrat madwar il-kwistjoni li tiġi applikata l-iskema fil-livell internazzjonali. Il-Kummissjoni tal-UE sostniet li t-tibdil fil-klima bħala fenomenu globali ma jistax jiġi indirizzat b'mod effikaċi permezz ta' miżuri reġjonali biss. B'hekk, talbet l-implimentazzjoni tal-EU ETS għall-avjazzjoni għal-linji tal-ajru kollha li jtiru lejn/minn ajruporti fl-Unjoni Ewropea irrispettivament minn jekk dawn huma reġistrati fi Stat Membru. Madankollu, l-impożizzjoni unilaterali ta' tali mekkaniżmu fuq pajjiżi terzi tmur kontra s-sovranità ta' kull nazzjon fid-dinja kollha. Fin-nuqqas ta' ftehim internazzjonali bilaterali jew multilaterali dwar l-inklużjoni ta' miżura bbażata fuq is-suq dwar servizzi bejn nazzjonijiet sovrani, għad hemm dubji dwar skont liema bażi legali l-Unjoni Ewropea tista' timponi kwalunkwe skema bħal din fuq pajjiżi terzi. Il-legalità tal-EU biex tkopri titjiriet għal/minn pajjiżi terzi ġiet deċiża mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fl-2016 ([2]). Minbarra l-isfida legali ([3]), l-UE ffaċċjat it-theddida ta' sanzjonijiet kummerċjali ta' ritaljazzjoni minn pajjiżi kummerċjali akbar.

2.5 Diversi pajjiżi kummerċjali kbar, bħalma huma ċ-Ċina, il-Brażil, l-Istati Uniti, l-Indja u r-Russja ikkoordinaw l-isforzi tagħhom biex jopponu l-implimentazzjoni unilaterali tall-iskema. Fit-12 ta' Novembru 2012, taħt pressjoni internazzjonali, il-Kummissjoni ħarġet proposta biex "jitwaqqaf l-arloġġ" għal sena waħda għall-ETS tal-avjazzjoni. Il-proposta biex "jitwaqqaf l-arloġġ" ġiet adottata formalment mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew f'April 2013, eżatt qabel mal-linji tal-ajru kienu meħtieġa jirrilaxxaw il-kwoti għall-2012; naqqset b'mod retroattiv l-ambitu tal-ETS għall-avjazzjoni għal titjiriet ġewwa ż-ŻEE.

2.6 F'Marzu 2014 ġie adottat ir-Regolament (UE) Nru 421/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) li estenda l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta "jitwaqqaf l-arloġġ" ġewwa ż-ŻEE sa tmiem l-2016 b'ritorn sħiħ lura għall-ambitu oriġinali tal-ETS (għat-titjiriet kollha lejn u minn ajruporti fiż-ŻEE) sakemm l-Assemblea tal-ICAO tal-2016 tipprevedi għal progress li huwa biżżejjed b'saħħtu lejn skema globali.

2.7 Għalkemm kien ikkontestat minn diversi NGOs jekk il-Ftehim kienx biżżejjed biex iservi b'mod utli, huwa ġeneralment ikkunsidrat li l-Ftehim ta' Pariġi tal-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ffirmat f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 ([5]) kien pass sinifikanti lejn kunsens internazzjonali dwar il-ħtieġa għal aktar azzjoni kkoordinata fil-livell internazzjonali sabiex jittaffa l-impatt fuq it-tibdil fil-klima. Il-Ftehim serva ta' katalist għal azzjoni kollettiva fil-livelli kollha. Numru dejjem jiżdied ta' gvernijiet ffirmaw il-Ftehim fix-xhur ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu ([6]).

2.8 Il-Ftehim ta' Pariġi jissejjes fuq il-Konvenzjoni u – għall-ewwel darba – jgħaqqad in-nazzjonijiet kollha f'kawża komuni sabiex jitwettqu sforzi ambizzjużi għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-adattament għall-effetti tiegħu, b'appoġġ iktar b'saħħtu biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jingħataw l-għajnuna biex jagħmlu dan. Bħala tali, huwa jippreskrivi triq ġdida fl-isforz globali dwar il-klima ([7]).

2.8.1 L-għan ċentrali tal-Ftehim ta' Pariġi huwa li jsaħħaħ ir-rispons globali għat-theddida tat-tibdil fil-klima billi jżomm iż-żieda fit-temperatura globali għal ferm inqas minn 2 gradi Celsius 'il fuq mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi li jillimitaw aktar iż-żieda fit-temperatura għal 1,5 gradi Celsius. Barra minn hekk, il-ftehim għandu l-għan li jsaħħaħ il-kapaċità ta' pajjiżi li jittrattaw l-impatti tat-tibdil fil-klima. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet ambizzjużi, se jiġu stabbiliti mekkaniżmi finanzjarji xierqa, qafas ta' teknoloġija ġdid u qafas imtejjeb ta' bini ta' kapaċità, u b'hekk tiġi appoġġjata l-azzjoni mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-aktar pajjiżi vulnerabbli, f'konformità mal-objettivi nazzjonali tagħhom stess. Il-Ftehim jipprovdi wkoll għal trasparenza mtejba għall-azzjoni u l-appoġġ permezz ta' qafas ta' trasparenza aktar b'saħħtu ([8]).

([2]) Dokument 62015CJO272 – Sentenza tal-Qorti (Raba' Awla) tal-21 ta' Diċembru 2016, Każ C-272/15

([3]) Sussegwentement għad-deċiżjoni fl-2008 li l-avjazzjoni tkun inkluża fl-iskema tal-EU ETS mill-2012, trasportatur tal-Istati Uniti kien is-suġġett ta' litigazzjoni fir-Renju Unit fejn argumenta li l-ETS kienet illegali taħt il-liġi internazzjonali.

([4]) ĠU L 129, 30.4.2014, p. 1.

([5]) http://unfccc.int/documentation/documents/advanced_search/items/6911.php?priref=600008865.

([6]) 43 minn 197 Parti għall-Konvenzjoni ratifikawha. Fil-5 ta' Ottubru 2016 il-limitu għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Pariġi ġie milħuq. Il-Ftehim ta' Pariġi daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016. L-ewwel sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi (CMA 1) seħħet f'Marrakech, il-Marokk ben il-15 u t-18 ta' Novembru 2016.

([7]) Test meħud mis-sit tal-internet tal-UNFCCC.

([8]) Aktar informazzjoni dwar l-aspetti ewlenin tal-Ftehim tinsab hawnhekk.

2.8.2 Il-Ftehim ta' Parigi jeħtieġ li l-Partijiet kollha jressqu l-aħjar sforzi tagħhom permezz ta' "kontributi determinati fil-livell nazzjonali" (NDCs – Nationally Determined Contributions) u li jsaħħu dawn l-isforzi fis-snin li ġejjin. Dan jinkludi rekwiżiti li l-Partijiet kollha jirrappurtaw regolarment dwar l-emissjonijiet tagħhom u dwar l-isforzi ta' implimentazzjoni tagħhom ([9]). Fl-2018, il-Partijiet ser jevalwaw l-isforzi kollettivi f'dak li għandu x'jaqsam ma' progress lejn l-għan stabbilit fil-Ftehim ta' Parigi u biex jinformaw dwar il-preparazzjoni ta' NDCs. Se jkun hemm ukoll bilanċ globali kull 5 snin biex jiġi valutat il-progress kollettiv għall-ilħuq tal-għan ta' dan il-Ftehim u biex azzjonijiet individwali ulterjuri mill-Partijiet ikunu infurmati minnu.

2.9 Ħafna jemmnu li l-Ftehim ta' Parigi ta bidu għal momentum li wassal għal eżitu fl-Assemblea tal-ICAO fl-2016 speċifikament għall-avjazzjoni ċivili ([10]). Wara tliet snin ta' negozjati mit-38 Assemblea tal-ICAO fl-2013, l-Istati Membri tal-ICAO qablu fis-6 ta' Ottubru li jimplimentaw miżura globali msejsa fuq is-suq sabiex tikkumpensa għaż-żieda fl-emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali wara l-2020. Il-Plenarja adottat Riżoluzzjoni li tintroduċi l-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA) ([11]). Din l-iskema tirrikjedi lil-linji tal-ajru jikkumpensaw uħud mill-emissjonijiet tagħhom, iżda mhux neċessarjament inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom stess.

2.10 Skont ir-riżoluzzjoni tal-Assemblea, il-livell medju ta' emissjonijet ta' $CO_2$ mill-avjazzjoni internazzjonali kopert mill-iskema bejn l-2019 u l-2020 jirrappreżenta l-bażi għal tkabbir newtrali fil-karbonju mill-2020 li miegħu l-emissjonijiet fis-snin li ġejjin se jkunu mqabbla. Fi kwalunkwe sena mill-2021, meta l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-avjazzjoni internazzjonali koperti mill-iskema jaqbżu l-medja tal-emissjonijiet bażi għall-2019 u l-2020, din id-differenza tirrappreżenta r-rekwiżiti ta' tpaċija tas-settur għal dik is-sena.

2.11 L-ICAO ħadet deċiżjoni dwar l-introduzzjoni progressiva tal-implimentazzjoni biex takkomoda ċ-ċirkustanzi speċjali u l-kapaċitajiet rispettivi (SCRC) tal-Istati kontraenti. L-iskema ser tkun fuq bażi volontarja mill-bidu, segwit mill-parteċipazzjoni tal-Istati kollha ħlief ċerti Stati eżentati.

L-ICAO ddeċidiet li ssegwi approċċ ibbażat fuq rotta, biex jitnaqqas l-impatt kompetittiv ta' CORSIA fuq l-operaturi. Rotot affettwati mill-eżenzjonijiet se jkunu eżentati għal kull linja tal-ajru li topera fuq dawn ir-rotot.

2.12 Il-Fażi Pilota (2021-2023) u l-Ewwel Fażi (2024-2026) japplikaw għal Stati li vvolontarjaw biex jipparteċipaw. Mit-12 ta' Ottubru 2016, 66 Stat biħsiebhom jivvolontorjaw li jipparteċipaw mill-bidu nett fil-miżuri bbażati fuq is-suq globali. It-Tieni Fażi (2027-2035) tapplika għall-Istati kollha ħlief dawk eżentati, sakemm dawn joffru minn jeddhom li jivvolontorjaw li jipparteċipaw. Il-KESE jilqa' l-ftehim; madankollu, minħabba n-natura volontarja tiegħu, jista' jkun li setturi oħrajn ikollhom jagħmlu tajjeb għad-differenza biex ikunu konformi mal-miri tal-klima tal-UE.

2.13 Il-pedamenti ta' CORSIA, li jrid ikun hemm qbil dwarhom u ppubblikati mill-ICAO, jikkostitwixxu metodoloġija għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet tal-operaturi individwali (MRV), il-Kriterji tal-Unità tal-Emissjonijiet (EUC), u r-reġistri. Madankollu, l-ICAO se tipprovdi r-riżorsi lill-Istati kollha sabiex idaħħlu fis-seħħ l-infrastruttura meħtieġa ([12]). Id-dettalji ta' dawn l-aspetti għadu ma sarx qbil fuqhom; se jkunu kritiċi għall-effettività ambjentali ta' CORSIA, li għandha tkun konformi ma' standards ambizzjużi.

2.14 Il-linji tal-ajru se jkunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' tpaċija tagħhom billi jixtru krediti ta' kumpens minn swieq tal-karbonju. L-unità tal-emissjonijiet (unità waħda hija ugwali għal tunnellata ta' $CO_2$) għalhekk ser tkun imnaqqsa barra mis-settur tal-avjazzjoni internazzjonali. L-EUCs għad iridu jiġu elaborati. Ser ikun kruċjali li jiġi żgurat li tunnellata ta' $CO_2$ li toħroġ minn operatur tal-inġenji tal-ajru se tassew tkun ugwali għal tunnellata ta' $CO_2$ li tiġi ffrankata f'settur ieħor.

([9]) Aktar informazzjoni dwar l-NDCs tinsab hawnhekk.

([10]) M'hemmx suborganizzazzjoni internazzjonali tan-NU ekwivalenti li tittratta l-emissjonijiet minn inġenji tal-ajru militari. Lanqas l-EU ETS ma tittratta l-emissjonijiet minn inġenji tal-ajru militari. Għalkemm b'mod ċar bl-eċċezzjoni ta' titjiriet fuq missjonijiet uffiċjali, il-grupp ta' studju esprima interess fil-valutazzjoni tal-impatt ta' titjiriet ta' taħriġ militari fuq il-livelli ta' $CO_2$. Ma nġabret l-ebda informazzjoni pubblika dwar l-emissjonijiet minn ajruplani militari reġjonalment, nazzjonalment jew madwar id-dinja.

([11]) CORSIA hija element wieħed f'pakkett ta' miżuri, li jindirizzaw it-teknoloġija ta' inġenji tal-ajru u magni, l-operazzjonijiet u fjuwils alternattivi sostenibbli bħala sorsi ġodda ta' enerġija.

([12]) Lista tar-rekwiżiti kollha fid-dettall tinsab mehmuża hawn taħt l-Appendiċi 1.

2.15 Fid-dawl tad-diskussjonijiet fi ħdan l-ICAO għal iktar minn deċennju, il-Ftehim milħuq fl-2016 ġie kkreditat bħala wieħed storiku. Iqis id-differenzi li fil-passat ripetutament wasslu biex ma jintlaħaqx kunsens. Id-differenzi fl-opinjonijiet dwar l-Istati Membri tal-ICAO huma minħabba l-maturità ekonomika differenti tan-nazzjon ikkonċernat, kif ukoll l-influwenza ekonomika u politika ġenerali dwar kwistjonijiet ambjentali. L-għadd kbir ta' Stati lesti biex ikunu involuti mill-bidu f'CORSIA se jiġġenera momentum għal Stati oħra biex huma wkoll jissieħbu fl-iskema. Madankollu, sa issa, CORSIA teħtieġ ftehim sal-1 ta' Jannar 2019 dwar l-MRV, dwar l-EUC sal-2018, dwar l-implimentazzjoni ta' qafas regolatorju sal-2020, kif ukoll dwar l-implimentazzjoni ta' reġistri sa Jannar 2021.

## 3. **Valutazzjoni tal-Proposta**

3.1 Jekk ma jsir l-ebda tibdil għar-Regolament (UE) Nru 421/2014, it-test kif inhu se jkollu l-effett li jerġa' lura l-EU ETS għall-avjazzjoni għall-kamp ta' applikazzjoni oriġinali tagħha, u b'hekk tkopri t-titjiriet internazzjonali kollha lejn/minn ajruporti fiż-ŻEE. Dan ifisser li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru ikollhom jirrestitwixxu l-kwoti għall-emissjonijiet kollha tagħhom minn u lejn pajjiżi terzi sat-30 ta' April 2018 ([13]). Kif inhu spjegat hawn fuq ([14]), ir-Regolament (UE) Nru 421/2014 ġie sospiż sakemm issir valutazzjoni tal-eżitu tal-Assemblea tal-ICAO tal-2016. Fil-Valutazzjoni ([15]) tagħha l-Kummissjoni tqis li r-Riżoluzzjoni tal-ICAO dwar il-prinċipji ta' Mekkaniżmu Globali Bbażat fuq is-Suq (GMBM) huwa konformi mal-għanijiet u l-politiki ambizzjużi tal-UE. Għalhekk it-test tar-Regolament (UE) Nru 421/2014 jeħtieġ li jiġi emendat biex għal darb' oħra tiġi evitata l-implimentazzjoni ta' strument tal-UE minkejja kunsens tal-UE dwar il-GMBM. Il-proposta tal-Kummissjoni hija bbażata fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

### 3.1.1 *Il-format*

Fid-dawl taż-żmien limitat biex jitlesta l-proċess leġislattiv, il-Kummissjoni tipproponi li l-miżura għandha tieħu l-għamla ta' Regolament li japplika direttament fl-Istati Membri kollha u jorbot fl-intier tiegħu, b'tali mod li l-emendi jkunu jistgħu jiġu applikati u implimentati mill-Istati Membri kollha b'mod uniformi qabel l-iskadenzi tal-konformità jidħlu fis-seħħ f'Marzu u f'April 2018.

### 3.1.2 *Il-Valutazzjoni tal-Impatt* ([16])

Il-Kummissjoni tiffavorixxi kontinwazzjoni tal-istatus quo, jiġifieri kontinwazzjoni tal-applikazzjoni attwali tal-EU ETS għal titjiriet fi ħdan iż-ŻEE bejn l-2017-2020 (u għaldaqstant l-ebda ritorn lura lejn il-kamp ta' applikazzjoni oriġinali għal titjiriet internazzjonali mill-2017). Il-Kummissjoni tikkonferma li l-EU ETS fil-kamp ta' applikazzjoni attwali tagħha fi ħdan iż-ŻEE kkontribwixxiet għal madwar 17-il miljun tunnellata ta' tnaqqis ta' $CO_2$ kull sena u għalhekk l-avjazzjoni tabilħaqq tikkontribwixxi għall-għanijiet tat-tibdil fil-klima, l-istess bħal setturi oħra. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkonferma li ż-żamma tal-kamp ta' applikazzjoni fi ħdan iż-ŻEE għandha tkun milqugħa minn pajjiżi terzi, u tippermetti fokus fuq l-implimentazzjoni ta' dawk il-passi neċessarji sabiex tiġi implimentata l-GMBM fil-ħin u b'mod armonizzat.

### 3.1.3 *Skadenzi*

Il-Kummissjoni tipproponi li testendi b'mod effettiv l-approċċ "jitwaqqaf l-arloġġ" lil hinn mill-2016, u li jiġi applikat bl-istess mod mill-2017 bħal fl-2016, u tagħti lill-ICAO l-opportunità biex tistabbilixxi l-għodod meħtieġa biex tiġi applikata b'mod effettiv il-GMBM. Il-Kummissjoni mbagħad twettaq aktar valutazzjonijiet u tirrevedi l-EU ETS għall-perjodu ta' wara l-2020. L-ebda dati ta' skadenza m'huma stabbiliti għal din ir-reviżjoni l-ġdida tar-Regolament.

3.1.4 L-Artikolu 28(a) huwa modifikat sabiex id-derogi għal titjiriet internazzjonali lejn/minn ajruporti fiż-ŻEE huma estiżi minn wara l-2016, filwaqt li t-titjiriet fiż-ŻEE jibqgħu koperti.

3.1.5 Artikolu 28(b) ġdid huwa introdott biex jipprepara għall-introduzzjoni ta' GMBM. Dan l-artikolu jorbot l-implimentazzjoni tal-GMBM għar-rekwiżiti ta' rappurtar tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew dwar l-istatus tal-implimentazzjoni u sa liema punt l-EU ETS teħtieġ modifiki biex tkun kompletament applikabbli fiż-ŻEE wkoll ([17]).

3.1.6 L-Artikolu 28c jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta mekkaniżmi MRV għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-GMBM.

---

([13]) Kif imsemmi fid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).
([14]) Ara l-paragrafu 2.6.
([15]) Memorandum ta' Spjegazzjoni għall-Proposta għal Regolament 0017/2017 (COD).
([16]) Ara l-memorandum ta' spjegazzjoni, p. 6.
([17]) Dan l-Artikolu jirrifletti l-fatt li titjiriet fi ħdan iż-ŻEE huma titjiriet internazzjonali u li CORSIA għandha tkun l-unika miżura bbażata fuq is-suq għall-avjazzjoni internazzjonali skont ir-riżoluzzjoni tal-ICAO tal-2016.

3.1.7 Bħala teknikalità, l-Anness 1 huwa emendat biex billi jestendi l-eżenzjoni għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru mhux kummerċjali li jipproduċu inqas minn 1 000 tunnellata ta' $CO_2$ fis-sena mill-2020-2030. Dawn jirrappreżentaw biss 0,2 % tal-emissjonijiet kollha u l-inklużjoni tagħhom tikkostitwixxi piż amministrattiv sproporzjonat.

3.2 Id-diskussjoni f'diversi fora, u kif irrappurtat mill-Kummissjoni ([18]), turi li hemm kontroversja potenzjali dwar tliet kwistjonijiet:

3.2.1 Il-ħtieġa għal dispożizzjonijiet aktar stretti fid-Direttiva dwar l-EU ETS għall-perjodu 2017-2020. Barra minn kwistjonijiet ta' prattikabilità, dan iwassal għall-mistoqsija dwar jekk hijiex ta' għajnuna diskussjoni kontroversjali bħal din fi żmien meta l-enfasi għandha tkun fuq l-implimentazzjoni tal-GMBM, jew jekk hijiex anke ta' ħsara għall-kompetittività tal-industrija, u għall-pożizzjoni tal-UE f'negozjati internazzjonali dwar it-teknikalitajiet tal-GMBM; barra minn hekk, hemm dubji dwar jekk bidliet fl-EU ETS f'dan l-istadju se jipprovdu valur miżjud biżżejjed f'termini ta' tnaqqis ta' $CO_2$ biex jiġġustifikar riskji globali ekonomiċi, politiċi u kummerċjali. Tal-inqas, dawn id-deliberazzjonijiet jidhru prematuri sa meta tkun ġiet stabbilita aktar ċarezza dwar il-perspettivi preżentati minn CORSIA.

3.2.2 Il-ħtieġa li jkun hemm limitu ta' żmien ġdid fuq ir-reviżjoni ġdida tal-EU ETS. Din hija ħaġa raġonevoli minħabba li emendi ripetuti biex jitwaqqaf l-arloġġ ma jistgħux isiru triq regolatorja finali 'l quddiem. Fl-istess waqt, il-forma finali ta' CORSIA għadha mhux magħrufa u iktar qrib l-2020 se jkollha tiġi riveduta l-integrazzjoni mill-Ewropa ta' CORSIA fil-politika tal-UE. Ir-riskju inerenti huwa, madankollu, li ssofri l-istabilità tal-ippjanar jekk il-partijiet ikkonċernati jkunu jafu li regolament huwa limitat fiż-żmien, iżda ma jafux jekk regolament ġdid se jieħu post l-antik, jew jekk dispożizzjoni "snap-back" tibda tinħass u tqajjem mill-ġdid tilwimiet kummerċjali internazzjonali li ħafna partijiet interessati ma jixtiqux jaraw li jiġi ripetut. In-nuqqas ta' limitu ta' żmien għandu vantaġġ distint li l-Kummissjoni tista' tiffinalizza l-valutazzjonijiet tal-impatt u r-reviżjonijiet tagħha qabel ma tippreżenta emenda għad-Direttiva dwar l-EU ETS.

3.2.3 Il-ħtieġa għal kunsens rapidu bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Iż-żewġ istituzzjonijiet tal-UE m'għandhomx ikunu involuti f'diskussjonijiet twal dwar l-effetti passati tal-EU ETS, iżda jiffokaw id-diskussjonijiet politiċi tagħhom dwar l-aħjar mod kif tiġi promossa l-implimentazzjoni armonizzata u fil-ħin ta' GMBM. Id-deliberazzjonijiet dwar il-proposta tal-Kummissjoni tal-UE għandhom jiġi finalizzati qabel tmiem l-2017, u b'hekk jevitaw "snap-back".

4. Minħabba l-kompożizzjoni u l-għarfien espert uniku tiegħu, il-KESE jinsab f'pożizzjoni ideali sabiex jinjetta fid-diskussjoni politika l-fehmiet tas-soċjetà ċivili organizzata dwar il-konsegwenzi politiċi, soċjali, ekonomiċi u ambjentali ta' din l-inizjattiva regolatorja. Għalhekk il-KESE ddeċieda li jsegwi din l-opinjoni b'konferenza organizzata bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati rilevanti kollha.

Brussell, il-31 ta' Mejju 2017.

*President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

---

([18]) Sommarju Eżekuttiv tal-Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja d-dokument li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment: Aċċellerazzjoni tal-Innovazzjoni fil-qasam tal-Enerġija Nadifa"**

*(COM(2016) 763 final)*

(2017/C 288/11)

Relatur: **Christophe QUAREZ**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 17.2.2017 |
| Bażi ġuridika | L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Kompetenza | Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni |
| Adottata fis-sezzjoni speċjalizzata | 16.5.2017 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 1.6.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 173/2/7 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' bi pjaċir li l-Kummissjoni tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha biex tħaffef it-tranżizzjoni lejn ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju permezz ta' strateġija globali għal inċentivi għall-investiment privat, strumenti finanzjarji adatti u fondi għar-riċerka u l-innovazzjoni.

1.2 Il-Kummissjoni fil-komunikazzjoni [1] tagħha tippreżenta firxa wiesgħa ta' strumenti finanzjarji u metodi ta' finanzjament bl-għan li tappoġġja l-innovazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Il-KESE jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħti spinta lil investimenti ġodda fil-katina kollha tal-valur tal-innovazzjoni.

1.3 Madankollu l-KESE huwa mħasseb dwar il-kumplessità u l-varjetà ta' dawn l-għajnuniet. Għaldaqstant huwa jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi punt uniku ta' assistenza biex jorjenta lill-iżviluppaturi tal-proġett u lill-investituri, iżda jitlob li jsir sforz biex tiġi ssemplifikata l-offerta finanzjarja. Il-Kumitat iqis fil-fatt li hemm numru kbir wisq ta' dawn l-għajnuniet finanzjarji u li l-aċċess għalihom huwa diffiċli għall-intrapriżi żgħar ħafna u għall-komunitajiet lokali.

1.4 Il-KESE jipproponi li l-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jgħaqqdu r-riżorsi tagħhom għat-twettiq ta' proġetti ta' innovazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fuq skala kbira, bl-għan li jtejbu l-kooperazzjoni bejn l-atturi ewlenin tar-riċerka Ewropea. Dan iħaffef il-koordinazzjoni tal-atturi tar-riċerka u jagħmilhom aktar kompetittivi.

1.5 Il-KESE jfakkar li għalkemm il-politiki klimatiċi Ewropej għandhom jistimolaw it-trasformazzjoni ta' dawn is-setturi bl-investiment u l-innovazzjoni, ċertament ma għandhomx iħaffu t-tnaqqis tagħhom. Ir-rilokazzjoni tal-attivitajiet produttivi bl-ebda mod ma tista' tiġixxi bħala politika ta' ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

1.6 Il-KESE jqis li l-aħjar mezz ta' innovazzjoni b'livell baxx ta' karbonju, huwa qafas regolatorju li jagħti prezz għoli lid-$CO_2$ (illum madwar 7 euro/tunnellata) li jippermetti li jintbagħat sinjal ċar ħafna lill-investituri li t-teknoloġiji tal-karbonju mhux se jkollhom aktar post fl-Ewropa fuq żmien medju.

1.7 Il-KESE jaf li l-Unjoni Ewropea hija waħda mill-protagonisti ewlenin fid-dinja fir-riċerka u fl-innovazzjoni relatati mal-enerġija nadifa u waħda mill-akbar finanzjaturi pubbliċi f'dan il-qasam, li mingħandha jirċievi finanzjament ta' aktar minn għaxar biljun euro. Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma kruċjali sabiex jappoġġjaw il-kompetittività tal-Ewropa u jżommuha fl-ewwel post fid-dinja fil-qasam tat-teknoloġiji avvanzati tal-enerġija u tas-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika.

(1) COM(2016) 763 final.

1.8 Il-KESE jilqa' l-enfasi magħmula fuq iż-żewġ estremitajiet tal-katina tal-innovazzjoni, li taħtha l-programm Orizzont 2020 għandu rwol ewlieni permezz tal-approċċ minn isfel għal fuq tiegħu tal-finanzjament għal riċerka fundamentali esploratorja, u dan permezz tal-Kunsill Ewropew tar-riċerka, kif ukoll permezz tal-ħolqien bikri ta' Kunsill Ewropew tal-innovazzjoni li għandu l-għan li jgħin lill-industriji, speċjalment lill-intrapriżi żgħar u medji (SMEs), joħolqu swieq ġodda.

1.9 Il-KESE jixtieq jifhem aħjar il-proġetti tal-Kummissjoni maħsuba biex jesploraw approċċi ġodda lejn riċerka u innovazzjoni bbażati fuq il-missjonijiet. B'mod partikolari, il-proċess ta' identifikazzjoni u ta' għażla ta' dawn il-proġetti għandu jkun deskritt f'aktar dettall.

1.10 Il-KESE jitlob il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-kuntest tal-pjattaforma l-ġdida tal-enerġija u r-riċerka li l-Kummissjoni beħsiebha timplimenta sabiex tiġbor flimkien esperti fl-enerġija mill-oqsma tax-xjenzi soċjali, tax-xjenzi umani u tax-xjenza tat-teknoloġija.

## 2. **Il-kontenut essenzjali tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea**

2.1 Il-Kummissjoni tafferma mill-ġdid l-ambizzjoni tagħha li taċċellera t-tranżizzjoni lejn ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' karbonju.

2.2 Għal dan l-għan, il-Kummissjoni tippreżenta pakkett ta' miżuri leġislattivi bbażat fuq tliet objettivi ewlenin:

— l-effiċjenza enerġetika bħala l-ewwel prijorità;

— l-Ewropa fuq quddiem nett fis-settur tal-enerġija rinnovabbli;

— it-trattament ġust għall-konsumaturi.

2.3 F'dan il-qafas, il-Kummissjoni tistabbilixxi strateġija komprensiva li tippreżenta l-għodod strateġiċi ewlenin li l-UE tista' tħaddem sabiex tagħti spinta lill-investiment privat fl-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija nadifa:

— Il-ħolqien ta' inċentivi b'saħħithom u koerenti għall-investiment privat fir-riċerka u l-iżvilupp tal-enerġija nadifa.

— It-tnedija ta' strumenti finanzjarji maħsuba sabiex inaqqsu r-riskju ta' investimenti privati f'teknoloġiji tal-enerġija nadifa jew mudelli ta' negozju mhux ittestjati iżda promettenti, b'mod partikolari minħabba inċertezzi xjentifiċi, teknoloġiċi jew marbuta mas-swieq.

— L-iffokar tal-finanzjament ipprovdut mill-Unjoni Ewropea (UE) għar-riċerka u l-innovazzjoni (b'mod partikolari fil-qafas tal-programm Orizzont 2020)

— L-iżviluppi fil-qafas regolatorju biex jiggwidaw lis-sussidji tal-Istati Membri fil-qasam tal-enerġiji b'livell baxx ta' karbonju minflok dawk fossili.

2.4 Il-Kummissjoni tippreċiża fil-komunikazzjoni tagħha erba' oqsma ta' prijorità tat-teknoloġija:

— Id-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini tal-Unjoni sal-2050. Il-bini jirrappreżenta 40 % tad-domanda għall-enerġija, u kważi 75 % tal-istokk tal-bini tal-UE għandu jiġi rinnovat mill-perspettiva tal-effiċjenza enerġetika.

— It-tisħiħ tat-tmexxija tal-UE fis-settur tal-enerġija rinnovabbli u ż-żamma tal-pożizzjoni dominanti tagħha fid-dinja fir-rigward ta' dawn it-teknoloġiji.

— L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' ħżin tal-enerġija affordabbli, b'mod partikolari li jiffavorixxi t-tnedija mill-ġdid tal-produzzjoni ta' ċelloli tal-batteriji fl-Ewropa.

— Il-promozzjoni tal-elettromobbiltà bl-iżvilupp ta' batteriji li jkunu irħas u aktar awtonomi, kif ukoll l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' ċċarġjar aktar rapidi.

2.5 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi li tiġi faċilitata l-koordinazzjoni ta' sforzi ta' innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija nadifa mal-bliet, ir-reġjuni u l-Istati Membri.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1 Fit-30 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat pakkett ta' miżuri konċiż ħafna, imsemmi "Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha", li jikkonsisti f'sensiela ta' proposti bl-għan li jiġi organizzat mill-ġdid is-suq tal-enerġija, b'mod partikolari rinnovabbli, sabiex jiġu rispettati l-impenji meħuda bil-firma tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-klima.

3.2 Permezz tal-Ftehim ta' Pariġi, l-UE impenjat ruħha li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra b'40 % sal-2030. Iżda f'Ottubru 2014, hija stabbiliet ukoll qafas ta' azzjoni fil-qasam tal-klima u l-enerġija sal-2030, b'żewġ objettivi oħra: 20 % ta' enerġija rinnovabbli fil-produzzjoni tal-elettriku fl-2020, imbagħad mill-anqas 27 % fl-2030, u 20 % sa mill-anqas 27 % għall-iffrankar tal-enerġija fl-istess perjodu ta' żmien.

3.3 Permezz ta' diversi opinjonijiet, il-KESE jsostni l-ħtieġa li titħaffef it-tranżizzjoni għal ekonomija Ewropea kompetittiva b'livell baxx ta' karbonju, skont il-pożizzjonijiet u l-proposti espressi mis-soċjetà ċivili.

3.4 Filwaqt li jitlob "tranżizzjoni ġusta", il-KESE dejjem irrifjuta li jopponi l-impjiegi u l-ħarsien tal-ambjent. Iż-żewġ objettivi għandhom jiġu segwiti b'determinazzjoni identika.

3.5 Għall-KESE, il-politiki klimatiċi Ewropej għandhom jistimolaw it-trasformazzjoni ta' dawn is-setturi bl-investiment u l-innovazzjoni, iżda ċertament ma għandhomx iħaffu t-tnaqqis. Ir-rilokazzjoni tal-attivitajiet produttivi bl-ebda mod ma tista' taġixxi bħala politika ta' ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

3.6 S'issa, il-politika ta' innovazzjoni enerġetika tal-UE fuq kollox enfasizzat l-iżvilupp tat-teknoloġiji, filwaqt li warrbet dak li huwa verament importanti għaċ-ċittadini: is-sodisfazzjon tal-ħtiġijiet enerġetiċi tagħhom bħat-tisħin, il-mobbiltà jew id-dawl.

3.7 Fil-komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni llum tirrikonoxxi lill-konsumatur fiċ-ċentru tas-sistema enerġetika bħala produttur tan-netwerks tal-enerġija deċentralizzati, jew billi jintalbu soluzzjonijiet kompetittivi b'livell baxx ta' karbonju.

3.8 Il-KESE jilqa' bi pjaċir din l-evoluzzjoni, minħabba li strateġija ta' innovazzjoni għaċ-ċittadini tibda b'analiżi tal-ħtiġijiet tagħhom u tal-imġiba fl-użu tal-enerġija tagħhom.

3.9 Il-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha tippreżenta firxa wiesgħa ta' strumenti finanzjarji u ta' finanzjament bl-għan li tappoġġja l-innovazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Il-KESE jappoġġja r-rieda tal-Kummissjoni li tagħti spinta lill-investimenti supplimentari fil-katina kollha tal-valur tal-innovazzjoni, iżda jinsab imħasseb minħabba l-kumplessità u l-varjetà ta' dawn l-għajnuniet li jagħmluha diffiċli li jkun hemm aċċess għalihom b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar ħafna innovattivi jew għall-komunitajiet territorjali.

3.10 Huwa għalhekk li l-KESE jilqa' r-rieda tal-Kummissjoni li tistabbilixxi punt uniku ta' assistenza biex jorjenta lill-iżviluppaturi tal-proġett u l-investituri, iżda jitlob li jsir sforz biex tiġi ssemplifikata l-offerta finanzjarja.

3.11 Fil-fatt, bejn il-fond għall-innovazzjoni tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, il-fond Ewropew 2020 għall-enerġija, it-tibdil fil-klima u l-infrastrutturi, "InnovFin", "InnoEnergy", il-programm Orizzont 2020, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, jew il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), huwa diffiċli li wieħed jaqbad art ([2]).

3.12 Fl-opinjoni tiegħu "It-teknoloġiji u l-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija" ([3]), il-KESE fakkar li l-akbar innovazzjonijiet ma ħargux mis-setturi industrijali u mill-intrapriżi dominanti li jiddominaw is-suq iżda minn "speċjalisti", pereżempju mis-settur tal-intrapriżi żgħar u medji (SMEs).

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 Il-KESE japprova r-rieda tal-Kummissjoni li tnaqqas is-sussidji taż-żejt mhux maħdum u tal-faħam ta' xi Stati Membri, iżda jfakkar li għandhom jiġu antiċipati l-bidliet industrijali u li jiġu proposti alternattivi f'termini ta' taħriġ u impjiegi għall-ħaddiema kkonċernati b'mod partikolari fis-settur tal-minjieri.

([2]) ĠU C 268, 14.8.2015, p. 27.
([3]) ĠU C 67, 6.3.2014, p. 132.

4.2 L-aċċettazzjoni soċjali tat-tranżizzjoni enerġetika, f'termini ta' impjieg, hija indispensabbli għall-appoġġ politiku tal-Istati Membri.

4.3 Il-KESE jqis li l-aħjar mezz ta' innovazzjoni b'livell baxx ta' karbonju, huwa qafas regolatorju li jiffissa prezz għoli għas-$CO_2$ (illum madwar 7 euro/tunnellata) li jippermetti li jintbagħat sinjal ċar ħafna lill-investituri li t-teknoloġiji tal-karbonju mhux se jkollhom aktar post fl-Ewropa fuq żmien medju.

4.4 It-teknoloġija tal-qbid u l-ħżin ta' $CO_2$ (CCS) tissemma ftit wisq biss filwaqt li l-Kummissjoni tqisha indispensabbli biex jintlaħqu l-objettivi tal-2050.

4.5 F'dan ir-rigward, il-KESE huwa sorpriż li l-Kummissjoni ma tispjegax għaliex l-għodod implimentati mill-2008 biex titħeġġeġ it-tnedija tat-teknoloġija tal-qbid u l-ħżin ta' $CO_2$ fl-Ewropa ma ħadmux.

4.6 Il-KESE jappoġġja r-rieda tal-Kummissjoni biex tagħmel dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini tal-Unjoni sal-2050. Dan l-istokk waħdu huwa responsabbli għal aktar minn 40 % tad-domanda finali għall-enerġija tal-Unjoni.

4.7 Ir-riskju tar-rinnovazzjoni termika tal-istokk tal-bini huwa konsiderevoli, iżda l-KESE fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ma jarax għodod u għajnuniet finanzjarji tanġibbli biex dan jirnexxi.

4.8 Is-soluzzjonijiet tekniċi (iżolazzjoni, enerġija rinnovabbli għat-tisħin u l-ilma sħun sanitarju) jeżistu għall-bini ġdid, ħafna drabi permezz ta' regoli termiċi speċifiċi fl-Istati Membri, iżda l-għajnuniet għar-rinnovazzjoni termika tal-bini antik huma notevolment insuffiċjenti meta ħafna drabi huma l-familji l-aktar żvantaġġati li jgħixu fl-akkomodazzjonijiet b'ħafna enerġija.

4.9 Fir-rigward tas-settur tat-trasport, qasam ieħor b'intensità qawwija ta' karbonju, il-KESE jappoġġja l-objettivi tal-Kummissjoni, iżda għandu xi mistoqsijiet dwar xi elementi:

— Huwa fil-fatt indispensabbli li jiġu żviluppati l-elettromobbiltà bil-produzzjoni ta' ċelloli tal-batteriji fl-Ewropa u l-integrazzjoni tal-ħżin fis-sistemi elettriċi, iżda l-KESE jistaqsi dwar in-nuqqas fil-komunikazzjoni ta' dispożizzjonijiet regolatorji jew finanzjarji li jippermettu l-iżvilupp ta' stazzjonijiet ta' iċċarġjar tal-elettriku fin-netwerks tat-triq u tal-awtostradi tal-Unjoni, minkejja li dawn huma indispensabbli għall-promozzjoni ta' vetturi elettriċi.

— Sabiex jiġu kkompletati l-miżuri relatati mal-innovazzjoni teknoloġika li tippermetti d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tieħu interess fit-trasport tal-merkanzija bit-trakkijiet filwaqt li jiffavorixxu s-soluzzjonijiet intermodali tagħhom bl-iżvilupp ta' trasport kukkużejt (piggyback carriage) u tal-merkanzija fuq il-passaġġi fuq l-ilma. Għandha titħeġġeġ ukoll il-bidla modali mill-vetturi individwali għat-trasport pubbliku.

4.10 Fil-qasam tal-finanzjament tal-innovazzjoni, il-KESE jqis li l-finanzjament kollettiv jista' jkollu rwol essenzjali. Settur li qed jikber malajr (dalwaqt aktar sinifikanti mill-kapital ta' riskju), il-finanzjament kollettiv jippermetti liċ-ċittadini jinvolvu ruħhom direttament fil-proċess tal-innovazzjoni għas-servizz tal-enerġija nadifa.

4.11 Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-finanzjament kollettiv u tidderieġi l-fondi lejn l-erba' oqsma tat-teknoloġija li hija tqis ta' prijorità (enerġija rinnovabbli, soluzzjonijiet ta' ħżin, elettromobbiltà, akkomodazzjonijiet b'enerġija pożittiva).

Brussell, l-1 ta' Ġunju 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Strateġija Ewropea dwar is-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti u Kooperattivi: l-ewwel pass importanti lejn mobbiltà kooperattiva, konnessa u awtomatizzata"**

*(COM(2016) 766 final)*

(2017/C 288/12)

Relatur: **Stefan BACK**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 27.1.2017 |
| Bażi ġuridika | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni |
| Adottata fis-sezzjoni | 16.5.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 31.5.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 150/0/0 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Ewropea dwar is-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti u Kooperattivi (COM(2016) 766) (l-Istrateġija) u l-għan ambizzjuż tagħha li timplimenta l-ewwel sett ta' servizzi (servizzi tal-Jum 1) fl-2019 li għandu jiġi segwit mill-iżvilupp tat-tieni sett ta' servizzi (servizzi tal-Jum 1.5).

1.2 Il-KESE jieħu nota tal-bosta benefiċċji potenzjali wara l-implimentazzjoni tal-Istrateġija, inkluż trasport aktar effiċjenti tal-passiġġieri u tal-merkanzija, anke fin-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew, aktar effiċjenza fl-enerġija, emissjonijiet imnaqqsa u inqas riskju ta' inċidenti fil-qasam tat-trasport bit-triq. L-Istrateġija hija pass importanti lejn l-iżvilupp tas-C-ITS u, finalment, lejn mobbiltà awtomatizzata. Il-KESE japprova dan il-proġett u jieħu nota tal-livell għoli ta' kooperazzjoni bejn setturi differenti bħat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjonijiet meħtieġa biex jiġu implimentati sistemi tat-trasport diġitali inklużi l-infrastruttura, il-vetturi u servizzi innovattivi.

1.3 Il-KESE japprezza l-valur miżjud għall-mobbiltà tas-servizzi tal-Jum 1 u l-Jum 1.5, b'mod partikolari għat-trasport tal-passiġġieri u dak tal-merkanzija inklużi s-sistemi ta' distribuzzjoni u jieħu nota ta' diversi proġetti ta' prova għaddejjin bħalissa fl-agglomerazzjonijiet Ewropej li jmorru lil hinn mill-Istrateġija u li diġà jinvolvu l-ittestjar ta' vetturi awtomatiċi għat-trasport tal-passiġġieri. F'dan il-kuntest, il-KESE jinnota wkoll l-importanza li tagħti l-Istrateġija li jiġu evitati r-riperkussjonijiet bħaż-żieda fit-traffiku u fl-emissjonijiet permezz ta' miżuri sabiex il-vetturi konnessi, kooperattivi u awtomatizzati jiġu integrati fil-mobbiltà sostenibbli u l-ippjanar loġistiku u l-promozzjoni tat-trasport pubbliku.

1.4 Il-KESE jieħu nota wkoll tal-effetti favorevoli fuq il-livell ta' kompetenza fl-IT, l-iżvilupp ta' ħiliet ġodda u kompetittività mtejba tal-industriji tal-UE fl-oqsma tad-*data*, il-karozzi u t-trasport, b'mod partikolari f'perspettiva fit-tul.

1.5 Il-KESE jiġbed ukoll l-attenzjoni għall-importanza tal-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*, li diġà tqajmet fl-Opinjoni tiegħu dwar id-Direttiva dwar l-ITS ([1]). Din tenfasizza li d-*data* tas-C-ITS jenħtieġ li tintuża għal skopijiet ta' C-ITS biss u mhux tinżamm jew tintuża għal finijiet oħra, ħlief bil-kunsens tal-utent. Il-KESE jqis li huwa ta' importanza vitali li dan jiġi ċċarat permezz ta' dispożizzjonijiet legalment vinkolanti bħala mod biex tinħoloq fiduċja fis-sistema u f'konformità mal-leġislazzjoni tal-UE, inkluż l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ([2]).

1.6 Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' standards komuni u interoperabbiltà transkonfinali bħala kwistjoni ta' implimentazzjoni tas-suq diġitali intern u sabiex jiġi żgurat trasport transkonfinali effiċjenti.

1.7 Il-KESE jenfasizza li huwa importanti li l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tħalli lok għal soluzzjonijiet lokali u/jew speċifiċi għall-kumpaniji, anke, meta jkun debitament ġustifikat u proporzjonat, għad-detriment tal-garanzija ġenerali tar-rekwiżiti ta' interoperabbiltà u ta' trasparenza, kull meta soluzzjonijiet bħal dawn ikollhom valur miżjud. Bl-istess mod, ir-rekwiżiti ta' standardizzazzjoni u ta' trasparenza ma jridux ikunu implimentati b'mod li jfixklu l-innovazzjoni.

1.8 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-importanza ta' standards għoljin ta' sigurtà sabiex jiġu evitati l-hacking u ċ-ċiberattakki, standards għoljin ta' protezzjoni tad-*data* u valutazzjoni tal-konformità effiċjenti. Għall-istess raġunijiet, ta' spiss, is-soluzzjonijiet tas-sigurtà ddedikati jeħtieġ li jibqgħu kunfidenzjali.

1.9 L-implimentazzjoni tal-Istrateġija tista' tkun proċess diffiċli ħafna fejn il-metodu ta' koordinazzjoni magħżul jesiġi komunikazzjoni, monitoraġġ u segwitu kostanti min-naħa tal-Kummissjoni. Il-bini ta' fiduċja kemm fost l-imsieħba tal-proċess tal-implimentazzjoni kif ukoll fir-rigward tal-pubbliku ġenerali, inklużi l-konsumaturi, jista' jkun deċiżiv għal implimentazzjoni b'suċċess. F'dan il-kuntest, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità għall-integrazzjoni, kif stipulat fil-Konvenzjoni tan-NU tal-2006 dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà. Il-KESE jfakkar li r-rabtiet tiegħu mas-soċjetà ċivili jistgħu jagħmluh imsieħeb utli fl-istabbiliment ta' djalogu dwar l-implimentazzjoni.

1.10 Fir-rigward tal-miżuri leġislattivi msemmija fl-Istrateġija, il-KESE jenfasizza li huwa importanti li dawn ma jkunux preskrittivi żżejjed. Għalhekk, l-interoperabbiltà u l-istandards komuni ma jridux isiru għan fihom infushom, iżda jenħtieġ li japplikaw biss meta jservu skop li jġib valur miżjud u ma jfixklux l-innovazzjoni u l-ħtieġa li jiġu solvuti problemi speċifiċi lokalment jew fil-livell tal-kumpaniji.

1.11 L-Istrateġija tindirizza l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tas-C-ITS b'effetti komparattivament limitati fuq l-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol (servizzi tal-Jum 1 u l-Jum 1.5) Jidher probabbli li din ser tiġi segwita mill-użu ta' vetturi awtomatizzati b'effetti aktar sinifikanti fuq il-forza tax-xogħol. Għal din ir-raġuni, u sabiex tinħoloq klima ta' fiduċja reċiproka, il-KESE jqis li huwa importanti li jingħata bidu għal djalogu soċjali fi stadju bikri biex jiġu indirizzati kwistjonijiet possibbli dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol.

1.12 Il-KESE jenfasizza l-urġenza li jittieħed il-pass li jmiss fl-implimentazzjoni tas-C-ITS, jiġifieri, li jiġu żviluppati sistemi li jinkludu wkoll il-komunikazzjoni bejn vettura u oħra u l-ġestjoni tat-traffiku. Il-proġetti ta' prova u l-ippjanar leġislattiv jidhru li għaddejjin ġmielhom fl-Istati Membri b'industrija tal-karozzi u skont il-KESE, iż-żmien huwa għalhekk propizju jekk l-UE tixtieq li jkollha parti sinifikanti fil-promozzjoni ta' sforz Ewropew.

1.13 Il-Pjattaforma C-Roads stabbilita f'Ottubru 2016 għandu jkollha rwol sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija. S'issa għadhom ma aderixxewx l-Istati Membri kollha magħha. Il-KESE jqis li huwa urġenti li l-Istati Membri kollha jaderixxu ma' dan il-korp.

1.14 Il-KESE japprezza r-rieda tal-Kummissjoni li tappoġġja l-implimentazzjoni permezz ta' appoġġ finanzjarju. F'dan il-kuntest, il-KESE jiġbed ukoll l-attenzjoni għall-ħtieġa li jitħalla lok għal ippjanar adegwat ta' miżuri ta' implimentazzjoni fil-livell tal-kumpaniji, filwaqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, ir-restrizzjonijiet finanzjarji fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

1.15 Il-KESE jiddispjaċih għan-nuqqas ta' ppjanar ta' żmien ċar għas-servizzi tal-Jum 1.5 u lil hinn. Il-KESE jiddispjaċih ukoll għan-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt. Ir-rapportar tal-pjattaforma C-ITS fih elementi li jippermettu evalwazzjoni ta' ċerti aspetti tal-Istrateġija, iżda skont il-KESE dan mhuwiex biżżejjed.

---

([1]) Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1) u (ĠU C 277, 17.11.2009, p. 85).
([2]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, u ĠU C 229, 31.7.2012, p. 90

## 2. **Sfond**

2.1 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Ewropea dwar is-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti u Kooperattivi (C-ITS) [COM(2016) 766] (l-Istrateġija) hija marbuta mill-qrib mal-prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni, b'mod partikolari mal-Aġenda tagħha għall-Impjiegi, it-Tkabbir u l-Investiment, is-Suq Uniku Diġitali, u l-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija. Din ġiet ippreżentata bħala parti mill-hekk imsejjaħ "Pakkett tax-Xitwa" tal-enerġija li jinkludi prinċipalment proposti dwar it-tfassil tas-suq intern tal-elettriku, l-effiċjenza fl-enerġija u l-fjuwils rinnovabbli.

2.2 L-Istrateġija ma tindirizzax b'mod dirett il-kwistjonijiet marbuta mal-enerġija. Hija tindirizza primarjament l-iżvilupp, u l-aspetti prattiċi u legali tal-iżvilupp ta' sistemi tat-trasport kooperattivi, inklużi l-karozzi konnessi/il-vetturi awtomatiċi u l-infrastruttura. Hija marbuta wkoll mal-implimentazzjoni tas-Suq Intern Diġitali u l-Istrateġija Ewropea għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi.

2.3 L-Istrateġija tenfasizza l-potenzjal tal-iżvilupp tas-C-ITS sabiex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija Ewropea b'potenzjal għal suq kbir u l-ħolqien tal-impjiegi. Il-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE jsegwi minn volumi akbar f'suq akbar bi standards komuni. L-iżvilupp tas-C-ITS huwa l-ewwel pass lejn il-vetturi awtomatizzati. Is-servizzi tas-C-ITS għandhom ikunu bbażati fuq standards komuni u għandhom jiġu implimentati sal-2019 u lil hinn. Huma bbażati fuq komunikazzjoni bejn vettura u oħra u bejn vettura u infrastruttura u ma għandhomx bżonn ta' sewwieq.

2.4 L-Istrateġija tiddefinixxi għadd ta' servizzi tas-C-ITS li jistgħu jintużaw mill-ewwel (lista tas-servizzi tas-C-ITS tal-Jum 1) u servizzi oħra li jintużaw fit-tieni fażi minħabba li l-ispeċifikazzjonijiet jew l-istandards sħaħ jistgħu ma jkunux lesti biex jintużaw sal-2019 (lista tas-servizzi tas-C-ITS tal-Jum 1.5). Il-lista tal-Jum 1 tkopri notifiki ta' lok perikoluż u applikazzjonijiet għas-sinjalar u l-lista tal-Jum 1.5 tkopri funzjonijiet bħal informazzjoni dwar l-istazzjonijiet tal-fjuwil u tal-iċċarġjar, il-ġestjoni u l-informazzjoni tal-parking (fit-triq u barra mit-triq), informazzjoni dwar il-'park and ride', informazzjoni konnessa u kooperattiva ġol-belt u barra minnha, informazzjoni dwar it-traffiku u rotot intelliġenti.

2.5 L-Istrateġija tenfasizza n-natura transsettorjali tal-implimentazzjoni tas-C-ITS li tikkonċerna l-mezzi kollha tat-trasport, l-industrija u t-telekomunikazzjonijiet. Il-faċilitazzjoni tat-trasport li tirriżulta mill-implimentazzjoni tal-Istrateġija ma tridx twassal għal aktar trasport u aktar emissjonijiet.

2.6 Ġew stabbiliti għadd ta' azzjonijiet speċifiċi sabiex tiġi implimentata l-Istrateġija. Huma jkopru t-tmien oqsma li ġejjin.

— L-implimentazzjoni fuq skala kbira fl-2019 ta' mill-inqas is-servizzi tal-Jum 1 permezz ta' azzjoni mill-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali, il-manifatturi tal-vetturi, l-operaturi tat-triq u l-industrija tal-ITS b'assistenza finanzjarja (CEF, FEIS, FSIE). Is-servizzi tal-Jum 1.5 u aktar żvilupp tas-C-ITS għadhom mhumiex lesti u l-iżvilupp ser ikun appoġġjat mill-Kummissjoni permezz tal-programm Orizzont 2020 u l-FSIE, fejn ikun possibbli, u l-lista ta' servizzi ser tiġi aġġornata permezz ta' proċess kontinwu tal-pjattaforma C-ITS.

— Ser tiġi segwita politika komuni dwar is-sigurtà u ċ-ċertifikazzjoni permezz ta' kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-partijiet interessati rilevanti kollha. Din ser tkun ukoll pedament biex jiġi indirizzat livell ogħla ta' servizz (bejn vettura u oħra, bejn vettura u infrastruttura). Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet ta' Mudell ta' Fiduċja Ewropew tas-C-ITS u rwol potenzjali ta' governanza tal-Kummissjoni għandhom jiġu analizzati mill-Kummissjoni.

— Il-fornituri tas-servizzi tas-C-ITS jenħtieġ li joffru lill-utenti finali termini ċari u li jinftiehmu. Fl-2018, il-Kummissjoni ser tippubblika l-ewwel sett ta' linji gwida dwar il-protezzjoni tal-privatezza u l-inizjattivi dwar l-użu tas-C-ITS jenħtieġ li jinfurmaw u joħolqu fiduċja fost l-utenti finali, juru l-valur miżjud tal-użu tad-*data* personali u jikkonsultaw mal-Awtoritajiet tal-UE għall-Protezzjoni tad-*Data* biex jiżviluppaw mudell għall-valutazzjoni tal-protezzjoni tad-*data*.

— Miżuri mill-Kummissjoni u l-partijiet interessati rilevanti biex jiġu żgurati komunikazzjonijiet li jiffunzjonaw fuq banda ta' frekwenzi pprovduta mill-Kummissjoni.

— L-użu tal-Pjattaforma C-Roads sabiex tiġi kkoordinata l-implimentazzjoni tas-C-ITS fil-livell operazzjonali, inklużi l-ittestjar u l-validazzjoni. Aktar Stati Membri huma mħeġġa jingħaqdu mal-pjattaforma.

— Żvilupp u pubblikazzjoni mill-inizjattivi tas-C-ITS ta' proċess marbut mal-valutazzjoni tal-konformità għas-servizzi tal-Jum 1. Il-Kummissjoni ser tiżviluppa mudell għal dan il-proċess.

— Sal-2018, f'konformità mad-Direttiva dwar l-ITS, il-Kummissjoni ser tadotta atti delegati dwar il-kontinwità u s-sigurtà tas-servizzi tas-C-ITS, dwar l-implimentazzjoni prattika tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* fir-rigward tas-C-ITS, dwar approċċ ta' komunikazzjoni ibrida, u dwar l-interoperabbiltà b'rabta mal-proċessi għall-valutazzjoni tal-konformità.

— Il-Kummissjoni ser tiżviluppa kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tas-C-ITS.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1 Il-KESE jilqa' l-Istrateġija u jieħu nota tal-bosta effetti pożittivi potenzjali tal-implimentazzjoni b'suċċess tagħha, bħalma huma t-trasport aktar effiċjenti, kemm tal-merkanzija kif ukoll tal-passiġġieri, effiċjenza fl-enerġija mtejba u emissjonijiet imnaqqsa, sigurtà fit-toroq imsaħħa u l-iżvilupp tal-ekonomija diġitali.

3.2 L-Istrateġija hija interkonnessa ma' diversi strateġiji importanti attwali, jiġifieri s-Suq Uniku Diġitali, l-Istrateġija tal-Unjoni dwar l-Enerġija u l-Istrateġija Ewropea għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi, li lkoll kemm huma ntlaqgħu b'sodisfazzjon mill-KESE. Il-KESE jappoġġja wkoll l-approċċ transsettorjali tal-Istrateġija, u d-dimensjoni l-ġdida li dan jagħti lill-politika tat-trasport.

3.3 F'dan il-kuntest, il-KESE jieħu nota tar-rabta mal-Istrateġija għad-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea fir-rigward ta' vetturi kooperattivi, konnessi u awtomatizzati bħala suġġett ta' prijorità biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija Ewropea u l-istima tas-suq potenzjali ta' tali vetturi b'"għexieren ta' biljuni ta' euro kull sena u ħolqien ta' impjiegi f'mijiet ta' eluf". Il-KESE jqis li f'dan il-kuntest huwa xieraq li jirrepeti l-istqarrija tiegħu fl-Opinjoni tiegħu TEN/574 dwar "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali" li kwalunkwe dikjarazzjoni ta' riżultati potenzjali ta' dan it-tip tista' tkun riskju bla bżonn u, fl-agħar każ, taffettwa b'mod negattiv il-fiduċja, b'mod partikolari f'każ bħal dan fejn l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Istrateġija tiddependi ħafna mill-interess tal-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali, l-industrija tal-karozzi u partijiet interessati oħra.

3.4 Bl-istess mod, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-Istrateġija għal mobbiltà effiċjenti, inkluża l-mobbiltà urbana u l-aħħar u l-ewwel mil tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri.

3.5 Il-KESE jagħti wkoll importanza lill-interoperabbiltà transkonfinali tas-servizzi li għandhom jiġu implimentati sabiex jiġi żgurat fluss tat-traffiku bla xkiel fil-konnessjonijiet transkonfinali. Kemm is-servizzi li huma faċilment disponibbli bħalissa (servizzi ta' tal-Jum 1) kif ukoll dawk kważi lesti biex jintużaw u lesti biex jibdew jintużaw mill-2019, għalkemm mhux kompletament lesti għal impjieg fuq skala kbira (servizzi tal-Jum 1.5) ser ikunu ta' għajnuna kbira għall-implimentazzjoni effiċjenti tat-TEN-T, b'mod partikolari l-Kurituri tan-Netwerk Ewlieni tat-TEN-T.

3.6 Minħabba li l-Istrateġija hija ppreżentata bħala parti mill-politika dwar l-enerġija tal-Pakkett tax-Xitwa, il-KESE kien japprezza mhux biss ripetizzjoni taċ-ċifri magħrufa sew tas-sehem tal-emissjonijiet tat-trasport bit-triq, iżda wkoll xi indikazzjoni tal-effetti mistennija tal-Istrateġija fil-forma ta' effiċjenza fl-enerġija mtejba u emissjonijiet imnaqqsa.

3.7 Fil-parti l-kbira tagħha, l-Istrateġija għandha tiġi implimentata permezz ta' metodu kollaborattiv, li jinvolvi lill-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u l-industrija. Il-Kummissjoni beħsiebha tuża l-pjattaforma C-Roads stabbilita f'Ottubru 2016 u attwalment b'adeżjoni ta' 12-il Stat Membru tal-UE biex jikkoordinaw l-implimentazzjoni tal-użu tas-Servizzi tas-C-ITS, l-ittestjar u l-validazzjoni biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà u biex jiġu żviluppati testijiet tas-sistema. Il-Kummissjoni ser tappoġġja l-iżvilupp bl-użu ta' proċess għall-valutazzjoni tal-konformità. Il-KESE jaqbel li funzjoni ta' koordinazzjoni hija indispensabbli għal proċess ta' implimentazzjoni b'suċċess iżda jiddispjaċih li mhux l-Istati Membri kollha ingħaqdu mal-pjattaforma C-Roads li tidher li għandha nuqqas konsiderevoli fil-kapaċità tagħha li taġixxi bħala forum ta' koordinazzjoni effiċjenti (attwalment tmien Stati Membri Ewlenin u erba' Stati Membri Assoċjati). Għalhekk, il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tagħmel pressjoni b'mod urġenti fil-livell politiku fuq l-Istati Membri sabiex tiġi żgurata adeżjoni sħiħa mal-pjattaforma.

3.8 Il-KESE japprezza li l-Kummissjoni beħsiebha tieħu miżuri sabiex tiżgura koerenza fuq għadd ta' punti importanti. Hija pereżempju ser tippubblika "linji gwida" fir-rigward tal-politika Ewropea dwar is-sigurtà u ċ-ċertifikazzjoni tas-C-ITS fl-2017 u linji gwida fir-rigward tal-protezzjoni tad-data fl-2018. Il-Kummissjoni ser tirriżerva wkoll il-banda ta' frekwenzi li attwalment tintuża għas-servizzi tal-Istandard ta' Telekomunikazzjoni Ewropea ([3]) għas-Servizzi tas-C-ITS. Madankollu, il-KESE jieħu nota wkoll li l-Kummissjoni ser tqis ukoll, fejn xieraq, li fl-2018 tadotta atti delegati skont id-Direttiva 2010/40/UE dwar l-ITS dwar is-sigurtà tal-ITS, il-protezzjoni tad-data, l-approċċ tal-komunikazzjoni u l-interoperabbiltà. Barra minn hekk, tista' tiġi adottata leġislazzjoni dwar il-kontinwità tas-Servizzi tal-ITS u l-valutazzjoni tal-konformità. Il-KESE jiddispjaċih li ma hemm xejn li jindika fuq liema bażi l-Kummissjoni ser tiddeċiedi jekk tilleġislax jew tiqafx sal-linji gwida li mhumiex legalment vinkolanti. Fir-rigward tal-pjani tal-Kummissjoni li tadotta atti leġislattivi delegati skont id-Direttiva 2010/40/UE dwar l-ITS, il-KESE jirrepeti l-punt li diġà sar fl-Opinjoni tiegħu dwar dik id-Direttiva li l-limiti għal atti bħal dawn stipulati fl-Artikolu 290 tat-TFUE jridu jiġu osservati. Il-KESE jenfasizza wkoll l-urġenza li jiġi estiż il-limitu ta' seba' snin tal-mandat biex jiġu adottati atti delegati skont id-Direttiva 2010/40/UE peress li l-mandat biex jiġu adottati atti bħal dawn jiskadi f'Awwissu 2017.

3.9 Il-KESE japprova l-għan li jkun hemm implikazzjoni transsettorjali u b'diversi saffi min-naħa ta' dawk ikkonċernati mill-użu tas-Servizzi tas-C-ITS, jiġifieri, l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali, il-manifatturi tal-vetturi u l-operaturi tat-trasport. Is-suċċess fl-implikazzjoni ta' dawn l-elementi fl-attivitajiet tal-implimentazzjoni jista' jipprovdi l-possibbiltà li tinħoloq fiduċja fis-servizzi l-ġodda u tagħtihom bidu tajjeb. F'dan il-kuntest, il-KESE jsemmi d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità għall-integrazzjoni, kif stipulat fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (CRPD) adottata nhar it-13 ta' Diċembru 2006.

3.10 Il-KESE japprova l-importanza mogħtija lil lingwa ċara u li tinftiehem fir-relazzjonijiet kollha mal-utenti finali, enfasizzata bħala mezz importanti biex tinkiseb il-fiduċja fis-servizzi proposti. Il-leġislazzjoni għandha tirrispetta l-prinċipji tal-programm ta' leġislazzjoni aħjar.

3.11 Il-KESE jenfasizza wkoll l-importanza li l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ma tkunx preskrittiva żżejjed. Huwa importanti li jkun hemm lok għal soluzzjonijiet paralleli jew dedikati għal għanijiet speċifiċi jew għall-innovazzjoni. Rekwiżiti dettaljati wisq u mhux flessibbli hawnhekk jistgħu jkunu ta' xkiel u b'hekk ikunu kontroproduttivi.

3.12 Il-KESE jieħu nota b'mod favorevoli tal-importanza mogħtija lill-finanzjament u r-rieda min-naħa tal-Kummissjoni li tagħmel riżorsi finanzjarji mill-finanzjament tal-UE bħas-CEF, il-FEIS u l-FSIE disponibbli għall-użu tas-servizzi tas-C-ITS li diġà huma disponibbli mil-lat operazzjonali u l-finanzjament tal-Orizzont 2020 disponibbli għal servizzi li għadhom fl-istadju ta' żvilupp. Il-KESE jenfasizza l-importanza li ssir valutazzjoni tal-valur miżjud tal-proġetti, sabiex jiġi żgurat l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi limitati. F'dan il-kuntest, il-KESE jiġbed ukoll l-attenzjoni għall-kompetizzjoni b'saħħitha fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, li hija enfasizzata b'mod partikolari fl-Istrateġija u li tiffaċilita l-prevedibbiltà u l-lok għal ippjanar fit-tul tal-investimenti meħtieġa biex jiġu installati jew aġġornati l-komponenti tas-C-ITS.

3.13 Il-parti introduttorja tal-Istrateġija tagħti ħafna attenzjoni lill-iżvilupp tas-sewqan awtomatiku, jiġifieri vetturi li ma jirrikjedux intervent tas-sewwieq biex jiċċaqilqu. Madankollu, il-KESE jifhem li l-Istrateġija ma tmurx lil hinn mill-implimentazzjoni ta' komunikazzjoni bejn vettura u oħra u bejn vettura u infrastruttura. Is-servizzi tal-Jum 1, li għandhom jiġu żviluppati fl-2019, se jittrattaw identifikazzjoni ta' lok perikoluż u applikazzjonijiet ta' sinjali filwaqt li s-servizzi tal-Jum 1.5 se jittrattaw l-ippjanar tat-toroq, informazzjoni dwar l-istazzjonijiet tal-fjuwil/l-iċċarġjar, informazzjoni dwar il-parking eċċ. Għaldaqstant, skont il-KESE, il-kwistjonijiet importanti ta' responsabbiltà għal żbalji jew funzjonament ħażin fis-sistema jew il-kwistjonijiet soċjali importanti li jidhru meta l-impjegati jiġu sostitwiti minn robots ma jinsabux hawnhekk, peress li s-servizzi indirizzati mill-Istrateġija ser jitħaddmu u jiġi ssorveljati minn bnedmin. Madankollu, f'dan il-kuntest, il-KESE jixtieq jenfasizza li meta jiġu żviluppati sistemi tas-C-ITS, inklużi vetturi awtomatizzati kompletament, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità.

3.14 Il-KESE jieħu nota b'mod favorevoli tal-koerenza prevista fl-użu tal-Istrateġija permezz tal-viżjoni transettorjali meħuda tar-rwol tas-C-ITS fis-sistema tat-trasport permezz tas-sinerġiji bejn il-modi u t-titjib potenzjali tal-ippjanar tal-mobbiltà/l-ippjanar loġistiku li jagħmlu possibbli ċerti servizzi tas-C-ITS u bis-saħħa tal-iżvilupp ta' diversi ħiliet.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/671/KE (ĠU L 220, 15.8.2008, p. 24).

3.15 Il-KESE jieħu nota wkoll tal-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji ppreżentata f'Jannar 2016 fir-Rapport Finali tal-Pjattaforma C-ITS u li tantiċipa riżultat potenzjali tal-użu b'suċċess tas-servizzi tal-Jum 1 tul perjodu mill-2018 sal-2030 fejn il-benefiċċji jkunu ħafna akbar mill-ispejjeż fuq bażi annwali bi proporzjon ta' 3:1 meta jkunu evalwati tul il-perjodu kollu. L-analiżi tikkonkludi wkoll li l-benefiċċji jibdew jakkumulaw bejn ħames u għaxar snin wara l-investimenti inizjali u li r-riżultat mixtieq jiddependi mill-użu estensiv tas-servizzi. Madankollu, il-KESE jiddispjaċih li l-ebda analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji tal-Istrateġija ma jidher li twettqet mill-Kummissjoni.

3.16 Il-KESE jenfasizza għal darb'oħra l-importanza li ssir pressjoni attiva u kontinwa fuq il-proċess tal-implimentazzjoni sabiex tiġi evitata ripetizzjoni tal-implimentazzjoni li s'issa ma kellhiex suċċess tas-Sistema Ewropea ta' Pedaġġ Elettroniku Stradali, li oriġinarjament ittieħdet deċiżjoni dwarha fl-2004, u li għadha ma ġietx implimentata, minkejja l-isforzi ripetuti.

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 Il-KESE jieħu nota tar-referenza tal-konnessjoni bejn il-karozzi konnessi u s-Sistemi Ewropej ta' Navigazzjoni bis-Satellita, EGNOS u GALILEO, u jenfasizza li l-kapaċità tal-vetturi li jikkomunikaw mas-sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita trid tkun teknoloġikament newtrali u, għalhekk, is-sistemi kollha ta' navigazzjoni bis-satellita jenħtieġ li jkunu konnessibbli, għalkemm, fejn possibbli, għandha tingħata preferenza lis-sistemi Ewropej.

4.2 Il-KESE jenfasizza l-importanza li jinfetaħ djalogu mal-imsieħba soċjali fi stadju bikri, sabiex tiġi stabbilita atmosfera ta' trasparenza u fiduċja. Skont il-KESE, dan huwa diġà ta' importanza kbira fl-istadju attwali tal-implimentazzjoni tas-C-ITS fejn jidher li l-effetti fuq il-kundizzjonijiet soċjali u/jew tal-impjieg ikunu insinifikanti jew ma jkun hemm l-ebda, sabiex tiġi stabbilita klima ta' fiduċja minħabba l-effetti ferm iżjed sinifikanti li se tiġġenera l-introduzzjoni tal-karozzi awtomatiċi. Il-KESE f'dan il-kuntest ukoll, jiġbed l-attenzjoni lejn l-importanza tal-privatezza u l-ħtieġa li jiġi żgurat li d-data li tikkonċerna l-privatezza ma tintużax għal finijiet għajr dawk ta' C-ITS mingħajr kunsens. Għandu jiġu żviluppat qafas speċifiku u legalment vinkolanti dwar din il-kwistjoni.

4.3 Il-KESE jieħu nota b'mod favorevoli tal-attenzjoni mogħtija lis-sigurtà, inkluż ir-riskju ta' hacking u ċiberattakki. Skont il-KESE, din hija kwistjoni importanti ħafna u huwa ferm importanti li standards daqstant għoljin ta' sigurtà jiġu applikati fl-Istati Membri kollha u abbażi ta' arranġamenti potenzjali ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-obbligu li ssir pubbliċità b'rabta mal-miżuri relatati mas-sigurtà jista' jdgħajjef l-għan proprju ta' sistemi bħal dawn.

4.4 Il-KESE jenfasizza l-importanza tal-kontinwità meta jiġu implimentati sistemi ta' komunikazzjoni sabiex kemm jista' jkun jiġi evitat it-telf ta' investimenti.

Brussell, il-31 ta' Mejju 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar:**

**il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-suq intern għall-elettriku (riformulazzjoni)"**

*(COM(2016) 861 final — 2016-379-(COD))*

**il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2005/89/KE"**

*(COM(2016) 862 final — 2016-377-(COD))*

**il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (riformulazzjoni)"**

*(COM(2016) 863 final — 2016-378-(COD))*

**u**

**l-"Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku (riformulazzjoni)"**

*(COM(2016) 864 final — 2016-380-(COD))*

(2017/C 288/13)

Relatur: **Alfred GAJDOSIK**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Il-Parlament Ewropew, 16.1.2017 |
| | Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 19.1.2017 |
| Bażi ġuridika | Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | It-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni |
| Adottata fis-sezzjoni | 16.5.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 31.5.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 185/2/2 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal disinn tas-suq ġdid, regolament dwar it-tħejjija għar-riskji u l-organizzazzjoni l-ġdida tal-kooperazzjoni tar-regolaturi tal-enerġija. Dawn huma pass ieħor minn swieq regolati nazzjonali lejn approċċ ibbażat fuq is-suq għall-elettriku fl-UE li jiggarantixxu s-sigurtà tal-provvista bl-aktar spejjeż baxxi possibbli li jissodisfaw l-interessi ewlenin tal-konsumaturi Ewropej kollha tal-elettriku, inklużi entitajiet industrijali, kummerċjali u residenzjali. Madankollu, dan l-għan se jintlaħaq biss jekk ikun bidla fl-orjentament lejn iżjed elettrifikazzjoni tal-ekonomija, li hija l-aktar għażla effikaċi u flessibbli għall-implimentazzjoni tiegħu.

1.2 Skont opinjonijiet preċedenti, il-Kumitat jenfasizza li swieq tal-elettriku li jiffunzjonaw sew huma prekundizzjoni biex jiġu ssodisfati l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija [1]. Il-KESE jaqbel mal-opinjoni tal-Kummissjoni li biex is-suq jiffunzjona tajjeb, huma meħtieġa bidliet sinifikanti fid-disinn tas-suq, b'mod partikolari minħabba l-użu dejjem akbar tal-elettriku rinnovabbli varjabbli [2]. L-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-suq eżistenti mhijiex se tgħin. Huwa meħtieġ

[1] ĠU C 383, 17.11.2015, p. 84, ĠU C 264, 20.7.2016, p. 117.
[2] Ara wkoll l-opinjoni TEN/626 "L-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija 2016" (100).

suq ġdid. Il-Kumitat iqis it-tfassil ġenerali tal-pakkett tad-disinn tas-suq bħala tweġiba tajba għall-ħtieġa ta' dawn il-bidliet, billi jwitti t-triq għal tranżizzjoni tal-enerġija kosteffettiva u finanzjarjament vijabbli.

1.3 Il-KESE japprezza l-approċċ ġenerali tal-pakkett tad-disinn tas-suq, b'mod speċjali l-għanijiet li l-konsumaturi jitqiegħdu fil-qalba tas-suq tal-enerġija, li tiżdied il-provvista tal-elettriku u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali. L-adattament rispettiv tar-regoli tas-suq u tal-qafas regolatorju huwa pass importanti lejn provvista stabbli ta' enerġija nadifa lill-konsumaturi Ewropej kollha bl-aktar prezzijiet baxxi possibbli. Minkejja dan, għad hemm lok għal aktar titjib f'xi punti. B'mod partikolari, huma meħtieġa aktar regoli speċifiċi ([3]).

1.4 Id-dekarbonizzazzjoni hija waħda mill-objettivi strateġiċi tal-Unjoni tal-Enerġija u għalhekk għandu jiġi appoġġjat l-għan li tingħata spinta lill-investiment fid-dekarbonizzazzjoni tas-suq tal-elettriku. Madankollu, l-aħjar mod kif din titmexxa 'l quddiem huwa permezz ta' kundizzjonijiet tas-suq ugwali u ġusti kemm għall-konsumaturi kif ukoll għat-tranżizzjoni ekoloġika. L-internalizzazzjoni sħiħa tal-ispejjeż esterni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku konvenzjonali li tinkludi ħsara relatata mat-tibdil fil-klima u ħsara lis-saħħa tal-bniedem hija kruċjali għal dekarbonizzazzjoni effiċjenti u effettiva. Tassazzjoni xierqa hija l-aħjar approċċ sabiex l-investimenti jitmexxew lejn elettriku ekoloġiku.

1.5 Il-KESE jappoġġja bil-qawwa li jiġi stipulat li l-konsumaturi kollha, inklużi l-industrija, l-intrapriżi kummerċjali u l-unitajiet domestiċi privati, ikollhom dritt biex jiġġeneraw, jaħżnu u jikkumerċjalizzaw l-enerġija huma stess u li l-komunitajiet ta' enerġija lokali jkollhom dritt jappoġġjaw, jiżviluppaw jew jikru netwerks komunitarji. Madankollu, huma meħtieġa aktar regoli speċifiċi li jagħmluha possibbli li jiġu ddikjarati dawn id-drittijiet u li jingħelbu l-ostakoli eżistenti (aċċess għall-grilja, tariffi mhux ġusti u mhux xierqa fuq il-grilja, ostakoli legali u amministrattivi eċċ.).

1.6 Barra minn hekk, l-objettiv irid ikun li l-konsumaturi Ewropej ikollhom l-opportunità li jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq tal-elettriku kollu, u b'hekk fil-kummerċ u l-provvista tal-elettriku. Ir-regoli speċifiċi li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa għal dan huma neqsin fil-proposti tal-Kummissjoni. Jeħtieġ li jiġu żviluppati postijiet tan-negozjar u strutturi tan-negozjar deċentralizzati li jiftħu l-possibbiltajiet għan-negozjar dirett ta' anke unitajiet ta' enerġija żgħar. Filwaqt li d-deċentralizzazzjoni tal-provvista tal-enerġija u tal-elettriku u tan-negozjar hija prekwiżit għall-integrazzjoni sħiħa tal-konsumaturi fis-suq, id-deċentralizzazzjoni ma tfissirx frammentazzjoni tas-suq tal-elettriku Ewropew.

1.7 Filwaqt li l-Kummissjoni tindirizza b'mod korrett l-għan li jissaħħu s-swieq ta' terminu qasir, fit-tul dan mhux se jkun biżżejjed biex l-investiment fl-elettriku rinnovabbli jkun ibbażat fuq mekkaniżmi tas-suq. Għal dan il-għan, l-elettriku rinnovabbli għandu jkollu l-opportunità li jiġi kkumerċjalizzat ukoll permezz ta' kummerċ "forward" u futur fi swieq deċentralizzati li se jsir possibbli biss jekk jiġu kkumerċjalizzati prodotti tal-ibbilanċjar bl-użu ta' għażliet flessibbli.

1.8 Billi l-problema f'ħafna pajjiżi Ewropej illum mhijiex in-nuqqas tal-ġenerazzjoni tal-kapaċità imma l-eċċess fil-kapaċità, il-mekkaniżmi tal-kapaċità għandhom jintużaw biss bħala soluzzjoni ta' terminu qasir jekk il-prodotti tal-ibbilanċjar ma jkunux jistgħu jipprovdu s-sigurtà meħtieġa ta' provvista meta titqies l-istabbiltà tal-investimenti għall-parteċipanti kollha tas-suq.

1.9 Il-KESE jfakkar li l-problema tal-faqar enerġetiku jeħtieġ li titqies għall-politika futura lejn soċjetà b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju. Il-prosum jista' jkun approċċ wieħed biex tiġi indirizzata din il-problema sakemm il-konsumaturi vulnerabbli jkunu jistgħu jkollhom aċċess għall-kapital meħtieġ minn self pubbliku jew mill-għajnuna tal-muniċipalitajiet, reġjuni jew entitajiet oħra bħall-NGOs.

1.10 Il-KESE jenfasizza li minħabba l-iskali tipikament iżgħar tal-ġenerazzjoni tal-elettriku mill-enerġija rinnovabbli u mill-koġenerazzjoni f'impjanti tas-sħana u enerġija kkombinati, il-grilji tad-distribuzzjoni li jaħdmu tajjeb, moderni u intelliġenti qed isiru dejjem aktar importanti. Ir-regolamentazzjoni nazzjonali trid tippermetti u tinkoraġġixxi lill-operaturi tal-grilja jwettqu l-investimenti meħtieġa. Barra minn hekk, huma meħtieġa investimenti fit-titjib tal-interkonnessjoni tal-grilji tal-elettriku nazzjonali. It-tnejn se jgħinu biex tiġi żgurata l-provvista tal-enerġija u se joħolqu postijiet tax-xogħol ġodda fl-Ewropa.

([3]) Ara wkoll l-opinjoni TEN/624 "Il-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għal Kulħadd" (għadha mhux ippubblikata fil-ĠU).

1.11 Il-KESE jenfasizza li l-objettiv li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà tal-provvista tal-elettriku, f'ambjent ta' suq fejn il-konsumaturi jaqdu rwol ċentrali, jitlob b'insistenza l-użu intensiv tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICTs), metodi ta' ppjanar ġodda u għodod ġodda għat-tħaddim tas-sistema tal-elettriku, li flimkien jippermettu, f'ħin reali, l-identifikar tal-ħtiġijiet tal-konsumaturi u tan-netwerks, u dan jirrikjedi investimenti kbar fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (ara l-punt 3.13).

1.12 F'termini ta' flessibilità, l-elettromobbiltà, il-ħżin u għażliet oħra ta' bilanċjar, il-KESE jappoġġja l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li tagħti prerogattiva lill-atturi tas-suq indipendenti sabiex jiżviluppaw dawn is-swieq importanti qabel l-operaturi tal-grilja jitħallew jassumu r-rwol bħala maniġer jew operatur tal-installazzjonijiet rispettivi.

## 2. **Kontenut tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni**

2.1 Fil-pakkett propost tagħha, il-Kummissjoni tindika: Il-kisba tal-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija tippresumi riforma profonda tas-suq tal-elettriku. L-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-suq eżistenti mhijiex se tgħin. Huwa meħtieġ suq ġdid.

2.2 Il-Kummissjoni Ewropea torjenta l-politika tas-suq il-ġdida tagħha madwar żewġ prinċipji:

— Għandhom jiġu użati r-regoli l-ġodda tas-suq li jirriflettu l-karatteristiċi prinċipali tal-enerġija rinnovabbli – id-deċentralizzazzjoni u l-flessibilità – u li jikkontribwixxu għaż-żieda fis-sigurtà tal-provvista u fil-kosteffettività.

— Il-konsumaturi jenħtieġ li jkunu fiċ-ċentru tas-suq il-ġdid tal-enerġija.

2.3 Il-proposta tal-Kummissjoni tiffoka wkoll fuq il-kwistjoni ta' kif tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista permezz ta' approċċ ta' tħejjija għar-riskji.

2.4 Ir-raba' aspett huwa riforma tas-sorveljanza regolatorja li tiddefinixxi mill-ġdid ir-rwol u l-kompetenzi tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER).

Bħala opinjoni settorjali, din l-opinjoni primarjament se tevalwa t-testi leġislattivi skont il-punt sa fejn jissodisfaw il-prinċipji deskritti fil-punt 2.2. Fl-opinjoni tal-KESE, billi din il-kwistjoni hija trattata prinċipalment fid-dokumenti dwar is-suq intern għall-elettriku (COM(2016) 861 final u COM(2016) 864 final), din l-opinjoni tiffoka b'mod partikolari fuq dawn iż-żewġ dokumenti.

## 3. **Kummenti ġenerali dwar id-disinn tas-suq**

3.1 Għal dekarbonizzazzjoni tas-sistema kollha tal-enerġija, inkluż is-settur tat-tisħin u tal-mobilità, huwa meħtieġ proporzjon korrispondentement għoli ta' enerġija rinnovabbli fil-produzzjoni tal-elettriku. Fuq dan l-isfond, l-approċċ tal-Kummissjoni huwa fundamentalment tajjeb: is-suq tal-elettriku Ewropew irid jiġi żviluppat sabiex ikun kompatibbli mal-enerġija rinnovabbli. Il-KESE japprezza dan l-approċċ ċar bħala pass importanti biex jinkiseb suq tal-elettriku Ewropew li jgħin biex jegħleb l-ostakoli eżistenti bħar-restrizzjonijiet fiżiċi minħabba n-nuqqas ta' interkonnessjonijiet, u d-diversità regolatorja u fiskali bejn l-Istati Membri.

3.2 Kunsiderazzjoni inizjali importanti hija li l-enerġija rinnovabbli varjabbli hija, min-natura proprja tagħha, deċentralizzata; fi kliem ieħor:

— Faċilitajiet ta' riħ fuq l-art u fotovoltajċi huma, bħala medja, ħafna iżgħar mill-unitajiet ta' ġenerazzjoni konvenzjonali.

— L-enerġija mir-riħ fuq l-art u r-radjazzjoni solari hija disponibbli tista' tgħid kullimkien.

— Din tista' tiġi ppjanata b'tali mod li tkun adattata għall-konsum jekk ikun hemm inċentivi tas-suq tajbin fis-seħħ peress li anke jekk wieħed ma jkollux kontroll fuq is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, huwa possibbli li tiġi prevista d-disponibbiltà tagħhom bi preċiżjoni kbira.

Ħafna drabi l-istess karatteristiċi japplikaw għal teknoloġiji oħra bħall-koġenerazzjoni fl-impjanti ta' sħana u enerġija kkombinati li se jkollhom rwol importanti bħala għażliet flessibbli u tal-ibbilanċjar fis-swieq tal-enerġija futuri permezz tal-effiċjenza għolja tagħhom.

3.3 Minn naħa waħda, dawn il-karatteristiċi jagħtu lok għal vantaġġi speċifiċi, li l-Kummissjoni Ewropea ssemmi sa ċertu punt fil-proposti tagħha għad-disinn il-ġdid tas-suq. Madankollu, il-proposta tal-Kummissjoni tista' tkun aktar koerenti u konċiża fir-rigward tal-orjentazzjoni tar-regoli tas-suq madwar dawn il-vantaġġi. F'dan il-kuntest, tinġibed l-attenzjoni għall-opinjonijiet rispettivi tal-KESE fformulati fl-opinjoni "Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli" (TEN/622) ([4]). Il-fatt li l-enerġija rinnovabbli u teknoloġiji deċentralizzati oħra jikkontribwixxu għal likwidità fis-suq li qed tiżdied b'mod sinifikanti huwa partikolarment importanti għad-disinn tas-suq.

3.4 Is-suq tal-enerġija l-ġdid se jkun ikkaratterizzat, kif tenfasizza tajjeb il-Kummissjoni, minn ħafna aktar unitajiet ta' ġenerazzjoni meta mqabbel mal-istruttura ta' ġenerazzjoni konvenzjonali li hija kkaratterizzata minn ammont żgħir ħafna ta' impjanti. Bħala konsegwenza, se jkun hemm żieda sinifikanti fil-varjetà tal-atturi involuti fil-ġenerazzjoni tal-elettriku. Il-parteċipazzjoni aktar attiva tal-konsumaturi għandha rwol vitali f'dan il-każ. Kif irrikonoxxiet il-Kummissjoni fil-proposta tagħha, il-ġenerazzjoni u l-koġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli jippermettu lill-konsumaturi jsiru produtturi.

3.5 Huwa importanti li jiġi nnutat li l-idea li "nagħmlu lill-konsumaturi, konsumaturi attivi" għandha tirreferi għall-kategoriji kollha ta' konsumaturi, inklużi konsumaturi tal-enerġija kummerċjali u industrijali li jistgħu jiksbu ffrankar tal-ispejjeż konsiderevoli permezz ta' investimenti fit-teknoloġija tal-ġenerazzjoni deċentralizzata ddisinjata għall-awtokonsum. L-attivazzjoni tal-konsumaturi għalhekk mhux biss se twassal għal swieq tal-elettriku aktar likwidi, imma wkoll għal aktar impulsi ekonomiċi: l-intrapriżi żgħar u kbar jistgħu jiggwadanjaw minn vantaġġi kompetittivi, il-valur miżjud se jiġi ġġenerat lokalment, jista' jiġi stimulat xogħol ġdid. Min-naħa l-oħra, ħafna unitajiet domestiċi privati m'għandhomx il-mezzi finanzjarji li huma meħtieġa biex isiru prosumaturi. Is-self faċli għall-konsumatur u l-għajnuna attiva tal-muniċipalitajiet u r-reġjuni jistgħu jkunu ta' għajnuna f'dan l-aspett.

3.6 Madankollu, l-attivazzjoni tal-konsumaturi hija mxekkla minn tliet elementi.

3.6.1 L-ewwel, kważi l-ebda spejjeż esterni ta' impjanti tal-faħam u tal-enerġija nukleari mhuma internalizzati. Fost dawn l-ispejjeż, b'mod partikolari għandhom jiġu kkunsidrati dawk għal ħsara fis-saħħa u għal ħsara kkawżata minn tibdil fil-klima. In-noninternalizzazzjoni ta' dawn l-ispejjeż tpoġġi lill-enerġija rinnovabbli li ma tikkawżax effetti esterni paragunabbli fi żvantaġġ kompetittiv sinifikanti. Billi fuq kollox hija l-enerġija rinnovabbli li tippermetti lill-konsumaturi jsiru aktar attivi, irridu nikkonkludu li l-parteċipazzjoni limitata tal-konsumaturi għandha tkun politikament mixtieqa, jew tal-anqas volontarjament ittollerata. L-ebda sforz ma jsir fil-pakkett kollu tax-xitwa biex tiġi rettifikata din id-distorsjoni fis-suq. Id-distorsjoni hija saħansitra akbar peress li n-noninternalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tal-elettriku konvenzjonali żżid il-ħtieġa li l-enerġija rinnovabbli tiġi ssussidjata b'mod qawwi.

3.6.2 Hemm raġuni oħra għaliex it-teknoloġiji deċentralizzati bħall-enerġija rinnovabbli jew l-impjanti ta' sħana u enerġija kkombinati jinsabu fi żvantaġġ sistematiku meta mqabbla mal-impjanti konvenzjonali. Id-disinn eżistenti tas-swieq tal-operaturi jiffavorixxi l-unitajiet ta' ġenerazzjoni fuq skala kbira. Peress li l-medja tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-faċilitajiet ta' sħana u enerġija kkombinati huma ta' skala konsiderevolment iżgħar u għalhekk m'għandhomx l-ekonomiji ta' skala meħtieġa, dawn isofru minn żvantaġġ kompetittiv.

3.6.3 Finalment, ħafna atturi iżgħar ma jistgħux jaċċessaw is-suq tan-negozjar tal-enerġija minħabba restrizzjonijiet legali, regoli amministrattivi u rekwiżiti ta' liċenzjar u burokratiċi. Dan jaffettwa l-unitajiet domestiċi privati daqs kemm jaffettwa lill-konsumaturi kummerċjali u anke dawk industrijali.

3.7 Bir-rieda politika li jsir dan, dawn it-tliet nuqqasijiet tas-suq tal-elettriku attwali jistgħu jiġu rettifikati immedjatament. Madankollu, il-KESE jibża' li r-regoli rispettivi proposti mill-Kummissjoni mhumiex ċari biżżejjed.

3.8 It-tassazzjoni preċiża tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ li jikkonstitwixxu waħda mill-akbar problemi li toħroġ fid-dieher fid-dawl tal-ispejjeż esterni msemmija hawn fuq, hija l-inqas li jeħtieġ li ssir jekk id-distorsjoni tas-suq favur il-ġenerazzjoni tal-elettriku konvenzjonali, kif deskritta fil-punt 3.6.1, trid tiġi eliminata. Il-KESE appella għal dan bosta drabi ([5]).

([4]) Għad mhux ippubblikata fil-ĠU.
([5]) ĠU C 82, 3.3.2016, p. 13.

3.9 Is-suq tal-elettriku għandu jinfetaħ għal strutturi aktar deċentralizzati, speċjalment fir-rigward tan-negozjar sabiex jikkumpensa għall-iżvantaġġi msemmija fil-punti 3.6.2 u 3.6.3.

3.10 Id-deċentralizzazzjoni ma tridx tfisser frammentazzjoni tas-sistema tal-elettriku Ewropea. Is-suppożizzjoni tal-Kummissjoni li l-elettriku għandu jitħalla "jimxi b'mod liberu fejn l-aktar li huwa meħtieġ" hija fundamentalment korretta. Madankollu, huma meħtieġa investimenti b'saħħithom biex itejbu l-interkonnessjonijiet tal-grilji nazzjonali u jrid jiġi żviluppat mudell ta' rifinanzjament li ma jkunx wisq ta' piż għall-konsumaturi.

3.11 Il-ġenerazzjoni tal-elettriku orjentata lejn id-domanda – anke bl-għajnuna tal-għażliet flessibbli u tal-ibbilanċjar bħall-ħażna tal-batteriji, it-tisħin bl-elettriku, il-gass bl-elettriku u l-mezz ta' twassil għall-grilja – hija l-aħjar approċċ biex l-ispejjeż tal-espansjoni tal-grilja jinżammu baxxi kemm jista' jkun. Dan jispjega għaliex il-prosum, it-tranżazzjonijiet diretti bejn il-ġeneraturi u l-konsumaturi tal-elettriku, u t-tisħiħ tal-ibbilanċjar tar-responsabbiltà kif propost mill-Kummissjoni huma għodod importanti li jgħinu biex jipprovdu s-sigurtà tal-provvista.

3.12 Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea ġeneralment tirrifletti dawn il-mekkaniżmi. Il-KESE japprova dan l-approċċ li se jkollu impatt pożittiv b'mod speċjali fuq is-swieq tal-elettriku sottożviluppati li jsofru minn regolamentazzjoni żejda qawwija f'xi Stati Membri.

3.13 F'dan il-kuntest, il-proposta tal-Kummissjoni, madankollu, tinjora b'mod wiesa' l-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni. Id-diġitalizzazzjoni tippermetti li d-data dwar il-konsum u l-produzzjoni tiġi rreġistrata b'mod elettroniku f'livell granulari, sal-iżgħar unitajiet (jiġifieri kilowatts individwali). Ir-reġistrazzjoni ta' profili ta' konsumaturi speċifiċi u individwali permezz ta' arloġġi intelliġenti – u, fil-futur, permezz tal-internet tal-oġġetti – flimkien mal-varjetà ta' parteċipanti fil-ġenerazzjoni tal-enerġija – jagħtu, litteralment, l-opportunità lil kull konsumatur biex isir il-maniġer tal-ibbilanċjar tiegħu stess. Il-programmi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ huma importanti biex jagħtu s-setgħa lil kemm jista' jkun konsumaturi sabiex jaqdu dan ir-rwol u b'hekk jeliminaw l-iżvantaġġ strutturali (jiġifieri likwidità fis-suq limitata) tal-forom deċentralizzati tal-kummerċ, bħal tranżazzjonijiet bejn il-pari.

3.14 Bħala l-ewwel pass, ir-regoli għall-ibbilanċjar tal-elettriku (l-Artikoli 4 u 5 tal-proposta għal Regolament COM (2016) 861 final) jenħtieġ li jiġu adattati sabiex l-unitajiet ta' kejl tal-enerġija jkunu jistgħu jiġu rreġistrati bi grad għoli ta' preċiżjoni tal-ħin. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti swieq ta' terminu qasir speċifiċi għan-negozjar ta' dawn l-iżgħar kwantitajiet ta' enerġija. L-Artikoli 6 u 7 tal-proposta għal Regolament COM(2016) 861 final jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

3.15 B'dispjaċir, il-Kummissjoni Ewropea ma pproponiet l-ebda inizjattiva f'dan ir-rigward. Minflok, l-Artikolu 3 tal-proposta għal Regolament COM(2016) 861 final jiddikjara li l-parteċipazzjoni fis-suq tal-konsumaturi u tan-negozji żgħar għandha tkun tista' ssir permezz tal-aggregaturi. L-aggregaturi huma prinċipalment ġġustifikati biss bl-effetti tal-portafoll u bl-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet. Madankollu, dawn jinqatgħu jekk in-negozjar fl-elettriku kellu jiġi deċentralizzat. Imbagħad il-konsumaturi tal-elettriku u n-negozji ż-żgħar ikollhom l-opportunità li jipparteċipaw b'mod sħiħ u dirett fis-suq tal-elettriku jekk iridu jaqdu rwol attiv u jekk huma kapaċi jagħmlu dan. Huwa evidenti li l-Kummissjoni Ewropea ma tagħmel l-ebda referenza għall-kummerċ fl-elettriku meta titkellem dwar "l-istess livell" fl-Artikolu 3(1)(i).

3.16 F'dan il-kuntest, it-tranżazzjonijiet diretti bejn il-ġeneraturi u l-konsumaturi jidher li huma partikolarment promettenti ekonomikament, għaliex f'sinjal ta' prezz wieħed jistgħu jirriflettu diversi komponenti tal-prezz li – f'kuntrast għas-sitwazzjoni attwali f'ħafna Stati Membri – huma fil-biċċa l-kbira mfassla mis-suq. Pereżempju, is-sinjal tal-prezz ta' tranżazzjonijiet diretti jista' jirrifletti varjetà ta' fatturi, bħal:

— kontribuzzjoni b'rata fissa għall-finanzjament tal-infrastruttura tan-netwerk;

— kontribuzzjoni dinamika, speċifika għat-tranżazzjoni li tirrifletti l-użu ta' servizzi anċillari meħtieġa għat-tranżazzjoni speċifika fil-grilja tal-elettriku;

— primjum tal-kapaċità biex jiffinanzja l-installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni, tal-ħżin u tal-konverżjoni tal-elettriku, soġġett għan-negozjati bejn il-partijiet għat-tranżazzjoni.

3.17 Il-mudelli ta’ negozju għal kummerċ deċentralizzat fl-elettriku mhumiex qed jiġu żviluppati biss f’xi Stati Membri (eż. in-Netherlands u l-Estonja); fil-fatt hemm mudelli ambizzjużi ħafna li diġà qed jintużaw f’diversi swieq barra mill-Ewropa, pereżempju fl-Istati Uniti u fl-Awstralja. B’mod ċar din hija xejra globali. L-Ewropa tista’ biss tisfrutta l-opportunitajiet tal-esportazzjoni tagħha fis-swieq tal-enerġija globali jekk in-negozji Ewropej jiżviluppaw mudelli konvinċenti għal negozjar tal-elettriku deċentralizzat u diġitalizzat. Imma l-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tagħti wkoll lill-kumpaniji tagħha l-opportunità li inizjalment jużaw dawn il-mudelli fil-prattika fis-swieq domestiċi tagħhom.

## 4. **Kummenti speċifiċi dwar aspetti partikolari tal-proposta għal Direttiva COM(2016) 864 final, kif ukoll dwar il-proposti għal Regolament COM(2016) 861 final, COM(2016) 862 final u COM(2016) 863 final**

4.1 Il-KESE jilqa’ l-impenn ċar tal-Kummissjoni Ewropea lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-suq tal-elettriku. Madankollu, fid-dawl tar-raġunament imressaq fil-punt 3.6, ir-restrizzjoni ta’ dispaċċ ta’ prijorità, kif stabbilit fl-Artikolu 11 tal-proposta għal Regolament COM(2016) 861 final, tagħmilha aktar diffiċli biex jintlaħaq dan il-għan tal-anqas sakemm ma jkunx hemm internalizzazzjoni sħiħa tal-ispejjeż esterni mill-ġenerazzjoni tal-elettriku konvenzjonali. Filwaqt li fil-prinċipju huwa tajjeb li tiġi stabbilita n-newtralità teknoloġika bħala regola bażika għall-ġestjoni tad-dispaċċ, din tippreżumi kundizzjonijiet ekwi. Minħabba n-noninternalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku konvenzjonali, m’hemm l-ebda kondizzjoni ekwivalenti ta’ kompetizzjoni. Qabel ifittxu li jrażżnu serjament id-dispaċċ ta’ prijorità kif previst fil-proposta tal-Kummissjoni, għandha tintlaħaq internalizzazzjoni sħiħa tal-ispejjeż esterni.

4.2 Għalhekk għandu jiġi stipulat li għal perjodu limitat, għandu jinżamm dispaċċ ta’ prijorità fl-Istati Membri kollha bi proporzjon ta’ enerġija rinnovabbli ta’ taħt il-15 %. L-Istati Membri bi proporzjon ogħla jenħtieġ li jippreżentaw qafas ta’ dispaċċ korrispondenti lill-Kummissjoni Ewropea għall-konsiderazzjoni. Dan il-qafas ta’ dispaċċ jenħtieġ li ma jfixkilx il-mekkaniżmu tas-suq ħieles għall-emissjonijiet b’karbonju baxx u l-għażliet flessibbli kosteffettivi. Il-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li teżamina dan il-qafas biex tivvaluta jekk hux kapaċi jappoġġja d-dekarbonizzazzjoni.

4.3 Fi kwalunkwe każ, għal politika allinjata, il-valuri de minimis stabbiliti fl-Artikolu 11(3) tal-proposta għal Regolament COM(2016) 861 final għandhom jiġu ssostitwiti min-numri rispettivi previsti (noti marġinali 125 u 127 tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija ([6])) sabiex jippermettu lill-parteċipanti tas-suq żgħar biex jibqgħu jkollhom l-opportunità għal kompetizzjoni ġusta.

4.4 Ir-regoli dwar id-dispaċċ mill-ġdid u t-trażżin skont l-Artikolu 12 tal-proposta għal Regolament COM(2016) 861 final jikkostitwixxu ostakolu ulterjuri għall-għan tad-dekarbonizzazzjoni. Billi, l-impjanti tal-faħam, b’mod partikolari, għandhom spejjeż tal-bidu u tal-għeluq relattivament għoljin, l-operaturi ta’ dawn l-impjanti se jqisu dawn l-ispejjeż fl-offerti tagħhom għad-dispaċċ mill-ġdid. L-installazzjonijiet tal-enerġija mir-riħ u dik solari m’għandhomx dawn l-ispejjeż. Ir-riżultat huwa li b’mod aktar frekwenti l-installazzjonijiet tal-enerġija mir-riħ u solari jitneħħew mill-grilja, u dan jirrappreżenta tfixkil għall-Ewropa f’termini tad-dekarbonizzazzjoni. Għalhekk, id-dispaċċ mill-ġdid ibbażat fuq is-suq jenħtieġ li jiġi limitat għal enerġija mhux rinnovabbli.

4.5 Il-KESE jappoġġja l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea li d-distorsjonijiet tas-suq għandhom jiġu evitati fl-interessi tal-konsumaturi. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tagħmel aktar biex tipprevjeni distorsjonijiet tas-suq attwali u futuri. Il-mekkaniżmi ta’ kapaċità għall-impjanti konvenzjonali tal-enerġija, kif stipulati fir-Regolament COM (2016) 861 final, jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet serji addizzjonali fis-suq, kif tammetti l-Kummissjoni Ewropea nnifisha. Għalhekk, il-mekkaniżmi tal-kapaċità għandhom jidhru bħala l-aħħar għażla biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista u bħala soluzzjoni ta’ terminu qasir. Hemm ħtieġa urġenti għal regoli ferm aktar speċifiċi li jirregolaw meta l-mekkaniżmi tal-kapaċità huma permissibbli.

4.6 Wieħed irid jiftakar li l-elettriku rinnovabbli minn sorsi intermittenti (ir-riħ u r-radjazzjoni solari) bħala tali la jista’ sempliċement jipparteċipa fil-mekkaniżmi tal-kapaċità u lanqas ma jista’ jiġi nnegozjat fi swieq tal-futures. Għalhekk, filwaqt li huwa korrett li jissaħħaħ in-negozjar ta’ ġurnata bil-quddiem u ta’ dakinhar, l-istruttura tal-ispejjeż speċifika tal-enerġija solari u mir-riħ (jiġifieri spejjeż marġinali żero) tfisser li din mhux se twassal għall-finanzjament mill-ġdid tal-investimenti u tal-enerġija rinnovabbli. L-elettriku rinnovabbli għandu jingħata l-opportunità biex isir negozjabbli fis-swieq tal-futuri. L-uniku mod previst biex jinkiseb dan huwa jekk l-enerġija rinnovabbli tkun marbuta ma’ għażliet tal-ibbilanċjar u flessibbli. Minbarra l-ħażna tal-batteriji, dan jinkludi prinċipalment l-għażliet tekniċi bħat-tisħin bl-elettriku u l-gass bl-elettriku ([7]).

([6]) ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1.
([7]) ĠU C 82, 3.3.2016, p. 13.

4.7 Madankollu, hemm fil-fatt ostakoli regolatorji sinifikanti fil-livell tal-Istati Membri u, bħala riżultat, il-prodotti tal-ibbilanċjar bħalissa mhumiex qed isibu mudelli ta' negozju. It-testi leġislattivi dwar id-disinn tas-suq ma joffru l-ebda soluzzjoni f'dan ir-rigward. Bħala minimu, għandu jiżdied test mal-Artikolu 3(1)(f) tal-proposta għal Regolament COM (2016) 861 final sabiex ir-regoli tas-suq u l-qafas ta' dispaċċ li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għandhom jipprovdu inċentiv għall-użu tal-għażliet flessibbli. Dan jista' jgħin ukoll biex tkun solvuta/tiġi evitata l-konġestjoni.

4.8 F'dan il-kuntest, il-KESE jitlob li jiġu stabbiliti prijoritajiet ċari. Għandu jkun possibbli biss li jintużaw mekkaniżmi tal-kapaċità għal impjanti tal-enerġija konvenzjonali jekk l-Istati Membri huma kapaċi juru li t-tkabbir fil-kapaċità ma jistax jiġ rettifikat permezz ta' elettriku rinnovabbli tal-ibbilanċjar bl-għajnuna ta' għażliet flessibbli. Dan l-obbligu jenħtieġ li jiġi inkorporat fl-Artikolu 8 tal-proposta għal Direttiva COM(2016) 864 final, u l-Artikolu 14 tal-proposta għal Regolament COM(2016) 861 final jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

4.9 Kunċetti tal-ibbilanċjar bħal dawn għandhom żewġ vantaġġi addizzjonali. Billi jagħmlu l-elettriku rinnovabbli negozjabbli fis-suq tal-futures, dawn huma attwalment l-uniku għażla li twiegħed li l-investimenti fl-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli jistgħu jiġu ffinanzjati mill-ġdid fis-suq. It-tieni, dawn huma orjentati lokalment, u jagħmlu użu mill-fatt li l-enerġija rinnovabbli hija disponibbli tista' tgħid kullimkien (ara l-punt 3.2) u b'hekk iżidu l-valur miżjud lokali tal-enerġija rinnovabbli.

4.10 Il-produzzjoni deċentralizzata tal-elettriku tista' tiskarika l-grilja jekk ikun hemm disponibbli l-inċentivi tajba bbażati fuq is-suq. Iżda dan mhuwiex il-każ. Il-kalkolu tat-tariffi tan-netwerk (l-Artikolu 16 ta' COM(2016) 861 final), tal-anqas, għandu jiġi emendat sabiex jipprovdi inċentiv għall-ġenerazzjoni qrib tal-konsumaturi li jirrifletti l-użu attwali. B'mod ġenerali, l-ispejjeż speċifiċi tan-netwerk ta' ġenerazzjoni individwali u t-tranżazzjonijiet tal-konsum jistgħu jiġu aċċertati bl-użu ta' arloġġi intelliġenti; il-prinċipju tar-riflessjoni tal-użu attwali jissuġġerixxi li dawn jenħtieġ li jkunu l-bażi għall-kalkolu tat-tariffi tan-netwerk.

4.11 Il-ġenerazzjoni tal-elettriku li hija adattata għall-konsum hija wkoll iffaċilitata permezz ta' żoni preċiżi tal-prezz. Il-KESE għalhekk jappoġġja bis-sħiħ l-opinjonijiet dwar is-suġġett stabbilit fil-Premessa 14 u fl-Artikolu 13 tal-proposta COM (2016) 864 final. Imma jekk it-talba li saret fil-punt 4.10 ma tiġix implimentata, l-effiċjenza miksuba grazzi għal żoni ta' prezzijiet aktar preċiżi tista' titħassar u tintilef minħabba t-tariffi tan-netwerk li jiġu stabbiliti b'mod li ma jirriflettix l-użu attwali. Parametru referenzjarju Ewropew għat-tassazzjoni fuq l-enerġija li jsaħħaħ is-sinjali tal-prezzijiet ikun ta' għajnuna addizzjonali.

4.12 Iż-żoni ta' prezz aktar preċiżi jenħtieġ li ma jinftehmux ħażin bħala li qed jiġi injorat il-bżonn ta' netwerk tal-grilja Ewropew interkonness tajjeb li huwa l-aħjar mod biex tinkiseb sigurtà għolja tal-provvista b'mod kosteffiċjenti.

4.13 Kif imsemmi fil-punt 3.14, il-ftuħ tal-kummerċ fl-elettriku għall-konsumaturi u l-prosumaturi huwa importanti għall-parteċipazzjoni sħiħa fis-suq tal-enerġija. Għalhekk, l-Artikolu 3 tal-proposta għal Direttiva COM(2016) 864 final jenħtieġ li jiġi ċċarat. Il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi, li hija limitata fl-Artikolu 3(1) għall-ġenerazzjoni, il-ħżin, u l-elettromobbiltà, trid tinkludi wkoll in-negozjar fl-elettriku. Fl-Artikolu 3(2), l-ostakoli għad-dħul fis-suq jenħtieġ li jiġu ddefiniti b'mod aktar ċar. B'segwitu għall-punt 3.6.3 ta' din l-opinjoni, dawn l-ostakoli prinċipalment jinkludu l-ekonomiji ta' skala u l-ostakoli amministrattivi.

4.14 Mod wieħed kif jiġu mmitigati dawn l-ostakoli huwa li l-Istati Membri jistabbilixxu strutturi ta' negozjar speċjali għall-produtturi ż-żgħar, il-konsumaturi u l-prosumaturi. L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija jenħtieġ li tkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan ir-rekwiżit. Barra minn hekk, ir-regoli ssimplifikati tal-kontabbiltà għall-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi-produtturi żgħar jistgħu jiġu inkorporati fl-Artikolu 4 tal-proposta għal Regolament COM(2016) 861 final. Finalment, il-kelma "jinnegozjaw" jenħtieġ li tissostitwixxi l-kelma "ibigħu" fl-Artikolu 15(1)(a) tal-proposta għal Direttiva COM(2016) 864 final.

4.15 F'termini tal-faqar enerġetiku (il-Premessa 14 u l-Artikolu 5 tal-proposta għal Direttiva COM(2016) 864 final u l-Artikoli 28 u 29 tal-proposta għal Regolament COM(2016) 861 final): il-KESE ddikjara b'mod ċar bosta drabi li hija l-problema tal-faqar enerġetiku li jeħtieġ li tissolva u li l-azzjonijiet ta' politika futuri lejn soċjetà b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju jridu jqisu din il-problema. Fil-fatt, il-KESE jappoġġja l-pożizzjoni li l-Kumitat ippronunzja fl-opinjoni preċedenti tiegħu dwar din il-kwistjoni ([8]). F'dan ir-rigward il-KESE jappoġġja wkoll il-pożizzjoni tal-Kummissjoni u proposti speċifiċi. Madankollu, il-KESE jenfasizza l-fehma stabbilita f'opinjonijiet preċedenti ([9]) li l-enerġija rinnovabbli u l-prosum b'mod partikolari jistgħu, f'xi ċirkostanzi, ikunu metodu sostenibbli biex jiġi evitat il-faqar enerġetiku fit-tul jekk jingħata self pubbliku u aċċess aħjar għall-kapital bl-għajnuna tal-awtoritajiet lokali bħar-reġjuni jew il-muniċipalitajiet jew l-atturi privati bħall-NGOs lil konsumaturi vulnerabbli. L-importanza tar-regoli dwar il-konsumaturi attivi u l-komunitajiet tal-enerġija lokali stabbiliti fl-Artikoli 15 u 16 tal-proposta għal Direttiva COM(2016) 864 final jenħtieġ li jinftiehmu wkoll f'dan il-kuntest. Il-prosum bħala mod potenzjali biex jiġi evitat il-faqar enerġetiku għandu jissemma b'mod speċifiku fl-Artikolu 5(2) tal-proposta għal Direttiva COM(2016) 864 final.

4.16 Fir-rigward tad-drittijiet tal-konsumaturi: il-KESE jilqa' l-fatt li l-emanċipazzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur għandhom kapitolu ddedikat għalihom stess fil-proposta għal Direttiva COM(2016) 864 final. L-Artikolu 10 għandu jiddikjara wkoll b'mod espliċitu li l-konsumaturi għandu jkollhom id-dritt kemm għal preferenzi speċifiċi għall-istat fir-rigward tal-provvista tal-elettriku tagħhom kif ukoll biex jiġi żgurat li preferenzi bħal dawn jiġu rrispettati. Jenħtieġ li jiżdied test mal-Artikolu 15(1)(b) li jgħid li t-tariffi tan-netwerk iridu jkunu speċifiċi, sabiex il-konsumaturi jkollhom iħallsu biss l-ispejjeż speċifiċi tan-netwerk li jkunu ġew ikkawżati mill-attività individwali tagħhom stess, jiġifieri minħabba l-ġenerazzjoni, il-ħżin, il-konsum jew il-kummerċ tal-elettriku. Barra minn hekk, is-sistema tat-tariffi tan-netwerk għandha tinċentiva attivitajiet li huma "tajbin għall-grilja" bħal trasferiment tat-tagħbija, awtokonsum jew ħżin. L-Istati Membri jridu juru kif jinħadem dan il-kalkolu tat-tariffi tan-netwerk skont l-użu attwali. F'dan il-kuntest, il-prevedibbiltà hija ta' importanza ewlenija għall-konsumaturi sabiex jagħmlu l-investimenti rispettivi.

4.17 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Artikolu 16 tal-proposta għal Direttiva COM(2016) 864 final jiddefinixxi l-komunitajiet tal-enerġija lokali u jagħtihom drittijiet korrispondenti. Il-Kumitat innifsu talab dan fl-opinjoni tiegħu "Kooperattivi tal-prosumaturi fil-qasam tal-enerġija u l-elettriku" ([10]). Minkejja dan, it-tariffi msemmija fl-Artikolu 16(1)(d) għandhom jirriflettu l-użu attwali – jiġifieri skont l-istess prinċipju kif stabbilit fil-punt 4.16 ta' din l-opinjoni fir-rigward tal-Artikolu 15 tal-proposta għal Direttiva COM(2016) 864 final.

4.18 Filwaqt li japprova li l-komunità tal-enerġija hija intitolata topera n-netwerks tagħha stess, il-KESE jargumenta li l-komunitajiet tal-enerġija għandhom ikunu intitolati wkoll joperaw bħala fornitur bażiku. F'dawk il-każijiet id-dmirijiet rispettivi kollha għandhom jiġu applikati għalihom.

4.19 L-Artikoli 15 u 16 tal-proposta għal Direttiva COM(2016) 864 final jimmeritaw twissija: sabiex il-konsumaturi jkunu aktar attivi u jinħolqu komunitajiet tal-enerġija lokali huwa meħtieġ li tintuża l-enerġija rinnovabbli. Jekk il-problemi deskritti fil-punt 3.6 u n-nuqqasijiet fil-proposta dwar l-Enerġiji Rinnovabbli ([11]) ma jiġux irrimedjati, il-proċess li bih il-konsumaturi, kif ukoll il-komunitajiet tal-enerġija lokali, isiru aktar attivi, se jiddgħajjef b'mod konsiderevoli – u anke jiġi pperikolat.

4.20 Fir-rigward tad-data minn arloġġi intelliġenti: kif dettaljat fil-punt 3.13 ta' din l-opinjoni, id-diġitalizzazzjoni tirrappreżenta opportunità kbira. Sadanittant, toħloq ċerti riskji f'termini ta' protezzjoni u sigurtà tad-data. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea tindirizza dan fl-Artikoli 19-23 tal-proposta għal Direttiva COM(2016) 864 final.

4.21 Il-KESE japprova li l-Kummissjoni tagħti r-rilevanza xierqa lill-protezzjoni effettiva tad-data li tiġi ġġenerata fl-arloġġi intelliġenti u li l-istandard tal-UE għall-protezzjoni tad-data għandu japplika wkoll għad-data relatata mal-konsum tal-elettriku. Madankollu, il-ġestjoni tad-data, is-sjieda tad-data u d-data miftuħa huma ttraskurati. Għalhekk, l-Artikolu 23 għandu jiggarantixxi li mingħajr preġudizzju lejn il-protezzjoni u l-privatezza tad-data, id-data ssir disponibbli għall-partijiet interessati kollha f'forma anonimizzata u aggregata biżżejjed. Sabiex jiġi attivat il-potenzjal kollu tad-diġitalizzazzjoni, huma meħtieġa edukazzjoni u taħriġ li jindirizzaw l-illiteriżmu diġitali u l-esklużjoni tal-konsumaturi.

([8]) ĠU C 341, 21.11.2013, p. 21.
([9]) ĠU C 198, 10.7.2013, p. 1; ĠU C 34, 2.2.2017, p. 44; ĠU C 82, 3.3.2016, p. 13.
([10]) ĠU C 34, 2.2.2017, p. 44.
([11]) Ara wkoll l-opinjoni TEN/622 "Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-effiċjenza fl-enerġija" (għadha mhux ippubblikata fil-ĠU).

4.22 Fir-rigward tar-rwol tal-operaturi tan-netwerk: id-deċentralizzazzjoni ġeneralment tfisser li n-netwerks tad-distribuzzjoni se jiggwadanjaw importanza strateġika daqs l-interkonnessjoni tal-grilji nazzjonali. Huwa ta' importanza kruċjali li l-Istati Membri jiżviluppaw qafas li jagħti lill-operaturi tan-netwerk inċentivi effettivi u effiċjenti għall-investimenti fit-titjib tan-netwerks tal-elettriku Ewropej. Dan jistimola wkoll it-tkabbir ekonomiku u jiġġenera postijiet tax-xogħol addizzjonali. Fuq dan l-isfond, il-KESE japprova l-proposta tal-Kummissjoni li ssaħħaħ il-kompetenzi tal-ACER li jenħtieġ li tissorvelja l-politiki nazzjonali f'dan ir-rigward.

4.23 L-Artikoli 32, 33 u 36 tal-proposta għal Direttiva COM(2016) 864 final jagħtu lill-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni drittijiet kondizzjonali fir-rigward tal-operazzjoni ta' għażliet flessibbli u ta' punti tal-iċċarġjar għal karozzi elettriċi. Filwaqt li l-KESE jilqa' l-progress mingħajr dewmien f'termini ta' flessibilità, elettromobbiltà u l-penetrazzjoni tas-suq tal-faċilitajiet tal-ħżin, huwa importanti li l-prerogattiva għall-atturi tas-suq indipendenti kif propost mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha jkollha effett reali u tiġi rrispettata mill-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni u mir-regolaturi nazzjonali. L-istess huwa veru għall-operazzjoni tal-ħżin mill-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni (l-Artikolu 54 tal-proposta għal Direttiva COM(2016) 864 final).

4.24 L-istabbiliment ta' organizzazzjoni Ewropea għall-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni (entità DSO tal-UE), kif stabbilit fl-Artikolu 50 tal-proposta għal Regolament COM(2016) 861 final, m'għandux jirriżulta fi stabbiliment awtonomu tal-kodiċijiet tan-netwerk, għaliex dan isaħħaħ aktar is-saħħa potenzjali fis-suq tal-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni. Il-kompetenzi sabiex jiġi żviluppat qafas xieraq għandhom jingħataw lil ACER u f'dan ir-rigward għandhom jissaħħu r-regolaturi nazzjonali.

Brussell, il-31 ta' Mejju 2017.

*President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment — It-Tieni Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija"**

*(COM(2017) 53 final)*

**u dwar ir-"Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Rapport ta' Progress dwar l-Enerġija Rinnovabbli"**

*(COM(2017) 57 final)*

(2017/C 288/14)

Relatur: **Tellervo KYLÄ-HARAKKA-RUONALA**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 17.2.2017 |
| Bażi ġuridika | L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | It-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni |
| Adottata fis-sezzjoni | 16.5.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 31.5.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 190/0/1 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' t-Tieni Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija bħala parti mill-proċess tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija. Il-KESE jtenni t-talba tiegħu għal Djalogu mill-qrib dwar l-Enerġija mas-soċjeta ċivili fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali, sabiex jiġu ffaċilitati l-miżuri tanġibbli u jingħataw spinta għal Unjoni tal-Enerġija b'saħħitha.

1.2 Il-KESE minn dejjem ikkunsidra l-idea tal-Unjoni tal-Enerġija bħala ta' importanza kbira ħafna għas-suċċess tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-progress għandu jiġi vvalutat mhux biss f'termini tal-elementi tal-Unjoni tal-Enerġija nnfisha, iżda wkoll f'termini tal-benefiċċji tagħha għaċ-ċittadini u n-negozji, inklużi l-SMEs.

1.3 Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tissorvelja l-progress minn angoli differenti, jiġifieri: il-benefiċċji ekonomiċi, l-iżvilupp ta' impjiegi, il-progress fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini, is-sistema tal-enerġija nnfisha, il-motivaturi politiċi u tas-soċjetà u l-użu ta' strumenti ta' politika.

1.4 Il-KESE jitlob l-adozzjoni mingħajr xkiel tal-inizjattivi mnedija s'issa – l-ewwel u qabel kollox – l-implimentazzjoni f'waqtha tagħhom fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri. Il-pjani nazzjonali huma ta' importanza ewlenija, u l-Istati Membri għandhom iqisu l-implikazzjonijiet inevitabbli tal-miżuri tagħhom fuq pajjiżi oħra.

1.5 Il-KESE jirrimarka li minkejja l-progress li sar, għad hemm nuqqasijiet konsiderevoli f'dak li jirrigwarda l-infrastruttura tal-enerġija u s-swieq tal-enerġija. L-infrastruttura tal-enerġija u l-kapaċità ta' produzzjoni suffiċjenti u affidabbli, is-swieq tal-enerġija li jiffunzjonaw tajjeb u l-effiċjenza fl-enerġija huma l-kontributuri ewlenin għas-sigurtà tal-enerġija. Għal dan il-għan, l-inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali għandhom jitkomplew, flimkien mal-iżvilupp ta' sorsi domestiċi tal-enerġija u d-diversifikazzjoni ġeografika tal-enerġija importata.

1.6 Il-KESE jenfasizza l-importanza li jitkompla jiġi żgurat l-iżvilupp pożittiv fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli. It-tibdil sinifikanti fis-sistema tal-enerġija kkawżat minn żieda rapida fl-enerġija rinnovabbli varjabbli u deċentralizzata jeħtieġ attenzjoni speċjali u għandu jiġi mmaniġġjat b'suċċess.

1.7 Il-KESE jilqa' t-tieni fażi tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) bħala opportunità biex jissaħħaħ l-investiment pubbliku-privat. Fir-rigward tal-investiment privat, attwalment l-inċentivi tas-suq huma dgħajfa, l-aktar minħabba politiki inkoerenti. Sabiex jiġu inkoraġġuti l-investituri privati, huwa imperattiv li jiġi żgurat ambjent ta' investiment prevedibbli, fejn il-karattru fit-tul u stabbli tad-deċiżjonijiet politiċi u tal-leġislazzjoni huwa ta' importanza kruċjali.

1.8 Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni komprensiva tal-istrumenti attwali ta' politika ta' livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, sabiex ikun żgurat li jintużaw għodod xierqa għall-kisba tal-objettivi bl-aktar mod effiċjenti. Għandu jkun hemm aktar fokus fuq l-indirizzar ta' problemi relatati ma' taxxi u imposti li jgħollu l-prezzijiet għall-konsumatur, kif ukoll sussidji li jxekklu s-swieq tal-enerġija u s-sinjali ta' investiment.

1.9 Jistgħu jinkisbu benefiċċji soċjali mill-Unjoni tal-Enerġija permezz tal-ħolqien tax-xogħol u l-użu dirett u indirett tal-enerġija miċ-ċittadini fl-attivitajiet ta' kuljum. Madankollu, il-kisba ta' sistema tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju hija sfida kbira li trid tiġi ġestita b'mod li jiżgura tranżizzjoni ġusta.

1.10 Fir-rigward tat-tmexxija globali tat-tranżizzjoni tal-enerġija nadifa, l-UE għandha tistinka sabiex tiġi massimizzata "l-impronta tal-karbonju" globali pożittiva tagħha, minflok ma tiffoka biss fuq l-emissjonijiet tagħha. Dan jinvolvi l-enfasizzar tar-rwol tal-innovazzjoni u l-politiki ta' kummerċ u investiment, kif ukoll il-ħtieġa li jiġi promoss l-ipprezzar globali tal-karbonju.

## 2. **Sfond**

2.1 Din l-opinjoni tindirizza t-Tieni Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Appendiċi tiegħu, kif ukoll ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Progress tal-Enerġija Rinnovabbli. Dawn id-dokumenti juru l-progress li sar fl-oqsma differenti tal-Unjoni tal-Enerġija u jenfasizzaw kwistjonijiet u oqsma fejn hemm bżonn ta' aktar azzjoni.

2.2 Ir-rapport ewlieni jivvaluta l-istat tal-Unjoni tal-Enerġija mill-perspettivi li ġejjin: it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u effiċjenti fl-enerġija/fir-riżorsi, l-awtonomizzazzjoni tal-konsumatur, infrastruttura valida għall-futur, l-isfida tal-investiment u d-dimensjoni esterna ta' Unjoni tal-Enerġija b'saħħitha. Jevalwa wkoll is-sitwazzjoni fir-rigward tal-ħames pilastri tal-Unjoni tal-Enerġija, jiġifieri, is-sigurtà tal-enerġija, is-suq intern tal-enerġija, l-effiċjenza fl-enerġija, id-dekarbonizzazzjoni u r-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività.

2.3 Ir-rapport jiddeskrivi wkoll il-prospett ta' żjara tal-Unjoni tal-Enerġija mill-Kummissjoni lill-Istati Membri. Iż-żjara hija relatata mat-tħejjija tal-pjani nazzjonali għall-enerġija u l-klima, u għandha wkoll l-għan li tindirizza lill-atturi lokali.

2.4 Ir-rapport separat dwar il-progress tal-enerġija rinnovabbli jiddeskrivi s-sitwazzjoni fl-Istati Membri u f'setturi differenti, jiġifieri fis-setturi tal-elettriku, tat-tisħin u t-tkessiħ u tat-trasport. Jindirizza wkoll l-ostakli amministrattivi għall-introduzzjoni ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli u jiddiskuti s-sostenibbiltà tal-bijokarburanti u tal-bijoenerġija.

2.5 Għall-futur, ir-rapporti jirreferu għall-miżuri proposti mill-Kummissjoni fil-pakkett tagħha "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha" ta' Novembru 2016. Ir-rapport ewlieni jinkludi wkoll pjan direzzjonali aġġornat għall-Unjoni tal-Enerġija, ibbażat fuq il-pjan direzzjonali oriġinali mill-Istrateġija Qafas tal-Unjoni tal-Enerġija tal-2015.

## 3. **Kummenti dwar l-idea prinċipali tal-Unjoni tal-Enerġija**

3.1 Il-KESE minn dejjem ikkunsidra l-idea tal-Unjoni tal-Enerġija bħala ta' importanza kbira ħafna għas-suċċess tal-Unjoni Ewropea. Għal dan il-għan, l-Unjoni tal-Enerġija għandha twieġeb għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini u n-negozji Ewropej.

3.2 Waħda mill-ideat bażiċi wara l-Unjoni tal-Enerġija hija li jiġu massimizzati l-benefiċċji permezz ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Il-koerenza u l-unità politika huma prerekwiżit essenzjali u kruċjali għall-kisba ta' progress sinifikanti. Dan huwa minnu kemm għall-iżvilupp tas-suq uniku tal-enerġija kif ukoll għar-relazzjonijiet tal-enerġija esterni.

3.3 Dan huwa saħansitra aktar importanti issa li l-UE qed tiffaċċja bosta inċertezzi, riskji u theddid fuq livell globali. Fl-istess ħin li tfaċċaw in-nazzjonaliżmu u l-protezzjoniżmu fil-livell domestiku u dawn jistgħu jheddu l-progress tas-suq uniku tal-enerġija. Fl-aqwa tagħha, l-Unjoni tal-Enerġija jista' jkollha rwol importanti fiż-żieda tal-unità globali – u s-saħħa globali konsegwenti – tal-UE.

3.4 Fil-qasam tal-enerġija nnifisha, żviluppi interni u esterni għamlu lill-Unjoni tal-Enerġija aktar rilevanti. Fuq livell intern, l-interdipendenza tal-Istati Membri u r-riperkussjonijiet tal-għażliet tal-enerġija tagħhom fuq xulxin huma viżibbli b'mod ċar fil-ħajja ta' kuljum, filwaqt li x-xena tal-enerġija esterna hija dejjem aktar imprevedibbli.

3.5 Il-KESE jaqbel man-nota tal-Kummissjoni li l-Unjoni tal-Enerġija hija aktar minn sempliċement enerġija u klima. L-Unjoni tal-Enerġija hija waħda mill-komponenti bażiċi tal-iżvilupp ekonomiku, il-ħolqien tax-xogħol u l-benesseri taċ-ċittadini. Kollox ma' kollox, hija kwistjoni tas-sostenibbiltà tal-UE f'termini ta' benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali.

3.6 L-Unjoni tal-Enerġija tista' tiġġenera benefiċċji ekonomiċi b'diversi modi: permezz ta' attivitajiet ekonomiċi li joħolqu valur miżjud billi jużaw l-enerġija bħala fattur fil-produzzjoni, permezz tas-settur tal-enerġija nnifsu, u permezz ta' atturi ekonomiċi li jipprovdu soluzzjonijiet għall-enerġija u l-klima, sew jekk teknoloġiji, servizzi jew inkella mudelli kummerċjali ġodda. Sabiex dan iseħħ, l-Unjoni tal-Enerġija trid tipprovdi ambjent stabbli u favorevoli għall-kumpaniji u l-intrapriżi Ewropej, inklużi kundizzjonijiet għall-kompetittività fl-ispejjeż u divrenzjar innovattiv. Dan għandu jsir bil-għan li jkunu f'pożizzjoni u jiġu mħeġġa jinvestu u jimpjegaw, billi tingħata attenzjoni speċjali lill-potenzjal tal-SMEs.

3.7 Il-benefiċċji soċjali huma riżultat tal-ħolqien tax-xogħol u l-użu dirett u indirett tal-enerġija miċ-ċittadini f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' kuljum. Madankollu, il-kisba ta' sistema tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju hija sfida kbira li trid tiġi ġestita b'mod li jiżgura tranżizzjoni ġusta u l-ħolqien ta' impjiegi diċenti, b'mod partikolari f'reġjuni li kienu dipendenti fuq attivitajiet b'intensità qawwija ta' karbonju. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jiġu inklużi miżuri ta' adattament fil-pjani nazzjonali u jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita dawn l-isforzi.

3.8 Id-disponibbiltà tal-enerġija affordabbli u l-aċċess fiżiku għaliha huma l-element ewlieni sabiex jiġi evitat il-faqar enerġetiku, problema li xxekkel ukoll it-tranżizzjoni miċ-ċittadini lejn soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. L-Osservatorju tal-Faqar Enerġetiku għandu wkoll finalment jibda l-attivitajiet tiegħu. Kif iddikjarat fl-opinjoni tal-KESE dwar l-Ewwel Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija, "Għaċ-ċittadini, is-suċċess tal-Unjoni tal-Enerġija sejjer jitkejjel ukoll minn elementi aktar konkreti, b'mod partikolari l-livell tal-prezzijiet, l-aċċessibbiltà għan-netwerks, is-sigurtà tal-provvista, u l-informazzjoni lill-konsumaturi dwar il-materjal li jużaw".

3.9 Fir-rigward tal-benefiċċji marbuta mal-klima, il-miri tal-enerġija u l-klima spiss jitqiesu li huma objettivi fihom infushom. Madankollu, dawn iridu jitqiesu bħala mezzi sabiex jintlaħaq l-għan finali: l-issodisfar tal-ħtiġijiet taċ-ċittadini u l-ħolqien ta' benesseri ekonomiku b'mod li simultanjament jikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-tibdil fil-klima, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti mill-Ftehim ta' Pariġi. Barra minn hekk, l-Unjoni tal-Enerġija tikkontribwixxi għat-tnaqqis fit-tniġġis fl-arja u b'hekk twassal għal impatti pożittivi fuq is-saħħa.

3.10 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li tgħid li l-Unjoni tal-Enerġija ma tistax tiġi sseparata minn politiki Ewropej prinċipali oħra bħal dawk dwar id-diġitalizzazzjoni, is-swieq u l-investiment kapitali, il-ħiliet, l-ekonomija ċirkolari u s-sigurtà. Il-KESE jenfasizza wkoll ir-rabta mill-qrib bejn l-Unjoni tal-Enerġija u l-politiki tat-trasport. L-aspetti tal-enerġija u l-klima tat-trasport ma għandhomx jiġu indirizzati b'mod separat mill-kwistjonijiet tas-suq tat-trasport.

3.11 Kollox ma' kollox, il-KESE jenfasizza li huma l-kumpaniji, il-ħaddiema, il-konsumaturi u ċ-ċittadini li b'mod ġenerali jagħmlu l-bidliet fil-prattika. Għaldaqstant, il-KESE jtenni t-talba tiegħu biex ikun hemm djalogu mill-qrib dwar l-enerġija mas-soċjetà ċivili. Dan għandu jsir fil-livelli kollha: fir-rigward tat-tfassil ta' politiki fil-livell tal-UE, fit-tħejjija ta' pjani tal-enerġija u l-klima fuq livell nazzjonali u, finalment, fl-iffaċilitar ta' miżuri fuq livell lokali.

## 4. **Kummenti dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija u passi ta' segwitu**

4.1 *L-implimentazzjoni*

4.1.1 Il-Kummissjoni Ewropea ddefiniet l-2016 bħala s-sena tal-konsenja. Il-biċċa l-kbira tal-inizjattivi ppjanati tal-Unjoni tal-Enerġija diġà ġew ippubblikati mill-Kummissjoni Ewropea. Madankollu, il-biċċa l-kbira ta' dawn id-diversi inizjattivi għadhom iridu jiġu adottati u implimentati. Il-KESE jitlob l-adozzjoni mingħajr xkiel ta' dawn l-inizjattivi u – l-ewwel u qabel kollox – l-implimentazzjoni f'waqtha tal-miżuri fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri.

4.1.2 Il-pjani nazzjonali tal-enerġija u l-klima huma parti essenzjali mill-proċess ta' implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija. Filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi differenti fl-Istati Membri, it-tħejjija ta' pjani nazzjonali hija approċċ razzjonali. Il-pjani għandhom jitħejjew b'mod parteċipatorju u kooperattiv. Fl-istess ħin, huwa importanti li jitwaqqaf mekkaniżmu ta' governanza xieraq, sabiex jiġi żgurat li dawn il-pjani mhux biss jiġu implimentati iżda wkoll li jkunu koerenti u konformi mal-objettivi komuni. Għandna niżguraw ukoll li r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri, l-UE u atturi oħra jkunu ċari.

4.1.3 Id-deċiżjonijiet li qegħdin jittieħdu taħt il-qafas tal-Unjoni tal-Enerġija huma fuq terminu twil u parzjalment irreversibbli. Huwa għalhekk li l-KESE jisħaq li matul il-proċess wieħed għandu jżomm f'moħħu l-għanijiet fuq terminu twil. Fl-istess waqt, għandha tiġi żgurata biżżejjed flessibilità kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE, minħabba l-fatt li l-miżuri prattiċi ma jkomplux b'mod lineari minn sena għal oħra u l-fatt li kundizzjonijiet li qegħdin jinbidlu jirrikjedu reazzjonijiet rapidi.

4.1.4 L-implimentazzjoni ta' miri politiċi u leġislazzjoni ma għandhiex tkun l-uniku fokus fil-valutazzjoni tal-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija; minflok il-fokus prinċipali għandu jkun fuq is-sitwazzjoni reali tal-ħajja fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri. Dan huwa partikolarment rilevanti meta wieħed iqis il-kumplessità tal-ħafna objettivi, pilastri u miri numeriċi tal-Unjoni tal-Enerġija. Fir-rapport li jmiss dwar il-progress tal-Unjoni tal-Enerġija, il-KESE jistenna li l-Kummissjoni tiddeskrivi l-progress prattiku li sar u tagħti eżempji dwar proġetti li ġew konklużi b'suċċess, kif ukoll dwar pjani għall-passi li jmiss li jikkontribwixxu għal żieda fl-interkonnettività, swieq li jiffunzjonaw aħjar u adattament soċjali għat-tranżizzjoni.

4.1.5 Peress li l-KESE reċentement ħejja opinjonijiet dwar l-aspetti differenti tal-pakkett ta' "Enerġija nadifa għaċ-ċittadini kollha", hawnhekk qed jirreferi għal dawn l-opinjonijiet, li joffru stampa aktar dettaljata dwar il-governanza u l-oqsma differenti tal-Unjoni tal-Enerġija.

4.2 *L-infrastruttura, l-investiment u s-swieq*

4.2.1 Is-sistema tal-enerġija nnifisha, li hija ċ-ċentru tal-Unjoni tal-Enerġija, għandha tiffunzjona u tiżviluppa kif suppost. Din trid tissodisfa t-tliet objettivi bażiċi – is-sigurtà tal-enerġija, kostijiet u prezzijiet raġonevoli, u mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima – mill-perspettiva kemm taċ-ċittadini kif ukoll tan-negozji.

4.2.2 Is-sigurtà tal-enerġija tibqa' objettiv kruċjali għaliex l-ekonomija moderna u s-soċjetà moderna ma jistgħux jiffunzjonaw, lanqas għal ftit, mingħajr enerġija. L-infrastruttura tal-enerġija u l-kapaċità ta' produzzjoni suffiċjenti u affidabbli, is-swieq tal-enerġija li jiffunzjonaw tajjeb u l-effiċjenza fl-enerġija huma l-kontributuri ewlenin għas-sigurtà tal-enerġija. Is-sigurtà tal-enerġija m'għandhiex titqies bħala sinonimu għall-awtosuffiċjenza enerġetika. Bħal ma huwa l-każ b'komoditajiet oħra, l-iskambju transkonfinali kemm internament kif ukoll esternament effettivament itejjeb is-sigurtà tal-provvista, filwaqt li jgħin biex iżomm il-prezzijiet f'livell kompetittiv. Ma jeskludix il-fatt li hemm raġunijiet politiċi biex tiġi evitata d-dipendenza għolja fuq l-enerġija importata. L-iżvilupp ta' sorsi tal-enerġija domestiċi huwa importanti wkoll mill-perspettiva tal-ħolqien tax-xogħol.

4.2.3 Skont il-Kummissjoni, id-dipendenza fuq l-enerġija importata naqset f'bosta Stati Membri, filwaqt li f'xi oħrajn żdiedet minħabba t-tnaqqis fil-produzzjoni ta' karburanti fossili indiġeni. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri issa jistgħu jissodisfaw id-domanda tagħhom għall-gass permezz ta' mezzi alternattivi grazzi għal interkonnetturi ġodda u terminals tal-LNG. Madankollu, għad hemm il-ħtieġa għal investiment fl-infrastruttura, kif ukoll għad-diplomazija tal-enerġija, li hija waħda mill-mekkaniżmi oriġinali disponibbli biex jgħinu fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija. Hawnhekk il-KESE jirreferi għall-opinjoni preċedenti tiegħu dwar dawn il-kwistjonijiet.

4.2.4 Fir-rigward tas-suq uniku tal-enerġija, għad hemm ostakli regolatorji u infrastrutturali li jxekklu l-kompetizzjoni b'saħħitha u l-fluss liberu b'mod partikolari tal-elettriku. Is-sistema tal-enerġija għaddejja minn bidliet fundamentali, prinċipalment minħabba l-introduzzjoni li qiegħda tiżdied b'mod rapidu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli varjabbli u deċentralizzati. Il-kooperazzjoni reġjonali u qafas regolatorju komuni adegwat huma meħtieġa biex jintlaqgħu l-isfidi dejjem akbar, minħabba l-fatt li l-miżuri mwettqa fi Stat Membru wieħed għandhom implikazzjonijiet tanġibbli – tal-anqas fil-pajjiżi ġirien. L-inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali bħall-BEMIP (Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku) u s-CESEC (Konnettività tal-Gass fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk) huma ewlenin biex jindirizzaw l-ostakli regolatorji u infrastrutturali.

4.2.5 L-iżvilupp tal-ekonomija diġitali għandu effett fundamentali fuq is-sistemi tal-enerġija wkoll. Minbarra l-infrastruttura tal-enerġija, trid titwaqqaf infrastruttura diġitali avvanzata. Din tinkludi kejl intelliġenti li se jippermetti grilji enerġetiċi intelliġenti. Id-diġitizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija għandha tkun akkumpanjata wkoll b'miżuri li jsaħħu ċ-ċibersigurtà u jiżguraw protezzjoni ta' data personali, privatezza u kompetenza diġitali adegwata.

4.2.6 Fir-rigward tal-investiment fis-sistema tal-enerġija, hemm bżonn kbir ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija iżda wkoll fl-effiċjenza tal-enerġija, b'mod partikolari bir-rinnovazzjoni ta' bini. Il-KESE jirrikonoxxi l-opportunitajiet ipprovduti mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) u jilqa' t-tieni fażi tiegħu, li għandha l-għan li ssaħħaħ il-kooperazzjoni pubblika-privata. Bl-istess mod, l-Istati Membri għandhom jallokaw ukoll finanzi pubbliċi għal investimenti relatati mal-enerġija.

4.2.7 Fir-rigward tal-investiment privat, attwalment l-inċentivi tas-suq huma dgħajfa, l-aktar minħabba politiki inkoerenti. Sabiex jiġu mħeġġa l-investituri privati, huwa essenzjali li jiġi żgurat ambjent ta' investiment stabbli u prevedibbli. Għaldaqstant, il-KESE jenfasizza l-importanza kruċjali ta' deċiżjonijiet politiċi u leġislazzjoni fuq terminu twil u stabbli.

4.2.8 Il-KESE jenfasizza r-rwol dejjem akbar taċ-ċittadini fir-rigward tas-swieq tal-enerġija, inkluż il-prosumeriżmu dejjem jiżdied u l-kooperazzjoni lokali. Għandhom jiġu mħeġġa u msaħħa l-miżuri mmirati lejn il-possibbiltà li l-konsumaturi jaġixxu b'mod aktar konxju u jsiru prosumaturi. Il-KESE qies dawn il-miżuri f'bosta opinjonijiet preċedenti.

4.2.9 Għal dan il-għan, għandha tingħata informazzjoni adegwata u li tinftiehem faċilment dwar kwistjonijiet tal-enerġija (eż. it-tikkettar enerġetiku) lil ċittadini ta' kull età. Barra minn hekk, jeħtieġ li jitjiebu l-aċċess ġust għas-suq tal-enerġija u l-finanzjament għal proġetti fuq skala żgħira. Is-semplifikazzjoni tal-leġislazzjoni relatata mal-enerġija skont l-inizjattiva REFIT għandha tirriżulta f'benefiċċji tanġibbli għall-konsumaturi tal-enerġija. Għandu jkun hemm aktar fokus fuq l-indirizzar ta' problemi relatati ma' taxxi u imposti li – minkejja l-livell tal-prezzijiet tal-enerġija bl-ingrossa – jgħollu l-prezzijiet tal-konsumatur u għalhekk jikkontribwixxu għall-faqar enerġetiku.

4.3 *L-enerġija rinnovabbli u d-dekarbonizzazzjoni*

4.3.1 Il-KESE jilqa' r-Rapport separat tal-Kummissjoni dwar il-Progress tal-Enerġija Rinnovabbli u ġeneralment jaqbel mal-analiżi u l-isfidi ppreżentati. Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet, il-Kumitat jirreferi għall-opinjonijiet tiegħu dwar aspetti differenti tal-enerġija rinnovabbli mressqa f'numru ta' opinjonijiet preċedenti u reċenti.

4.3.2 Skond ir-rapport, l-UE kollha kemm hi tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tal-2020 għalkemm għad jinħtieġu sforzi ulterjuri. Il-KESE għal darb'oħra jenfasizza l-importanza li jitkompla l-iżvilupp pożittiv f'dan il-qasam. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-tisħin u t-tkessiħ huwa l-akbar settur f'termini tal-użu assolut tal-enerġija rinnovabbli. Il-KESE jenfasizza wkoll ir-rwol deċisiv tat-trasport fil-kisba tal-miri tal-emissjonijiet fuq terminu twil li joffru sfidi u japprova l-iżvilupp tal-elettriku rinnovabbli u bijokarburanti avvanzati bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet tat-trasport.

4.3.3 Ir-rapport jindika li għad hemm ostakli amministrattivi notevoli biex jiġu stabbiliti proġetti tal-enerġija rinnovabbli. Dawn jirrelataw ma' one-stop shops, applikazzjonijiet onlajn, limiti ta' żmien għall-proċeduri, il-faċilitazzjoni ta' proġetti fuq skala żgħira u l-identifikazzjoni ta' siti xierqa. Il-KESE jitlob li jkun hemm miżuri fil-pront biex jiġu indirizzati dawn l-ostakli, li huma komuni f'oqsma oħra wkoll.

4.3.4 Il-KESE jilqa' l-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-UE wkoll miexja fit-triq it-tajba biex tilħaq il-miri tal-effiċjenza fl-enerġija u tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-2020. Fir-rigward tal-istrumenti ta' politika li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, l-użu mhux xieraq ta' sussidji (inklużi ċertifikati ekoloġiċi), l-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet u t-taxxi wasslu għal azzjoni ineffiċjenti u riżultati inferjuri, minħabba n-nuqqas ta' sinjali tas-suq li jinkoraġġixxu l-investiment fl-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.

4.3.5 Il-KESE għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel valutazzjoni komprensiva tal-istrumenti ta' politika ta' livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju attwali, sabiex ikun żgurat li jintużaw għodod xierqa għall-kisba tal-objettivi bl-aktar mod effiċjenti u mingħajr piż żejjed fuq l-utenti tal-enerġija.

4.3.6 Il-KESE japprova l-objettiv li tiġi żgurata tmexxija globali tat-tranżizzjoni għall-enerġija nadifa u b'hekk jinħolqu opportunitajiet ta' negozju u impjiegi. F'dan ir-rigward, l-UE għandha tistinka sabiex timmassimizza l-impronta tal-karbonju globali pożittiva tagħha, minflok ma tiffoka biss fuq l-emissjonijiet tagħha. Dan jista' jinkiseb permezz tal-iżvilupp u l-esportazzjoni ta' soluzzjonijiet għall-klima u prodotti magħmula b'inqas emissjonijiet minn dawk magħmula minn kompetituri barra l-UE, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-kompetizzjoni globali hija ħarxa.

4.3.7 Tmexxija globali tirrikjedi aktar investiment fl-innovazzjoni, b'mod partikolari mis-settur pubbliku li s-sehem tiegħu naqas. Il-KESE jenfasizza wkoll ir-rwol tal-politiki ta' kummerċ u investiment fit-twassil ta' soluzzjonijiet għall-enerġija u l-klima. Sistema globali tal-ipprezzar tal-karbonju hija meħtieġa sabiex tagħti spinta lill-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju b'mod newtrali u effiċjenti. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni sabiex timpenja ruħha b'mod attiv għal dan it-tip ta' mekkaniżmu, li joħloq kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal kumpaniji Ewropej fis-swieq tal-esportazzjoni u fir-rigward ta' beni importati.

5. **Kummenti dwar il-mekkaniżmu u l-indikaturi ta' monitoraġġ**

5.1 Peress li l-evalwazzjoni tal-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija hija bbażata fuq ċerti indikaturi ewlenin, huwa importanti li jiġi żgurat li l-indikaturi huma dawk l-aktar rilevanti. Il-KESE jilqa' l-pjani tal-Kummissjoni li tiżviluppa l-indikaturi aktar, pereżempju indikaturi li jkejlu l-awtonimizzazzjoni tal-konsumatur. Fl-opinjoni tiegħu dwar l-Ewwel Rapport tal-istat tal-Unjoni tal-Enerġija, il-KESE stieden lill-Kummissjoni tinkludi l-aspetti soċjali fost il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija u l-impatt tat-tranżizzjoni tal-enerġija.

5.2 Attwalment, il-monitoraġġ huwa primarjament ibbażat fuq il-ħames pilastri tal-Unjoni tal-Enerġija u l-miri politiċi u regolatorji korrispondenti. Filwaqt li jqis li "tieħu dak li tkejjel", il-KESE jenfasizza l-ħtieġa tal-monitoraġġ tal-progress li sar għall-kisba tal-objettivi fundamentali tal-Unjoni tal-Enerġija, jiġifieri, il-benefiċċji li ġġib magħha għaċ-ċittadini u n-negozji, u b'konsegwenza għall-futur tal-UE.

5.3 Għaldaqstant, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex issegwi l-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi relatati mal-enerġija, sabiex tiddeskrivi l-valur ekonomiku tal-Unjoni tal-Enerġija. Bl-istess mod, għandu jiġi mmonitorjat il-progress li sar fuq xogħlijiet relatati mal-enerġija. Dan għandu jinkludi wkoll il-valutazzjoni ta' "rilokazzjoni" potenzjali tal-investiment u l-impjieg.

5.4 Biex l-Unjoni tal-Enerġija tkun eqreb taċ-ċittadini, il-KESE jqis li huwa importanti li jiġi mmonitorjat u kkomunikat il-progress mill-perspettiva tal-ħajja ta' kuljum tal-konsumaturi. Dan jinkludi li jitqiesu: il-kontijiet tal-enerġija, l-informazzjoni dwar il-prodotti relatati mal-enerġija, l-użu tal-produzzjoni tal-enerġija lokali u deċentralizzata, il-kejl intelliġenti, l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi, l-assistenza finanzjarja għall-prosumaturi u l-inċentivi tal-effiċjenza fl-enerġija għar-rinnovazzjoni tad-djar eċċ.

5.5 Sabiex jiġu segwiti l-motivaturi soċjetali, il-bidliet fil-perċezzjoni ta' kwistjonijiet tal-enerġja jistgħu jiġu mmonitorjati, inkluż: it-tħassib dejjem akbar dwar it-tniġġis tal-arja, aktar interess f'opportunitajiet ta' xogħol relatati mal-enerġija, l-implikazzjonijiet ta' żviluppi teknoloġiċi u l-preżenza ta' parteċipanti ġodda.

5.6 Ikun utli wkoll li ssir valutazzjoni tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri f'termini ta' jekk jippromovux koerenza jew diverġenza fis-suq intern u f'relazzjonijiet esterni. F'dan ir-rigward, l-aktar kwistjoni sinifikanti hija l-valutazzjoni tal-konsegwenzi tal-Brexit fuq l-Unjoni tal-Enerġija.

5.7 Finalment, l-iżgurar tal-kwalità tad-data huwa parti essenzjali mit-titjib tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ. Id-data għandha tkun f'waqtha, preċiża, komparabbli u affidabbli, u dan se jirrikjedi l-iżvilupp kontinwu tal-metodi ta' ġbir u pproċessar tad-data.

Brussell, il-31 ta' Mejju 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi, mill-uffiċċji u mill-aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu tat-tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE"**

*(COM(2017) 8 final — 2017/0002 (COD))*

(2017/C 288/15)

Relatur: **Jorge PEGADO LIZ**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 26.4.2017 |
| Bażi ġuridika | Artikolu 16(2) tat-TFUE |
| Sezzjoni responsabbli | It-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni |
| Adottata fis-sezzjoni | 16.5.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 31.5.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 161/0/2 |

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-Kummissjoni, permezz tal-proposta li qed tiġi analizzata hawnhekk, tipprovdi tweġiba, b'mod ġeneralment korrett u adegwat, minn perspettiva strettament teknika u ġuridika, għall-bżonn li jiġu adattati r-regoli attwali tar-**Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** [1] **u tad-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni** [2] **dwar il-protezzjoni tad-data personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-uffiċċji tal-Unjoni** skont ir-Regolament Ġenerali l-ġdid dwar il-Protezzjoni tad-Data (RĠPD) [3], li ser ikun applikabbli fl-UE kollha sa mill-25 ta' Mejju 2018.

1.2 Dan ma jwaqqafx lill-KESE milli jfakkar il-kontenut tal-kummenti u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar il-proposta tar-RĠPD, li issa ġiet ittrasformata fir-RĠPD attwali, u jiddispjaċih li din il-verżjoni finali ma kkunsidrathomx bis-sħiħ. Huwa jesprimi wkoll tħassib dwar il-fatt li d-dewmien fl-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tiegħu, meta jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi rapidi f'dan il-qasam, jaggrava ir-riskji tal-approprjazzjoni illeċita tad-data u abbuż fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tagħha, tant li jibża' li l-proposta ser isir antikwata saħansitra qabel ma tiġi implimentata. Fid-dawl tal-fatt li l-proposta li qed tiġi indirizzata hawnhekk hija adattament tar-RĠPD għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet Ewropej, dan it-tħassib japplika mutatis mutandis għat-test inkwistjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-opaċità tal-lingwaġġ tiegħu, li huwa diffiċli biex jinftiehem miċ-ċittadin medju.

1.3 Min-naħa l-oħra, il-KESE jqis li dak li qed jiġri fl-istituzzjonijiet tal-UE għandu jittieħed bħala eżempju għall-proċeduri fil-livell nazzjonali u għalhekk iqis li hija meħtieġa attenzjoni speċjali fit-tfassil tal-proposta inkwistjoni.

1.4 F'dan ir-rigward, il-KESE huwa tal-fehma li aspetti bħall-formulazzjoni tal-proposta inkwistjoni fir-rigward tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, it-trattament ta' sitwazzjonijiet ta' fastidju, il-bullying ċibernetiku u l-iżvelar ta' informazzjoni protetta fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE, l-applikazzjoni tagħha fir-rigward tal-internet tal-oġġetti, tal-megadata u tal-użu tal-magni tat-tiftix għall-finijiet ta' aċċess, ħolqien jew użu ta' data personali, kif ukoll l-informazzjoni personali ppubblikata fis-siti web tal-istituzzjonijiet u fin-netwerks soċjali (Facebook, Twitter, Instagram, Linkedin, eċċ.) ġew ittrattati b'mod espliċitu.

[1] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[2] ĠU L 183, 12.7.2002, p. 1.
[3] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 119 tal-4.5.2016, p. 1).

1.5 Bl-istess mod, il-KESE kien japprezza kieku l-proposta indirizzat it-termini tas-sigurtà tas-sistemi tal-informazzjoni li jappoġġjaw l-ipproċessar tad-data u s-salvagwardji kontra l-attakki ċibernetiċi u t-tbagħbis jew l-iżvelar illeċitu ta' din id-data. B'hekk tiġi żgurata n-newtralità teknoloġika tagħha, mhux biss billi niddependu minn regoli interni speċifiċi għal kull servizz. Huwa jixtieq ukoll li tiġi ċċarata iżjed ir-relazzjoni bejn il-protezzjoni tad-data u l-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu, mingħajr ma dan ikun ifisser l-adozzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza sproporzjonati jew eċċessivi u fi kwalunkwe każ dejjem taħt il-kontroll tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD).

1.6 Kien ikun aktar apprezzat kieku l-proposta ddefinixxiet il-kompetenzi u l-karatteristiċi ta' taħriġ u adegwatezza meħtieġa sabiex persuna tinħatar bħala uffiċjal tal-protezzjoni tad-data, kontrollur tad-data jew proċessur fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE, dejjem taħt il-kontroll u l-monitoraġġ tal-KEPD.

1.7 Il-KESE huwa tal-fehma wkoll li, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tad-data miġbura li taffettwa direttament il-privatezza tas-suġġetti tad-data, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa, u d-data fiskali u oċjali, id-data għandha tkun limitata għal dak li huwa strettament neċessarju għall-finijiet li tkun maħsuba għalihom, u għandha tkun żgurata protezzjoni massima u garanziji massimi fl-ipproċessar tad-data personali li tkun partikolarment sensittiva, abbażi tal-istandards internazzjonali u tal-liġijiet nazzjonali l-aktar avvanzati kif ukoll tal-aħjar prattiki ta' ċerti Stati Membri.

1.8 Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li l-proposta tipprevedi b'mod espliċitu t-tisħiħ tal-mezzi tal-KEPD u l-allokazzjoni ta' persunal suffiċjenti kif ukoll livell għoli ta' għarfien u kompetenza teknika fil-qasam tal-protezzjoni tad-data.

1.9 Il-KESE jafferma mill-ġdid, għal darb'oħra, il-ħtieġa li d-data tal-persuni kollettivi (impriżi, NGOs, kumpaniji kummerċjali, eċċ.) li jkunu kkostitwiti legalment ikunu wkoll soġġetti għal protezzjoni fil-qasam tal-ġbir u l-ipproċessar tad-data.

1.10 Fl-aħħar nett, fl-analiżi tiegħu l-KESE jipproponi serje ta' emendi għad-diversi dispożizzjonijiet li, jekk jiġu adottati, jikkontribwixxu għal protezzjoni aktar effettiva tad-data personali fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE, mhux biss fir-rigward tal-uffiċjali tagħha iżda wkoll tal-eluf ta' ċittadini Ewropej li jinsabu f'kuntatt magħha, u b'hekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, biex jikkunsidrawhom fil-verżjoni finali tal-proposta.

## 2. **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

2.1 Kif identifikat mill-Kummissjoni fil-memorandum ta' spjegazzjoni, l-għan tal-proposta tagħha huwa li **tirrevoka r-Regolament (KE) Nru 45/2001** ([4]) **u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE** dwar il-protezzjoni tad-data personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-uffiċċji tal-Unjoni, b'żewġ objettivi:

— il-ħarsien tad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data;

— l-iżgurar tal-moviment liberu tad-data personali fi ħdan l-UE.

2.2 Wara perjodu twil u kkumplikat ta' tfassil, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew fl-aħħar adottaw ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (RĠPD) ([5]), li ser ikun applikabbli fl-UE kollha sa mill-25 ta' Mejju 2018. Dan ir-regolament jimplika l-adattament ta' diversi strumenti leġislattivi ([6]), fosthom l-imsemmija Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.

2.3 Meta jitqiesu r-riżultati tal-istħarriġ u l-konsultazzjonijiet tal-partijiet interessati, u l-istudju ta' evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolazzjoni matul dawn l-aħħar 15-il sena, li l-Kummissjoni tagħtih importanza kbira, hija tikkonkludi b'mod partikolari li:

— ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 jista' jiġi applikat b'mod aktar rigoruż permezz ta' sanzjonijiet min-naħa tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD);

— użu aktar determinat tal-poteri tal-awtorità superviżorja rispettiva jista' jirriżulta f'applikazzjoni aħjar tar-regoli tal-protezzjoni tad-data;

([4]) Il-KESE adotta Opinjoni dwar din il-proposta (ĠU C 51, 23.2.2000, p 48) (mhux disponibbli bil-Malti).
([5]) Regolament (UE) 2016/679 tas-27.4.2016 (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).
([6]) COM(2017) 10 final, COM(2017) 9 final.

— huwa meħtieġ li tiġi ssemplifikata s-sistema ta' notifiki u kontrolli preliminari sabiex tiżdied l-effiċjenza u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi;

— il-kontrolluri tad-data għandhom jadottaw metodu ta' ġestjoni tar-riskji u jagħmlu evalwazzjonijiet tar-riskji qabel ma jwettqu operazzjonijiet ta' pproċessar, b'mod li japplikaw fl-aħjar forma r-rekwiżiti għaż-żamma tad-data u ta' sigurtà;

— ir-regoli dwar is-settur tat-telekomunikazzjoni mhumiex aġġornati u jeħtieġ li dan il-kapitolu jiġi allinjat mad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjonijiet elettroniċi;

— jenħtieġ li jiġu ċċarati ċerti definizzjonijiet essenzjali tar-regolament bħal dawk li għandhom x'jaqsmu mal-identifikazzjoni tal-kontrolluri tad-data fi ħdan l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, id-definizzjoni tad-destinatarji u l-estensjoni tal-obbligu ta' kunfidenzjalità għall-proċessuri esterni.

2.4 Wara li kkunsidrat in-natura u l-portata tal-emendi li għandhom isiru fl-istrumenti legali preċedenti, il-Kummissjoni ddeċidiet li għandhom jiġu rrevokati fl-intier tagħhom u li r-Regolament inkwistjoni għandu jiġi ssostitwit bid-dispożizzjonijiet imsemmija sabiex jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin mar-Regolament (UE) 2016/679 u b'konformità ma' dak li huwa previst fl-Artikolu 98 tiegħu.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1 Minn perspettiva strettament teknika u ġuridika, il-KESE jikkonferma li huwa jaqbel fil-prinċipju rigward:

— il-ħtieġa u l-idoneità tal-inizjattiva li qed tiġi analizzata hawnhekk;

— l-istrument legali magħżul — regolament;

— l-għażla li jiġu rrevokati fl-intier tagħhom l-istrumenti eżistenti;

— il-bażi legali magħżula għall-adozzjoni tiegħu;

— il-ħarsien ċar tal-kriterji ta' proporzjonalità, sussidjarjetà u responsabbiltà;

— iċ-ċarezza u l-istruttura tal-formulazzjoni tiegħu;

— id-definizzjoni aħjar ta' ċerti kunċetti bħall-kunsens validu;

— il-koerenza murija mal-bqija tal-istrumenti legali li magħhom huwa relatat, b'mod speċjali r-Regolament (UE) 2016/679, il-Proposta għal Regolament COM(2017) 10 final u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni stess — Il-bini ta' ekonomija Ewropea tad-data ([7]);

— l-opzjoni, għall-ewwel darba, li jiġu inklużi multi espliċiti għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità u ksur;

— it-tisħiħ tal-poteri tal-KEPD;

— il-fatt li din l-inizjattiva ma ġietx inkluża fil-Programm REFIT;

— l-isforz biex ikun hemm kompatibbiltà ċara ma' drittijiet fundamentali oħrajn, bħal dawk minquxa fil-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali li jirrigwardaw il-libertà ta' espressjoni (Artikolu 11), il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali (Artikolu 17(2)), il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni abbażi tar-razza, l-oriġini etnika, il-karatteristiċi ġenetiċi, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjonijiet politiċi jew ta' natura oħra, id-diżabilità jew l-orjentazzjoni sesswali (Artikolu 21), id-drittijiet tat-tfal (Artikolu 24), id-dritt għal livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem (Artikolu 35), id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti (Artikolu 42) u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali (Artikolu 47).

([7]) COM(2017) 9 final.

3.2 Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-kontenut tal-kummenti u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar il-proposta tar-RĠPD ([8]), li issa ġiet ittrasformata fir-RĠPD attwali ([9]), li din il-verżjoni finali ma kkundrathomx għalkollox. Barra minn hekk, fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi rapidi f'dan il-qasam, il-KESE jibża' li d-dewmien fl-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tagħha jaggrava r-riskju ta' approprjazzjoni illeċita tad-data u abbuż fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tagħha, tant li jibża' li l-proposta ser issir antikwata saħansitra qabel ma tiġi implimentata. Peress li l-proposta inkwistjoni hija adattament tar-RĠPD għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet Ewropej, dan it-tħassib japplika mutatis mutandis għat-test inkwistjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-opaċità tal-lingwaġġ tiegħu, li huwa diffiċli biex jinftiehem miċ-ċittadin medju, u għaldaqstant kien ikun aħjar kieku ġie ppreżentat u diskuss fl-istess ħin mal-proposta.

3.3 Min-naħa l-oħra, meta jitqies li dak li qed iseħħ fl-istituzzjonijiet tal-UE għandu jittieħed bħala eżempju għall-proċeduri fil-livell nazzjonali, il-KESE jikkunsidra li ċertu tħassib għandu jiġi indirizzat fil-proposta li qed tiġi analizzata hawnhekk.

3.4 L-ewwel u qabel kollox, mhuwiex ċar jekk il-proposta kkunsidratx kif imiss ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (Regolament Nru 31 (KEE) ([10]), fid-dawl tan-nuqqas ta' dispożizzjonijiet leġislattivi speċifiċi li jiggarantixxu li d-data personali tal-uffiċjali u persunal ieħor tal-istituzzjonijiet tkun soġġetta għal garanzija ta' protezzjoni aktar effettiva fir-rigward tar-reklutaġġ, il-karriera, il-perjodu ta' validità tal-kuntratt u kwalunkwe tiġdid u l-evalwazzjoni tagħhom.

3.4.1 Jekk mhux f'dan it-test, għandhom jiġu previsti dispożizzjonijiet ta' natura ġenerali b'regoli dwar ir-reġistru tas-saħħa tal-uffiċjali u l-qraba tagħhom, il-protezzjoni tad-data maħluqa jew użata mill-uffiċjali u d-data ġenetika tagħhom, l-ipproċessar u l-protezzjoni tal-messaġġi mibgħuta bl-email, jew dawk mibgħuta miċ-ċittadini lill-korpi tal-UE kif ukoll dawk mibgħuta jew skambjati bejn uffiċjali ta' dawn il-korpi bejniethom jew esternament, u l-kontenut u l-paġni web li huma jkunu żaru ([11]).

3.4.2 Bl-istess mod, jistħoqqilhom trattament speċjali s-sitwazzjonijiet ta' fastidju bħall-bullying ċibernetiku, kif ukoll l-iżvelar ta' informazzjoni protetta fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE, minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 68..

3.4.3 Il-KESE jistaqsi wkoll dwar it-termini tal-applikazzjoni tal-il-proposta li qed tiġi analizzata hawnhekk u tar-Regolament (UE) 2016/679, f'dak li jirrigwarda l-internet tal-oġġetti, il-megadata u l-użu tal-magni tat-tiftix għall-iskopijiet ta' aċċess, ħolqien jew użu ta' data personali, kif ukoll informazzjoni personali ppubblikata f'paġni tal-istituzzjonijiet fin-netwerks soċjali (Facebook, Twitter, Instagram, Linkedin, eċċ.), mingħajr il-kunsens espliċitu tas-suġġett tad-data.

3.5 Il-KESE kien japprezza kieku l-proposta tal-Kummissjoni, minbarra r-referenza għall-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fl-Artikolu 34 tal-Proposta għal Regolament, indirizzat it-termini tas-sigurtà tas-sistemi ta' informazzjoni li jappoġġjaw l-ipproċessar tad-data u s-salvagwardji kontra l-attakki ċibernetiċi u t-tbagħbis jew l-iżvelar illeċitu ta' din id-data ([12]). B'hekk tiġi żgurata n-newtralità teknoloġika tagħha, mhux biss billi niddependu minn regoli interni speċifiċi għal kull servizz. Huwa jixtieq ukoll li tiġi ċċarata iżjed ir-relazzjoni bejn il-protezzjoni tad-data u l-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu, mingħajr ma dan ikun ifisser l-adozzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza sproporzjonati jew eċċessivi u fi kwalunkwe każ dejjem taħt il-kontroll tal-KEPD.

3.6 Il-KESE jenfasizza li l-interkonnessjoni tad-data personali fi ħdan l-organizzazzjonijiet tal-UE ma tistax titħalla biss għall-prinċipju tar-responsabbiltà previst fil-premessa 16, u f'dan ir-rigward jitlob lill-Kummissjoni biex tintroduċi regola speċifika li tipprevedi li l-interkonnessjoni tkun tista' ssir biss wara li tiġi awtorizzata mill-KEPD fuq talba tal-kontrollur tad-data jew b'mod konġunt mal-proċessur.

3.7 Barra minn hekk, mingħajr preġudizzju għal dak li jipprevedi l-punt 51 tal-preambolu u tal-Artikolu 44(3) tal-proposta, kien japprezza li kieku ġew iddefiniti l-kompetenzi u l-karatteristiċi ta' taħriġ u adegwatezza meħtieġa sabiex persuna tinħatar bħala uffiċjal għall-protezzjoni tad-data, kontrollur tad-data jew proċessur, fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE ([13]). Kwalunkwe ksur tal-funzjonijiet tagħhom għandu jkun soġġett għal sanzjonijiet ġenwinament dissważivi, f'livell dixxiplinari, ċivili u kriminali, stabbiliti fil-proposta u dejjem taħt il-kontroll u l-monitoraġġ tal-KEPD.

([8]) ĠU C 229, 31.7.2012, p. 90.
([9]) Ir-Regolament (UE) 2016/679.
([10]) ĠU 45, 14.6.1962, p. 1385/62 (mhux disponibbli bil-Malti), u emendi sussegwenti.
([11]) Bħal mhuwa l-każ, pereżempju, fil-ġabra ta' "Avis et Recommandations de la Commission de la Vie privé de la Belgique sur la vie privé sur le lieu de travail, 01.2013" [Opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Ħajja Privata Belġjana dwar il-privatezza fil-post tax-xogħol] (Jannar 2013).
([12]) Bħal mhuwa l-każ, pereżempju, tar-"Recommandation d'initiative relative aux mesures de sécurité à respecter afin de prévenir les fuites de données" [Rakkomandazzjoni ta' inizjattiva dwar il-miżuri ta' sigurtà li għandhom jiġu rispettati sabiex jiġi evitat l-iżvelar illeċitu tad-data], Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Ħajja Privata Belġjana, 1/2013 tal-21 ta' Jannar 2013.
([13]) Kif imsemmi, pereżempju, fil-"Guidelines on Data Protection Officers" [Linji gwida dwar l-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data], WP 243 tal-Artikolu 29, tat-13 ta' Diċembru 2016.

3.8 Waqt li jirrikonoxxi li l-proposta li qed tiġi analizzata hawnhekk tirrappreżenta livell ogħla ta' protezzjoni meta mqabbla mar-Regolament attwali (KE) Nru 45/2001, il-KESE huwa tal-fehma li, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tad-data miġbura li taffettwa direttament il-privatezza tas-suġġetti tad-data, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u d-data fiskali u soċjali, din għandha tkun limitata għal dak li huwa strettament neċessarju għall-finijiet li għalihom hija maħsuba, u għandha tkun żgurata protezzjoni massima u garanziji massimi fl-ipproċessar tad-data personali, fuq il-bażi tal-istandards internazzjonali u l-liġijiet nazzjonali l-aktar avvanzati kif ukoll l-aħjar prattiki ta' ċerti Stati Membri ([14]).

3.9 Waqt li huwa konxju li kemm ir-Regolament (UE) 2016/679 kif ukoll il-proposta inkwistjoni japplikaw biss għal data li s-soġġetti tagħha jkunu individwi, huwa jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li d-data tal-persuni kollettivi (impriżi, NGOs, kumpaniji kummerċjali, eċċ.) li jkunu kkostitwiti legalment, tkun soġġetta wkoll għall-protezzjoni fil-qasam tal-ġbir u l-ipproċessar tad-data.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 L-analiżi tal-karatteristiċi speċifiċi tat-test tal-proposta tqajjem xi dubji u riżervi, fid-dawl tal-prinċipji fundamentali tal-protezzjoni tal-ħajja privata b'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u tal-prinċipji tal-proporzjonalità u l-prekawzjoni.

### 4.2 *Artikolu 3*

L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni huma ddefiniti fil-paragrafu 2(a) bħala l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni stabbiliti mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-TFUE jew it-Trattat Euratom, jew abbażi tagħhom. Il-KESE jistaqsi jekk din id-definizzjoni tinkludix ukoll il-gruppi ta' ħidma, il-kunsilli konsultattivi, il-kumitati, il-pjattaformi, gruppi potenzjali oħra, eċċ, kif ukoll netwerks ta' informazzjoni internazzjonali li l-istituzzjonijiet jagħmlu parti minnhom iżda li ma jkunux ikkontrollati minnhom.

### 4.3 *Artikolu 4*

4.3.1 Peress li r-Regolament inkwistjoni japplika għad-data pproċessata fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE, il-KESE jidhirlu li għandu jiddaħħal b'mod espliċitu l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni fir-rigward tad-data pproċessata.

4.3.2 Fir-rigward tal-Artikolu 4(1)(b), f'każ ta' pproċessar għall-finijiet ta' arkivjar fl-interess pubbliku, riċerka xjentifika jew storika jew għall-finijiet ta' statistika, dan għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, li mhuwiex previst fl-Artikolu 58.

4.3.3 Fl-aħħar nett, huwa tal-fehma li għandu jkun hemm dispożizzjoni espliċita ekwivalenti għall-Artikolu 7 attwali tar-Regolament (KE) 45/2001 fir-rigward tat-trasferiment tad-data bejn l-istituzzjonijiet tal-UE.

### 4.4 *Artikolu 5*

4.4.1 Mhuwiex ċar għaliex l-Artikolu 5(1)(b) tal-Proposta għal Regolament mhuwiex soġġett għall-paragrafu 2 tal-istess artikolu, għall-kuntrarju tal-inċiżi (c) u (e) tal-Artikolu 6, li huma t-tnejn soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tar-RĠPD.

4.4.2 Il-KESE huwa tal-fehma li fl-inċiż d) għandu jiżdied li l-kunsens għandu jkun soġġett għall-prinċipju ta' bona fede.

### 4.5 *Artikolu 6*

4.5.1 L-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu dejjem għandha tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni min-naħa tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

4.5.2 F'dawn il-każijiet, is-suġġett tad-data dejjem għandu jkun infurmat minn qabel dwar dik l-eventwalità sa mill-mument meta tinġabar id-data jew fil-mument meta tittieħed deċiżjoni ġdida, u li jista' eventwalment jitlob korrezzjoni, oppożizzjoni, tħassir jew limitazzjoni ta' dak l-ipproċessar.

---

([14]) Ara, pereżempju, il-liġi Portugiża dwar il-protezzjoni tad-data (Liġi 67/98 tas-26 ta' Ottubru 1998).

4.6 *Artikolu 8*

4.6.1 Il-KESE jemmen li l-eċċezzjoni għar-regola dwar il-validità tal-kunsens għal tfal ta' taħt is-16-il sena (bejn it-13 u s-16-il sena), li diġà fiha nnifisha hija anormali, hija ammissibbli għall-Istati Membri biss għal raġunijiet kulturali fil-liġi domestika (Artikolu 8 tar-RĠPD), iżda ma għandhiex tkun permessa bħala regola għall-istituzzjonijiet tal-UE (Artikolu 8 (1)), li jiddeterminaw l-età tal-kunsens bħala 13-il sena.

4.6.2 Min-naħa l-oħra, mhuwiex ċar kif il-KEPD għandu jagħti "attenzjoni speċifika" lit-tfal, kif imsemmi fl-Artikolu 58 (1)(b), b'mod partikolari fil-każ tad-direttorji tal-utenti previsti fl-Artikolu 36, meta d-data tagħhom tkun aċċessibbli għall-pubbliku.

4.7 *Artikolu 10*

4.7.1 Fil-paragrafu 1 għandha tiġi inkluża wkoll l-affiljazzjoni politika (li mhijiex sinonima għat-twemmin politiku) u l-ħajja privata.

4.7.2 Fil-paragrafu 2(b), għall-finijiet tat-twettiq tal-obbligi u l-eżerċitar ta' drittijiet speċifiċi tas-suġġett tad-data, dan tal-aħħar dejjem għandu jkun infurmat minn qabel.

4.7.3 Fil-paragrafu 2(d), l-ipproċessar jista' jsir biss jekk ikun hemm il-kunsens tas-suġġett tad-data.

4.7.4 Fl-inċiż (e), jista' jkun hemm eċċezzjoni biss jekk wieħed ikun jista' jiddeduċi b'mod leġittimu l-kunsens għall-ipproċessar tad-data mid-dikjarazzjonijiet tiegħu.

4.8 *Artikolu 14*

Inkwantu l-istituzzjonijiet tal-UE mhumiex awtorizzati li jitolbu ħlasijiet għas-servizzi li jipprovdu, ir-rifjut li tittieħed azzjoni fuq it-talba tas-suġġett tad-data għandu jiġi applikat biss bħala l-aħħar alternattiva.

4.9 *Artikoli 15, 16 u 17*

4.9.1 Fil-każ tal-informazzjoni addizzjonali prevista fl-Artikolu 15(2), għandu jiżdied ir-rekwiżit li s-suġġett tad-data jkun infurmat dwar in-natura obbligatorja jew fakultattiva tar-risposta tal-kontrollur tad-data, kif ukoll dwar il-konsegwenzi possibbli tan-nuqqas ta' risposta.

4.9.2 F'każ ta' ġbir ta' data minn netwerks miftuħa, is-suġġett tad-data għandu jiġi infurmat dejjem li d-data personali tiegħu tista' tiċċirkola fin-netwerks mingħajr kundizzjonijiet ta' sigurtà, u li jkun hemm ir-riskju li terzi persuni mhux awtorizzati jistgħu jaraw u jużaw dik id-data.

4.9.3 Id-dritt imsemmi fl-Artikolu 17(1) għandu jinkiseb liberament u mingħajr restrizzjonijiet, f'intervalli raġonevoli, b'mod mgħaġġel jew immedjat u mingħajr spejjeż.

4.9.4 Il-KESE jissuġġerixxi li jkun hemm l-obbligu li s-suġġett tad-data jiġi infurmat ukoll li data li tikkonċernah tkun qed tiġi pproċessata jew le.

4.9.5 L-informazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 17(1) għandha tkun f'forma ċara u li tinftiehem, b'mod partikolari fir-rigward tad-data pproċessata u kwalunkwe informazzjoni dwar l-oriġini ta' dik id-data.

4.10 *Artikolu 21*

Huwa mifhum li l-esklużjoni mill-Proposta għal Regolament ta' dispożizzjonijiet identiċi għal dawk tal-Artikolu 21(2) u (3) tar-RĠPD tfisser li d-data qatt ma tista' tiġi pproċessata għall-finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta, li hija ħaġa tajba, iżda l-inċertezza ta' din l-interpretazzjoni għandha tiġi ċċarata b'mod espliċitu fit-test innifsu.

4.11 *Artikolu 24*

4.11.1 Il-KESE huwa tal-fehma li fil-paragrafu 2(c) għandu jiżdied li l-kunsens iseħħ biss wara li tkun ingħatat informazzjoni espliċita dwar l-effetti ġuridiċi tad-deċiżjonijiet fuq is-suġġett tad-data, peress li b'dan il-mod biss jista' jitqies li l-kunsens ikun debitament infurmat.

4.11.2 Fir-rigward tal-paragrafu 3, il-KESE huwa tal-fehma li l-mezzi adegwati għandhom jiġu ddefiniti mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u mhux mill-kontrollur tad-data.

4.12 *Artikolu 25*

4.12.1 Il-KESE jibża' li l-formulazzjoni tal-Artikolu 25 tal-Proposta għal Regolament tirrappreżenta interpretazzjoni wisq wiesgħa ta' dak li jipprevedi l-Artikolu 23 tar-RĠPD fir-rigward tal-ambitu tal-limitazzjonijiet fuq l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu d-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-data. Jagħti parir li dan għandu jiġi rrivedut b'mod kritiku fuq il-bażi ta' analiżi bir-reqqa u, possibbilment, restrittiva tad-diversi inċiżi, b'mod partikolari fir-rigward tar-restrizzjoni tad-dritt ta' kunfidenzjalità fin-netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi kif previst fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali stabbilita fid-Direttiva attwali dwar il-Privatezza Elettronika u li nżammet fil-Proposta għal Regolament li qiegħda tiġi evalwata f'Opinjoni oħra tal-KESE.

4.12.2 Il-KESE jopponi direttament il-possibbiltà prevista fl-Artikolu 25(2) f'dak li jirrigwarda l-possibbiltà għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni li japplikaw limitazzjonijiet fuq id-drittijiet tas-soġġetti tad-data li ma jirriżultawx minn atti legali espressi li jawtorizzawhom. L-istess jgħodd għall-Artikolu 34.

4.13 *Artikolu 26*

Għandu jiġi ċċarat li l-kontrolluri tad-data personali, il-proċessuri, kif ukoll il-persuni li, fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom, ikollhom għarfien dwar data personali pproċessata, għandhom ikunu marbuta bis-segretezza professjonali, anke wara li jintemmu l-funzjonijiet tagħhom u għal perjodu ta' żmien raġonevoli.

4.14 *Artikoli 29 u 39*

Waqt li huwa minnu li d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 24(3) u 40 et seq. tar-RĠPD ma ġewx aċċettati fil-Proposta għal Regolament (kodiċijiet ta' kondotta), kif imsemmi b'mod espliċitu fil-premessa tal-preambolu li tittratta l-Artikolu 26, ma jidhirx li huwa korrett li fl-Artikoli 29(5) u 39(7) tal-Proposta għal Regolament huwa aċċettat li s-sempliċi adeżjoni ma' kodiċi ta' kondotta msemmi fl-Artikolu 40 tar-RĠPD tista' titqies bħala garanzija suffiċjenti għall-qadi tal-funzjonijiet ta' proċessur li ma jkunx istituzzjoni jew korp tal-Unjoni.

4.15 *Artikolu 31*

Il-KESE huwa tal-fehma li s-sempliċi "possibbiltà" imsemmija fl-Artikolu 31(5) għandha minflok tinbidel f'"obbligu" ta' żamma tr-reġistri tal-attivitajiet ta' proċessur f'reġistru ċentrali, li jkun aċċessibbli għall-pubbliku.

4.16 *Artikolu 33*

Il-KESE jissuġġerixxi wkoll li l-kontrollur tad-data u l-proċessur għandhom iwettqu kontroll tal-mezzi tad-data, kontroll tal-inseriment, kontroll tal-użu u kontroll tat-trasmissjoni tad-data, u għaldaqstant għandhom:

— jimpedixxu l-aċċess minn persuni mhux awtorizzati għall-apparat użat għall-ipproċessar ta' din id-data;

— jimpedixxu li l-mezzi tad-data jinqraw, jiġu kkopjati, immodifikati jew imneħħija minn persuni mhux awtorizzati;

— jimpedixxu l-introduzzjoni mhux awtorizzata, kif ukoll it-teħid ta' tagħrif, il-modifikazzjoni jew l-eliminazzjoni mhux awtorizzati ta' data personali mdaħħla;

— jimpedixxu li s-sistemi ta' pproċessar awtomatiku tad-data jkunu jistgħu jintużaw minn persuni mhux awtorizzati permezz ta' apparat għat-trasmissjoni tad-data;

— jiggarantixxu li jkun possibbli li ssir verifika tal-entitajiet li lilhom tista' tintbagħat data personali;

— jiggarantixxu li l-persuni awtorizzati jistgħu jaċċessaw biss id-data koperta mill-awtorizzazzjoni preliminari.

4.17 *Artikolu 34*

Il-KESE jittama li dan l-artikolu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet rispettivi tal-Proposta għal Regolament dwar il-Privatezza Elettronika u li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jkunu soġġetti għall-iskrutinju tal-KEPD fir-rigward tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

4.18 *Artikolu 42*

Il-KESE jibża' li l-espressjoni "wara" fil-paragrafu 1 tista' tinftiehem bħala dmir ta' konsultazzjoni wara li jkun ġie approvat l-att u li l-konsultazzjoni ma tibqax issir lanqas fuq bażi informali, kif isir attwalment.

4.19 *Artikolu 44*

Il-KESE huwa tal-fehma li, fil-prinċipju, huma biss l-uffiċjali għandhom jinħatru bħala uffiċjali tal-protezzjoni tad-data. Fil-każ li, b'mod eċċezzjonali, dan ma jkunx possibbli għandha madankollu jiġu rreklutati permezz tar-regoli tal-akkwist pubbliku dwar il-forniment tas-servizzi u jkunu soġġetti għall-iskrutinju tal-KEPD.

4.20 *Artikolu 45*

4.20.1 Jekk, minkejja dak li ntqal hawn fuq u dejjem jekk ma jkunx funzjonarju, għandu jkun possibbli li l-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data, abbażi tan-natura tal-kariga tagħhom, jitneħħew mill-kariga tagħhom fi kwalunkwe mument, u huwa meħtieġ biss parir favorevoli mill-KEPD (Artikolu 45(8) tar-Regolament).

4.20.2 Huwa mifhum li l-perjodu tal-mandat tiegħu għandu jkun iffissat għal 5 snin u jiġġedded darba biss.

4.21 *Artikolu 56*

Avvenimenti reċenti u magħrufin sew li kienu jinvolvu uffiċjali tal-ogħla livell jissuġġerixxu li għandhom jiġu stabbiliti kriterji ta' inkompatibbiltà u impedimenti għal perjodu ta' żmien raġonevoli għall-eżerċitar ta' ċerti funzjonijiet, b'mod partikolari f'impriżi privati, wara li jintemm il-mandat tagħhom.

4.22 *Artikolu 59*

F'ċerti lingwi, b'mod partikolari fil-verżjoni Ingliża, it-terminu "actions" użat fil-punt 5 huwa wisq ristrett u għandu jiġi ssostitwit bit-terminu "proceedings" (fil-verżjoni Portugiża dan il-kunċett huwa tradott b'mod korrett).

4.23 *Artikolu 63*

Fir-rigward tal-paragrafu 3, u minħabba s-sensittività tas-suġġett tal-proposta inkwistjoni, il-KESE huwa tal-fehma li għandu jinqeleb il-prinċipju ta' rifjut taċitu, sabiex b'hekk il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jkun obbligat li jirrispondi b'mod espliċitu għal kull ilment indirizzat lilu. Fin-nuqqas ta' dan, jitqiesu bħala differiti.

4.24 *Artikolu 65*

Kif jissemma fl-Opinjoni tal-KESE dwar il-proposta li minnha oriġina r-Regolament (UE) 2016/679, għandha tiġi enfasizzata l-ħtieġa li l-proposta tipprevedi, lil hinn minn dak li jissemma fl-Artikolu 67, il-possibbiltà ta' reazzjoni għall-ksur tad-data personali permezz ta' azzjoni kollettiva, mingħajr il-ħtieġa ta' mandat individwali, peress li, b'mod ġenerali, meta jseħħ ksur ta' dan it-tip, ma jkunx hemm persuna waħda milquta iżda għadd — xi minn daqqiet indeterminat — ta' persuni.

4.25 Il-Proposta għal Regolament hija mimlija b'espressjonijiet jew kunċetti ta' natura ambigwa u soġġettiva, u jirrakkomanda li dawn jiġu riveduti jew jinbidlu. Dan huwa l-każ, pereżempju, ta' espressjonijiet bħal "kemm jista' jkun", "jekk possibbli", "mingħajr dewmien", "riskju għoli", "konsiderazzjoni dovuta", "perjodu ta' żmien raġonevoli", "importanza partikolari".

Brussell, il-31 ta' Mejju 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/59/KE dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri u d-Direttiva 2006/126/KE dwar il-liċenzji tas-sewqan"**

*(COM(2017) 47 final — 2017/0015 (COD))*

(2017/C 288/16)

Relatur: **Pasi MOISIO**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 20.2.2017 |
| | Il-Parlament Ewropew, 1.3.2017 |
| Bażi ġuridika | L-Artikolu 91 tat-TFUE |
| Sezzjoni kompetenti | It-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni |
| Adottata fis-sezzjoni | 16.5.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 31.5.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 185/0/0 |

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-KESE jirrikonoxxi li minkejja ċerti nuqqasijiet, id-Direttiva dwar il-kwalifika u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' vetturi tqal tal-merkanzija [1] kellha b'mod ġenerali effetti pożittivi għas-setturi tat-trasport bit-triq Ewropew. Il-ħolqien ta' sistema ta' taħriġ armonizzat għen biex ittejbet il-kapaċità tas-sewwieqa li jwettqu xogħolhom, ġie żviluppat livell komuni ta' servizz fis-settur tat-trasport bit-triq, u żdiedet l-attrazzjoni tas-settur għal min jidħol ġdid.

1.2 Il-KESE jqis li l-proposta li qed tiġi diskussa [2] biex tiġi emendata din id-Direttiva għandha l-potenzjal li tikkonsolida aktar il-prinċipju tal-UE tal-libertà ta' moviment u li tkun pass ieħor lejn suq tat-trasport tal-UE aktar b'saħħtu u aktar miftuħ li huwa bbażat fuq kompetizzjoni ġusta u jista' jiġi ssorveljat b'mod aktar effettiv u ġust.

1.3 Il-KESE japprova l-objettivi stabbiliti għall-emendar tad-Direttiva dwar il-kwalifika u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa, jiġifieri li tittejjeb is-sikurezza fit-toroq fl-Ewropa, kif ukoll is-saħħa u s-sigurtà tas-sewwieqa professjonali waqt ix-xogħol tagħhom. Il-Kumitat innota b'mod partikolari li nkisbu riżultati eċċellenti fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq matul dawn l-aħħar ftit snin, u għalhekk iheġġeġ lill-Kummissjoni tkompli b'miżuri li jirrinfurzaw ix-xejra pożittiva.

1.4 Bl-istess mod, il-KESE jilqa' l-objettiv tad-Direttiva li jiġu armonizzati u semplifikati l-proċeduri amministrattivi fl-Istati Membri differenti, sabiex is-sessjonijiet u l-programmi ta' taħriġ ta' xufiera mmexxija f'kull Stat Membru skont id-Direttiva jiġu rikonoxxuti bħala tali u b'mod reċiproku jiġu approvati mingħajr lok għall-interpretazzjoni jew rekwiżiti addizzjonali separati. Madankollu, nixtiequ niġbdu l-attenzjoni li r-rikonoxximent reċiproku ta' taħriġ jeħtieġ uniformità assoluta fir-rigward tal-ambitu u l-kwalità tat-taħriġ organizzat fl-Istati Membri differenti. Superviżjoni aktar effettiva u kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet tal-Istati Membri se jkunu meħtieġa sabiex dan jiġi żgurat.

(1) Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 226, 10.9.2003, p. 4).
(2) COM(2017) 47 final.

1.5 Kards iffalsifikati speċifiċi għax-xufiera li juru kwalifiki professjonali eżistenti u ċertifikati ffalsifikati għal taħriġ li fil-fatt ma jkunx ġie kkompletat jgħawġu l-kompetizzjoni fis-suq tat-trasport u jippreġudikaw l-interessi tax-xufiera professjonali fi ħdan ir-regoli. Il-KESE jitlob li tinħoloq sistema rigoruża biex jiġi żgurat li l-liċenzji tas-sewqan u kards ta' kwalifika tax-xufiera huma awtentiċi. B'referenza għall-punt 1.4 tar-rakkomandazzjonijiet tagħna, is-sorveljanza ta' stabbilimenti awtorizzati ta' taħriġ li joperaw f'pajjiżi differenti għandha tissaħħaħ fil-futur b'tali mod li l-ambitu u l-kwalità tat-taħriġ ipprovdut ikunu jistgħu jiġu vverifikati f'kull każ.

1.6 Barra minn hekk, huwa ta' importanza kbira li tissaħħaħ il-konkordanza u l-konsistenza tal-leġislazzjoni tal-UE li tapplika għal grupp fil-mira u settur wieħed, f'dan il-każ is-sewwieqa professjonali ta' vetturi tqal tal-merkanzija. Dan iżid kemm il-protezzjoni legali ta' individwi li jaħdmu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli kif ukoll il-kredibbiltà ġenerali tad-dispożizzjonijiet tal-UE.

1.7 Ir-reviżjoni tad-Direttiva hija maħsuba biex tallinjaha aktar mill-qrib mal-aħħar xejriet ġenerali li huma rilevanti ħafna għat-trasport, bħad-diġitalizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni. Il-KESE japprova dan l-approċċ u jinnota li għalkemm it-trasport qed jiġi awtomatizzat b'mod rapidu u r-robotizzazzjoni qed issir prevalenti fis-settur, ir-rwol ċentrali tal-fattur uman irid ukoll xorta jibqa' jiġi kkunsidrat. Il-ħtieġa dejjem tikber għal ħiliet diġitali trid għalhekk tiġi rikonoxxuta fir-rigward tat-taħriġ ta' sewwieqa, kif ukoll l-importanza tal-ħiliet ta' sewwieqa biex jiksbu l-miri ta' livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.

1.8 Sfida ewlenija fil-qasam kopert mid-Direttiva hija li jiġi żgurat li t-taħriġ perjodiku b'mod partikolari jissodisfa l-ħtiġijiet individwali tas-sewwieqa professjonali u li l-kontenut tiegħu jitfassal sabiex jipprovdi l-akbar appoġġ għall-kompiti speċifiċi ta' kull sewwieq. Għalhekk id-Direttiva jenħtieġ li tippermetti flessibbiltà u diskrezzjoni kemm f'termini tal-kontenut tas-sessjonijiet ta' taħriġ perjodiku magħżula kif ukoll fil-metodi ta' kif jingħata t-taħriġ.

1.9 Il-KESE jenfasizza li jenħtieġ li jkun hemm opportunità uniformi matul it-taħriġ li tinstaq vettura anke qabel tkun inkisbet il-kwalifika inizjali. Huwa importanti li jiġi żgurat li dawk li qed jitgħallmu jkomplu jgawdu d-dritt li anke jsuqu vetturi użati fit-trasport kummerċjali, li huwa meħtieġ pereżempju biex jippermetti t-taħriġ fuq il-post tax-xogħol fil-kumpaniji taħt gwida u superviżjoni, u li dan jiġi aċċettat bħala parti mit-taħriġ għall-kwalifika inizjali tagħhom. Id-Direttiva riveduta jenħtieġ li ma ċċaħhadx dan id-dritt. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi żgurat li d-dritt li jiġu magħquda operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali u t-taħriġ ma jqanqalx kompetizzjoni dannuża fis-settur tat-trasport jew idgħajjef il-pożizzjoni tal-ħaddiema fis-settur.

1.10 Għalkemm il-proposta tal-Kummissjoni hija fil-biċċa l-kbira bbilanċjata tajjeb u pass fid-direzzjoni t-tajba, il-KESE madankollu jixtieq iressaq ċerti bidliet, żidiet u suġġerimenti speċifiċi li fl-opinjoni tagħna jkomplu jsaħħu l-mod kif tiġi implimentata fil-prattika u applikata għat-taħriġ ta' sewwieqa. Dawn il-proposti huma ppreżentati f'aktar dettall fil-kummenti ġenerali u speċifiċi hawn taħt.

## 2. **Sfond**

2.1 Id-Direttiva 2003/59/KE ġiet implimentata madwar l-UE bejn l-2007 u l-2009. Din tirrikjedi li s-sewwieqa kollha professjonali ta' vetturi tal-merkanzija jew ta' karozzi tal-linja u ta' kowċis fit-territorju tal-UE li jaħdmu għal kumpaniji tat-trasport irreġistrati fl-Istati Membri tal-UE, kif ukoll sewwieqa li jaħdmu għal rashom li jaħdmu bħala sewwieqa professjonali fis-settur tat-trasport kummerċjali, jagħmlu taħriġ bażiku obbligatorju sabiex jiksbu l-kwalifika meħtieġa.

2.2 Id-Direttiva 2003/59/KE stabbiliet ukoll il-prinċipju tat-tagħlim tul il-ħajja bħala parti mix-xogħol tas-sewwieq professjonali billi stipulat l-ammont ta' taħriġ perjodiku f'intervalli regolari biex jinżammu l-ħiliet professjonali.

2.3 Il-Kummissjoni Ewropea tistma li hemm total ta' madwar 3,6 miljun xufiera ta' vetturi tal-merkanzija jew xarabanks u kowċis li jaħdmu għal kumpaniji tat-trasport (2,8 miljun xufier ta' vetturi għall-ġarr ta' merkanzija u 0,8 miljun tax-xarabanks u l-kowċis) fit-28 Stat Membru tal-UE li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva ([3]).

([3]) SWD(2017) 27 final — Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni — Valutazzjoni tal-Impatt, 1 ta' Frar 2017, p. 10 (mhux disponibbli bil-Malti).

2.4 L-ammont ta' taħriġ bażiku huwa 140 jew 280 siegħa, skont l-età tas-sewwieq u kwalunkwe kwalifika preċedenti. Kull sewwieq irid jagħmel tal-anqas 35 siegħa ta' taħriġ perjodiku f'kull perjodu ta' ħames snin.

2.5 Ġew identifikati bosta punti li kienu jeħtieġu reviżjoni abbażi tan-numru kbir ta' rapporti fuq bażi wiesgħa u l-valutazzjoni tal-impatt mitluba mill-Kummissjoni fis-snin reċenti. Il-problemi u d-disparitajiet ġew innotati wkoll fl-applikazzjoni u fl-interpretazzjoni tad-Direttiva fi Stati Membri differenti.

2.6 F'konsultazzjoni pubblika li saret bil-għan li tiġi riveduta d-Direttiva ([4]), il-Kummissjoni rċeviet kważi 400 tweġiba minn sewwieqa professjonali, kumpaniji tat-trasport u ħaddiema tat-trasport, kif ukoll organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-impjegaturi tagħhom, fi Stati Membri differenti.

2.7 Kemm il-konsultazzjoni kif ukoll id-diversi rapporti rriżultaw eżattament fl-istess sejbiet dwar problemi bid-Direttiva. Il-Kummissjoni temmen li hemm għarfien ġenerali dwar il-problemi osservati fil-prattika ta' kuljum, fit-trasport kemm ta' merkanzija kif ukoll ta' passiġġieri bit-triq, u li tqiesu bħala fattur li jfixkel l-operazzjonijiet uniformi u ġusti fis-suq tat-trasport tal-UE.

2.8 Il-problemi jistgħu jinqasmu fi tliet tipi ([5]):

— Mhux dejjem ikun hemm rikonoxximent reċiproku ta' taħriġ.

— Il-kontenut tat-taħriġ mhux dejjem jaqbel bis-sħiħ mal-ħtiġijiet tat-taħriġ tax-xufier individwali għall-profil tax-xogħlijiet tiegħu.

— Jeżistu d-disparitajiet u l-problemi bl-interpretazzjoni ta' eżenzjonijiet permissibbli mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, li ħoloq inċertezza legali għax-xufiera professjonali.

2.9 Barra mill-punti msemmija hawn fuq, joħorġu fid-dieher inkonsistenzi u kontradizzjonijiet serji fir-rigward tar-rekwiżiti tal-età minima bejn id-direttiva dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa u d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-intitolamenti għas-sewqan stabbiliti fid-direttiva dwar il-liċenzji tas-sewqan. Dawn ħolqu problemi reali fl-Istati Membri u għandha tinstab soluzzjoni mingħajr dewmien.

2.10 Il-Kummissjoni tqis argument ieħor għar-reviżjoni tad-Direttiva li huwa l-objettiv ta' regolamentazzjoni aħjar u eħfef skont il-prinċipji REFIT.

2.11 Huwa maħsub li r-reviżjoni tad-direttiva tagħmilha aktar ċara, ittejjeb il-konsistenza u toħloq impjiegi ġodda fis-settur tat-trasport, li jinkludi l-SMEs. Billi tindirizza l-problemi identifikati u tirrevedi d-Direttiva skont dan, il-Kummissjoni temmen li jkun possibbli wkoll li jinkiseb iffrankar tal-ispejjeż konsiderevoli, kemm għas-sewwieqa kif ukoll għall-impjegaturi tagħhom.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1 Fil-preżent l-Istati Membri jridu jagħżlu bejn żewġ approċċi ta' implimentazzjoni alternattivi fil-livell nazzjonali fir-rigward tal-kwalifika inizjali tas-sewwieqa: (1) l-attendenza ta' kors u test iqsar, jew (2) test itwal biss. Biex tiżdied il-flessibbiltà u l-għażla, u tingħibed l-attenzjoni għad-differenzi f'livelli ta' kwalifika differenti, il-KESE jirrakkomanda li d-Direttiva tiġi wkoll aġġornata bl-inkorporazzjoni fiha ta' dritt espliċitu li jiġu applikati ż-żewġ mudelli b'mod parallel ([6]).

3.2 Huwa importanti li fit-taħriġ prattiku għas-sewwieqa professjonali jiġu enfasizzati suġġetti relatati mas-sikurezza tat-trasport u fit-toroq u mas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, it-titjib tal-għarfien u l-ħiliet diġitali, u t-tagħlim ta' metodi ta' sewqan favorevoli għall-ambjent, b'konsum aktar effiċjenti ta' fjuwil u antiċipatorji.

---

([4]) Għall-konklużjonijiet tal-konsultazzjoni, ara: https://ec.europa.eu/transport/road_safety/sites/roadsafety/files/pdf/consultations/cpc_main_conclusions.pdf

([5]) Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SWD(2017) 26 final, Executive Summary of the Impact Assessment accompanying the Proposal for a Directive 2003/59/EC amending Directive 2006/126/EC (mhux disponibbli bil-Malti).

([6]) COM(2012) 385 final, Tabella 1, paġna 6.

3.3 Meta titqies din il-kwistjoni, huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu n-nuqqas prinċipali enfasizzat mis-sewwieqa professjonali u minn parteċipanti oħra fis-settur tat-trasport matul il-konsultazzjonijiet, jiġifieri li l-kontenut tat-taħriġ mhux dejjem jaqbel mal-ħtiġijiet tat-taħriġ individwali tas-sewwieq għall-profil tax-xogħlijiet tagħhom. Il-kontenut tal-korsijiet għalhekk irid ikun imfassal sabiex ikunu adattati bl-aħjar mod għal kull xufier. Il-KESE jinnota li dan fl-istess waqt se jsaħħaħ l-attrazzjoni tat-taħriġ u jimmotiva lis-sewwieqa professjonali biex jitgħallmu.

3.4 Għalhekk jekk id-direttiva l-ġdida għandha l-għan li l-inklużjoni ta' ċerti suġġetti tkun obbligatorja fil-kwalifika inizjali u/jew fil-programmi ta' taħriġ perjodiku għas-sewwieqa professjonali, dawn jenħtieġ li jiġu ddefiniti b'mod kemm jista' jkun flessibbli, wiesa' u laxk, filwaqt li jitqiesu l-opinjonijiet tal-KESE stabbiliti fil-punt 3.1 hawn fuq.

3.5 Billi s-sewwieqa professjonali ta' vetturi tqal huma spiss meħtieġa minħabba x-xogħol tagħhom li jagħmlu tipi oħra ta' taħriġ skont id-dritt tal-Unjoni, jagħmel sens li dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ ikunu approvati b'mod aktar komprensiv bħala parti mit-taħriġ perjodiku previst fid-Direttiva dwar il-kwalifika u r-rekwiżiti ta' taħriġ għas-sewwieqa. Dan jevita d-duplikazzjoni tat-taħriġ, inaqqas il-burokrazija żejda u jiffranka l-flus, kif ukoll jagħti spinta lill-motivazzjoni tas-sewwieqa biex jieħdu sehem fit-taħriġ.

3.6 Id-Direttiva riveduta tipprovdi l-għażla li l-korsijiet tat-taħriġ perjodiku jsiru fil-forma ta' tagħlim elettroniku. Il-KESE jara din bħala xi ħaġa pożittiva u jqisha bħala titjib essenzjali fit-taħriġ tas-sewwieqa professjonali. Din fiha nnifisha ssaħħaħ il-ħiliet diġitali u hija partikolarment ta' għajnuna għall-operaturi f'reġjuni remoti. It-tagħlim elettroniku jressaq it-taħriġ lejn dawk li qed jitgħallmu, li permezz tiegħu ma jkollhomx għalfejn jivvjaġġaw dik li spiss tkun distanza twila biex jirċievu forom tradizzjonali ta' struzzjoni.

3.7 Huwa ta' dispjaċir li l-Kummissjoni m'għamlithiex possibbli li l-ġurnata tat-taħriġ ta' seba' sigħat tinqasam f'partijiet, imma li xorta trid issir bħala sessjoni waħda f'salt. Din hija problema reali għas-sewwieqa u għall-kumpaniji tat-trasport. Il-koordinazzjoni tax-xogħol u tat-taħriġ, it-titjib fir-riżultati tat-tagħlim u l-għoti ta' għażliet ta' tagħlim elettroniku jeħtieġu aktar flessibbiltà. Dak li huwa essenzjali biex jinkisbu l-objettivi tat-taħriġ perjodiku huwa li jingħata total ta' 35 siegħa ta' taħriġ, u mhux li jkun hemm sessjonijiet ta' taħriġ ta' 7 sigħat. Din ir-rakkomandazzjoni tkun qed taqdi wkoll l-objettivi REFIT.

3.8 Il-ħiliet miksuba jintwerew b'karta tal-kwalifika separata għal kull sewwieq jew permezz ta' indikazzjoni tal-kwalifiki validi abbażi taż-żieda tal-kodiċi tal-UE li tkun prova tagħhom fil-liċenzja tas-sewqan. Dawn l-għażliet jitħallew fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri. Id-dokumenti ffalsifikati jidhru li saru problema prattika li qed tikber. Il-KESE għalhekk jirrakkomanda li jinħoloq bażi ta' data b'urġenza fil-livell tal-UE fejn partijiet differenti jkunu jistgħu jiċċekkjaw f'ħin reali li l-kwalifiki professjonali ta' sewwieq huma verament validi. Jista' jkun possibbli li dan isir bl-inklużjoni ta' data dwar il-kwalifiki professjonali fis-sistema RESPER ([7]), li taqsam l-informazzjoni dwar il-liċenzji tas-sewqan nazzjonali bejn l-Istati Membri. Dan jippermetti lill-awtoritajiet tal-Istat Membru biex b'mod simultanju jistabbilixxu l-validità kemm tal-intitolamenti għas-sewqan kif ukoll tal-kwalifiki professjonali.

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1 Il-KESE jheġġeġ biex jiġu eliminati mingħajr dewmien il-kontradizzjonijiet li jikkonċernaw ir-rekwiżiti tal-età minima bejn id-Direttiva tal-UE dwar il-liċenzji tas-sewqan ([8]) u d-Direttiva dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' xufiera. Biex dan iseħħ, huwa propost li tiżdied eżenzjoni fid-Direttiva dwar il-liċenzji tas-sewqan li permezz tagħha l-liċenzji tas-sewqan ikunu jistgħu jinħarġu skont il-limiti tal-età previsti fid-Direttiva 2003/59/KE.

4.2 Fl-opinjoni tal-KESE huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-eżenzjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni li għandhom jiġu inkorporati fid-Direttiva jkunu wkoll f'kull aspett identiċi għall-eżenzjonijiet ([9]) rilevanti għas-sewwieqa ta' vetturi tqal li jinsabu fir-regolament dwar il-ħinijiet tas-sewqan u l-perjodi ta' mistrieħ ([10]). Għalkemm hawnhekk sar xi progress bil-proposta attwali għal emenda għad-Direttiva, xorta jibqgħu disparitajiet bejn l-eżenzjonijiet stabbiliti fir-regoli msemmija hawn fuq. Jekk il-listi tal-eżenzjonijiet ma jiġux armonizzati bis-sħiħ, l-inkonsistenzi u l-kontradizzjonijiet bejn dawn ir-regoli li japplikaw għas-sewwieqa professjonali ma jiġux eliminati kompletament lanqas.

([7]) https://www.eucaris.net/kb/resper/
([8]) Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18).
([9]) Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).
([10]) Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006, l-Artikoli 3 u 13 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

4.3 Għalkemm l-objettiv ta' titjib fis-sikurezza fit-toroq huwa milqugħ ħafna, il-KESE għandu riżervi dwar ir-rekwiżit fil-proposta attwali għal Direttiva li tal-anqas suġġett wieħed relatat biss mas-sikurezza fit-toroq jiġi inkluż fit-taħriġ perjodiku (fil-prattika f'ġurnata waħda mill-ħamest ijiem ta' taħriġ perjodiku). Minflok, ir-rekwiżit jista' jitfassal, f'konformità mal-proposta fid-direttiva ([11]), u jikkumplimentaha wkoll billi jinkludi fit-taħriġ perjodiku tal-anqas ġurnata waħda ta' taħriġ "b'enfasi speċifika fuq is-sikurezza fit-toroq, is-saħħa u s-sikurezza fil-post tax-xogħol, u r-razzjonalizzazzjoni tal-konsum tal-fjuwil". Dan jiżgura li metodi ta' sewqan b'konsum aktar effiċjenti ta' fjuwil u antiċipatorji jiġu inklużi wkoll fi kwalunkwe programm ta' taħriġ għas-sewwieqa professjonali fl-UE. Dawn l-oqsma huma parti integrali mis-sikurezza fit-toroq.

4.4 F'bosta Stati Membri t-taħriġ fuq il-post tax-xogħol huwa parti essenzjali mit-taħriġ tal-kwalifika inizjali għas-sewwieqa. Matul it-taħriġ fuq il-post tax-xogħol is-sewwieq iwettaq dmirijiet prattiċi tat-trasport kummerċjali taħt gwida u superviżjoni. Din il-possibbiltà jenħtieġ li tinżamm sabiex tiżgura li s-sewwieqa diġà jsiru familjari max-xogħol matul it-taħriġ tagħhom u b'dan il-mod jiġi ggarantit li min jidħol ġdid fis-settur ikollu ħiliet professjonali. Il-KESE għalhekk jopponi bil-qawwa l-emenda li tinsab fil-proposta għal Direttiva li tipprevjeni lis-sewwieqa milli jinvolvu ruħhom fl-operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali matul it-taħriġ tal-kwalifika inizjali. Madankollu, nixtiequ nenfasizzaw li dan id-dritt li wieħed jieħu sehem f'operazzjonijiet tat-trasport kummerċjali għandu dejjem ikun inkorporat f'taħriġ (taħt superviżjoni), u bl-ebda mod m'għandu jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni jew dumping soċjali.

4.5 Il-KESE jilqa' l-għażla prevista fid-Direttiva emendata li jiġu approvati korsijiet ta' taħriġ obbligatorji bbażati fuq regoli oħra tal-UE (eż. taħriġ addizzjonali dwar is-sensibilizzazzjoni dwar id-diżabilità għall-ġarr ta' passiġġieri, taħriġ dwar l-ADR għas-sewqan ta' oġġetti perikolużi, u dwar it-trasport tal-annimali) li jdumu sa seba' sigħat, jew ġurnata, bħala parti mit-taħriġ perjodiku. Madankollu, huwa importanti li din l-għażla titwessa' biex tippermetti bosta ġranet ta' taħriġ sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tat-taħriġ u jitnaqqsu l-ispejjeż. Ħafna rekwiżiti ta' taħriġ mhumiex konsistenti mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar u eħfef, u ma jittrattawx bl-istess mod xufiera li jaħdmu f'setturi differenti tat-trasport, li wħud minnhom huma regolarment meħtieġa jlestu kemm taħriġ perjodiku skont id-Direttiva kif ukoll taħriġ statutorju ieħor rilevanti għad-doveri tagħhom.

4.6 Il-proposta li temenda d-Direttiva xorta tippermetti t-tagħlim elettroniku, bħala metodu li permezz tiegħu parti kemm mill-kwalifika inizjali kif ukoll mit-taħriġ perjodiku tkun tista' ssir b'mod indipendenti. Din il-bidla hija essenzjalment milqugħa ħafna, imma l-KESE jqis li l-ammont massimu ta' tagħlim elettroniku jenħtieġ li jiġi stipulat b'mod aktar preċiż, sabiex id-definizzjoni vaga ta' "parzjalment" fil-proposta ma twassalx għal interpretazzjonijiet u prattiki diverġenti ħafna fi Stati Membri differenti.

4.7 Fl-opinjoni tal-KESE jrid assolutament ikun possibbli li l-ġurnata waħda ta' taħriġ perjodiku tinqasam f'partijiet. Sfortunatament, il-proposta għal direttiva ma tipprevedix dan, u hemm riskju reali li se twassal għal kontradizzjonijiet. Billi parti mit-taħriġ jista' jingħata permezz tat-tagħlim elettroniku, jenħtieġ li jkun hemm soluzzjoni flessibbli pereżempju biex sessjoni waħda ta' taħriġ ta' seba' sigħat fuq l-istess suġġett tinqasam sabiex parti mit-taħriġ isir f'ġurnata f'sessjonijiet fil-klassi jew permezz ta' eżerċizzji prattiċi, u l-parti l-oħra titkompla f'ġurnata oħra permezz tat-tagħlim elettroniku. Dan huwa essenzjali anke għaliex il-faċilitajiet meħtieġa tal-istruzzjoni spiss ikunu jinsabu f'postijiet differenti.

Brussell, il-31 ta' Mejju 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

---

([11]) Id-Direttiva 2003/59/KE, l-Artikolu 7(1) (ĠU L 226, 10.9.2003. p. 4).

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Lejn Strateġija tal-UE dwar ir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali"**

*(JOIN(2016) 29 final)*

(2017/C 288/17)

Relatur: **Luca JAHIER**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 23.9.2016 |
| Bażi ġuridika | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni |
| Adottata fis-sezzjoni | 2.5.2017 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 31.5.2017 |
| Sessjoni tal-plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 165/0/0 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-kultura għandha rwol importanti x'taqdi fl-ambjent politiku globali attwali fejn ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, it-tolleranza, il-kooperazzjoni u s-solidarjetà reċiproka għal darb'oħra huma mhedda. B'hekk, il-KESE jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta, li turi fehim ċar tal-impatt tal-kultura, hija kompendju impressjonanti ta' programmi eżistenti fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali u tenfasizza oqsma potenzjali ta' azzjoni fil-qasam tal-iskambju kulturali internazzjonali.

1.2 Il-KESE issa jitlob għal pass 'il quddiem, minn test "*lejn* strateġija tal-UE" għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni sussegwenti ta' strateġija u pjan ta' azzjoni ċari. Il-pjan ta' azzjoni jenħtieġ li jindirizza erba' ħtiġijiet strutturali: jiċċara l-governanza fil-livell tal-UE; ifittex li jikkoordina u joffri appoġġ sussidjarju fil-livell tal-Istati Membri; jiċċara l-aspetti finanzjarji; u jippromovi netwerks ta' atturi kulturali interrelatati, li jirrappreżentaw soċjetà ċivili kulturali b'saħħitha.

1.3 Sabiex l-importanza tal-kultura għas-sostenibbiltà tiġi rikonoxxuta b'mod sħiħ, il-KESE jitlob li l-kultura tkun rikonoxxuta bħala r-raba' pilastru tal-iżvilupp sostenibbli, bl-istess mod tal-pilastru ekonomiku, dak soċjali u dak ambjentali.

1.4 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-kultura hija rikonoxxuta bħala pedament kruċjali għall-paċi u l-istabilità. Għaldaqstant il-kultura hija ta' importanza ewlenija biex jitkattar l-għan ewlieni tal-Unjoni Ewropea, li "tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benesseri tal-popli tagħha" (Artikolu 3 tat-TUE). Għaldaqstant il-KESE jistieden lill-UE, abbażi tal-esperjenza tal-Ewropa stess, biex tieħu postha bħala mexxejja globali fil-prattika, il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-paċi dinjija.

1.4.1 Din tista' pereżempju tkun promossa billi jiġou żviluppati inizjattivi sperimentali bħall-inizjattiva l-ġdida "White Dove", ibbażata fuq ir-rwol tal-UE fil-proċess ta' paċi fl-Irlanda ta' Fuq, li jżid fergħa kulturali u ta' bini tal-paċi tant meħtieġa fl-istrateġiji ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti.

1.4.2 Il-promozzjoni tal-kultura bħala pilastru għall-paċi u l-istabilità timxi id f'id mal-attenzjoni li għandha tingħata lil-libertà tal-espressjoni artistika bħala dritt tal-bniedem u l-appoġġ għal inizjattivi globali li jħarsu d-drittijiet tal-artisti, kif ukoll l-iżvilupp ulterjuri ta' inizjattivi bħal dawn fil-livell Ewropew.

1.4.3 Il-KESE huwa konxju tal-użu żbaljat possibbli u l-manipulazzjoni tal-kultura biex tiġi żviluppata aġenda awtoritarja, populista jew ta' tip politiku ieħor. L-iskambji tal-UE jippermettu li jitqiesu l-fehmiet ta' partijiet interessati multipli u approċċi pluralistiċi, mingħajr l-ebda element ta' kontroll tipiku ta' propoganda. Abbażi tar-rikkezza straordinarja tad-diversità, il-kultura bilfors ser tiġġieled kontra t-tendenzi populisti u l-propaganda kulturali mmexxija mill-istat, tibni pontijiet bejn il-popli u tiftaħ opportunitajiet għal kooperazzjoni aktar mill-qrib u għall-iskambji.

1.5 Il-KESE jenfasizza l-importanza tas-soċjetà ċivili bħala protagonisti fis-soċjetà sostenibbli u fl-iżvilupp tal-inizjattivi kollha fil-qasam tal-kultura. Għalhekk l-UE għandha tinvesti biex tappoġġa l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili strutturata fil-qasam tal-kultura.

1.5.1 Il-KESE jenfasizza l-interess ta' programmi li jesploraw ir-rabtiet tal-kultura ma' strateġiji ta' żvilupp ekonomiku, soċjali u politiku, li jressqu lill-kultura lejn iċ-ċentru tal-isfera politika.

1.5.2 Il-KESE iħeġġeġ l-iżvilupp ta' programmi ta' studju u skambju fil-qasam tal-kultura fis-sens usa', li jadattaw il-mudell tal-programm ta' suċċess ERASMUS+.

1.5.3 Il-KESE jsejjaħ it-talba sabiex jinħoloq forum tas-soċjetà ċivili kulturali, li tinkludi lill-partijiet ikkonċernati kollha rilevanti. Il-KESE ser jimpenja ruħu biex jappoġġja dawn il-konsultazzjonijiet u d-djalogi fis-snin li ġejjin.

1.6 Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza tal-kultura u tal-industriji kreattivi bħala fattur ewlieni fit-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp sostenibbli. Il-Komunikazzjoni tenfasizza għadd ta' aspetti u programmi, li l-KESE jappoġġja bis-sħiħ. Għaldaqstant il-Kumitat iħeġġeġ investiment adegwat f'dan il-qasam.

1.6.1 L-iżvilupp tal-ħiliet fil-kultura u l-industriji kreattivi jwittu t-triq sabiex jiġi żviluppat dan il-potenzjal.

1.6.2 Il-KESE jappoġġja l-iżvilupp ta' skema ta' "Kapitali tal-Kultura" fuq skala internazzjonali, f'kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa u mal-UNESCO, kif ukoll it-tisħiħ tan-networks tal-bliet eżistenti fl-iskambji ta' bejniethom dwar kwistjonijiet kulturali.

1.7 Il-Kumitat jenfasizza li perspettiva kulturali jenħtieġ li tkun integrata fil-qalba tal-ftehimiet internazzjonali futuri kollha, pereżempju s-sħubija l-ġdida mal-pajjiżi AKP wara l-2020.

1.8 Il-KESE jemmen li d-dinamika pożittiva tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018 li ġejja għandha tintuża biex titħeġġeġ l-adozzjoni u l-implimentazzjoni sussegwenti ta' pjan ta' azzjoni għall-kultura fir-relazzjonijiet internazzjonali.

## 2. Ħarsa ġenerali lejn il-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli

2.1 Il-Komunikazzjoni Konġunta tiddeskrivi approċċi lejn strateġija tal-UE għar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali fil-qafas tar-rwol tal-UE bħala attur globali.

2.2 Il-Komunikazzjoni tipproponi tliet pilastri għal din l-istrateġija: (1) prinċipji gwida għal azzjoni tal-UE, (2) tliet fergħat ewlenin għal azzjoni bħal din u (3) proposta għal approċċ strateġiku lejn id-diplomazija kulturali.

2.3 Il-prinċipji gwida proposti jenfasizzaw il-ħtieġa li titħeġġeġ id-diversità kulturali u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem bħala pedamenti essenzjali għad-demokrazija, l-istabilità u l-iżvilupp sostenibbli, inkluża l-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni artistika, u l-ħtieġa li mmorru lil hinn minn sempliċi projezzjoni tad-diversità tal-kulturi Ewropej, billi nenfasizzaw ir-reċiproċità, u b'hekk ir-rispett reċiproku u d-djalogu interkulturali. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tenfasizza l-ħtieġa għall-komplementarjetà u s-sussidjarjetà fir-rigward tal-isforzi eżistenti tal-Istati Membri. Hija tħeġġeġ approċċ trasversali, li jmur lil hinn mill-arti fis-sens strett tat-terminu u jinkludi politiki u attivitajiet fl-oqsma tad-djalogu interkulturali, tat-turiżmu, tal-edukazzjoni, tar-riċerka u tal-industrija kreattiva. Fl-aħħar nett, il-Komunikazzjoni tiċċara l-ħtieġa li tiġi evitata d-duplikazzjoni, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-oqfsa ta' kooperazzjoni eżistenti u l-istrumenti finanzjarji — jiġifieri programmi tematiċi speċifiċi u oqfsa ta' kooperazzjoni ġeografika diġà proposti mill-UE.

2.4 It-tliet flussi ta' ħidma proposti għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni kulturali ma' pajjiżi msieħba huma (a) l-appoġġ tal-kultura bħala magna għal tkabbir ekonomiku u soċjali sostenibbli, (b) il-promozzjoni tal-kultura u tad-djalogu interkulturali għal relazzjonijiet paċifiċi bejn il-komunitajiet u (c) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-wirt interkulturali.

2.5 Il-fluss li jappoġġja l-kultura bħala magna għal tkabbir ekonomiku u soċjali sostenibbli jissuġġerixxi li ngħinu lil pajjiżi oħrajn jiżviluppaw politiki kulturali, insaħħu l-industriji kulturali u kreattivi u nappoġġjaw ir-rwol tal-awtoritajiet lokali fil-pajjiżi msieħba.

2.6 L-iżvilupp tal-politiki kulturali jistgħu jiġu appoġġjati billi jissaħħu d-djalogi dwar il-politika kif ukoll is-sistemi ta' governanza, inkluż permezz ta' skambju mmirat ta' esperjenza.

2.7 Ir-rwol tal-industriji kulturali u kreattivi fil-promozzjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv huwa enfasizzat, u juri li l-kultura tikkontribwixxi 1,5–3,7 % tal-PDG f'pajjiżi bi dħul baxx u medju (l-Indikaturi tal-Kultura għall-Iżvilupp tal-UNESCO). Għaldaqstant, il-Komunikazzjoni tipproponi l-kondiviżjoni tal-esperjenzi biex dan is-settur ikompli jiżviluppa, jissaħħu l-hubs u r-raggruppamenti kreattivi u jiġu żviluppati l-ħiliet rilevanti, kif ukoll jinbena qafas regolatorju sod li jipprovdi appoġġ lill-SMEs u lill-kooperazzjoni territorjali.

2.8 L-importanza tal-appoġġ tal-kultura fl-iżvilupp urban hija enfasizzata, b'enfasi fuq l-impatt tagħha f'termini ta' tkabbir u koeżjoni soċjali; tissemma wkoll il-ħtieġa li jkun hemm spazju pubbliku disponibbli għal kulħadd, kif ukoll l-impatt ta' programmi awdjoviżivi u tal-arkitettura.

2.9 It-tieni fluss ta' ħidma propost fil-Komunikazzjoni — il-promozzjoni tal-kultura u d-djalogu interkulturali għal relazzjonijiet paċifiċi bejn il-komunitajiet — jissuġġerixxi appoġġ għall-kooperazzjoni, id-djalogu u l-mobilità fost l-operaturi kulturali u x-xogħlijiet artistiċi.

2.10 Tissemma l-kapaċità tad-djalogu interkulturali biex irawwem il-bini tal-paċi, bil-kultura bħala għodda kemm għall-prevenzjoni tal-kunflitti kif ukoll bħala rikonċiljazzjoni f'soċjetajiet li għaddew minn kunflitti u ġew elenkati diversi strumenti eżistenti.

2.11 It-tielet fergħa proposta fil-Komunikazzjoni hija t-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-wirt kulturali bħala wirja importanti tad-diversità kulturali u għodda għall-promozzjoni tat-turiżmu u tat-tkabbir ekonomiku. Għaldaqstant huwa ssuġġerit li tiġi appoġġjata r-riċerka dwar il-wirt kulturali, jiġi miġġieled it-traffikar u jsir kontribut għall-isforzi internazzjonali, immexxija mill-UNESCO, biex nipproteġu s-siti ta' wirt kulturali.

2.12 Fit-tielet pilastru, il-Komunikazzjoni tipproponi approċċ strateġiku tal-UE lejn id-diplomazija kulturali, billi tħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati kollha sabiex ikunu żgurati l-kumplimentarjetà u s-sinerġija: il-gvernijiet fil-livelli kollha, l-organizzazzjonijiet kulturali lokali u s-soċjetà ċivili, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tagħha, l-Istati Membri u l-istituti kulturali tagħhom. Huma ssuġġeriti formati diversi għal kooperazzjoni msaħħa.

2.13 Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tenfasizza l-importanza ta' skambji interkulturali bejn l-istudenti, ir-riċerkaturi u l-alunni permezz ta' skemi ta' skambju eżistenti u li għad iridu jiġu żviluppati.

## 3. **Kummenti ġenerali dwar il-Komunikazzjoni**

3.1 Il-KESE jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta proposta mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli. F'dan il-mument, meta l-frammentazzjoni soċjali u t-tendenzi populisti qegħdin jibdew jinħassu, il-kultura għandha rwol dejjem akbar x'taqdi biex jissaħħu r-rabtiet bejn is-soċjetà ċivili, jiġi promoss il-fehim reċiproku, jitheġġu d-diversità u l-iskambju u jiġu miġġielda l-fehmiet semplistiċi.

3.2 Il-Komunikazzjoni turi fehim ċar tal-impatt tal-kultura, tikkostitwixxi kompendju impressjonanti ta' miżuri eżistenti fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali u tenfasizza oqsma potenzjali differenti għal azzjoni fil-qasam tal-iskambju kulturali u d-diplomazija.

3.3 Madankollu, il-Kumitat issa qed jisħaq fuq il-ħtieġa li l-istrateġija titmexxa pass ieħor 'il quddiem. Pjan ta' Azzjoni jeħtieġ li jiddefinixxi l-punti fokali preċiżi u l-pajjiżi strateġikament rilevanti, li jippermetti approċċ immirat u evalwazzjoni konsistenti tal-ewwel fażi tal-istrateġija, b'kunsiderazzjoni tal-Istrument eżistenti tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI 2014-2020). Ir-rilevanza tal-istrateġija fid-dawl tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-viċinat tal-UE u tat-tkabbir jenħtieġ li tkun enfasizzata.

3.4 Il-kultura fir-relazzjonijiet esterni ma tistax titqies bħala newtrali u indipendenti mill-kuntest politiku tal-pajjiżi involuti. L-eżempji kemm storiċi kif ukoll dawk tal-lum juru l-użu żbaljat possibbli u l-manipulazzjoni tal-kultura biex tiġi żviluppata aġenda awtoritarja, populista jew ta' tip politiku ieħor. Għaldaqstant, għalkemm il-kultura fl-iskambji tal-UE ċertament isservi aġenda, huwa importanti li jiġi enfasizzat li, kuntrarju tal-propaganda, l-iskambji tal-UE jippermettu l-fehmiet ta' diversi partijiet ikkonċernati u approċċi pluralistiċi. Għaldaqstant l-UE tinjora l-element ta' kontroll tipiku tal-propaganda. F'dan is-sens, kultura bbażata fuq ir-rikkezza straordinarja tad-diversità bla dubju ser tiġġieled kontra t-tendenzi populisti u l-propaganda kulturali mmexxija mill-istat, tibni pontijiet bejn il-popli, twaqqa' l-ħitan li qegħdin jitilgħu, issewwi l-preġudizzju li qed jikber u tiftaħ opportunitajiet għal kooperazzjoni aktar mill-qrib u għall-iskambji.

3.5 L-edukazzjoni kulturali bbażata fuq il-proċessi kreattivi u l-valorizzazzjoni tad-diversità, inkluż l-iskambju interkulturali, jistgħu jiżviluppaw aktar l-għarfien u r-reżilstenza tan-nies dwar l-użu tal-kultura f'sens populist.

3.6 Il-Kumitat jenfasizza wkoll li fid-dawl tad-diversi direttorati u partijiet ikkonċernati involuti, trid tiġi stabbilita struttura ta' governanza ċara li tiggwida l-kooperazzjoni sabiex jinħolqu proposti u riżultati ċari. Madankollu din l-istruttura jenħtieġ li tkun flessibbli biex ma żżidx aktar piż amministrattiv. L-amministratur ewlieni tal-fondi disponibbli jenħtieġ li jkun definit.

3.7 Għalkemm il-kultura jenħtieġ li jkollha wkoll valur indipendenti, il-KESE jenfasizza wkoll il-ħtieġa li l-kultura tiġi integrata fl-oqsma relatati, li jippermetti li l-kultura tippromovi għanijiet u azzjonijiet li ġew maqbula u li tiġi rikonoxxuta l-importanza tagħha għall-proġett Ewropew. Madankollu, bħalissa, il-kultura tinsab nieqsa mill-pjani ta' azzjoni, inkluż il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2017. Il-kultura għandha tkun dejjem aktar preżenti fil-prijoritajiet u l-azzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea u l-ewwel azzjonijiet konkreti għandhom jiġu inklużi fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2018.

3.8 Il-kultura hija essenzjali għat-tisħiħ tar-rwol tal-UE bħala attur globali, inkluż fl-oqsma fokali msemmija direttament, b'mod partikolari l-Istrateġija tal-UE għas-Sirja, l-Istrateġija Globali tal-UE u s-Sħubija bejn l-UE u l-Afrika.

3.9 Fid-dawl tal-importanza tal-kultura u tal-industriji kreattivi, il-KESE jissuġġerixxi li jittieħdu dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-kwistjonijiet relatati mal-oqsma tal-kultura u tal-industriji kreattivi jitqiesu fin-negozjati kollha futuri fil-livell internazzjonali, billi nibdew mill-mandat ta' negozjar li jmiss għas-sħubija l-ġdida mal-pajjiżi AKP wara l-2020. Dan jinkludi negozjati kummerċjali, li fihom l-UE għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tapoġġja, tipproteġi u tippromovi l-attivitajiet kulturali Ewropej ([1]).

3.10 Il-KESE għandu jinkludi s-suġġett tal-kultura fil-korpi permanenti li jimmaniġġja, u fil-ħidma ordinarju tiegħu.

3.11 Il-KESE jilqa' r-rikonoxximent tal-importanza tal-kultura għall-iżvilupp tas-soċjetajiet tagħna u l-impatt tagħha fuq kwistjonijiet ta' politika ewlenin. Madankollu, il-KESE jenfasizza li l-arti u l-kultura m'għandhomx jiġu ridotti biss għall-valur strateġiku u materjali tagħhom, iżda għandhom ikunu rikonoxxuti wkoll għall-valur intrinsiku tagħhom ta' sinjali tal-umanità magħquda tagħna.

3.12 Id-"drittijiet kulturali" huma msemmija fil-qosor, iżda l-istrateġija għandha tirrifletti fuq dan il-prinċipju ta' valuri Ewropej bħala pedament ta' fehim, skambju u żvilupp kulturali. L-istrateġija tista' wkoll tieħu nota tal-ħidma importanti żviluppati mir-relatur speċjali fil-qasam tad-drittijiet kulturali (OHCHR) ([2]).

([1]) F'dan ir-rigward, il-KESE jtenni l-appoġġ tiegħu għall-eċċezzjoni kulturali kif enfasizzat fl-Opinjoni tal-KESE dwar "L-industriji kreattivi u kulturali – ass Ewropew fil-kompetizzjoni globali" (ĠU C 13, 15.1.2016, p. 83).

([2]) L-uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) jirrappreżenta l-impenn tad-dinja għall-ideali universali tad-dinjità tal-bniedem.

3.13 Għalkemm il-Komunikazzjoni tistqarr li n-nies spiss jikkomunikaw bejn il-fruntieri permezz ta' għodod diġitali, u li d-domanda għall-iskambju u għall-kooperazzjoni interkulturali żdiedet fir-ritmu tar-revoluzzjoni diġitali, ma tingħatax biżżejjed attenzjoni lill-implikazzjonijiet u l-potenzjal li għandha din il-bidla diġitali għar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali. Għaldaqstant huwa kruċjali li ssir riċerka u jiġi assorbit l-impatt tal-bidla diġitali, waqt li jiġi kkunsidrat, b'modpartikolari, l-impatt fuq l-iskambju interkulturali bejn in-nies, u jiġu eżaminati kemm il-potenzjal tagħha kif ukoll ir-riskju tagħha ta' preġudizzju u informazzjoni żbaljata. F'dan is-sens, l-iskambji kulturali jippermettu lin-nies jiżviluppaw interessi u jheġġu l-aċċess għall-informazzjoni u r-riżorsi disponibbli online.

3.14 Ir-referenza għall-għodod diġitali bħala xprunaturi għal dan l-iskambju li dejjem jikber hija dubjuża, peress li l-bidliet ekonomiċi u l-isfidi soċjali jistgħu jitqiesu bħala l-forza dominanti fl-avvanz ta' movimenti globali.

3.15 Fid-dawl tal-avvenimenti attwali, il-KESE jissuġġerixxi li jiġi inkluż id-djalogu interreliġjuż bħala element tad-djalogu interkulturali fil-Komunikazzjoni, inklużi l-organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali, skont il-preambolu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li tittieħed ispirazzjoni mill-"wirt kulturali, reliġjuż u umanista tal-Ewropa" u l-Artikolu 17 tat-TFUE. Dan jista' jkun promoss permezz ta' inizjattivi sperimentali, bħall-faċilitajiet għal studenti u studjużi ta' universitajiet reliġjużi u ta' skejjel reliġjużi ta' tagħlim fil-kuntest tal-programm Erasmus+.

3.16 Il-Komunikazzjoni ssemmi l-impatt tal-kultura għall-iżvilupp sostenibbli bħala subsezzjoni tat-tkabbir ekonomiku inklużiv u bilanċjat ([3]). Il-KESE jiddispjaċih li din il-kwistjoni mhix enfasizzata biżżejjed, waqt li jiġu kkunsidrati l-ideat biex il-kultura ssir pilastru indipendenti li jappoġġja s-sostenibbiltà. F'dawn l-aħħar snin għadd li qed jiżdied ta' organizzazzjonijiet ([4]) ħaddnu din il-fehma, li tenfasizza li l-kultura jeħtieġ li titqies daqstant importanti daqs dimensjonijiet oħrajn tal-iżvilupp: l-ekonomija, l-inklużjoni soċjali u l-ambjent. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ dan l-approċċ. Min-naħa tagħha din hija relatata mal-ikkunsidrar tal-kultura bħala komponent ewlieni tal-bini ta' komunità inklużiva.

3.17 Il-KESE jenfasizza ċ-ċentralità tal-proċessi ta' kokreazzjoni għall-iżvilupp u l-iskambju artistiċi, fattur li mhuwiex imsemmi fil-Komunikazzjoni. Il-kokreazzjoni mhux biss ittejjeb l-iskambju u t-tagħlim fil-livell tal-għajn, iżda tista' twassal ukoll għal xogħol innovattiv li jkattar kemm l-iżvilupp kif ukoll it-tkabbir artistiku, inkluż l-iżvilupp ekonomiku u dak soċjali.

3.18 Il-Kumitat jenfasizza li l-iskambju kulturali u d-djalogu jenħtieġ li jkunu bbażati fuq data oġġettiva, li tippermetti l-aqwa tqabbil ta' relazzjonijiet kulturali u artistiċi ma' pajjiż jew reġjun partikolari. Dan jitlob biex il-prattiki kulturali kif ukoll il-vantaġġi u l-isfidi jġu studjati, kemm fil-pajjiżi msieħba kif ukoll magħhom. Inizjattiva interessanti waħda hija l-Kompendju ta' Politiki u Tendenzi Kulturali fl-Ewropa tal-Kunsill tal-Ewropa.

3.19 Barra minn hekk, l-approċċi fit-tul li huma meħtieġa jirrikjedu monitoraġġ u reviżjoni kontinwi, biex jiżguraw impatt u benefiċċju reċiproku mill-iskambji kulturali u l-interazzjonijiet.

3.20 Il-finanzjament għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni tal-iskambji jenħtieġ li jiġi kkunsidrat fit-tfassil ta' programmi li jippromwovu l-iskambji kulturali.

3.21 Meta jitfasslu programmi ġodda, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li l-programm jiġi kkomunikat kemm fl-UE kif ukoll lill-pajjiżi msieħba u liċ-ċittadini tagħhom, ikun hemm spjegazzjoni tal-approċċ, promozzjoni tal-inizjattivi u l-għoti ta' informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament. Jistgħu jiġu żviluppati mezzi eżistenti differenti (Euronews, skemi ta' premijiet kulturali) bħala appoġġ għal dan l-isforz.

([3]) Ara r-Riżoluzzjoni 70/214 dwar "Il-kultura u l-iżvilupp sostenibbli", adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-22 ta' Diċembru 2015.

([4]) Ara l-ħidma mwettqa mill-Aġenda 21 għall-Kultura u Culture Action Europe fil-qafas tal-kampanja dwar "Il-Futur li Nixtieqfu Jinkludi l-Kultura" li tiffoka fuq ir-rwol tal-kultura fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

3.22 Barra minn hekk, il-Kumitat jenfasizza li għandu jitqies ir-rwol tal-istrutturi sottonazzjonali, tar-reġjuni u tal-bliet, kif enfasizzat fl-Opinjoni adottata mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni fis-7 u t-8 ta' Frar 2017.

3.23 Il-Kumitat jenfasizza li huwa ta' importanza kbira li jitħeġġeġ l-iskambju miftuħ u jissolva n-nuqqas ta' qbil bejn l-Istati Membri dwar il-pussess ta' artefatti li jagħmlu parti mill-wirt kulturali nazzjonali.

3.24 Waqt li l-KESE jilqa' din il-Komunikazzjoni u huwa ħerqan li jara li l-proposti jissarrfu f'azzjoni speċifika, huwa jixtieq ikompli jelabora dwar oqsma li mhumiex enfasizzati biżżejjed f'din il-proposta: (a) il-kultura bħala pilastru għall-paċi u l-istabilità, (b) il-kultura u s-soċjetà ċivili u (c) il-kultura u l-industriji kreattivi għat-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli.

3.25 Fid-dawl tal-importanza u l-viżibilità tas-Sena Ewropea għall-Wirt Kulturali li ġejja, il-KESE jissuġġerixxi li dan il-qafas u d-dinamika pożittiva jintużaw biex jiġi żviluppat u mniedi l-pjan ta' azzjoni għall-kultura fir-relazzjonijiet esterni fl-2018.

## 4. **Il-kultura bħala pilastru għall-paċi, l-istabilità u s-sigurtà**

4.1 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-kultura hija rikonoxxuta bħala pilastru kruċjali għall-paċi u l-istabilità. Għaldaqstant il-kultura hija ta' importanza ewlenija biex jitkattar l-għan ewlieni tal-Unjoni Ewropea, li "tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benesseri tal-popli tagħha" (Artikolu 3 TUE).

4.2 L-Unjoni Ewropea trid tieħu l-post li jistħoqqilha bħala mexxejja globali fil-prattika, il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-paċi fid-dinja kollha. Il-mudell rebbieħ tal-Premju Nobel, li wara l-gwerer dinjija ħoloq l-itwal perjodu ta' paċi u prosperità fl-Ewropa, huwa xhieda tal-kapaċità tagħha li tmexxi lid-dinja f'dan il-qasam. Ir-rekord tal-UE fid-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, tal-ugwaljanza, tat-tolleranza, tal-fehim u tar-rispett reċiproku huwa l-aħjar wieħed fl-arena internazzjonali. Il-motto tal-UE, "Maqgħuda fid-Diversità", għandu reżonanza akbar, fid-dawl tal-isfidi globali tad-dinja tal-lum, milli fi kwalunkwe żmien ieħor fl-istorja tagħha ta' sittin sena.

4.3 Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' skambju fil-qasam tal-prevenzjoni ta' konflitti, tar-riżoluzzjoni u tar-rikonċiljazzjoni ta' wara l-kunflitt. L-ispazju pprovdut permezz tal-kultura u l-arti jippermetti li jsiru skambji miftuħa u tiġi żviluppata fiduċja reċiproka. Għalkemm tissemma l-kultura f'sitwazzjonijiet qabel u wara l-kunflitti, dan l-aspett jeħtieġ li jkun elaborat b'mod partikolari peress li l-operaturi kulturali minn pajjiżi terzi wkoll għandhom rikkezza ta' għarfien espert f'dan ir-rigward, li jippermetti riflessjonijiet li huma ta' benefiċċju b'mod reċiproku. Ir-rispett għad-drittijiet kulturali tal-bniedem għandu jiġi inkorporat fil-ftehimiet ta' paċi, li jippermetti wkoll li jiġu rispettati l-minoritajiet kulturali f'żoni ta' wara l-konflitt ([5]).

4.4 Ir-rwol tal-UE fil-proċess ta' paċi fl-Irlanda ta' Fuq huwa interessanti bħala bażi possibbli għal strateġija ta' bini tal-paċi f'livell globali. Pereżempju, inizjattiva "White Dove" ġdida tista' tkun imnebbħa mir-rwol li għandha l-UE fil-proċess ta' paċi fl-Irlanda ta' Fuq permezz tal-programm uniku tagħha PEACE ([6]). Jekk din tilħaq lil kulħadd fuq bażi globali, tista' tkun totalment inklużiva, u tiżgura kontribut lokali mis-soċjetà ċivili u dik politika. Tista' tkun konnessa mal-Korp Ewropew il-ġdid ta' Solidarjetà tal-KE u timita l-mudell ta' ERASMUS+ iżda ma tkunx esklużiva għaż-żgħażagħ biss. Tista' tikkoopera mal-miżuri kollha tal-UE fil-qasam tad-difiża, tas-sigurtà u tad-diplomazija, u żżid fergħa kulturali u ta' bini tal-paċi ferm meħtieġa fl-istrateġiji ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti. B'hekk tippromovi d-djalogu transkulturali, ir-rispett reċiproku, it-tolleranza u l-fehim permezz tal-kultura, l-edukazzjoni u l-midja.

4.5 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għar-rwol tas-soċjetà ċivili organizzata, tal-fondazzjonijiet politiċi u tal-awtoritajiet lokali fil-bini tal-paċi u r-rikonċiljazzjoni. L-esperjenza tagħhom trid tkun sfruttata u l-perspettivi tagħhom għandhom jiġu integrati u mħeġġa.

4.6 Il-Kumitat jenfasizza li biex jiġu promossi l-paċi u l-istabilità, l-inizjattivi kulturali u l-iskambji jridu jkunu żviluppati f'kooperazzjoni mal-atturi lokali u għandu jkun hemm sforzi biex jintlaħqu ċ-ċittadini lokali, lil hinn miċ-ċirki normalment immirati mill-programmi kulturali u artistiċi.

---

([5]) Ara wkoll "Information presented by the Northern Ireland Human Rights Commission to the United Nations on The Derry/Londonderry Report on Upholding the Human Right to Culture in Post-Conflict Societies" (UNGA A/HRC/25/NI/5 tas-27 ta' Frar 2014).

([6]) Opinjoni tal-KESE dwar "Ir-rwol tal-Unjoni Ewropea fil-konsolidazzjoni tal-paċi fir-relazzjonijiet esterni: prattiki tajbin u perspettivi" (ĠU C 68, 6.3 2012, p. 21).

4.7 Fuq livell intergovernattiv, l-inizjattivi tal-Kunsill tal-Ewropa huma ta’ min ifaħħarhom. Il-kooperazzjoni mal-KtE tista’ tissaħħaħ biex jinsilet l-għarfien espert fir-rigward ta’ dawk il-pajjiżi fi ħdan l-organizzazzjoni tagħhom li huma ġirien tal-UE. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni, pereżempju, għall-Qafas ta’ Indikaturi dwar il-Kultura u d-Demokrazija, kif ukoll għall-inizjattiva Youth Peace Camp li tippermetti liż-żgħażagħ u lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ minn reġjuni milquta mill-kunflitti li jidħlu fi djalogu u f’attivitajiet ta’ trasformazzjoni tal-kunflitti li huma bbażati fuq l-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u t-tagħlim interkulturali. Dan il-programm jista’ jkun mudell għal djalogu kulturali bejn iż-żgħażagħ.

4.8 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni wkoll għall-impatt tal-kultura fuq il-kwistjonijiet ta’ sigurtà u sikurezza f’żoni urbani wkoll, kif żviluppat fl-istudju reċenti tiegħu dwar “Il-Kultura, il-Bliet u l-Identità fl-Ewropa” u jissuġġerixxi li għandhom jitħeġġu l-iskambji dwar l-esperjenzi pożittivi f’dan il-qasam ([7]).

4.9 Jenħtieġ li jiġi żviluppat il-fehim ulterjuri tal-impatt tal-kultura — u t-telf tagħha — fuq ir-radikalizzazzjoni taż-żgħażagħ. L-impatt ta’ attivitajiet kulturali u tal-wirt fuq l-istabilità u l-koeżjoni soċjali jrid ikun enfasizzat, u l-użu ħażin tal-kultura u tal-wirt bħala mezz għall-promozzjoni ta’ aġenda radikali jew nazzjonalista għandu jkun evitat.

4.10 Il-promozzjoni tal-kultura bħala pilastru għall-paċi u l-istabilità trid tmur id f’id mal-importanza tal-libertà tal-espressjoni artistika bħala dritt tal-bniedem. Inizjattivi globali li jappoġġjaw artisti ppersegwitati jeżistu fuq livell tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (eż. Freemuse, Observatoire de la Liberté de la Création Artistique). Għandu jiġi promoss l-iżvilupp tagħhom u n-networking tagħhom fil-panorama Ewropea tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

## 5. **Il-kultura u s-soċjetà ċivili**

5.1 Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għall-iżvilupp ta’ soċjetà ċivili attiva li tippromwovi t-tkabbir parteċipattiv u inklużiv u l-iżvilupp kulturali. L-attivitajiet tas-soċjetà ċivili jenħtieġ li jkunu msaħħa permezz ta’ djalogi u skambji kulturali u attivitajiet ta’ bini ta’ kapaċità ([8]). L-iżvilupp ta’ kapaċità amministrattiva fl-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huwa element ewlieni biex jiġu żgurati l-kreazzjoni konġunta u l-iskambju bejn l-iskambju ugwali.

5.2 B’hekk il-KESE jaqbel mal-għan li jissaħħaħ l-appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi fil-qasam kulturali f’pajjiżi msieħba. Il-ħtieġa li jiġu integrati operaturi kulturali hija ġustament enfasizzata, u l-KESE jixtieq jenfasizza l-importanza ta’ dan l-isforz mhux biss għad-djalogu interkulturali, iżda wkoll għad-diversità kulturali u d-drittijiet kulturali.

5.3 Il-KESE jixtieq jenfasizza l-ħtieġa li jiġu involuti organizzazzjonijiet u fondazzjonijiet mhux governattivi, kemm fl-Ewropa kif ukoll fil-pajjiżi ġirien, bħala atturi u riżorsi siewja għas-suċċess tal-iskambji u tad-djalogu. Bħala tali, il-programmi tal-operaturi nazzjonali għandhom jintużaw u għandhom jinġabru flimkien il-forzi u jittieħdu tagħlimiet minnhom, eż. l-attivitajiet tal-Fondazzjoni Robert Bosch fir-relazzjonijiet internazzjonali u l-proġetti ta’ Interarts, pereżempju l-proġett tagħhom iffinanzjat mill-UE “Komunitajiet ta’ prattika għall-valur pubbliku tal-kultura fin-Nofsinhar tal-Mediterran — SouthMed CV” (iffinanzjat mill-programm EUROMED tad-DĠ NEAR) li għandu l-għan li jġib il-kultura mill-marġnijiet lejn iċ-ċentru tal-isfera pubblika, billi jesplora r-rabtiet potenzjali tiegħu ma’ strateġiji ta’ żvilupp ekonomiku, soċjali u politiku.

5.4 Huwa jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-iskambji (inter)kulturali ma jridux ikunu limitati għall-artisti u l-partijiet ikkonċernati kulturali, iżda jenħtieġ li jinkludu dimensjoni qawwija ta’ ħidma ta’ kuntatt u parteċipazzjoni għaċ-ċittadini kollha. Minkejja l-isforzi biex jiġi solvut dan, l-iskambji kulturali u artistiċi għandhom it-tendenza li jindirizzaw numru ristrett ta’ persuni spiss bi sfond soċjali, kulturali u edukattiv simili. Għaldaqstant, l-inklużjoni espliċita ta’ skambju fuq inizjattivi kulturali parteċipattivi u l-iżvilupp tal-edukazzjoni tal-arti jenħtieġ li jkunu parti mill-programmi kulturali. B’hekk biss jista’ wieħed jisfrutta l-potenzjal tal-arti u tal-kultura għall-promozzjoni tal-istabilità, il-paċi u l-iżvilupp sostenibbli.

([7]) Studju kkommissjonat mill-KESE: *Il-Kultura, il-Bliet u l-Identità fl-Ewropa* http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.events-and-activities-europe-culture-cities-study
Konklużjonijiet tal-konferenza “A Hope for Europe: Culture, Cities and New Narratives” (Tama għall-Ewropa: Kultura, Bliet u Narrativi Ġodda) organizzata mill-Grupp ta’ Interessi Varji tal-KESE, Brussell l-20 u l-21 ta’ Ġunju 2016: http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.events-and-activities-europe-culture-cities-conclusions

([8]) Opinjoni tal-KESE dwar is-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali (ĠU C 185, 8.8.2006, p. 42).

5.5 Il-KESE għandu stima kbira lejn il-programm ERASMUS+ u l-importanza tiegħu għall-iskambju u l-fehim u t-tagħlim reċiproċi. Inizjattivi simili għall-operaturi kulturali u ċ-ċittadini attivi fil-kultura u l-arti ma jeżistux fil-livell tal-UE. Jista' jiġi kkunsidrat l-iżvilupp ta' programm speċifiku ta' skambju u mobilità għall-arti u l-kultura fid-definizzjoni usa' tagħhom.

5.6 Jeżistu bosta programmi ta' skambji u ta' żjarat ta' studju għall-artisti u għall-operaturi kulturali, iffinanzjati fuq bażi bilaterali permezz tal-istituti kulturali nazzjonali. Jeħtieġ li tiġi eżaminata aktar sinerġija bejn dawn il-programmi, inklużi l-inizjattivi mhux governattivi, eż. il-Fond Roberto Cimetta.

5.7 Il-kooperazzjoni u l-mobilità internazzjonali jeħtieġu li jkunu rikonoxxuti bħala assi għall-iżvilupp tal-identità kulturali fi żmien meta l-bidliet demografiċi, soċjali u ekonomiċi jindikaw ukoll tnaqqis tad-distanzi fil-pajjiżi u bejn il-pajjiżi. Dawn il-bidliet għandhom impatt fuq il-proċessi kulturali kif ukoll joħolqu aktar potenzjal għal netwerking kulturali transkonfinali. Jekk tkun appoġġjata kif xieraq, din il-mobilità, minbarra l-impatt pożittiv tagħha fuq l-iskambju ekonomiku, tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' identità kulturali, li min-naħa tagħha tippromwovi l-bini tal-paċi u tal-koeżjoni soċjali. Din il-mobbiltà għandha tkun ibbilanċjata b'kawtela mal-appoġġ sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp ta' strutturi solidi li jiżguraw ġejjieni għall-inizjattivi kulturali u kreattivi.

5.8 Il-KESE jenfasizza l-kapaċità tan-netwerks kulturali li jippromwovu l-iskambju bejn il-professjonisti tal-kultura, jistrutturaw il-pajsaġġ kulturali u jiżviluppaw soċjetà ċivili kulturali attiva. Huwa jissuġġerixxi għalhekk li jitħeġġeġ l-iskambju man-netwerks kulturali Ewropej, linja ta' finanzjament fil-programm Ewropa Kreattiva. Jistgħu jiġu promossi l-konnessjonijiet man-netwerks eżistenti f'livell internazzjonali u l-iżvilupp ta' netwerks f'reġjunijiet differenti.

5.9 B'mod simili, il-KESE jenfasizza l-benefiċċju ta' fergħat oħrajn tal-programm attwali Ewropa Kreattiva, u jħeġġeġ li l-opzjonijiet ta' finanzjament ikunu eżaminati fid-dawl tal-potenzjal tagħhom għal skambju kulturali fuq livell internazzjonali.

5.10 Il-KESE jilqa' t-talba sabiex tinħoloq pjattaforma tas-soċjetà ċivili, li tinkludi lill-partijiet ikkonċernati kollha u li jkollha rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-pjan ta' azzjoni msemmi hawn fuq għar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali. Din tista' tieħu l-forma ta' forum annwali bbażat fuq l-iskambji u d-dibattiti orizzontali, b'laqgħat satelliti f'reġjuni ġeografiċi differenti, fl-UE u barra minnha.

5.11 Il-KESE ser jimpenja ruħu biex jappoġġja dawn il-konsultazzjonijiet u d-djalogi strutturati mal-partijiet interessati rilevanti fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni fis-snin li ġejjin. Il-KESE ser ikompli jirrifletti dwar kif ir-rwol u l-metodi ta' ħidma tiegħu jistgħu jikkontribwixxu b'mod speċifiku u strutturat biex jitjieb l-iżvilupp tal-pjan ta' azzjoni msemmi hawn fuq.

## 6. **Il-kultura u l-industriji kreattivi għat-tkabbir u għall-iżvilupp sostenibbli**

6.1 Il-kultura jenħtieġ li tkun rikonoxxuta b'mod sħiħ bħala r-raba' pilastru tal-iżvilupp sostenibbli. Dan jippermetti r-rikonċiljazzjoni ta' viżjonijiet kunfliġġenti tal-kultura jew bħala għodda għat-tkabbir ekonomiku jew tal-kultura li għandha valur intrinsiku li jenħtieġ li ma jkunx sottomess għal prijoritajiet ekonomiċi.

6.2 Il-KESE tenfasizza l-importanza tas-sostenibbiltà u ta' miżuri alternattivi ta' tkabbir, bħal benesseri akbar fis-soċjetajiet.

6.3 Il-Komunikazzjoni tenfasizza għadd ta' punti importanti rigward il-kontribut tal-kultura u tal-industriji kreattivi, li huma prinċipalment SMEs ([9]), għall-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta-impjiegi, li l-KESE jappoġġja b'mod ċar. Kif tenfasizza l-Komunikazzjoni, il-kummerċ globali fil-prodotti kreattivi aktar milli rdoppja bejn l-2004 u l-2013 ([10]), filwaqt li l-industriji kulturali u kreattivi jammontaw għal madwar 3 % tal-PGD dinji u għal aktar minn 30 miljun impjieg ([11]).

6.4 Għandha tiġi enfasizzata l-ħtieġa ta' investiment fl-iżvilupp ta' ħiliet rilevanti biex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' tkabbir fis-settur kreattiv. Is-swieq lokali għandhom jiġu appoġġati. L-iskemi ta' mobbiltà għat-tisħiħ tal-iżvilupp tal-ħiliet m'għandhomx jirrinforzaw l-effett tal-eżodu ta' mħuħ li jkun ta' detriment għall-pajjiżi msieħba.

([9]) Eurostat 2013: Indikaturi prinċipali skont id-daqs għall-intrapriżi f'setturi kulturali magħżula, EU-28.
([10]) "The Globalisation of Cultural Trade: A Shift in Cultural Consumption — International flows of cultural goods and services 2004-2013", l-Istitut tal-Istatistika tal-UNESCO (UIS), 2016.
([11]) "Cultural Times", rapport mis-CISAC u l-UNESCO, 2015.

6.5 L-esperjenza tal-Kapitali Kulturali Ewropej uriet l-impatt tal-iżvilupp kulturali fuq l-iżvilupp ekonomiku u soċjali f'żoni urbani. Jistgħu jkunu żviluppati azzjonijiet ta' skambju u bini tal-kapaċità ma' pajjiżi oħrajn dwar l-isfidi u l-istrateġiji, li wasslu għal dan it-tkabbir.

6.6 Bħala mudell tal-aħjar prattika, organizzazzjonijiet u reġjuni transnazzjonali oħra adottaw il-kunċett ta' bliet kapitali kulturali (eż. in-nomina tal-bliet kapitali kulturali Iżlamiċi minn ISESCO, l-organizzazzjoni edukattiva, xjentifika u kulturali Iżlamika). Il-kooperazzjoni u s-sinerġija possibbli jenħtieġ li jkunu esplorati biex jiġu massimizzati l-benefiċċju u t-tagħlim reċiproċi. Skema ta' Kapitali Kulturali internazzjonali jew il-ġemellaġġ tal-bliet fil-qafas ta' dan il-programm jistgħu jiġu kkunsidrati.

6.7 Eżempju ieħor ta' rabtiet bejn postijiet u bliet huwa l-Kunsill tar-Rotot Kulturali tal-Ewropa. Dan il-programm jista' jiġi esplorat u żviluppat fuq livell internazzjonali, bl-iżvilupp tal-potenzjal tiegħu biex jiżdied it-turiżmu kulturali u l-fehim ta' għeruq kulturali internazzjonali konġunti.

6.8 Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jitheġġu u jiġu ffaċilitati l-kollaborazzjoni u n-netwerking fost il-bliet fl-Ewropa u barra l-Ewropa. Bosta bliet Ewropej għandhom esperjenza fit-tfassil ta' politika kulturali u fir-relazzjoni tagħha ma' oqsma oħrajn ta' żvilupp sostenibbli (eż. it-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi, l-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni kreattiva, it-turiżmu kulturali, eċċ.). Dan huwa assi għall-kollaborazzjoni fit-tul bejn l-Ewropa u l-Global South u l-UE tista' twettaq rwol fl-iffaċilitar tal-kollaborazzjoni u tan-netwerking fost l-ibliet fl-Ewropa u barra minnha. F'dan ir-rigward, l-inizjattivi rilevanti diġà huma stabbiliti u jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet adattati għall-kollaborazzjoni fit-tul, fosthom il-programmi "Bliet Pilota" u "Bliet Ewlenin".

6.9 L-eżistenza ta' netwerks ta' bliet li jiżviluppaw miżuri relatati mal-kultura, bħal Eurocities, Mercociudades, Africities, in-netwerk Bliet Kreattivi tal-UNESCO, les Arts et la Ville, in-Netwerk Awstraljan tal-Iżvilupp Kulturali jew in-Netwerk Creative City tal-Kanada jenħtieġ ukoll tkun ikkunsidrata bħala assi siewi f'dan ir-rigward.

6.10 Il-KESE jesprimi dispjaċir dwar in-nuqqas ta' attenzjoni għall-ġeneru fil-passi proposti lejn strateġija konġunta. Għalkemm l-ugwaljanza bejn is-sessi hija s-sinsla tal-valuri Ewropej tagħna, l-istudji juru żbilanċi bejn is-sessi fl-artisti li jingħataw viżibilità u pożizzjonijiet ewlenin. B'mod simili, l-UNESCO iddeskriviet preġudizzji fil-benefiċċji miksuba mit-turiżmu kulturali u mill-miżuri ta' żvilupp kulturali. Għaldaqstant il-KESE jinsisti li din id-dimensjoni għandha tiġi kkunsidrata.

Brussell, il-31 ta' Mejju 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO)"**

*(COM(2017) 128 final — 2017/0056 COD)*

(2017/C 288/18)

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Il-Parlament Ewropew, 3.4.2017 |
| | Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 10.4.2017 |
| Bażi legali | L-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni responsabbli | L-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 31.5.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 181/0/1 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

Billi l-Kumitat japprova l-kontenut tal-proposta u jħoss li m'hemm bżonn tal-ebda kumment min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul il-526 sessjoni plenarja tiegħu tal-31 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 2017 (seduta tal-31 ta' Mejju 2017), b'181 vot favur, ebda vot kontra u astensjoni waħda, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, il-31 ta' Mejju 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiffissa r-rata ta' aġġustament prevista fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1306/2013 għall-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2017"**

*(COM(2017) 150 final — 2017/0068 COD)*

(2017/C 288/19)

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Parlament Ewropew, 6.4.2017 |
| Bażi legali | L-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni Speċjalizzata responsabbli | Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 31.5.2017 |
| Sessjoni plenarja Nru | 526 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 177/0/0 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

Billi diġà ta fehmtu dwar il-kontenut ta' din il-proposta fl-opinjoni tiegħu CES2942/2013, adottata nhar il-25 ta' Mejju 2013 (*), il-Kumitat iddeċieda, matul il-526 sessjoni plenarja tiegħu tal-31 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 2017 (seduta tal-31 ta' Mejju 2017), b'177 vot favur, l-ebda vot kontra u l-ebda astensjoni, li ma jfassalx opinjoni ġdida dwar il-kwistjoni, iżda li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument imsemmi.

Brussell, il-31 ta' Mejju 2017.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

(*) Opinjoni tal-KESE dwar *Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iffissar ta' rata ta' aġġustament għal pagamenti diretti stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tas-sena kalendarja 2013* COM(2013) 159 final — 2013/0087 (COD) (ĠU C 271, 19.9.2013, p. 143).

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT